12. Jemmen li d-djalogu soċjali kien mezz effettiv biex jippromwovi inizjattivi tas-CSR u li l-kunsilli tax-xogħol Ewropej kellhom ukoll irwol kostruttiv fl-iżvilupp ta' l-aħjar prattika fil-konfront tas-CSR;

13. Jissuġġerixxi li żieda sostanzjali fl-adozzjoni tal-prattiki tas-CSR fost il-kumpaniji ta' l-UE, l-iżvilupp ta' mudelli ġodda ta' l-aħjar prattika minn mexxejja ġenwini fost il-kumpaniji u entitatjiet ta' *trade unions* fir-rigward t'aspetti differenti tas-CSR, l-identifikazzjoni u l-promozzjoni ta' l-azzjoni speċifika ta' l-UE sabiex tappoġġja lis-CSR, u l-evalwazzjoni ta' l-impatt ta' tali inizjattivi fuq l-ambjent u fuq id-drittijiet umani u soċjali jistgħu jikkostitwixxu l-'benchmarks' ewlenin tas-suċċess ta' l-Alleanza; jissuġġerixxi ukoll li tiġi stabbilita skadenza ta' sentejn għat-tlestija tax-xogħol tal-'laboratorji' mwaqqfa taħt il-ħarsien tagħha kif issuġġerit mis-CSR Ewropa;

14. Jinnota li t-tlaqqigħ mill-ġdid tal-MSF kien żieda tardiva mal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni, u li hemm bżonn li jittieħdu l-miżuri sabiex tinħoloq l-kunfidenza f' partijiet interessati differenti li għandu jseħħ djalogu ġenwin li jwassal għal impatt reali tal-politiki u tal-programmi ta' l-UE li jippromwovu l-adozzjoni u l-applikazzjoni tas-CSR mill-intrapriżi fl-UE; jemmen li għandhom jittieħdu lezzjonijiet fir-rigward tas-sentejn li l-MSF operat qabel, li kienu pożittivi fir-rigward tar-regola "fama xejn, mistħija xejn" u b'mod partikolari bl-użu tar-rapporteurs indipendenti; jirrimarka, pero', li jeħtieġ ikun hemm titjib fir-rigward ta' bini ta' kunsens; iħeġġeġ ukoll biex ir-rappreżentanti tal-Kummissjoni jipparteċipaw b'mod aktar attiv fid-dibattitu;

15. Jitlob lill-Kummissjoni biex tistieden rappreżentanti min-numru ta' gvernijiet nazzjonali, reġjonali u lokali li huma impenjati li jużaw l-akkwist pubbliku u għodda oħra ta' politika pubblika biex javvanzaw is-CSR biex jifformaw il-laboratorju tagħhom fil-qafas ta' l-Alleanza u biex jintegraw ir-riżultati tiegħu fix-xogħol futur ta'l-Alleanza;

16. Jappoġġja sforzi mill-Kummissjoni biex testendi s-sħubija fl-MSF biex tinkludi investituri, is-settur edukattiv u l-awtoritajiet pubbliċi, filwaqt li jinsisti li għandha tibqa' l-opportunità għal djalogu sostnut biex jintlaħqu l-objettivi miftiehma;

17. Jistieden lill-Kummissjoni biex tħeġġeġ, fil-monitoraġġ tal-progress tas-CSR, parteċipazzjoni akbar min-nisa fl-MSF u skambju ta' informazzjoni u ta' prattiki tajbin fil-qasam ta' l-ugwaljanza bejn is-sessi;

18. Jagħti appoġġ għal kxif mandatorju għall-intrapriżi u 'lobbyists' oħra u għall-aċċess bilanċjat bejn gruppi ta' negozju u partijiet interessati oħra lejn it-tfassil tal-politika nnifisha ta' l-UE;

Ir-rabta bejn is-CSR u l-kompetittività

19. Jilqa' l-għan tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni li torbot is-CSR ma' l-objettivi ekonomiċi, soċjali u ambjentali ta' l-Istrategija ta' Liżbona, preċiżament għaliex jikkonsidra li approċċ serju lejn is-CSR mill-kumpaniji jista' jikkontribwixxi kemm għal żieda fin-numru ta' l-impjiegi kif ukoll għat-titjib fil-kundizzjonijiet tax-xogħol u għall-assigurazzjoni tar-rispett lejn id-drittijiet tal-ħaddiema u l-promozzjoni tar-riċerka u l-iżvilupp fir-rigward ta' innovazzjonijiet tekniċi; jappoġġja l-prinċipju ta' "kompettittività responsabbli" bħala parti integrali tal-Programm tal-Kummissjoni għall-Innovazzjoni u l-Kompettittività (CIP); jisfida lill-kumpaniji Ewropej biex jinkludu fir-rappurtaġġ tagħhom kif qed jikkontribwixxu għall-objettivi ta' Liżbona;

20. Jirrikonoxxi li regoli ta' kompetizzjoni effettivi, ġewwa u barra l-Ewropa, huma element essenzjali biex wieħed jassigura prattika ta' negozju responsabbli, b'mod partikolari billi jiġi salvagwardjat trattament ġust u aċċess għall-intrapriżi ta' daqs żgħir u medju (SMEs) li huma bbażati lokalment;

21. Jerġa' jtenni illi l-implimentazzjoni, fi ħdan is-CSR, ta' prattiki responsabbli u mhux diskriminatorji li jippromwovu l-impjegar tan-nisa u persuni żvantaġġjati tikkontribwixxi sabiex jintlaħqu l-objettivi ta' Liżbona;

22. Jinnota inkonsistenza bejn l-għażliet ta' strateġiji kompetittivi minn kumpaniji li jfittxu titjib kontinwu fil-flessibilità u l-ispejjeż min-naħa, u impenji volontarji tas-CSR li jfittxu li jevitaw prattiki ta' sfruttar ta' impjieg u jippromwovu relazzjonijiet għal żmien twil mal-fornituri min-naħa l-oħra; jilqa' iktar djalogu dwar dan il-punt;

23. Jissuġġerixxi, f'dan ir-rigward, illi l-evalwazzjonijiet u l-monitoraġġ ta' kumpaniji Ewropej li huma meqjusa bħala responsabbli jiġu estiżi biex ikopru l-attivitajiet tagħhom u ta' dawk li huma subkuntratturi tagħhom barra l-Unjoni Ewropea, sabiex jiġi assigurat li s-CSR tagħti benefiċċji wkoll lil pajjiżi terzi u speċjalment pajjiżi li għadhom jiżviluppaw, skond il-konvenzjonijiet ta' l-ILO, b'mod partikolari fir-rigward ta' l-abolizzjoni ta' xogħol infurzat, il-liberta' t' assoċjazzjoni u ta' negozjar kollettiv, l-abolizzjoni tax-xogħol tal-tfal u tax-xogħol infurzat, u n-non diskriminazzjoni fl-impjiegi;

24. Jirrikonoxxi lis-CSR bħala rota motriċi importanti tan-negozju u jitlob l-integrazzjoni tal-politiki soċjali, bħar-rispett għad-drittijiet tal-ħaddiema, il-politika ta' pagi ġusti, in-nondiskriminazzjoni, it-tagħlim matul il-ħajja, u kwistjonijiet ambjentali iffukati b'mod partikolari fuq il-promozzjoni dinamika ta' l-iżvilupp sostenibbli, kemm bħala appoġġ għal prodotti ġodda u proċessi permezz ta' innovazzjoni ta' l-UE u politiki tan-negozju, kif ukoll għat-tfassil ta' strateġiji settorali, sub-reġjonali u urbani ta'kompettività;

25. Jenfasizza li l-intrapriżi li juru responsabilità soċjali jikkontribbwixxu b'mod importanti biex jirrimedjaw in-nuqqas ta' ugwaljanzi fis-suq tax-xogħol li jaffettwaw, b'mod partikulari, lin-nisa u lill-persuni żvantaġġjati, inklużi l-persuni b'diżabilità, fis-suq tax-xogħol, mhux l-inqas fir-rigward ta' l-aċċess għall-impjiegi, tal-benefiċċji soċjali, tat-taħriġ, ta' l-iżvilupp fil-karriera u ta' politika dwar salarji ġusti; jenfasizza li l-intrapriżi għandhom iwettqu l-politika ta' reklutaġġ tagħhom skond id-Direttiva tal-Kunsill 76/207/KEE tad-9 ta' Frar 1976 dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju tat-trattament ugwali għall-irġiel u n-nisa fir-rigward ta' l-aċċess għall-impjiegi, għat-taħriġ vokazzjonali u għall-promozzjoni, u l-kundizzjonijiet tax-xogħol [1];

L-Istrumenti tas-CSR

26. Jilqa' t-tendenza li kumpaniji akbar jippubblikaw rapporti volontarji soċjali u ambjentali fis-snin reċenti; jinnota li n-numru ta' rapporti bħal dawn żdied mill-1993 iżda issa sar kemmxejn statitku u li huma biss minoranza tar-rapporti li jużaw standards u prinċipji internazzjonalment aċċettati, ikopru l-katina kollha tal-provvista tal-kumpanija jew jinvolvu monitoraġġ u verifiki indipendenti;

27. Ifakkar lill-Kummissjoni fl-istedina tal-Parlament biex tressaq proposta biex temenda ir-Raba' Direttiva tal-Kunsill 78/660/KEE tal-25 ta' Lulju 1978 ibbażata fuq l-Artikolu 54(3)(g) tat-Trattat dwar il-kontijiet annwali ta' ċerti tipi ta' kumpaniji (ir-Raba' Direttiva dwar il-Liġi tal-Kumpaniji) [2] sabiex ir-rappurtaġġ soċjali u ambjentali jiġi inkluż biswit ir-rekwiżiti tar-rappurtaġġ finanzjarju; jikkunsidra importanti li titqajjem kuxjenza dwar id-dispożizzjonijiet tar-rappurtaġġ soċjali u ambjentali fi ħdan ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2001/453/KE dwar il-Kxif Ambjentali, id-Direttiva 2003/51/KE dwar l-Immodernizzar tal-Kontijiet, u d-Direttiva 2003/71/KE [3] dwar il-Prospetti, jappoġġja t-traspożizzjoni effettiva tagħhom fi ħdan l-Istati Membri, u jitlob li jsiru studji dwar l-implimentazzjoni effettiva sabiex tiġi żviluppata tali kuxjenza;

28. Jagħraf il-limitazzjonijiet preżenti ta' 'l-industrija' tas-CSR fir-rigward ta' kejl ta' imġieba korporattiva, verifiki soċjali u ċertifikazzjoni, b'mod partikolari fir-rigward ta' l-ispiża, komparabilità u indipendenza, u jemmen li ser ikun meħtieġ li jiġi żviluppat qafas professjonali inkluż kwalifiki speċifiċi f'dan il-qasam;

29. Jirrakkomanda li l-Kummissjoni testendi r-responsabilità tad-diretturi tal-kumpaniji b'iktar minn 1000 impjegat biex tinkludi l-obbligu tad-diretturi nfushom li jimminimizzaw kwalunkwe impatt ta' ħsara soċjali u ambjentali ta' l-attivitajiet tal-kumpaniji;

30. Jerġa' jtenni l-appoġġ tiegħu għall-Iskema ta' l-EU tal-Ekoġestjoni u tal-Verifika, b'mod partikolari r-rekwiżit tagħha għal verifiki esterni u l-obbligazzjoni fuq l-Istat Membru biex jippromwovi l-iskema, u jemmen li hemm skop għall-iżvilupp ta' skemi simili li jikkonċernaw il-protezzjoni tad-drittijiet tax-xogħol, soċjali u umani;

31. Jappoġġja l-Kodiċi ta' Prattika Tajba ta' l-Alleanza ta'l-Akkreditazzjoni Internazzjonali Soċjali u Ambjentali u ta' Ttikkettar, bħala eżempju ewlieni għall-promozzjoni ta' kolloborazzjoni bejn inizjattivi ta' ttikkettar eżistenti, bi preferenza għall-ħolqien ta' tikketti soċjali ġodda f'livell nazzjonali jew Ewropew;

(1) ĠU L 39, 14.2.1976, p. 40. Direttiva kif emendata bid-Direttiva 2002/73/KE (ĠU L 269, 5.10.2002, p. 15.).
(2) ĠU L 222, 14.8.1978, p. 11. Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 2006/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 224, 16.8.2006, p. 1).
(3) ĠU L 345, 31.12.2003, p. 64.

It-Tlieta, 13 ta' Marzu 2007

32. Jistieden lill-Kummissjoni biex timplimenta mekkaniżmu li permezz tiegħu vittmi, inklużi ċittadini minn pajjiżi terzi, jista' jkollhom rimedji kontra kumpaniji Ewropej fil-qrati nazzjonali ta' l-Istati Membri;

33. Jinnota li l-kwistjoni ta' l-Investiment Responsabbli Soċjali ma'ġietx msemmija fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-CSR, jappoġġja parteċipazzjoni sħiħa mill-investituri bħala l-partijiet interessati fid-dibattitu fuq is-CSR fil-livell ta' l-UE li inkluż fil-qafas ta'l-MSF; jappoġġja t-talbiet ta' l-industrija għat-trasparenza aktar milli għall-preskrizzjoni permezz ta' l-introduzzjoni ta' "dikjarazzjoni ta' prinċipji ta' investiment" fl-UE kollha għal fondi ta' investiment;

34. Jinnota li l-konsumaturi jilgħabu parti importanti fil-ħolqien ta' inċentivi għal produzzjoni responsabbli u prattiki ta' negozju responsabbli; jemmen, pero', li s-sitwazzjoni fil-preżent hija impenetrabbli għall-konsumaturi minħabba in-numru li jikkonfondi ta' istandards differenti rigward il-prodott nazzjonal u l-iskemi ta' ttikkettar tal-prodotti, li kollha qed jgħinu biex idgħajfu t-tikkettar tal-prodott soċjali eżistenti; jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li, fl-istess ħin, spejjeż konsiderevoli qed jintefqu mill-kumpaniji meta jibdlu bejn ħafna rekwiżiti u standards nazzjonali differenti; jinnota wkoll li huwa għoli li jitwaqqfu mekkaniżmi ta' monitoraġġ biex jissorveljaw it-tikkettar tal-prodott soċjali, b'mod partikolari għall-pajjiżi ż-żgħar;

35. Jappoġġja l-isforzi ta' l-Eurostat biex jiżviluppa indikaturi għal kejl tat-twettiq tas-CSR fil-kuntest ta' l-Istrateġija ta' Żvilupp Sostenibbli ta' l-UE kif ukoll l-intenzjoni tal-Kummissjoni biex tiżviluppa indikaturi ġodda biex tkejjel l-għarfien u l-konsum ta' prodotti ta' l-EU eko-ttikkettati u s-sehem tal-produzzjoni mill-intrapriżi reġistrati ma' l-EMAS;

36. Ifakkar fil-kunsiderazzjoni mogħtija qabel lill-ħatra ta' Ombudsman ta' l-UE dwar is-CSR biex imexxi inkjesti indipendenti dwar kwistjonijiet relatati mas-CSR fuq talba tal-kumpaniji jew kwalunkwe grupp interessat; jistieden iktar riflessjoni dwar dan u proposti simili għall-futur;

Regolamentazzjoni Aħjar u s-CSR

37. Jemmen li politiki tas-CSR jistgħu jitjiebu b'għarfien akbar u b'implimentazzjoni ta' strumenti legali eżistenti; jistieden lill-Kummissjoni sabiex torganizza u tippromwovi kampanji ta' tagħrif u tissorvelja l-implimentazzjoni ta' l-applikazzjoni tar-responsabilità diretta barranija skond il-Konvenzjoni ta' Brussell, u fuq l-applikazzjoni tad-Direttivi 84/450/KEE ([1]) fuq reklamar qarrieqi u 2005/29/KE fuq prattiki kummerċjali inġusti fin-negozju għall-aderenza mill-kumpaniji għall-kodiċi ta' mġieba volontarja tas-CSR;

38. Jerġa' jtenni l-ħtieġa li tintuża lingwa sempliċi, faċilment miftehma sabiex tinkoraġixxi lill-kumpaniji jippromwovu s-CSR;

39. Jerġa' jiddikjara li għandhom isiru sforzi kbar mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri ta' l-UE f'livell nazzjonali, reġjonali u lokali sabiex jiġu użati l-opportunitajiet ipprovduti mir-reviżjoni tad-Direttivi ta' Sejħat għall-Offerti Pubbliċi fl-2004 sabiex is-CSR tiġi appoġġjata billi jiġu promossi kriterji soċjali u ambjentali bejn fornituri potenzjali, filwaqt li tiġi rikonoxxuta l-ħtieġa li jiġu evitati piżijiet amministrattivi addizzjonali fuq intrapriżi żgħar li jistgħu jiskorraġuhom milli jitfgħu l-offerta u billi jiġu applikati klawsoli soċjali u ambjentali ll-kuntratti tagħhom, sabiex fejn huwa neċessarju jiskwalifikaw kumpaniji inklużi f'każijiet ta' korruzzjoni; jitlob lill-Kummissjoni, il-Bank Ewropew ta' Investiment u l-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp sabiex japplikaw kriterji stretti soċjali u ambjentali għal kull għotja u self allokat lill-kumpaniji fis-settur privat, sostnuti minn mekkaniżmi ċari ta' lmenti billi jibnu fuq l-eżempju li jgħaqqad l-akkwist pubbliku u l-konformita' ta' Olanda ma' Konvenzjonijiet Ewlenin ta' l-ILO u Linji ta' Gwida ta' l-OECD għall-Intrapriżi Multinazzjonali fl-Olanda, u mal-konformita ta' diversi provinċji Taljani ma' l-istandard SA8000 CSR; ifakkar li l-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi biex jassiguraw li kwalunkwe garanziji fuq kreditu għall-esportazzjoni jkunu konformi ma' l-ogħla kriterji soċjali u ambjentali u m'għandhomx jintużaw għal proġetti li jmorru kontra objettivi politiċi miftehma ta' l-UE dwar, per eżempju, l-enerġija u l-armamenti;

Il-proċess ta' integrazzjoni tas-CSR fil-politiki u l-programmi ta' l-UE

40. Jilqa' l-impenji tal-Kummissjoni ripetuti fil-Komunikazzjoni tagħha dwar s-CSR li tappoġġja u tippromwovi s-CSR fl-oqsma kollha ta' l-attività tagħha u jitlob għal sforz kbir biex dawn l-impenji jissarrfu f'azzjonijiet konkreti fil-kategoriji kollha;

([1]) ĠU L 250, 19.9.1984, p. 17.

41. Jemmen li d-dibattitu dwar s-CSR m'għandux jiġi separat mill-mistoqsijiet ta'l-obbligu ta' impriżi li jagħtu kont, u li kwistjonijiet ta' l-impatt soċjali u ambjentali tan-negozju, ir-relazzjonijiet mal-partijiet interessati, il-protezzjoni tad-drittijiet tal-minorità ta'l-azzjonisti u d-dmirijiet tad-diretturi tal-kumpaniji f'dan ir-rigward għandhom jiġu integrati b'mod sħiħ fil-Pjan ta' Azzjoni tal-Governanza ta' l-Impriżi tal-Kummissjoni; jirrimarka li dawn il-kwistjonijiet għandhom jiffurmaw parti mid-dibattitu dwar is-CSR; jitlob il-Kummissjoni biex tikkunsidra dawn il-punti partikolari u biex tressaq proposti konkreti biex tindirizzahom;

42. Jilqa' l-appoġġ finanzjarju dirett għall-inizjattivi tas-CSR mill-Kummissjoni, b'mod partikulari sabiex tiġi inkuraġġita l-innovazzjoni, biex jiġi permess l-involviment tal-partijiet interessati u jiġu assistiti gruppi ta' vittmi potenzjali f'konnessjoni ma' allegata prattika ħażina, inkluż il-*corporate manslaughter*; jinkoraġixxi lill-Kummissjoni biex tiżviluppa, b'mod partikolari, mekkaniżmi li jiżguraw li l-komunitajiet affetwati minn kumpaniji Ewropej huma intitolati għal proċess ta' ġustizzja ġust u accessibli; jenfasizza l-importanza tal-linja tal-baġit ta' l-UE B3-4000 (entrata 04 03 03 01) għal proġetti pilota bħal dawk li jinvolvu l-impenn komunitarju ta' l-impjegat, fondi ipotekati biex jappoġġjaw is-CSR fi ħdan is-CIP, u għat-3 % tar-riċerka tax-xjenza soċjali u umanistika li għandhom jingħataw għall-kummerċ fis-soċjetà taħt is-Seba' Programm ta' Qafas; jitlob għal sforzi ferm ikbar mill-Kummissjoni biex tappoġġja s-CSR fir-rigward ta' kumpaniji ta' l-EU li joperaw f'terzi pajjiżi permezz tal-programmi ta' assistenza esterna tagħha;

43. Jilqa' l-impenn li l-edukazzjoni ssir waħda mit-tmien oqsma ta' prijorità ta' azzjoni, jitlob għal integrazzjoni akbar tas-CSR fil-programm Sokrates, il-provvista ta' firxa wiesgħa ta' materjali tas-CSR f'ċentru tar-riżorsi tat-tagħlim Ewropew tal-futur, u l-ħolqien ta' direttorju Ewropew 'online' ta' skejjel tal-kummerċ u universitajiet dwar is-CSR u l-iżvilupp sostenibbli;

44. Jinkoraġixxi inizjattivi f'livell ta' l-UE u ta' l-Istati Membri biex jitjieb it-tagħlim ta' immaniġġjar u produzzjoni responsabbli fl-iskejjel tal-kummerċ ta' l-Ewropa;

45. Jirrimarka illi r-responsabilità soċjali u ambjentali tapplika għall-organizzazzjonijiet governattivi u non-governattivi, daqs kemm tapplika għall-kummerċ, u jitlob il-Kummissjoni biex twettaq l-impenn tagħha li tippubblika rapport annwali dwar l-impatt soċjali u ambjentali ta' l-attivitajiet diretti tagħha, kif ukoll li tiżviluppa politiki biex tinkoraġixxi l-persunal ta' l-istituzzjonijiet ta' l-UE biex jieħu impenn volontarju komunitarju;

46. Jikkonsidra li, bħala parti mis-CSR, il-kumpaniji jistgħu jisponsorjaw attivitajiet kulturali u edukattivi li joffruvalur miżjud lill-politiki Ewropej fil-qasam tal-kultura u t-tagħlim matul il-ħajja kollha;

47. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tintegra bis-sħiħ is-CSR fil-politiki tal-kummerċ, filwaqt li tirrispetta r-regoli tad-WTO u ma toħloqx barrieri kummerċjali billi tfittex li tintroduċi dispożizzjonijiet fil-ftehimiet bilaterali, reġjonali jew multilaterali u torbot l-artikoli b'konformità ma' l-Istandards tas-CSR miftiehma internazzjonalment bħalma huma l-Linji Gwida ta' l-OECD għall-Intrapriżi Multinazzjonali, id-Dikjarazzjoni bejn it-Tliet Partijiet tal-ILO u l-Prinċipji ta' Rio, kif ukoll riserva tal-poteri regolatorji dwar kwistjonijiet ta' drittijiet tal-bniedem, responsabilità soċjali u ambjentali; jilqa' l-appoġġ mogħti lil dawn l-objettivi fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar xogħol diċenti; jirrepeti t-talba tiegħu għad-Delegazzjonijiet tal-Kummissjoni fil-pajjiżi terzi, li jaħdmu fi ħdan il-kompetenza tagħhom, sabiex jippromwovu u jaġixxu bħala punti ta' kuntatt fir-rigward tal-Linji Gwida ta' l-OECD; jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex itejbu t-tħaddim tal-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali (NCPs) b'mod partikolari meta jirrigwardjaw mumenti speċifiċi dwar allegati vjolazzjonijiet matul operazzjonijiet u ktajjen ta' provvisti ta' kumpaniji Ewropej madwar id-dinja;

48. Jinnota l-kontribuzzjoni magħmula mill-moviment internazzjonali tal-kummerċ ġust biex ipoġġi fuq quddiem prattiki ta' negozju responsabbli għal sittin sena u jipprova li prattiki bħal dawn huma vijabbli u sostenibbli tul il-katina tal-provvisti; jitlob il-Kummissjoni biex tikkunsidra l-esperjenza tal-moviment tal-kummerċ ġust u biex tesplora b'mod sistematiku kif din l-esperjenza tista' tintuża fil-kuntest tas-CSR;

49. Jitlob il-Kummissjoni biex tassigura illi kumpaniji transnazzjonali bbażati fl-UE b'faċilitajiet ta' produzzjoni f'terzi pajjiżi, b'mod partikolari dawk li jipparteċipaw fl-iskema GSP+, jimxu ma' l-istandards ewlenin ta' l-ILO, il-konvenzjonijiet soċjali u ambjentali u l-ftehim internazzjonali biex jintlaħaq bilanċ mad-dinja kollha bejn it-tkabbir ekonomiku u standards ogħla soċjali u ambjentali;

It-Tlieta, 13 ta' Marzu 2007

50. Jilqa' l-impenn tal-Kunsens Ewropew għall-Iżvilupp sabiex tiġi appoġġjata s-CSR bħala azzjoni ta' prijorità; jitlob azzjoni prattika Direttorat Generali tal-Kummissjoni għall-Iżvilupp biex jilgħab irwol importanti fid-dibattitu, biex jeżamina l-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-kundizzjonijiet biex jintużaw riżorsi naturali fid-dinja li qed tiżviluppa, biex taħdem ma' intrapriżi domestiċi kif ukoll l-operazzjonijiet barranin tal-kumpaniji ta' l-UE, intrapriżi sub-kuntratturi u l-partijiet interessati fihom, biex jiffaċċjaw l-abbuż u l-prattika ħażina fi ktajjen ta' provvisti, biex jikkumbattu l-faqar u biex joħolqu tkabbir ġust;

51. Jissuġġerixxi li l-Kummissjoni timmira lejn il-parteċipazzjoni tan-negozji żgħar u ta'daqs medju fis-CSR permezz ta' ħidma konġunta ma' entitajiet intermedjarji, billi toffri appoġġ speċifiku għall-parteċipazzjoni ta' koperattivi u intrapriżi soċjali ekonomiċi permezz ta' l-assoċjazzjonijiet speċjalisti tagħhom, l-użu tan-network taċ-Ċentri ta' l-Informazzjoni Ewropea sabiex jiġu promossi direttament l-inizjattivi tas-CSR u tikkunsidra l-ħatra t'invjat tas-CSR simili għall-Invjat ta'l-SMEs fid-Direttorat Generali tal-Kummissjoni għall-Intrapriża;

52. Jirrakkomanda li l-Kummissjoni tmexxi studju fid-dettal madwar l-Ewropa kollha dwar il-modi differenti li bihom l-SMEs jistgħu jipparteċipaw fis-CSR u dwar l-inċentivi għalihom biex jaddottaw il-prinċipji tas-CSR fuq bażi volontarja individwali, u li titgħallem il-lezzjonijiet it-tajbin mill-esperjenza miksuba u mill-prattika tajba f'dan il-qasam;

53. Jilqa' l-impenn tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-CSR sabiex jissaħħaħ l-irwol ta' l-impjegati u tat-trade unions tagħhom fis-CSR u jtenni t-talba tiegħu lill-Kummissjoni u lill-imsieħba soċjali sabiex jibnu fuq in-negozjati lki jirnexxu ta' 50 Qafas ta' Ftehimiet Internazzjonali u 30 Qafas ta' Ftehimiet Ewropej fir-rigward ta' l-istandards prinċipali tax-xogħol għall-kumpaniji individwali jew għas-setturi bħala approċċ wieħed biex tiġi -żviluppata r-responsabilità ta' l-intrapriżi fl-Ewropa u fid-dinja; jirreferi għall-kunsilli Ewropej tax-xogħolijiet li huma adattati partikolarment għall-promozzjoni tas-CSR u, b'mod partikolari, biex javvanzaw id-drittijiet fundamentali tal-ħaddiema fil-kumpaniji multinazzjonali;

54. Jisħaq fuq l-importanza ta' l-irwol ta' l-isħab soċjali fil-promozzjoni ta' l-impjegar tan-nisa u fil-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni; jinkuraġġixxi l-isħab soċjali biex jieħdu inizjattivi, fi ħdan qafas ta' CSR, sabiex iħeġġu parteċipazzjoni akbar min-nisa fil-bordijiet tal-kumpaniji, f'kunsilli għax-xogħlijiet u f'korpi ta' djalogu soċjali;

55. Jirrakkomanda li r-riċerka futura tas-CSR tmur lil hinn mis-sempliċi 'każ ta' negozju' għas-CSR, biex tiffoka fuq ir-rabta bejn il-kompetittività u l-iżvilupp sostenibbli, fil-livell makro (l-UE u l-Istati Membri) il-livell meso (setturi industrijali u ktajjen ta' provvisti) u l-livell mikro (SMEs), u l-interrelazzjoni bejniethom, kif ukoll l-impatt ta' l-inizjattivi tas-CSR preżenti u l-vjolazzjonijiet possibli tal-prinċipji CSR; jappoġġja l-irwol ewlieni ta'l-Akkademja Ewropea tan-Negozju fis-Soċjetà f'dan ir-rigward; jistieden lill-Kummissjoni tippubblika l-'Istat Annwali tas-CSR' awtorevoli, imfassal b'koperazzjoni ma' esperti u riċerkaturi indipendenti li jqabblu l-informazzjoni eżistenti, u jiddeskrivu xejriet ġodda u jipprovdu rakkomandazzjonijiet għall-azzjonijiet futuri;

Il-kontribuzzjoni Ewropea għas-CSR fuq livell Globali

56. Jemmen li l-impatt potenzjali tal-politiki tas-CSR jibqa' l-akbar fir-rigward tal-ktajjen globali ta' provvista tal-kumpaniji, sabiex jippermettu l-investiment responsabbli mill-kumpaniji biex jassistu l-ġlieda kontra l-faqar fil-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw, sabiex jippromwovu kundizzjonijiet deċenti tax-xogħol, sabiex jappoġġjaw il-kummerċ ġust u l-governanza tajba, kif ukoll li jitnaqqsu l-inċidenzi ta' ksur ta' standards internazzjonali, inklużi standards tax-xogħol, minn korporazzjonijiet fil-pajjiżi fejn ir-reġimi regolatorji huma dgħajfin jew ma jeżistux;

57. Jistieden lill-Kummissjoni twettaq riċerka speċifika fuq l-impatt tal-politiki tas-CSR u biex tressaq proposti biex jiżdied l-investiment responsabbli mill-kumpaniji u r-responsabilità tagħhom;

58. Jirrikonoxxi illi numru ta' inizjattivi internazzjonali tas-CSR huma iktar fil-fond u laħqu maturità ġdida, inkluż il-pubblikazzjoni reċenti tal-Linji Gwida 'G3' mill-Inizjattiva Globali għas-Sostenibilita' u għar-Rappurtar, it-tneħħija ta' 200 kumpanija mill-Patt Globali tan-NU u l-ħatra ta' Rappreżentant Speċjali tas-Segretarju Ġenerali tan-NU għan-negozju u d-drittijiet tal-bniedem;

59. Jesprimi d-diżappunt li l-Kummissjoni ma tatx prijorità akbar lill-promozzjoni ta' l-inizjattivi globali fil-komunikazzjoni tagħha dwar is-CSR, u jistieden lill-Kummissjoni fil-ħidma tagħha ma' l-Istati Membri u mal-partijiet interessati sabiex it-tnejn jiżviluppaw viżjoni strateġika u biex jikkontribwixxu għall-iżvilupp ta' l-inizjattivi tas-CSR fil-livell globali, kif ukoll bħala sforz kbir sabiex tiżdied b'mod sinifikattiv il-parteċipazzjoni f'inizjattivi bħal dawn mill-kumpaniji ta' l-UE;

60. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex jappoġġjaw u jippromwovu r-rispett lejn l-istandards bażiċi ta' l-ILO bħala fattur fis-CSR fl-oqsma li joperaw fihom;

61. Jemmen li d-dimensjoni internazzjonali tas-CSR għandha tkun ta' stimolu għal linji gwida biex jitfasslu b'mod li jippromwovu l-iżvilupp ta' politiki ta' dan it-tip madwar id-dinja;

62. Jistieden lill-Kummissjoni, fil-ħidma tagħha ma' msieħba oħra relevanti, sabiex torganizza inizjattiva internazzjonali ewlenija fl-2007 sabiex tiċċelebra l-ħames anniversarju ta' l-impenn miftiehem fil-Laqgħa Għolja Dinjija għall-Iżvilupp Sostenibbli sabiex timpenja ruħha f'inizjattivi intergovernattivi fil-qasam tar-obbligu ta' l-impriżi li jagħtu kont;

63. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tibni fuq is-suċċess tad-djalogu transatlantiku bejn l-impriżi dwar is-CSR li sar fis-snin disgħin, billi torganizza eżerċizzju simili bejn l-UE u l-Ġappun;

64. Jinkoraġixxi iktar żvilupp fl-inizjattivi internazzjonali għal trasparenza sħiħa rigward d-dħul mill-kumpaniji Ewropej fl-attivitajiet tagħhom f' terzi pajjiżi, biex jagħtu rispett sħiħ lid-drittijiet tal-bniedem fl-operazzjonijiet f'żoni ta' kunflitt u li jirrifjutaw 'lobbying' inkluż 'ftehimiet mill-pajjiż li jospita' li jkunu magħmula minn kumpaniji biex idgħajfu jew jevadu r-rekwiżiti regolatorji f'pajjiżi bħal dawn;

65. Jistieden lill-Kummissjoni u l-Istati Membri biex jikkontribwixxu għall-appoġġ u t-tisħiħ tal-Linji Gwida ta' l-OECD għal-Intrapriżi Multinazzjonali, b'mod partikolari billi jmexxu reviżjoni dwar l-effettività ta'l-NCPs Ewropej u l-irwol tagħhom fil-medjazzjoni effettiva bejn il-partijiet interessati fir-riżoluzzjoni tal-kunflitti; jitlob għall-iżvilupp ta' mudell għall-NCPs Ewropej li jinkludi l-aħjar prattika fil-formazzjoni istituzzjonali, fil-visibilità, fl-aċċessibilità għall-partijiet kollha interessati u fl-immaniġġjar ta' l-ilmenti; jitlob għal interpretazzjoni wiesgħa tad-definizzjoni ta' l-investiment fl-applikazzjoni tal-Linji Gwida ta' l-OECD biex jiżgura li kwistjonijiet ta' katina ta' provvista jiġu koperti bil-proċeduri ta' l-implimentazzjoni;

66. Jitlob l-appoġġ għall-iżvilupp ta' l-Inizjattiva Globali tar-Rappurtar billi jistieden kumpaniji ta' l-UE biex jipparteċipaw f'approċċi settorali ġodda li jkopru oqsma bħall-kostruzzjoni, il-kimiċi u l-agrikoltura; biex tinħoloq riċerka dwar il-parteċipazzjoni ta' l-SMEs, biex ikun jista' jsir xogħol li jilħaq lil pajjiżi oħra b'mod partikolari pajjiżi fl-Ewropa ċentrali u tal-lvant, u biex jiġu żviluppati indiċi ta' sostenibbilità flimkien ma' swieq ta' ishma fi swieq emerġenti;

67. Jitlob il-Kummissjoni biex fi ftehimiet futuri ta' koperazzjoni ma' pajjiżi li għadhom jiżviluppaw tinkludi kapitoli dwar ir-riċerka, il-monitoraġġ u l-għajnuna biex tirrimedja l-problemi soċjali, umani u ambjentali f'operazzjonijiet u fil-katina ta' provvista ta' kumpaniji bbażati fl-UE f'pajjiżi terzi;

68. Jilqa' fil-prinċipju d-diskussjonijiet li qed isiru mill-Organizzazzjoni Internazzjonali ta' l-Istandards dwar il-ħarsien ta' standard ta' responsabilità soċali u jistieden lir-rappreżentanza Ewropea biex tiżgura li kull riżultat ikun konstitenti ma' standards u ftehimiet internazzjonali, u bl-opportunità li jiġu żviluppati metodi paralleli ta' evalwazzjoni esterna u ċertifikazzjoni;

*

* *

69. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex iressaq din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lil istituzzjonjiet u organizzazzjonijiet imsemmija fiha.

It-Tlieta, 13 ta' Marzu 2007

P6_TA(2007)0063

Pjan Direzzjonali għall-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel 2006-2010

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Marzu 2007 dwar il-Pjan Direzzjonali għall-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel 2006-2010 (2006/2132(INI))

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni bl-isem "Il-Pjan Direzzjonali għall-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel 2006-2010" (COM(2006)0092),

— wara li kkunsidra d-deċiżjoni tal-Kunsill 2001/51/KE ta' l-20 ta' Diċembru 2000 li tistabbilixxi Programm dwar l-Istrateġija Qafas tal-Kommunita' rigward l-ugwaljanza bejn s-sessi (2001-2005) [1], kif ukoll il-pożizzjoni tal-Parlament tal-15 ta' Novembru 2000 [2] fuq l-istess suġġett,

— wara li kkunsidra l-istrumenti legali tan-Nazzjonijiet Uniti fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem, u b'mod speċjali tad-drittijiet tan-nisa, u partikularment il-Konvenzjoni dwar l-eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa (CEDAW), kif ukoll l-istrumenti l-oħra tan-NU rigward il-vjolenza kontra n-nisa, bħad-Dikjarazzjoni u l-Programm ta' Azzjoni ta' Vjenna adottat mill-Konferenza Dinjija dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, fi Vienna, fl-14-25 ta' Ġunju 1993, u r-Riżoluzzjoni dwar l-eliminazzjoni tal-vjolenza fuq in-nisa ta' l-20 ta' Diċembru 1993 [3], ir-Riżoluzzjoni dwar l-eliminazzjoni tal-vjolenza domestika fuq in-nisa tad-19 ta' Frar 2004 [4], ir-Riżoluzzjoni dwar miżuri li għandhom jittieħdu biex jiġu evitati delitti ta' l-unur li jsiru fuq in-nisa tal-20 ta' Diċembru 2004 [5], ir-Riżoluzzjoni dwar miżuri rigward il-prevenzjoni ta' delitti u dwar il-liġi penali biex tiġi evitata l-vjolenza kontra n-nisa tat-2 ta' Frar 1998 [6],

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni ta' Beijing u l-Pjattaforma għall-Azzjoni adottat waqt ir-Raba' Konferenza Dinjija dwar in-Nisa fil-15 ta' Settembru 1995, kif ukoll ir-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew tat-18 ta' Mejju 2000 dwar is-segwitu għall-Pjattaforma għall-Azzjoni ta' Beijing [7] u ta' l-10 ta' Marzu 2005 dwar is-segwitu għar-Raba' Konferenza dinjija dwar in-Nisa — Pjattaforma għall-Azzjoni (Beijing +10) [8],

— wara li kkunisdra r-rapport tas-Segretarju Generali tan-NU tas-6 ta' Lulju 2006 intitolat:"Studju Dettaljat dwar il-forom kollha ta' vjolenza kontra n-nisa" [9],

— wara li kkunsidra r-rapport finali ta' Marzu 2005 tad-49 sessjoni tal-Kummissjoni dwar l-Istatus tan-Nisa tan-NU, ,

— wara li kkunsidra l-Protokoll tal-Karta Afrikana dwar d-drittijiet Umani u d-drittijiet tal-Ġnus dwar id-Drittijiet tan-Nisa fl-Afrika, magħruf bħala "Il-Protokoll ta' Maputo", li daħal fis-seħħ fis-25 ta' Novembru 2005 u li jipprojbixxi b'mod partikulari kull forma ta' mutilizzjoni ġenitali,

— wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni 1325 tal-31 ta' Ottubru 2000 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU dwar in-nisa, il-paċi u s-sigurtà [10], li jħeġġeġ involviment akbar tan-nisa fil-prevenzjoni ta' konflitti armati u l-kisba tal-paċi,

— wara li kkunsidra r-rapport ta' Mejju 2003 tal-Kumitat Konsultattiv tal-Kummissjoni dwar Opportunitajiet Indaqs għall-Irgiel u n-Nisa rigward l-integrazzjoni tad-dimensjoni tal-ġeneru fil-baġits,

---

(1) ĠU L 17, 19.01.2001, p. 22.
(2) ĠU C 223 8.8.2001, p. 149.
(3) Riżoluzzjoni ta' l-Assemblea Ġenerali tan-NU A/RES/48/104.
(4) Riżoluzzjoni ta' l-Assemblea Ġenerali tan-NU A/RES/58/147.
(5) Riżoluzzjoni ta' l-Assemblea Ġenerali tan-NU A/RES/59/165.
(6) Riżoluzzjoni ta' l-Assemblea Ġenerali tan-NU A/RES/52/86.
(7) ĠU C 59, 23.2.2001, p. 258.
(8) ĠU C 320 E, tal-15.12.2005, p. 247.
(9) A/61/122/Add.1.
(10) Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurta' 1325(2000).

— wara li kkunsidra l-konkklużżjonijiet tal-Presidenza tal-Kunsill Ewropew Straodinarju a' Liżbona tat-23 u l-24 ta' Marzu 2000, il-Kunsill Ewropew tas-Stokkolma tat-23 u l-24 ta' Marzu 2001, il-Kunsill Ewropew ta' Barċellona tal-15 u s-16 ta' Marzu 2002, u l-Kunsilli Ewropej ta' Brussell ta' l-20 u l-21 ta' Marzu 2003 u tal-25 u s-26 ta' Marzu 2004,

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2005/600/CE tat-12 ta' Lulju 2005 rigward Linji Gwida għall-Politiki għall-Impjiegi ta' l-Istati Membri ([1]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tad-19 ta' Jannar 2006 dwar il-futur ta' l-Istrateġija ta' Liżbona rigward-mill-perspettiva tal-ġeneru ([2]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-9 ta' Marzu 2004 dwar il-ksib ta' bilanċ aħjar bejn il-ħajja professjonali, il-ħajja privata u l-ħajja tal-familja ([3]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-11 ta' Frar 2004 dwar l-użu tal-ħin tax-xogħol (Emenda għad-direttiva 93/104/KE) ([4]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-2 ta' Frar 2006 dwar is-sitwazzjoni attwali tal-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u kwalunkwe attività fil-futur ([5]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-17 ta' Jannar 2006 dwar l-istrateġiji għall-prevenzjoni tat-traffikar ta' nisa u tfal u l-vulnerabilità tagħhom għall-esplojtazzjoni sesswali ([6]),

— wara l-kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu ta' l-24 ta' Ottubru 2006 dwar l-immigrazzjoni tan-nisa: l-irwol u l-post in-nisa migranti fl-Unjoni Ewropea ([7]),

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Ministerjali tal-Konferenza tal-Ministri inkarigata mill-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel ta' l-4 ta' Frar 2005 fil-Lussemburgu,

— wara li kkunsidra l-Patt Ewropew għall-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri, adottat mill-Kunsill Ewropew fit-23 u l-24 ta' Marzu 2006,

— wara li kkunsidra l-Pjan Direzzjonali għall-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri, 2005-2015 adottat mill-Commonwealth,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 45 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Iżvilupp, il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali, il-Kumitat għall-Industriji, ir-Riċerka u l-Enerġija u l-Kumitat għall-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni (A6-0033/2007),

A. billi d-Dikjarazzjoni ta' Vienna, adottata fil-25 ta' Ġunju 1993 mill-Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Bniedem tistqarr li 'id-drittijiet tal-bniedem għan-nisa u għal-bniet huma parti inaljenabbli, integrali u indiviżibbli mid-drittijiet universali tal-bniedem', u billi l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa huwa dritt u prinċipju fundamentali ta' l-UE, rikonoxxut mit-Trattat ta' l-Unjoni Ewropea u mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea; billi minkejja l-progress notevoli li sar f'dan il-qasam għad baqa' bosta inugwaljanzi bejn l-irġiel u n-nisa.

B. billi l-vjolenza kontra n-nisa tikkostitwixxi l-ksur l-aktar mifrux tad-drittijiet tal-bniedem, mingħajr distinzjoni ġeografika, ekonomika jew soċjali, u billi minkejja l-isforzi magħmula fil-livell nazzjonali, komunitarju u internazzjonali, in-numru ta' vittmi nisa ta' vjolenza huwa allarmanti ([8]),

([1]) ĠU L 205, 6.08.2005, p. 21.
([2]) ĠU C 287 E, ta' l-24.11.2006, p. 323.
([3]) ĠU C 102 E, tat-28.04.2004, p. 492.
([4]) ĠU C 97 E, ta' 22.4.2004, p. 566.
([5]) ĠU C 288 E, ta' l-25.11.2006, p. 66.
([6]) ĠU C 287 E, ta' l-24.11.2006, p. 75.
([7]) Testi adottati ta' din id-data, P6_TA(2006)0437.
([8]) Skond data tal-Fond tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Iżvilupp tan-Nisa (UNIFEM) waħda minn kull tliet nisa soffriet xi għamla ta' vjolenza matul ħajjitha.

It-Tlieta, 13 ta' Marzu 2007

C. billi jikkonsidra li t-terminu "vjolenza kontra n-nisa" għandu jiġi ntiż li jinkludu l-atti kollha ta' vjolenza ibbażata fuq l-generu, li jirriżultaw, jew li probabilment jirriżultaw fi ħsara jew tbatija għan-nisa, li tista tkun fiżika, sesswali jew psikoloġika, inkluż it-theddid ta' atti bħal dawn, użu ta' forza, jew iċ-ċaħda arbitrarja tal-libertà, kemm jekk dan isir fil-ħajja pubblika, kemm jekk fil-ħajja privata,

D. billi l-periklu tal-faqar jaffettwa aktar lin-nisa, inklużi n-nisa li jaħdmu [1], u partikularment lil nisa ta' ċertu eta', nisa li jmexxu familji b'ġenitur wieħed, tfajliet ta' bejn it-tlittax u dsatax-il sena li huma wkoll ommijiet, u nisa li jaħdmu f'negozji tal-familja, minħabba diskriminazzjoni sesswali u nuqqas ta' ugwaljanza rigward taħriġ, servizzi personali, aċċess għall-impjiegi, responsabbiltajiet tal-familja, drittijiet għall-pensjoni u salvagwadji legali fil-każ ta' separazzjoni jew divorzju, speċjalment fejn jintlaqtu nisa li huma ekonomikament dipendenti,

E. E billi t-totalità tal-prinċipji u l-valuri kulturali u soċjali li fuqhom hija msejsa l-UE u l-Istati Membri tagħha, bħalma huma r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, id-dinjità tal-persuna umana, l-ugwaljanza, id-djalogu, is-solidarjetà u l-parteċipazzjoni hija wirt li jgawdu minnu ċ-ċittadini u r-residenti kollha ta' l-Unjoni, u li l-assimilazzjoni tiegħu hija prijorità għall-Unjoni Ewropea u fattur li tikkontribwixxi għall-emanċipazzjoni u l-integrazzjoni, speċjalment għal nisa u bniet li huma iżolati minħabba lingwa, kultura jew ostakli reliġjużi,

F. billi għandha tingħata aktar konsidrazzjoni għal-integrazzjoni tad-dimensjoni dwar għarfien tad-differenzi bejn is-sessi fil-baġits nazzjonali sabiex ikun hemm governanza effikaċi tal-politiki għall-ugwaljanza ta' opportunitajiet, u billi li l-kompetenzi u l-esperjenza xierqa f'livell Ewropew, nazzjonali jew reġjunali jkun jista' jippermetti l-applikazzjoni tagħha minn issa fil-baġit u fil-programmi komunitarji, sa mill-fażijiet ta' tfassil, ta' implimentazzjoni u ta' evalwazzjoni [2],

G. billi jikkonsidra li l-Artikolu 3 (2), 13 u 152 tat-Trattat jiddiskribu l-irwol tal-Komunità fit-twettiq ta' l-ugwaljanza bejn is-sessi fil-politiki ta' ħarsien tas-saħħa tal-bniedem,

H. billi biex jintlaħqu l-miri ta' Liżbona rigward l-impjiegi għan-nisa jkun meħtieġ li tittieħed aktar azzjoni skond il-metodu miftuħ tal-koordinazzjoni, ibbażat fuq prattiki ezistenti tajbin fil-livell nazzjonali u reġjunali b'rikonoxximent tal-fatt li politiki ta' taħriġ u aċċess għall-impjieġi, politiki għal bilanċ bejn ħajja u xogħol, servizzi, u l-promozzjoni tal-parteċipazzjoni tan-nisa fit-teħid tad-deċiżjonijiet huma ħoloq ta' relazzjoni interdipendenti; billi f'din il-perspettiva għandu jsir sforz partikulari biex tiġi żgurata l-koeżjoni soċjoekonomika sabiex tingħeleb il-firda diġitali bejn il-ġeneri u sabiex jippromwovi l-irwol tan-nisa fix-xjenza,

I. billi jikkonsidra li minkejja l-leġiżlazzjoni komunitarja u d-dispożizzjonijiet nazzjonali rigward l-ugwaljanza fil-pagi, tippersiti d-differenza kbira bejn il-pagi tan-nisa u ta' l-irġiel billi n-nisa fl-UE bħala medja jaqilgħu 15 % anqas mill-irġiel, differenza li qed tonqos ħafna aktar bil-mod minn dik li hemm bejn ir-rati ta' impjieġi bejn l-irġiel u n-nisa,

J. billi n-nisa għandhom ħafna drabi dritt għal pensjonijiet iżgħar mill-irġiel, kemm minħabba li l-pagi li jaqilgħu huma anqas, kemm minħabba l-fatt li l-karrieri professjonjali tagħhom huma aqsar u jisfaw interrotti minħabba obbligi tal-familja akbar,

K. K billi jikkonsidra li politiku għall-ksib ta' bilanċ bejn l-ħajja tal-familja u l-ħajja tax-xogħol għandhom ikunu mmirati kemm għan-nisa, kif ukoll għall-irġiel u li għalhekk dawn jeħtiġilhom approċċ globali li jagħti każ tad-diskriminazzjoni kontra n-nisa u jħares lejn il-ġenerazzjonijiet li tilgħin u jikkonsidrahom bħala ta' benefiċċju għas-soċjetà ġenerali kollha,

L. L billi minkejja li n-nisa jirrappreżentaw 52 % tal-popolazzjoni Ewropea, dan il-proporzjon m'hux rifless fl-aċċess għal u fil-parteċipazzjoni f'pożizzjonijiet tal-poter; billi r-rappreżentanza tas-soċjetà kollha kemm hi huwa element li jsaħħaħ il-goveranza u l-pertinenza tal-politiki vis à vis l-aspettativi tal-pubbliku u billi, barra minn hekk, tezisti wkoll għażla ta' soluzzjonijiet fil-livell nazzjonali (liġijiet, ftehim u inizjattivi privati) biex tiġi konkretizzata r-rappreżentanza tan-nisa fiċ-ċentri fejn jittieħdu d-deċiżjonijiet,

---

[1] Wieħed għandu jiftakar li f'85 % ta' familji b'ġenitur wieħed hija l-mara li taqla' l-għajxien tal-familja.

[2] Cf.inter alia: ix-xogħol ta' l-Organiżżazzjoni għall-Koperazzjoni u Żvilupp Ekonomiku (OECD), tal-UNIFEM, tal-Bank Dinji, tas-Sekretarjat tal-Commonwealth għall-Ugwaljanza ta' Opportunitajiet, kif ukoll l-istudji u proġetti magħmula mill-Kunsill ta' l-Ewropa, il-Kunsill tal-Ministri Nordiċi, kif ukoll il-Ministeru tax-Xogħol u l-Affarijiet Soċjali ta' l-Olanda.

M. billi l-qafas strateġiku "i2010" (is-Soċjetà ta' l-Informatika Ewropea għat-Tkabbir u għall-Impjiegi 2010) propost mill-komunikazzjoni tal-Kummissjoni (COM(2005)0229) jimmira fost affarijiet oħra għat-titjib fil-kwalità tal-ħajja billi tippermetti l-parteċipazzjoni ta' kulħadd fis-soċjeta' ta' l-informatika,

1. Jinnota d-determinazzjoni tal-Kummissjoni li ssegwi l-istrateġija għal opportunitajiet indaqs fuq bażi multi-annwali, billi dan jgħin fit-twettiq ta' strateġija mifruxa fuq perjodu twil ta' żmien għall-promozzjoni ta' l-ugwaljanza fil-livell Ewropew, iżda jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-Pjan Direzzjonali jonqos milli jispeċifika r-responsabbiltajiet tal-Kummissjoni u ta' l-Istati Membri rigward l-implimentazzjoni u l-informazzjoni għaċ-ċittadini, jew rigward fondi li se jiġu allokati biex jiġu implimentati r-rakkomandazzjonijiet,

2. Jagħraf li l-promozzjoni ta' l-ugwaljanza ta' opportunitajiet teħtieġ approċċ doppju għaliex l-ugwaljanza trid tiġi integrata fil-politiki kollha waqt li fl-istess ħin tkun qed issir promozzjoni ta' l-ugwaljanza permezz ta' miżuri speċifiċi;

3. Jitlob lill-Kummissjoni sabiex tfassal qafas ġenerali għall-evalwazzjoni tal-politiki u l-programmi biex jippromwovu l-ugwaljanza bejn is-sessi li jinkludi l-politiki nazzjonali li jirriżultaw minnhom; jitlob b'mod partikolari li ssir evalwazzjoni bir-reqqa tal-qafas ta' strateġija tal-Komunità għall-ugwaljanza bejn is-sessi (2001-2005) [1] u biex issir analiżi ta' l-implimentazzjoni tad-direttivi dwar opportunitajiet indaqs, b'mod speċjali d-Direttivi 86/613/KEE [2], 89/391/KEE [3] 92/85/KEE [4] u 2003/41/KE [5] bl-iskop li jiġi stabbilit, permezz ta' data u statistika affidabbli, programmazzjoni koerenti, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-Pjan Direzzjonali; jemmen, li biex jintlaħaq dan il-għan, li l-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi jeħtieġ li jiġi mwaqqaf kemm jista' jkun malajr sabiex jippermetti l-monteraġġ kontinwu tal-progress taħt tal-Pjan Direzzjonali.

4. Jitlob lill-Kummissjoni biex tittratta l-politiki rigward ugwaljanza bejn is-sessi, mhux biss bħala prijorità ta' l-UE, imma wkoll u fuq kollox, bħala rekwiżit indispensabbli għar-rispett tad-drittijiet ta' l-individwu; jikkonsidra li approċċ bħal dan għandu jwassal għal sforz biex jiġu koordinati u msaħħa miżuri Ewropej u nazzjonali għal protezzjoni bil-liġi tan-nisa u tat-tfal, u b'mod partikulari:

— f'każijiet fejn nisa jinsabu fil-jasar, jew f'dawk il-f'każijiet fejn in-nisa jkunu involuti f'delitti bbażati fuq l-unur jew fuq it-tradizzjoni, delitti ta' vjolenza, traffikar, mutilazzjoni ġenitali tan-nisa, żwieġ ta' bil-fors, poligamija jew deprivazzjoni ta' l-identità (per eżempju, meta nisa jkunu mġiegħla jilbsu l-burka, in-niqab jew maskra), li għalihom m'għandu jkun hemm ebda lok għal toleranza;

u jitlob lill-Kummissjoni sabiex:

— tagħmel riċerka dwar il-kawżi bażiċi ta' vjolenza bbażata fuq il-ġeneru utiżviluppa indikaturi għan-numru tal-vittmi, u biex, jekk tiġi determinata bażi legali għaliha, tippreżenta proposta għal direttiva dwar il-ġlieda kontra il-vjolenza kontra n-nisa;

— tiġbor, kemm jista' jkun malajr, data affidabbli u komparabbli dwar it-traffikar tal-persuni bil-ħsieb li jitnaqqsu n-numru tal-vittmi, u sabiex isir ukoll studju dwar il-korrelazzjoni kawżali bejn il-leġiżlazzjoni dwar il-prostituzzjoni u t-traffikar għal skop ta' esplojtazzjoni sesswali, u d-disseminazzjoni ta'l-aħjar prattiki, inklużi l-azzjonjiet li ttieħdu rigward l-aspett tad-domanda rigward tali attivitajiet;

u jistieden lill-Istati Membri sabiex:

— jintroduċu rreġistrazzjoni obbligatorja ta' atti ta' mutilazzjoni ġenitali tan-nisa magħmula minn persuni involuti fil-kura tas-saħħa u biex titneħħa l-liċenzja ta' tobba li jipprattikawha;

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/51/KE tal-20 ta' Diċembru 2000 li tistabbilixxi Programm rigward l-istrateġija qafas tal-Komunità dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi (2001-2005) (ĠU L 17, 19.1.2001, p.22).

(2) Direttiva tal-Kunsill 86/613/KEE tal-11 ta' Diċembru 1986 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa involuti f'attività u li jaħdmu għal rashom, inkluża l-agrikoltura, u dwar il-protezzjoni ta' nisa waqt it-tqala u waqt li qegħdin irabbu t-tfal (ĠU L 359, 19.12.1986, p. 56).

(3) Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE tat-12 ta' Ġunju 1989 dwar l-introduzzjoni ta' miżuri biex iħeġġu titjib fis-sikurezza u s-saħħa ta' ħaddiema fuq ix-xogħol (ĠU L183, 29.6.1989, p.1)….

(4) Direttiva tal-Kunsill 92/85/KEE tat-19 ta' Ottubru 1992 dwar l-introduzzjoni ta' miżuri biex iħeġġu titjib fis-sikurezza u s-saħħa fuq ix-xogħol ta' nisa tqal u ħaddiema li jkunu għadhom kif welldu jew ikunu qed ireddgħu (ĠU L 348, 28.11.1992, p.1).

(5) Direttiva 2003/41/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' Ġunju 2003 dwar l-attivitajiet u s-superviżjoni ta' istituzzjonijiet li jipprovdu għall-irtirar mix-xogħol (ĠU L 235, 23.9.2003, p.10).

It-Tlieta, 13 ta' Marzu 2007

5. Jitlob lill-Istati Membri li għadhom m'għamlux dan, biex jirrattifikaw mingħajr aktar dewmien, il-Protokoll dwar il-Prevenzjoni, is-Suppressjoni u l-Ikkastigar tat-Traffikar tal-Bnedmin, speċjalment nisa u tfal, li jissuplimenta l-Konvenzjoni tan-NU kontra l-Kriminalità Transnazzjonali Organizzata ("il-protokolli ta' Palermo") kif ukoll il-Konvenzjoni tal-Kunsill ta' l-Ewropa dwar il-Glieda kontra t-Traffikar tal-Bnedmin, u biex jimplimentaw id-Direttiva 2004/81/KE tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-permess ta' residenza maħruġ lil ċittadini ta' pajjiżi terzi li huma vittmi tat-traffikar fi bnedmin jew li kienu s-suġġett ta' azzjoni għall-faċilitazzjoni ta' immigrazzjoni illegali, li jikkoperaw ma' l-awtoritajiet kompetenti [1],

6. Jikkonsidra li fin-neguzjati għas-sħubija tal-pajjiżi kandidati r-rispett għad-drittijiet tan-nisa hija eżiġenza fundamentali daqs kemm hi għad-drittijiet l-oħra tal-bniedem; jitlob għalhekk lill-Kummissjoni biex tikkontrolla u tikkomunika lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill tagħrif dwar atti ta' diskriminazzjoni u ta' vjolenza bħal dawn li jisfaw vittmi tagħhom in-nisa f'dawn il-pajjiżi u biex tħeġġeġ attivament il-parteċipazzjoni tal-pajjiżi li sejrin jissieħbu fil-programmi komunitarji PROGRESS u DAPHNE;

7. Jenfasizza li r-rispett għad-drittijiet tan-nisa għandu jkun kundizzjoni essenzjali tal-politika għall-viċinat Ewropew, il-politika barannija u dik għall-iżvilupp, u f'dan ir-rigward:

— jirrakkomanda li fil-qafas ta' dawn il-politiki, l-UE għandha turi impenn akbar għal djalogu politiku ma' pajjiżi terzi u tagħti appoġġ finanzjarju marbut ma' l-iżvilupp bl-iskop li tippromwovi l-ugwaljanza bejn is-sessi;

— jenfasizza l-karattru speċifiku tal-femminizzazzjoni tal-faqar u jinsisti li s-suċċess tal-Għanijiet ta' Żvilupp għall-Millennju (MDGs) huwa ppernjat fuq il-promozzjoni ta' l-ugwaljanza bejn is-sessi fil-firxa ta' l-etajiet kollha;

— jitlob li tingħata attenzjoni partikulari lit-2 u t-3 MDG u li tiġi promossa l-edukazzjoni tal-bniet fil-livelli kollha, kif ukoll biex jiġi żgurat aċċess ugwali għal programmi ta' taħriġ li jrawmu l-intraprenditorjat fost in-nisa, partikularment għal SMEs bħala mezz għat-tnaqqis tal-faqar, għat-titjib tas-saħħa u l-benessere, kif ukoll għal promozzjoni ta' żvilupp ġenwin u sostenibbli;

— jitlob li jittieħdu passi biex ma jħallux li n-nisa jiġu marġinalizzati rigward programmi ta' żvilupp billi jiġi garantit lilhom aċċess ugwali għas-swieq tax-xogħol, għal impjiegi permamenti u ta' kwalità aħjar, u għal mezzi ta' produzzjoni bħalma huma proprjetà, kreditu u teknoloġija;

— iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex bħala parti mill-politiki għall-koperazzjoni fl-iżvilupp, jadottaw miżuri xierqa biex jinkuraġġixxu rappreżentanza aħjar tan-nisa billi jiżguraw li n-nisa jkollhom l-istess opportunitajiet bħall-irġiel u billi jinkuraġġixxu, il-parteċipazzjoni tagħhom f'assoċjazzjonijiet professjonali u f'korpi għall-ippjanar politiku u għat-teħid ta' deċiżjonijiet;

— jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex fil-programmi għall-iżvilupp tagħhom jikkunsidraw metodi ta' prevenzjoni biex jiġġieldu l-vjolenza sesswali u t-traffikar tal-bnedmin bi skop ta' esplojtazzjoni sesswali, biex jiskuraġġixxu l-vjolenza kontra n-nisa u biex ikun hemm garanzija ta' għajnuna medika, soċjali, legali u psikoloġika, kemm għal nisa li ġew mċaqalqa minħabba kunflitt kif ukoll għal tipi ta' migranti nisa oħrajn;

— jistieden lill Kummissjoni biex tagħmel evalwazzjoni kwantitattiva u kwalitattiva tan-nefqa fuq għajnuna għall-iżvilupp u għal programmi f'pajjiżi terzi;

8. Jitlob lill-Kummissjoni biex tieħu miżuri li jiggarrantixxu lin-nisa d-drittijiet tagħhom għas-saħħa, inkluża s-saħħa sesswali u s-saħħa riproduttiva; jerġa' jishaq li hu essenzjali, b'mod partikulari fil-ġlieda kontra l-HIV/AIDS, li jitkabbar l-aċċess għal informazzjoni dwar is-saħħa sesswali u riproduttiva, kif ukoll dwar is-servizzi tas-saħħa;

9. Jagħraf li l-bniet huma vulnerabbli b'mod partikulari għall-vjolenza u għad-diskriminazzjoni u jitlob li jsiru sforzi akbar biex jipproteġu l-bniet minn kull għamla ta' vjolenza, inkluż l-istupru, l-esplojtazzjoni sesswali u l-ingaġġ ta' bilfors fl-armati, u sabiex jiġu inkuraġġuti politiki u programmi biex jippromwovu l-protezzjoni tad-drittijiet ta' bniet f'sitwazzjonijiet ta' konflitt u ta' wara l-konflitt;

[1] ĠU L 261, 6.08.2004, p. 19.

10. Jitlob li l-Kummissjoni tirrispetta l-impenn li ħadet li tippreżenta komunikazzjoni dwar "Viżjoni Ewropea dwar l-Ugwaljanza bejn l-Irġiel u n-Nisa fil-Kooperazzjoni dwar l-Iżvilupp";

11. Jitlob li l-Kummissjoni tiżgura l-koordinazzjoni bejn l-UE u n-NU dwar politiki għal opportunitajiet indaqs u d-drittijiet tal-bniet; jisħaq fuq l-importanza li tiġi promozza koperazzjoni mill-qrib ma' istituzzjonijiet Ewropej u internazzjonali, reġjunali u/jew bilaterali, inklużi entitajiet fi ħdan in-NU, sabiex jiġu armonizzati approċċi rigward ġeneru fl-oqsma ta' l-għajnuna umanitarja u l-kooperazzjoni għall-iżvilupp, b'mod speċjali billi tissaħħaħ ir-rabta bejn il-Pjattaforma għall-Azzjoni ta' Peking u l-Programm ta'Azzjoni tal-Kajr, iċ-CEDAW u l-protokoll mhux obligatorju tagħha, u l-MDGs;

12. Jitlob lill-Kummissjoni biex tassigura li, l-politiki għall-Afrika u għall-istrateġiji nazzjonali għall-iżvilupp tal-pajjiżi Afrikani, jippromwovu r-ratifika u l-implimentazzjoni tal-Protokoll ta' Maputo mill-pajjiżi Afrikani kollha, waqt li tingħata attenzjoni parikulari għall-Artikolu 5 li jikkundanna u jipprojbixxi kull forma ta' mutilazzjoni ġenitali;

13. Jilqa' b'sodisfazzjon l-impenn li ħadet il-Kummissjoni li tippromwovi l-implimentazzjoni tar-Riżoluzzjoni 1325 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, msemmija hawn fuq, u li tfassal il-linji gwida għall-integrazzjoni tad-dimensjoni tal-ġeneru fl-attivitajiet għat-taħriġ ta' l-immaniġġjar tal-kriżijiet;

14. Jitlob lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex jadottaw inizjattivi konkreti għall-emanċipazzjoni u l-integrazzjoni ekonomika u soċjali tan-nisa immigrati, b'mod partikulari fi ħdan il-Programm ta' Qafas Komuni għall-Integrazzjoni taċ-Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi, miżuri għall-iżvilupp tat–tagħlim tal-lingwi, u għall-fehim tad-drittijiet u d-doveri li joħorġu mill-acquis komunitarju, minn konvenzjonijiet internazzjonali, minn prinċipji u leġiżlazzjonijiet attwali tal-pajjiżi ospitanti (li, fost oħrajn tinkludi l-projbizzjoni tal-poligamija taħt pretest ta' rijunifikazzjoni tal-familji) u tmill-valuri fondamentali ta' l-UE, billi jitfasslu politiki għat-taħriġ speċifiku rigward opportunitajiet indaqs, non-diskriminazzjoni bbażata fuq il-ġeneru u interventi mill-perspettiva ta' ġeneru; programmi għall-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni fl-aċċesss għall-impiegi u fuq ix-xogħol; appoġġ għal proġetti għal intrapriżi minn nisa immigrati li jgħinu biex tiġi promossa u mifruxa r-rikkezza kulturali tal-pajjiżi ta' oriġini tagħhom u il-ħolqien ta' u appoġġ ta' spazji pubbliċi għall-parteċipazzjoni għan-nisa immigrati li fihom huma jkunu rappreżentati attivament;

15. Jirrakkomanda lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex jipprovdu għall-finanzjament ta' programmi biex fil-pajjiżi ta' oriġini jxerrdu informazzjoni dwar pre-rekwiżiti għall-wasla u żjara ta' immigranti fl-Unjoni Ewropea, kif ukoll dwar ir-riskji ta' l-immigrazzjoni illegali;

16. Jitlob lill-Kummissjoni biex tniedi l-ewwel proġetti pilota dwar l-integrazzjoni ta' l-aspett tal-ġeneru fil-baġit ġenerali ta' l-UE u fil-programmi Komunitarji, b'mod speċjali fil-Fondi Strutturali, s-Se ba' Programm ta' Qafas tal-Komunità Ewropea għar-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u l-attivitajiet ta'dimostrazzjoni (2007-2013), il-Programm ta' Azzjoni Komunitarju fil-qasam tas-saħħa u l-protezzjoni tal-konsumaturi (2007-2013), u l-Programm ta' Azzjoni Komunitarju fil-qasam tas-saħħa pubblika (2003-2008); jikkonsidra li dawn il-proġetti jridu jindirizzaw l-impatt tal-baġit ġenerali fuq l-ugwaljanza tas-sessi (approċċ orizzontali), l-effikaċja ta'kontribuzzjonijiet speċifiċi għan-nisa jew għal proġetti proposti minn nisa, kif ukoll analiżi tad-diffikultajiet li n-nisa jiffaċċjaw biex jipparteċipaw f'dawn il-programmi (approċċ speċifiku);

17. Jitlob lill-Istati Membri biex iżidu jew isaħħu l-pjanijiet tagħhom nazzjonali għall-impjiegi u l-integrazzjoni soċjali sabiex jiġu inklużi miżuri biex jgħinu lin-nisa jidħlu fis-suq tax-xogħol fuq bażi ta' dinjità ugwali u pagi ugwali għal xogħol ugwali, miżuri biex jippromwovu l-attività imprenditorjali fost in-nisa u biex jidentifikaw u jappoġġjaw opportunitajiet ġodda ta' xogħol fis-setturi soċjali u tas-saħħa u fis-servizzi personali u għall-familja, fejn il-ħaddiema huma kwazi kollha nisa, waqt li ssir emfasi fuq il-valur soċjali u ekonomiku ta' dan ix-xogħol u tiġi provduta r-reġolamentazzjoni meħtieġa biex tiġi garantita l-kwalita' tas-servizzi, ir-rikonoxximent ta' drittijiet soċjali u d-dinjità ta' dawk li jipprovdu dawn is-servizzi, kif ukoll biex jgħinu fit-tnaqqis tal-faqar; jikkonsidra li minħabba l-pożizzjoni żvantaġġata tan-nisa fl-oqsma soċjali u ekonomiċi li huma kkaratterizzati b'livelli għoljin ta' qagħad u pagi aktar baxxi minn ta' l-irġiel, hemm riskju akbar għan-nisa ta' esplojtazzjoni;

18. Jitlob lill-Istati Membri biex jimplimentaw strateġiji konkreti biex isaħħu s-sens ta' intrapriża fost in-nisa, bl-użu per eżempju, ta' l-opportunitajiet li toffri l-ICT, u miżuri biex jiffaċilitaw l-aċċess għal intraprendituri nisa għal self u servizzi minn banek, b'mod partikulari rigward miżuri u mikrofinanzjament bħala appoġġ għal *networks* ta' intraprendituri nisa;

It-Tlieta, 13 ta' Marzu 2007

19. Jinnota li d-diffikultajiet li jiffaċċaw l-Istati Membri u l-Unjoni Ewropea fil-qasam ta' l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa qegħdin jiżdiedu minħabba l-kompetizzjoni ekonomika dinjija intensifikata u minħabba d-domanda li tirriżulta minn dan għal ħaddiema dejjem aktar flessibbli u mobbli; jenfasizza li n-nisa qed ikomplu jkunu vittmi ta' diskriminazzjoni soċjali u fl-impjegar, u ta' tipi ta' diskriminazzji oħra u li hemm tendenza li dawn l-eżiġenzi jkollhom aktar effetti ħżiena fuq in-nisa milli fuq l-irġiel; jikkonsidra li din is-sitwazzjoni m'għandhiex tithalla dgħajjef l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa u fuq id-drittijiet li għandhom in-nisa rigward ir-riproduzzjoni;

20. Jitlob lill-Istati Membri biex jinnominaw uffiċjal nazzjonali responsabbli għall-ugwaljanza bejn is-sessi rigward l-implimentazzjoni ta' l-istrateġija ta' Liżbona bl-inkariku li tipparteċipa fit-tfassil u r-reviżjoni tal-pjanijiet nazzjonali differenti u biex timmoniterja l-implimentazzjoni tagħhom sabiex jiġi promoss l-integrazzjoni tad-dimensjoni tal-ġeneru in generali u, b'mod partikulari fil-baġit fir-rigward ta' politiki u objettivi stabbiliti f'dawn il-pjanijiet;

21. Jiddeplora li d-differenza fil-pagi bejn l-irġiel u n-nisa għadha tilħaq il-15 %; jitlob lill-Kummissjoni biex terga' tikkunsidra bi prijorità id-Direttiva tal-Kunsill 75/117/KEE [1], b'mod speċjali rigward il-punti relatati ma' spettorati ta' xogħol u mar-rimedji legali disponibbli fil-każ ta' diskriminazzjoni; jistieden ukoll lill-Kummissjoni biex tiżgura li id-direttiva dwar paġi ndaqs tiġi implimentata b'mod li n-nisa ma jsofrux diskriminazzjonijiet minħabba perjodi iqsar ta' esperjenza tax-xogħol dovuta għat-trobbija ta' tfal;

22. Jitlob lill-Kummissjoni biex, b'kollaborazzjoni ma' l-Istati Membri u l-imsieħba soċjali tagħha, tinkoraġġixxi l-ħolqien ta' politiki għar-rikonċiljazzjoni tal-ħajja tal-familja mal-ħajja tax-xogħol billi:

— tiżgura li l-prezz tal-maternità u l-paternità jinġarr mis-soċjetà kollha kemm hi sabiex b'hekk tinqered l-imġiba diskrimiatorja fuq ix-xogħol u sabiex tgħin biex tgħolli r-rata ta' twelid u biex tiffaċilita l-impjegar tan-nisa;

— tniedi kampanja biex tkabbar l-għarfien u tintroduċi proġetti pilota biex jiffaċilitaw il-parteċipazzjoni bbilanċjata tan-nisa u l-irġiel f'xogħol professjonali u fil-ħajja tal-familja;

— fi ħdan il-qafas ta' l-objettivi ta' Barċellona, tagħmel aktar aċċessibli u flessibbli s-servizzi ta' kura u għajnuna għal dawk li ma jistgħux jieħdu ħsieb tagħhom infushom (tfal, persuni b'diżabbilitajiet jew b'mard kroniku u l-anzjani) billi jiġu stabbiliti rekwiżiti minimi għall-assistenza u l-kura li jinkludu li l-faċilitajiet jibqgħu miftuħin bil-lejl sabiex jiġu sodisfatti l-bżonnijiet tal–ħajja tax-xogħol u l-ħajja fil-familja;

— tħeġġeġ attivament lill-missirijiet u l-imsieħba rġiel sabiex jagħmlu użu minn possibiltajiet disponibbli għall-użu ta' ħinijiet ta' xogħol flessibbli u biex jieħdu sehem fix-xogħol tad-dar u xogħol għall-familja, billi pereżempju tiġi stabbilita forma inizjali ta' leave għall-paternità u billi tinbeda r-reviżjoni mistennija tad-Direttiva tal-Kunsill 96/34/KE [2],

— tiddefinixxi metodi alternattivi li jiżguraw li l-pensjonijiet tan-nisa jibqgħu jkunu mħarsa f'każijiet meta l-karriera professjonali tagħhom ma tipprovdix penzjoni xierqa għaliex tkun qasira wisq jew għaliex tkun interrotta minħabba żieda fir-risponsabbiltajiet tal-familja;

23. Jitlob lill-Kummissjoni biex tiżgura li l-analiżi ta' l-impatt tal-ġeneru jiġi meqjus fir-reviżjoni jew it-tfassil tat-testi leġiżlattivi komunitarji, bħal fid-Direttiva 93/104/KE, u li l-Kummissjoni taġixxi kif xieraq jekk impatt negattiv ikun probabbli, bħal fil-każ ta' din id-direttiva; jitlob lill-Kunsill biex ineħħi l-possibiltà ta' opt-out minn din id-direttiva għaliex dan jagħmel ħsara aktar lin-nisa milli lill-irġiel, u jirrendi r-rikonċiljazzjoni bejn ix-xogħol u l-ħajja tal-familja izjed diffiċli;

24. Jappella lill-Kummissjoni biex tikkunsidra r-rizultati tal-Konferenza fuq l-Ugwaljanza bejn l-Irġiel u n-Nisa, organizzata mill-Presidenza Finlandiża ta' l-Unjoni, kif ukoll l-irwol ta' l-irġiel fit-twettiq ta' l-ugwaljanza bejn is-sessi;

[1] Direttiva tal-Kunsill 75/117/KEE ta' l-10 ta' Frar 1975 dwar dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' paga ndaqs għall-irġiel u għan-nisa (ĠU L 45, 19.12.1975, p. 19).

[2] Direttiva tal-Kunsill 96/34/KE tat-3 ta' Ġunju 1996 dwar il-ftehim qafas fuq il-leave tal-ġenituri konkluż mill-UNICE, CEEP u ETUC (ĠU L145, 19.6.1996, p.4).

25. Jitlob lill-Kummissjoni, fl-isfond tal-ħidma ta' l-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi u l-progress magħmul immonitorjat mid-*databank* fuq it-teħid ta' deċiżjonijiet [1], biex tevalwa prattika tajba internazzjonali, nazzjonali jew reġjunali tajbin li tippermetti l-parteċipazzjoni tan-nisa fit-teħid ta' deċiżjonijiet, u biex jinkoraggixxu d-disseminazzjoni u l-adozzjoni tagħha, *inter alia*, billi jingħata appoġġ għal *network* ta' nisa involuti fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet;

26. Iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jistabbilixxu u jimplimentaw objettivi u skadenzi ċari rigward it-tkabbir tal-parteċipazzjoni tan-nisa f'kull għamla ta' teħid ta' deċiżjonijiet u biex tissaħħaħ ir-rappreżentanza tan-nisa fil-ħajja pubblika;

27. Jikkonsidra li huwa importanti li l-preżenza tan-nisa fil-karrieri xjentifiċi u fis-settur tar-riċerka tiġi inkurraġġuta; għal dan il-għan, huwa meħtieġ li jkun hemm politiki u strumenti li flimkien jiżguraw bilanċ bejn l-irġiel u n-nisa u l-eċċellenza f'dawn il-karrieri;

28. Jikkonsidra li jeħtieġ li l-preżenza tan-nisa fil-karrieri xjentifiċi tiġi inkurraġġuta, b'mod partikulari billi jiġu pprovduti soluzzjonijiet kontrattwali bħal ma huma boroż ta' studju jew xogħol fuq bażi *part-time* sabiex huma jkunu jistgħu jirrikonċiljaw il-ħajja professjonali tagħhom mal-ħajja tal-familja;

29. Jemmen li jekk il-*media* xxandar bi prominenza eżempji tajbin, kemm ta' rwoli tan-nisa fis-soċjetà kif ukoll tar-riżultati miksuba minnhom fis-setturi kollha, u jekk dawn jiġu enfasizzati biex jinħolqu immagini pożittivi tan-nisa u biex jinkuraġġixxu l-involviment ta' nisa u rġiel oħrajn sabiex tinkiseb l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-bilanċ bejn il-ħajja tax-xogħol u l-ħajja tal-familja, dan ikun ta' għajnuna kbira fil-ġlieda kontra l-isterjotipi negattivi li jiffaċċjaw in-nisa; jitlob lill-Kummissjoni, għalhekk, sabiex tħeġġeġ it-tfassil ta' inizjattivi pereżempju skond il-programm *Media* 2007, sabiex tqajjem għarfien aħjar fil-*media*, pereżempju permezz ta' fora ta' konsultazzjoni permanenti ma' membri ta' dan is-settur, dwar l-isterjotipi li dawn jirrappreżentaw u sabiex jippromwovu opportunitajiet indaqs, b'mod partikulari bil-għan li jinfurmaw u jqajmu għarfien akbar fost iż-żagħżagħ, irġiel u nisa;

30. Iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jieħdu miżuri biex jeliminaw sterjotipi dwar il-ġeneru, b'mod partikulari fis-suq tax-xogħol u biex jippromwovu l-preżenza ta' l-irġiel fis-setturi u fit-tipi ta' xogħol okkupati b'mod predominanti min-nisa, bħal fl-iskjejjel primarji u f'faċilitajiet għall-kura;

31. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tinkludi fil-Pjan Direzzjonali d-drittijiet ta' persuni transesswali u l-problemi li dawn jiffaċċjaw, skond d-deċiżjonijiet li ngħataw reċentement mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej;

32. Jistieden lill-Kummissjoni biex tniedi taħriġ dwar l-integrazzjoni ta' l-aspett tal-ġeneru u dwar is-sensibilizzazzjoni dwar kwistjonijiet ta' ġeneru għall-Membri tal-Kummissjoni u għall-funzjonarji għoljin, kif ukoll f'kull taħriġ rigward amministrazzjoni għall-funzjonarji Ewropej;

33. Jitlob lill-Kummissjoni biex tippromwovi fid-dokumenti kollha uffiċjali u sabiex tiġi interpretata fil-lingwi kollha uffiċjali ta' l-UE l-użu ta' terminoloġija li tkun sensitiva għal-ġeneru u li tista' tilħaq il-kulturi kollha konċernati;

34. Iħeġġeġ lill-istituzzjonijiet u lill-aġenziji Ewropej biex jippromwovu l-ugwaljanza bejn l-irgiel in-nisa fil-livelli amministrattivi u sabiex jimmiraw għall-ilħuq ta'l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa fl-impjegar u fil-ħatriet, b'mod partikulari għal pożizzjonijiet ta' xogħol ta' livell għoli;

35. Jitlob lill-Kummissjoni biex fir-Rapport Annwali rigward il-Pjan Direzzjonali tiddedika kapitlu separat dwar opportunitajiet indaqs għan-nisa u l-irġiel fl-Unjoni Ewropea u biex tagħti rapport f'dan il-kapitlu dwar il-progress li sar dwar dan fir-rigward tal-Pjan Direzzjonali;

36. Jitlob lill-Kummissjoni sabiex tinforma regolarment lill-kumitat(i) kompetenti tiegħu dwar il-moniteraġġ tal-progress li jsir rigward il-Pjan Direzzjonali, b'mod partikulari permezz ta' rapporti pubbliċi dwar kull kull pajjiż individwali;

37. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali, lill-Kumitat għar-Reġjuni, kif ukoll lill-organi eżekuttivi u organi elettivi responsabbli għall-qasam ta' l-opportunitajiet indaqs fil-livelli lokali, reġjunali u nazzjonali.

[1] Proġett immexxi min d-Direttorat Ġenerali għax-Xogħol u Affarijiet Soċjali tal-Kummissjoni, li jiġbor u janalizza l-parteċipazzjoni tan-nisa fil-proċess għat-teħid ta' deċiżjonijiet (istituzzjonijiet politċi, amministrazzjoni pubblika, organiżżazzjonijiet tax-xogħol u NGOs prinċipali).
Indirizz url: http://ec.europa.eu/employment_social/women_men_stats/index_en.htm.

It-Tlieta, 13 ta' Marzu 2007

P6_TA(2007)0064

L-immaniġġjar kollettiv transkonfinali dwar drittijiet ta' l-awtur u drittijiet relatati għas-servizzi leġittimi ta' mużika online (2005/737/KE)

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Marzu 2007 dwar ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2005/737/KE tat-18 ta' Ottubru 2005 dwar l-immaniġġjar transkonfinali kollettiv tad-drittijiet ta' l-awtur u d-drittijiet relatati għal servizzi mużikali online leġittimi (2006/2008(INI))

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2005/737/KE tat-18 ta' Ottubru 2005 dwar l-immaniġġjar transkonfinali kollettiv tad-drittijiet ta' l-awtur u d-drittijiet relatati għal servizzi mużikali online leġittimi ([1]) (minn hawn 'il quddiem imsejħa "ir-Rakkomandazzjoni"),

— wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, b'mod partikolari l-Artikoli 95 u 151 tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Artikoli II-77 u II-82 tal-Karta dwar id-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikolu III-181 tat-Trattat li jistabbilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa,

— wara li kkunsidra l-ftehimiet internazzjonali fis-seħħ li japplikaw għad-drittijiet tal-mużika, jiġifieri l-Konvenzjoni ta' Ruma tas-26 ta' Ottubru 1961 għall-Protezzjoni ta' l-Artisti, tal-Produtturi ta' Fonogrammi u ta' l-Organizzazzjonijiet ta' Xandir, il-Konvenzjoni ta' Berna għall-Protezzjoni ta' Xogħlijiet Litterarji u Artistiċi, it-Trattat dwar id-Drittijiet ta' l-Awtur tal-WIPO ta' l-20 ta' Diċembru 1996, it-Trattat dwar ir-Rappreżentazzjonijiet u l-Fonogrammi ta' l-20 ta' Diċembru 1996, u l-Ftehima tad-WTO dwar Aspetti tad-Drittijiet tal-Proprjetà Intellettwali Relatati mal-Kummerċ (TRIPS) tal-15 ta' April 1994,

— wara li kkunsidra l-ġabra ta' liġijiet tal-KE ("acquis communautaire") fil-qasam tad-drittijiet ta' l-awtur u drittijiet relatati li tapplika għad-drittijiet tal-mużika, speċifikament id-Direttiva 2006/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar dritt ta' kiri u dritt ta' self u dwar ċerti drittijiet relatati mad-drittijiet ta' l-awtur fil-qasam tal-proprjetà intellettwali ([2]), id-Direttiva tal-Kunsill 93/83/KEE tas-27 ta' Settembru 1993 dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti regoli dwar id-drittijiet ta' l-awtur u drittijiet relatati ma' drittijiet ta' l-awtur applikabbli għal xandir bis-satellita u ritrażmissjoni bil-cable ([3]), id-Direttiva 2006/116/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar il-perjodu ta' protezzjoni ta' drittijiet ta' l-awtur u ta' ċerti drittijiet relatati ([4]) u d-Direttiva 2001/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2001 dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerti aspetti ta' drittijiet ta' l-awtur u drittijiet relatati fis-soċjetà ta' l-informazzjoni ([5]),

— wara li kkunsidra l-Green Paper tal-Kummissjoni Ewropea dwar id-drittijiet ta' l-awtur u d-drittijiet relatati fis-Soċjetà ta' l-Informazzjoni (COM(1995)0382),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Mejju 2003 dwar il-protezzjoni ta' artisti fis-settur awdjoviżiv ([6]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Jannar 2004 dwar qafas Komunitarju għal soċjetajiet ta' mmaniġġjar kollettiv fil-qasam tad-drittijiet ta' l-awtur u d-drittijiet relatati ([7]),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-16 ta' April 2004 dwar l-Immaniġġjar tad-Drittijiet ta' l-Awtur u Drittijiet Relatati fis-Suq Intern (COM(2004)0261),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-5 ta' Lulju 2006 dwar l-implimentazzjoni tal-Programm Komunitarju ta' Liżbona: aktar riċerka u innovazzjoni — investiment għat-tkabbir u l-impjiegi: Approċċ komuni ([8]),

([1]) ĠU L 276, 21.10.2005, p. 54.
([2]) ĠU L 376, 27.12.2006, p. 28.
([3]) ĠU L 248, 6.10.1993, p. 15.
([4]) ĠU L 372, 27.12.2006, p. 12.
([5]) ĠU L 167, 22.6.2001, p. 10.
([6]) ĠU C 67 E, 17.3.2004, p. 293.
([7]) ĠU C 92 E, 16.4.2004, p. 425.
([8]) *Testi Adottati*, P6_TA(2006)0301.

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-6 ta' Lulju 2006 dwar il-libertà ta' l-espressjoni fuq l-Internet ([1]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 45 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni (A6-0053/2007),

A. billi l-Kummissjoni naqqset li twettaq proċess ta' konsultazzjoni wiesa' u bir-reqqa mal-partijiet interessati u mal-Parlament qabel adottat ir-Rakkomandazzjoni; billi l-kategoriji kollha ta' detenturi ta' drittijiet għandhom ikunu kkonsultati dwar kwalunkwe attività regolatorja f'dan il-qasam fil-futur sabiex tiġi żgurata rappreżentanza ġusta u bbilanċjata ta' l-interessi,

B. billi n-nuqqas tal-Kummissjoni li tinvolvi lill-Parlament formalment hija inaċċettabbli, partikolarment meta titqies ir-riżoluzzjoni tal-Parlament tal-15 ta' Jannar 2004 msemmija hawn fuq, ladarba r-Rakkomandazzjoni evidentement tmur lil hinn mis-sempliċi interpretazzjoni jew suppliment tar-regoli eżistenti,

C. billi huwa inaċċettabbli li ngħażel approċċ ta' soft law mingħajr konsultazzjoni minn qabel u mingħajr l-involviment formali tal-Parlament u l-Kunsill, b'hekk ġie evitat il-proċess demokratiku, speċjalment minħabba li l-inizjattiva meħuda diġà infuwenzat deċiżjonijiet fis-suq għad-detriment potenzjali tal-kompetizzjoni u d-diversità kulturali,

D. billi r-rakkomandazzjoni għandha sempliċement il-ħsieb li tirregola l-bejgħ online ta' reġistrazzjonijiet mużikali, imma — minħabba l-mod impreċiż kif tpoġġa l-kliem — tista' tiġi applikata wkoll għal servizzi online oħra (pereżempju servizzi ta' xandir) li jinkludu reġistrazzjonijiet mużikali; billi n-nuqqas ta' ċarezza li jirriżulta dwar l-applikabilità ta' sistemi ta' liċenzjar li jvarjaw iwassal għal inċertezza legali u jinvolvi żvantaġġi b'mod partikulari għal sistemi ta' xandir online,

E. billi hemm riskju li d-detenturi tad-drittijiet li jikkonformaw mar-rakkomandazzjoni f'dak li għandu x'jaqsam mad-drittijiet online interattivi tagħhom se jċaħħdu lill-amministraturi kollettivi tad-drittijiet (CRMs) lokali minn drittijiet oħra (pereżempju ta' dawk relatati max-xandir), biex b'hekk utenti ta' dawk id-drittijiet jitwaqqfu milli jiksbu drittijiet ta' utent għal repertorju diversifikat mill-istess CRM uniku,

F. billi huwa inaċċettabbli li l-Kummissjoni għandha l-intenzjoni li tadotta rakkomandazzjoni dwar is-sistema attwali ta' kumpens ġust għal kopja privata, kif imsemmi fl-Artikolu 5(2)(b) tad-Direttiva 2001/29/KE, biex b'hekk għal darb'oħra jkun qed jiġi evitat il-proċess demokratiku applikabbli għar-regolar tad-drittijiet ta' l-awtur u d-drittijiet relatati,

G. billi huwa importanti li jkun evitat it-theddid possibbli u li jintlaħaq bilanċ raġonevoli bejn id-drittijiet u l-interessi tad-diversi partijiet li għandhom sehem fil-qasam;

H. billi l-mużika mhix merkanzija u l-amministraturi kollettivi tad-drittijiet huma l-biċċa l-kbira organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ, u billi l-introduzzjoni ta' sistema bbażata fuq kompetizzjoni kontrollata ti sta' ma tkunx fl-interessi tad-detenturi tad-drittijiet jew tal-promozzjoni tad-diversità kulturali u tal-kreattività,

I. billi s-CRMs nazzjonali għandu jibqa' jkollhom irwol importanti x'jaqdu fil-forniment ta' appoġġ għall-promozzjoni ta' detenturi ta' drittijiet ġodda u minoritarji, għad-diversità kulturali, għall-kreattività u għar-repertorju lokali, fatt li jassumi minn qabel li s-CRMs nazzjonali għandhom iżommu d-dritt li jiċċarġjaw drittijiet kulturali,

J. billi n-netwerk eżistenti tas-CRMs nazzjonali għandu rwol importanti fil-forniment ta' appoġġ finanzjarju għall-promozzjoni ta' repertorju Ewropew ġdid u minoritarju u billi dan m'għandux jintilef;

([1]) *Testi Adottati*, P6_TA(2006)0324.

It-Tlieta, 13 ta' Marzu 2007

K. billi kompetizzjoni ikbar, iżda kkontrollata, fl-immaniġġjar kollettiv tad-drittijiet ta' l-awtur u tad-drittijiet relatati fis-settur tal-mużika online ti sta' tkun ta' benefiċċju għall-partijiet kollha u ti sta' sservi ta' pedament għad-diversità kulturali, dejjem sakemm tkun ġusta u trasparenti u sakemm dik il-kompetizzjoni tikkonċerna biss il-kwalità u l-prezz tal-forniment tas-servizz partikolari mingħajr ma taffettwa l-valur tad-drittijiet,

L. billi hemm tħassib dwar l-effetti negattivi potenzjali ta' xi dispożizzjonijiet tar-Rakkomandazzjoni dwar repertorji lokali u dwar id-diversità kulturali meta wieħed jikkunsidra r-riskju potenzjali li tkun aġevolata konċentrazzjoni ta' drittijiet fis-CRMs ikbar, u billi l-impatt ta' kwalunkwe inizjattiva għall-introduzzjoni ta' kompetizzjoni bejn amministraturi tad-drittijiet biex jattiraw id-detenturi tad-drittijiet li l-aktar joffru qligħ iridu jkunu eżaminati u mwieżna fid-dawl ta' l-effetti ħżiena ta' tali approċċ fuq detenturi iżgħar ta' drittijiet, fuq CRMs ta' daqs żgħir u medju u fuq id-diversità kulturali,

M. billi l-kapaċità tad-detenturi tad-drittijiet u l-utenti li jagħżlu CRM indipendentement mill-Istat Membru li jkunu fih trid:

— tkun akkumpanjata mill-miżuri xierqa biex tiġi salvagwardjata u promossa d-diversità ta' l-espressjoni kulturali, b'mod speċifiku billi jiġu offerti lill-utenti, permezz ta' l-istess soċjetà unika ta' mmaniġġjar kollettiv, repertorji kbar u diversifikati, inklużi repertorji lokali u speċjalizzati u b'mod partikolari r-repertorju dinji għas-servizzi tax-xandara,

— tiżgura li d-detenturi kollha tad-drittijiet, irrispettivament miċ-ċittadinanza jew residenza tagħhom, jirċievu sehem ġust tar-royalties b'mod kemm jista' jkun dirett u ekwu, u kif ukoll d-drittijiet demokratiċi sħaħ biex jipparteċipaw fi kwistjonijiet ta' gvernar fis-CRMs konċernati,

— ma tippermettix li d-detenturi tad-drittijiet li l-aktar joffru qligħ isaħħu d-dominanza tagħhom għad-detriment tad-detenturi tad-drittijiet li jaqilgħu inqas, jew għad-detriment tad-detenturi tad-drittijiet li jippubblikaw xogħlijiethom taħt liċenzji b'xejn u għal kontenut miftuħ,

— ma ddgħajjifx it-trattament ekwu tad-detenturi kollha ta' drittijiet,

u billi s-soċjetà saret aktar sinjura permezz tal-qawmien ta' teknoloġiji ġodda li pprovdew metodi ġodda għall-konsum u d-distribuzzjoni ta' xogħlijiet mużikali u kontenut ieħor online, u billi, għalhekk hemm bżonn li tinħoloq sitwazzjoni fejn jidhru u jitqiesu l-interessi tal-partijiet kollha konċernati, inkluż l-utent aħħari,

N. billi s-sistema eżistenti ta' ftehimiet reċiproċi u tal-ġbir reċiproku ta' royalties għandha tinżamm sabiex il-kompetizzjoni tiġi introdotta fuq il-bażi ta' l-effiċjenza u l-kwalità tas-servizzi li jistgħu joffru s-CRMs u s-sehem perċentwali rappreżentat mill-ispejjeż amministrattivi, u utenti impenjati fil-bejgħ online ta' reġistrazzjonijiet mużikali huma liċenzjati fuq il-bażi tat-tariffa applikabbli fil-pajjiż fejn se jseħħ l-att ta' konsum tad-dritt ta' l-awtur mill-utent individwali u billi l-Istati Membri, b'koerenza sħiħa mar-regoli għax-xandir transkonfinali stabbiliti fid-Direttiva 93/83/KEE dwar xandir bis-satellita u ritrażmissjoni bil-cable, għandhom joħolqu ċertezza legali għal min jipprovdi servizzi online apparti l-bejgħ online ta' mużika u għandhom jippermettu li utenti oħra ta' dan it-tip japplikaw għall-kunsensi legali meħtieġa u jħallsu kif dovut royalties ekwi lill-kategoriji kollha ta' detenturi ta' drittijiet skond kundizzjonijiet ġusti, raġonevoli u li ma jiddiskriminawx,

O. billi s-sistema ta' ftehimiet ta' rappreżentazzjoni reċiproka għandha tinżamm, peress li tippermetti lill-utenti individwali u kummerċjali kollha biex bla diskriminazzjoni jkollhom aċċess indaqs għar-repertorju dinji, tiżgura ħarsien aħjar għad-detenturi tad-drittijiet, tiggarantixxi diversità kulturali reali u tistimula kompetizzjoni ġusta fis-suq intern;

P. billi s-CRMs għandhom ikunu ħielsa li jipprovdu liċenzji pan-Ewropej u għal ħafna repertorji għall-użu transkonfinali u l-użu online, għall-użu fit-telefonija mobbli u f'netwerks diġitali oħra lill-utenti kummerċjali bbażati fi kwalunkwe post fl-UE fejn qegħdin f'pożizzjoni adattata biex jamministraw l-utilizzazzjoni tad-drittijiet liċenzjati, u billi liċenzji multiterritorjali ta' dan it-tip għandhom jingħataw fuq kundizzjonijiet negozjati b'mod ġust mingħajr diskriminazzjoni bejn l-utenti, biex tiġi żgurata l-interoperabilità bejn pjattaformi teknoloġiċi differenti sabiex il-prassi ta' liċenzjar tas-CRM ma tirriżultax f'tagħwiġ fil-kompetizzjoni fost l-utenti differenti tad-drittijiet u l-mezzi ta' trażmissjoni teknoloġika differenti u li m'humiex interoperabbli,

Q. billi l-eżistenza ta' 'one-stop shops' minn fejn utenti kummerċjali jistgħu jiksbu liċenzja li tkopri r-repertorju dinji għat-territorji li jeħtieġu, flimkien ma' grad għoli ta' protezzjoni għas-sidien tad-drittijiet billi jiġi evitat il-'forum-shopping' (utenti li jfittxu s-CRM li tipprovdi l-orħos liċenzji), għandha tkun fiċ-ċentru tal-koperazzjoni mill-qrib bejn is-CRMs; billi, sabiex jinżamm one-stop shop, is-sistema eżistenti ta' ġbir reċiproku tar-royalties għandha tinżamm, flimkien ma' grad għoli ta' protezzjoni għall-utenti tad-drittijiet, sabiex tkun evitata pressjoni negattiva fuq id-dħul, filwaqt li jkun żgurat ukoll li ma jinghatawx mandati esklussivi mhux mixtieqa li jfixklu l-kompetizzjoni ġusta,

R. billi, b'mod speċjali fir-rigward ta' l-abbużi possibbli ta' monopolji, hemm bżonn ta' gvernar aħjar ta' xi CRMs permezz ta' solidarjetà, trasparenza, non-diskriminazzjoni, rappreżentanza ġusta u bilanċjata ta' kull kategorija ta' detenturi ta' drittijiet, u ta' regoli dwar responsabilità mtejbin flimkien ma' mekkaniżmi ta' kontroll xierqa fl-Istati Membri; billi s-CRMs għandhom jipprovdu s-servizzi tagħhom fuq il-bażi tat-tliet prinċipji ewlenin ta' effiċjenza, ekwità u trasparenza,

S. billi, kull meta d-drittijiet ikunu mmaniġġjati b'mod kollettiv, għandhom jiddaħħlu mekkaniżmi ekwi u effettivi għas-soluzzjoni ta' tilwim fl-Istati Membri sabiex jiġi żgurat li d-detenturi tad-drittijiet u l-utenti jkollhom aċċess għal mezz biex tintlaħaq soluzzjoni għat-tilwim, bla ħsara għad-dritt ta' kulħadd għal stħarriġ ġudizzjarju, u billi, b'konsegwenza, għandhom jiddaħħlu mekkaniżmi għas-soluzzjoni ta' tilwim ekwi, imparzjali u effettivi, bażati fuq kriterji ċari u relevanti għall-partijiet li għandhom sehem fil-qasam,

T. billi l-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni ta' l-impatt bir-reqqa bażata fuq 'data' korretta u kompluta dwar l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' ftehimiet u arranġamenti biex jittejbu r-riżultati possibbli u biex jiġu evalwati r-riskji ta' liċenzjar multiterritorjali u ta' ħafna repertorji għas-servizzi ta' mużika online, waqt li titqies b'mod sħiħ id-dimensjoni kulturali, ekonomika u soċjali,

U. billi hemm bżonn ta' għodod komuni u parametri li jistgħu jitqabblu bejniethom u tal-koordinazzjoni ta' l-oqsma ta' attività tas-CRMs sabiex titjieb il-koperazzjoni bejn is-CRMs u jitqies l-iżvilupp tas-soċjetà ta' l-informazzjoni,

V. billi kwalunkwe sforz magħmul biex tkun stimulata l-kompetizzjoni fis-suq intern u biex tiġi promossa d-distribuzzjoni internazzjonali tax-xogħlijiet mużikali Ewropej, indipendentement minn liema CRM timmaniġġja d-dritt ta' l-awtur, jintlaqa' bi pjaċir, filwaqt li wieħed iżomm f'moħħu li kull repertorju, indipendentement minn jekk ikunx magħruf b'mod wiesa' jew le, għandu jkun itrattat b'mod ugwali,

W. billi, waqt li r-Rakkomandazzjoni hija intenzjonata biex tkopri biss il-bejgħ online ta' reġistrazzjonijiet mużikali, il-mod wiesa' kif tpoġġa l-kliem fiha jkopri wkoll servizzi online oħra (bħas-servizzi ta' xandara) li jinzertaw li jinkludu mużika minn reġistrazzjonijiet ta' dan it-tip, imma li jistgħu jbatu minħabba l-inċertezza legali li toħloq ir-Rakkomandazzjoni dwar liema reġim ta' liċenzjar jista' japplika għal servizzi ta' dan it-tip, u billi s-soluzzjonijiet teknoloġiċi li se jiġu applikati fis-suq intern jridu jagħmlu mezz li kollox ikun bil-miftuħ u interoperabbli f'suriet li jservu biex iħarsu lill-konsumatur u mhux biss lid-detenturi tad-drittijiet,

X. billi kompetizzjoni akbar fl-immaniġġjar kollettiv tad-drittijiet ta' l-awtur u tad-drittijiet relatati fl-industrija tal-mużika tista', jekk tkun ġusta u trasparenti u fiċ-ċirkustanzi t-tajba, tissalvagwardja l-pożizzjoni ta' l-awturi fl-Ewropa (inklużi l-awturi lokali u r-repertorji minoritarji) u tħeġġeġ id-diversità kulturali fl-Ewropa,

Y. billi l-Kummissjoni għandha tassessja inizjattivi xierqa biex ikompli jiġi żgurat aċċess pubbliku wiesa' għar-repertorji, inklużi dawk iżgħar jew lokali, bi qbil mal-Konvenzjoni ta' l-UNESCO dwar il-Ħarsien u l-Promozzjoni tad-Diversità ta' l-Espressjonijiet Kulturali, minħabba n-natura partikulari ta' l-era diġitali iżda waqt li jitqiesu wkoll l-impatti diretti u indiretti li dan se jkollu fuq il-pożizzjoni globali ta' l-awturi u fuq id-diversità kulturali.

1. Jistieden lill-Kummissjoni biex tagħmilha ċara li r-Rakkomandazzjoni ta' l-2005 tapplika esklussivament għall-bejgħ online ta' reġistrazzjonijiet mużikali, biex kemm jista' jkun malajr tippreżenta — wara li tikkonsulta mill-qrib mal-partijiet interessati — proposta għal direttiva qafas flessibbli li għandha tiġi adottata mill-Parlament u l-Kunsill b'kodeċiżjoni bl-intenzjoni li jiġi rregolat l-immaniġġjar kollettiv tad-drittijiet ta' l-awtur u d-drittijiet relatati fir-rigward tas-servizzi mużikali online transkonfinali, waqt li titqies l-ispeċifiċità ta' l-era diġitali u waqt li jiġu salvagwardjati d-diversità kulturali Ewropea, il-partijiet li għandhom sehem żgħir fil-qasam u r-repertorji lokali, fuq il-bażi ta' trattament indaqs;

It-Tlieta, 13 ta' Marzu 2007

2. Jenfasizza li l-bażi tal-konsultazzjoni tal-Kummissjoni tal-partijiet interessati għandha jkollha bażi kemm jista' jkun wiesgħa, waqt li fid-diskussjoni tagħha jiġu inklużi l-għażliet l-oħra kollha, u mhux biss dawk stipulati fir-Rakkomandazzjoni u fid-Dokument ta' Ħidma ta' l-Istaff tal-Kummissjoni intitolat "Studju dwar inizjattiva Komunitarja dwar l-immaniġġjar kollettiv transkonfinali tad-drittijiet ta' l-awtur" tas-7 ta' Lulju 2005;

3. Jifhem u jappoġġja d-dispożizzjonijiet dwar il-possibilità eżistenti għad-detenturi tad-drittijiet li jagħżlu amministratur kollettiv tad-drittijiet, li jistabbilixxu d-drittijiet online fdati lilhom u l-kamp ta' applikazzjoni territorjali tagħhom u d-dritt li jirtiraw id-drittijiet mis-CRM jew li jgħadduhom lil CRM ieħor, u jenfasizza l-importanza li titqies l-effiċjenza tal-koperazzjoni bejn is-CRMs biex jitħarsu wkoll l-interessi ta' detenturi iżgħar u lokali tad-drittijiet u b'hekk biex tiġi salvagwardjata d-diversità kulturali;

4. Jikkunsidra wkoll li l-interessi ta' l-awturi u għalhekk tad-diversità kulturali fl-Ewropa jkunu moqdija l-aħjar bl-introduzzjoni ta' sistema kompetittiva ġusta u trasparenti li tevita pressjoni negattiva fuq id-dħul ta' l-awturi;

5. Jistieden lill-Istati Membri u lis-CRMs biex jiżguraw rappreżentanza ġusta tal-kategoriji kollha tad-detenturi tad-drittijiet fis-CRMs u b'hekk il-parteċipazzjoni bilanċjata tagħha fil-proċess intern ta' teħid ta' deċiżjonijiet;

6. Jenfasizza li d-direttiva proposta m'għandha bl-ebda mod iddgħajjef il-kompetittività tan-negozji kreattivi tas-settur, l-effettività tas-servizzi pprovduti mis-CRMs jew il-kompetittività tan-negozji ta' l-utenti — b'mod partikolari d-detenturi tad-drittijiet u l-utenti ż-żgħar — u għandha:

— tiggarantixxi livell għoli ta' protezzjoni u trattament ugwali lid-detenturi tad-drittijiet,

— tiżgura li, bħala parti mill-qafas legali Ewropew jew 'acquis communautaire' fir-rigward tad-drittijiet ta' proprjetà intelletwali, id-dispożizzjonijiet legali jkollhom impatt ta' vera, sinifikanti u xieraq fuq il-ħarsien effettiv tal-kategoriji kollha tad-detenturi tad-drittijiet, li għandhom ikunu suġġetti għal assessjar regolari u, fejn hemm bżonn, għal eżami mill-ġdid,

— tkun ibbażata fuq is-solidarjetà u bilanċ xieraq u ekwu bejn id-detenturi tad-drittijiet fi ħdan is-CRMs,

— tenfasizza l-użu ta' soluzzjonijiet alternattivi għal tilwim, sabiex il-partijiet involuti kollha jingħataw il-possibilità li jevitaw proċeduri legali mtawla u għaljin waqt li jiġi żgurat trattament ġust għad-detenturi u l-utenti,

— tipprovdi għal tmexxija demokratika, trasparenti u responsabbli fis-CRMs, billi fost oħrajn tistabbilixxi standards minimi għal strutturi organizzattivi, trasparenza, rappreżentanza, regoli għad-distribuzzjoni tad-drittijiet ta' l-awtur, kontabilità u rimedji legali,

— tiżgura trasparenza komprensiva fis-CRMs, b'mod partikulari fir-rigward tal-bażi li fuqha huma kkalkulati t-tariffi, l-ispejjeż amministrattivi u l-istruttura tal-provvista u, fejn ikun hemm bżonn għal dak l-iskop, tistipula regoli għar-regolar u s-superviżjoni tas-CRMs,

— tippromwovi l-kreattività u d-diversità kulturali,

— tippermetti biss kompetizzjoni ġusta u kkontrollata, mingħajr restrizzjonijiet territorjali, iżda bil-kriterji kwalitattivi neċessarji u xierqa għall-immaniġġjar kollettiv tad-drittijiet ta' l-awtur u l-ippreżervar tal-valur tad-drittijiet,

— tevita pressjoni negattiva fuq il-livelli tar-royalties billi tiżgura li l-utenti jingħataw liċenzja skond il-bażi tat-tariffa applikabbli fil-pajjiż fejn se jseħħ il-konsum tax-xogħol kopert bi dritt ta' l-awtur (l-hekk imsejjaħ "pajjiż ta' destinazzjoni"), u tgħin biex jinkiseb livell xieraq ta' royalties għad-detenturi tad-drittijiet,

— tippreżerva l-irwol kulturali u soċjali tas-CRMs waqt li jiġi żgurat li jamministraw il-finanzi tad-detenturi tad-drittijiet u jipprovdu servizzi lill-utenti u lid-detenturi tad-drittijiet b'tali mod li jiġi żgurat kemm jista' jkun li huma mħarsa,

— għal raġunijiet ta' effiċjenza, tippromwovi skambji ta' informazzjoni u tistipula obbligu għall-utenti u l-produtturi kummerċjali li juru lis-CRMs, fuq bażi ta' aċċess ħieles, l-informazzjoni kompluta u preċiża li jista' jkun hemm bżonn biex tippermettilhom jidentifikaw lid-detenturi tad-drittijiet u biex jamministraw id-drittijiet tagħhom kif suppost,

— tipprovdi utenti bi grad għoli ta' ċertezza legali u tippreżerva d-disponibilità tar-repertorju globali permezz ta' liċenzji disponibbli minn kwalunkwe CRM fl-UE u permezz ta' pjattaformi teknoloġiċi interoperabbli,

— tqis l-interessi ta' l-utenti u tas-suq, u b'mod partikulari tiżgura li l-utenti ta' daqs żgħir u medju jkollhom protezzjoni legali xierqa u, fil-każ ta' tilwim, li jkunu fis-seħħ mekkaniżmi effettivi u mhux għaljin għas-soluzzjoni ta' tilwim u li ma jtaqqlux lill-utenti bi spejjeż legali mhux raġonevoli,

— trawwem il-kapaċità tad-detenturi li jiżviluppaw ġenerazzjoni ġdida ta' mudelli għal-liċenzjar kollettiv għall-mużika fl-UE kollha għal użi online aktar adatti għall-ambjent online, fuq il-bażi ta' ftehmiet reċiproċi u l-ġbir reċiproku tar-royalties, waqt li jiġi żgurat li d-detenturi tad-drittijiet ma jabbużawx mill-pożizzjoni tagħhom biex jipprevjenu 'one-stop-shop' għal-liċenzjar kollettiv tar-repertorju dinji,

— tikkapitalizza fuq l-applikazzjonijiet fis-suq ta' miżuri u pjattaformi teknoloġiċi miftuħa u interoperabbli li huma kapaċi li jħarsu lid-detenturi tad-drittijiet, u li jippermettu li l-konsumatur jagħmel użu normali ta' kontenut leġittimu li jkunu kisbu legalment, u li jiżviluppaw mudelli kummerċjali ġodda fis-soċjetà ta' l-informazzjoni,

— tissodisfa b'mod adegwat il-ħtiġijiet futuri ta' suq online razzjonalizzat mingħajr ma toħloq theddida għall-kompetizzjoni ġusta u d-diversità kulturali, jew għall-valur tal-mużika,

— tqis il-forom differenti ta' servizzi online leġittimi ta' mużika u tistipula regoli speċifiċi biex jitrawwem l-iżvilupp tagħhom;

— tiggarantixxi l-effiċjenza u l-koerenza tas-sistemi ta' liċenzjar (pereżempju billi tippermetti lix-xandara jiksbu d-drittijiet bi qbil mal-leġiżlazzjoni dwar id-drittijiet ta' l-awtur fl-Istat Membru minn fejn joriġina l-programm konċernat) u tissimplifika l-estensjoni ta' ftehimiet kollettivi eżistenti sabiex jinkludu d-distribuzzjoni online interattiva ta' kontenut eżistenti (pereżmpju 'podcasting'),

— tevita ċ-ċentralizzazzazzjoni żejda tas-setgħat tas-suq u tar-repertorji billi tiżgura li l-mandati esklussivi ma jistgħux jingħataw lil CRM waħedha jew lil ftit wisq CRMs mid-detenturi ewlenin tad-drittijiet, biex b'hekk ikun garantit li r-repertorju globali jibqa' disponibbli għas-CRMs kollha għall-għoti ta' liċenzji lill-utenti,

— tippermetti li l-utenti jiksbu liċenzji pan-Ewropej minn kwalunkwe CRM li tkopri r-repertorju globali,

— tippreżerva s-sistema ta' ġbir reċiproku tar-royalties mis-CRMs għall-membri tagħhom,

— tintroduċi kompetizzjoni fuq il-bażi ta' l-effiċjenza u l-kwalità tas-servizzi li s-CRMs jistgħu joffru u mhux fuq il-bażi ta' remunerazzjoni li jipprovdu lid-detenturi tad-drittijiet;

7. Barra minn hekk, iqis li biex jiġi żgurat it-tħaddim sħiħ u komplet tas-sistema ta' reċiproċità għall-ġid tas-sidien kollha tad-drittijiet, huwa kruċjali li tiġi pprojbita kull forma ta' mandat esklussiv bejn is-sidien ewlenin tad-drittijiet u s-CRMs għall-ġbir dirett tar-royalties fl-Istati Membri kollha, għax dan iwassal għall-estinzjoni f'qasir żmien tas-CRMs nazzjonali u tiddgħajjef il-pożizzjoni tar-repertorji minoritarji u tad-diversità kulturali fl-Ewropa;

8. Jappoġġja l-idea li CRM għandu jkun ħieles li jipprovdi lill-utenti kummerċjali bbażati kullimkien fl-Unjoni Ewropea liċenzji pan-Ewropej u għal varjetà ta' repertorji biex jiġu użati online (inklużi l-użi ta' telefonija mobbli), skond termini ġusti u nnegozjati individwalment u bla diskriminazzjoni bejn l-utenti; jistieden lill-Kummissjoni biex twettaq evalwazzjoni ta' l-impatt ta' liċenzja globali għal servizzi online u ta' l-effetti tagħha fuq is-sitwazzjoni ekonomika u soċjali ta' l-awturi

9. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet u lill-parlamenti ta' l-Istati Membri.

L-Erbgħa, 14 ta' Marzu 2007

MINUTI

(2007/C 301 E/03)

PROĊEDURI TAS-SEDUTI

IPPRESIEDA: Hans-Gert PÖTTERING

President

1. Ftuħ tas-Seduta

Ħin tal-ftuħ tas-seduta: 09.00.

2. Twissija lil Membru Parlamentari

Il-President ħabbar li beda proċedura, skond l-Artikoli 9 u 147(3), tar-Regoli ta' Proċedura, kontra Maciej Marian Giertych, u, wara li l-bieraħ sema', fil-preżenza tas-Segretarju Ġenerali, lill-Membru kkonċernat, li taħ twissija talli ppubblika ktejjeb taħt l-isem tal-Parlament Ewropew, bi sfond ksenofobiku, li kien diġà kkundannat mill-Bureau fl-1 ta' Marzu 2007.

Għalhekk qara biċċa mit-test ta' l-ittra li hu bagħat lill-Membru, u għarraf li f'dan ir-rigward għadda komunikazzjoni lill-Bureau, lill-presidenti tal-gruppi politiċi u lill-korpi li dan il-Membru jipparteċipa fihom, jiġifieri l-Kumitat AFET u d-delegazzjoni għar-relazzjonijiet ma' l-Istati Uniti.

3. Dikjarazzjoni ta' Berlin (dibattitu)

Dikjarazzjonjiet tal-Kunsill u tal-Kummissjoni: Dikjarazzjoni ta' Berlin

Il-President, wara li seħaq li l-Konferenza tal-Presidenti kienet tatu l-awtorità biex jippreżenta lill-Parlament fin-negozjati dwar id-dikjarazzjoni ta' Berlin, introduċa d-dibattitu msemmi, b'enfasi għall-importanza kollha tagħha, dwar il-futur ta' l-Ewropa.

Frank-Walter Steinmeier (President fil-kariga tal-Kunsill) u Margot Wallström (Viċi President tal-Kummissjoni) għamlu d-dikjarazzjonijiet.

Tkellmu: Jo Leinen (President tal-Kumitat AFCO), Joseph Daul f'isem il-grupp PPE-DE, Martin Schulz f'isem il-grupp PSE, Graham Watson f'isem il-grupp ALDE, Cristiana Muscardini f'isem il-grupp UEN, Daniel Cohn-Bendit f'isem il-grupp Verts/ALE, Francis Wurtz f'isem il-grupp GUE/NGL, Nigel Farage f'isem il-grupp IND/DEM, Bruno Gollnisch f'isem il-grupp ITS, Roger Helmer Membru mhux affiljat, Proinsias De Rossa, dan dwar l-interventi preċedenti, Frank-Walter Steinmeier u Margot Wallström.

Id-dibattitu ngħalaq.

4. Laqgħa tal-Kunsill Ewropew (8 u 9 ta' Marzu 2007) (dibattitu)

Rapport tal-Kunsill Ewropew u dikjarazzjoni tal-Kummissjoni: Laqgħa tal-Kunsill Ewropew (8 u 9 ta' Marzu 2007)

Frank-Walter Steinmeier (President fil-kariga tal-Kunsill) ippreżenta r-rapport. u Günter Verheugen (Viċi President tal-Kummissjoni) għamel dikjarazzjoni.

Tkellmu: Marianne Thyssen f'isem il-grupp PPE-DE, Martin Schulz f'isem il-grupp PSE, Alexander Lambsdorff f'isem il-grupp ALDE, Michał Tomasz Kamiński f'isem il-grupp UEN, Monica Frassoni f'isem il-grupp Verts/ALE, Gabriele Zimmer f'isem il-grupp GUE/NGL, Nils Lundgren f'isem il-grupp IND/DEM, Andreas Mölzer f'isem il-grupp ITS, Jim Allister Membru mhux affiljat, Werner Langen, Linda McAvan, Karin Riis-Jørgensen, Guntars Krasts, Claude Turmes, Umberto Guidoni, Johannes Blokland, Timothy Kirkhope, Poul Nyrup Rasmussen, Chris Davies, Mario Borghezio, Ian Hudghton, Vladimír Remek, Georgios Karatzaferis, Antonio Tajani, Harlem Désir, Bronisław Geremek, Zbigniew Zaleski, Gianni Pittella, Anneli Jäätteenmäki, Markus Ferber, Adrian Severin, Elizabeth Lynne, Othmar Karas, Riitta Myller, Françoise Grossetête, Marek Siwiec, Malcolm Harbour, Marianne Mikko, Josef Zieleniec, Frank-Walter Steinmeier u Günter Verheugen.

Id-dibattitu ngħalaq.

5. Ħin tal-votazzjonijiet

Ir-riżultati tal-votazzjoni (emendi, votazzjonijiet separati u maqsumin, eċċ) jidhru fl-Anness "Riżultati tal-Votazzjonijiet" tal-Minuti.

5.1. Statistiki tal-Komunità dwar il-migrazzjoni u l-protezzjoni internazzjonali ***I (Artikolu 131 tar-Regoli ta' Proċedura) (votazzjoni)

Rapport dwar proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatistiki tal-Komunità dwar il-migrazzjoni u l-protezzjoni internazzjonali (COM(2005)0375 — C6-0279/2005 — 2005/0156(COD)) — Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern.
Rapporteur: Ewa Klamt (A6-0004/2007)

(Maġġoranza sempliċi meħtieġa)
(Riżultat tal-votazzjoni: Anness "Riżultat tal-Votazzjonijiet", Punt 1)

PROPOSTA TAL-KUMMISSJONI, EMENDI u ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA

Ewa Klamt (rapporteur) għamel dikjarazzjoni skond l-Artikolu 131(4) tar-Regoli ta' Proċedura.

Adottata b'votazzjoni unika *(P6_TA(2007)0065)*

*

* *

Tkellem Geoffrey Van Orden dwar is-sitwazzjoni fiż-Żimbabwe.

5.2. In-numru u l-kompożizzjoni numerika tad-delegazzjonijiet interparlamentari (votazzjoni)

Proposta għal deċiżjoni mressqa skond l-Artikolu 188 tar-Regoli ta' Proċedura, mill-Membri li ġejjin: Joseph Daul f'isem il-grupp PPE-DE, Martin Schulz f'isem il-grupp PSE, Graham Watson f'isem il-grupp ALDE, Brian Crowley f'isem il-grupp UEN, Daniel Cohn-Bendit f'isem il-grupp Verts/ALE, Francis Wurtz f'isem il-grupp GUE/NGL, Jens-Peter Bonde f'isem il-grupp IND/DEM, u Bruno Gollnisch f'isem il-grupp ITS, dwar in-numru ta' delegazzjonijiet interparlamentari u l-għadd tal-membri tagħhom (B6-0100/2007)

(Maġġoranza sempliċi meħtieġa)
(Riżultat tal-votazzjoni: Anness "Riżultat tal-Votazzjonijiet", Punt 2)

PROPOSTA GĦAL DEĊIŻJONI

Adottata *(P6_TA(2007)0066)*

5.3. Aġenzija tas-Sigurtà ta' l-Avjazzjoni Ewropea ***I (votazzjoni)

Rapport dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1592/2002 tal-15 ta' Lulju 2002 dwar regoli komuni fil-kamp ta' l-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija tas-Sigurtà ta' l-Avjazzjoni Ewropea (COM(2005)0579 — C6-0403/2005 — 2005/0228(COD)) — Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu.
Rapporteur: Jörg IPPRESIEDA:: (A6-0023/2007)

(Maġġoranza sempliċi meħtieġa)
(Riżultat tal-votazzjoni: Anness "Riżultat tal-Votazzjonijiet", Punt 3)

PROPOSTA TAL-KUMMISSJONI

Approvazzjoni bl-emendi *(P6_TA(2007)0067)*

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA

Adottata *(P6_TA(2007)0067)*

Tkellmu:

— Jörg IPPRESIEDA:: (rapporteur) għamel modifika teknika għall-Emenda 10;

— Jaromír Kohlíček ippreżenta emenda orali għall-Anness II, li nżammet.

5.4. Tqegħid fis-suq ta' laħam ta' bovini ta' eta' ta' mhux aktar minn tnax-il xahar * (votazzjoni)

Rapport dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' laħam ta' bovini ta' età ta' mhux aktar minn tnax-il xahar (COM(2006)0487 — C6-0330/2006 — 2006/0162(CNS)) — Kumitat għall-Biedja u l-Iżvilupp Rurali.
Rapporteur: Bernadette Bourzai (A6-0006/2007)

(Maġġoranza sempliċi meħtieġa)
(Riżultat tal-votazzjoni: Anness "Riżultat tal-Votazzjonijiet", Punt 4)

PROPOSTA TAL-KUMMISSJONI

Approvazzjoni bl-emendi *(P6_TA(2007)0063)*

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA

Adottata *(P6_TA(2007)0068)*

5.5. Ratifika tal-Konvenzjoni ta' l-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol dwar ix-Xogħol Marittimu, 2006 * (votazzjoni)

Rapport dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Istati Membri jirratifikaw, fl-interess tal-Komunità Ewropea, il-Konvenzjoni Konsolidata ta' l-ILO ta' l-2006 dwar ix-Xogħol Marittimu (COM(2006)0288 — C6-0241/2006 — 2006/0103(CNS)) — Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali.
Rapporteur: Mary Lou McDonald (A6-0019/2007)

(Maġġoranza sempliċi meħtieġa)
(Riżultat tal-votazzjoni: Anness "Riżultat tal-Votazzjonijiet", Punt 5)

PROPOSTA TAL-KUMMISSJONI

Approvazzjoni bl-emendi *(P6_TA(2007)0069)*

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA

Adottata *(P6_TA(2007)0069)*

5.6. **Servizzi soċjali ta' interess ġenerali fl-Unjoni Ewropea** (votazzjoni)

Rapport dwar is-servizzi soċjali ta' interess ġenerali fl-Unjoni Ewropea (2006/2134(INI)) — Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali.
Rapporteur: Joel Hasse Ferreira (A6-0057/2007)

(Maġġoranza sempliċi meħtieġa)
(Riżultat tal-votazzjoni: Anness "Riżultat tal-Votazzjonijiet", Punt 6)

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

Adottata *(P6_TA(2007)0070)*

5.7. **Ftehim dwar is-servizzi ta' l-ajru bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti ta' l-Amerika** (votazzjoni)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni B6-0077/2007

(Maġġoranza sempliċi meħtieġa)
(Riżultat tal-votazzjoni: Anness "Riżultat tal-Votazzjonijiet", Punt 7)

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

Adottata *(P6_TA(2007)0071)*

5.8. **Diżarmament u non-proliferazzjoni nukleari** (votazzjoni)

Mozzjonijiet għal riżoluzzjoni B6-0078/2007, B6-0085/2007, B6-0087/2007, B6-0088/2007, B6-0093/2007 u B6-0095/2007

(Maġġoranza sempliċi meħtieġa)
(Riżultat tal-votazzjoni: Anness "Riżultat tal-Votazzjonijiet", Punt 8)

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI RC-B6-0078/2007
(flok B6-0078/2007, B6-0085/2007, B6-0087/2007, B6-0088/2007, B6-0093/2007 u B6-0095/2007):

mressqa mill-Membri li ġejjin:
— José Ignacio Salafranca Sánchez-Neyra, Stefano Zappalà, Karl von Wogau, Tunne Kelam, Vytautas Landsbergis u Bogdan Klich f'isem il-grupp PPE-DE,
— Martin Schulz, Jan Marinus Wiersma, Ana Maria Gomes u Achille Occhetto f'isem il-grupp PSE,
— Annemie Neyts-Uyttebroeck u Marios Matsakis f'isem il-grupp ALDE,
— Ģirts Valdis Kristovskis, Ryszard Czarnecki u Hanna Foltyn-Kubicka f'isem il-grupp UEN,
— Angelika Beer, Jill Evans u Caroline Lucas f'isem il-grupp Verts/ALE,
— André Brie, Luisa Morgantini, Vittorio Agnoletto, Tobias Pflüger, Dimitrios Papadimoulis, Esko Seppänen u Jens Holm f'isem il-grupp GUE/NGL.

Adottata *(P6_TA(2007)0072)*

Tkellmu:

— Monica Frassoni f'isem il-grupp Verts/ALE, talbet li l-paragrafu 1, it-2 parti, u l-paragrafu 9 jridu jitressqu għall-votazzjoni b'sejħa ta' l-ismijiet (Il-President wieġeb li ma kellux objezzjoni għal din it-talba);

— Vytautas Landsbergis ippreżenta emenda orali għall-paragrafu 2, li nżammet.

6. Spjegazzjonijiet tal-vot

Spjegazzjonijiet tal-vot bil-miktub:

L-ispjegazzjonijiet tal-vot li tressqu skond l-Artikolu 163(3) tar-Regoli ta' Proċedura jidhru fir-rapport verbatim ta' din is-seduta.

Spjegazzjonijiet tal-vot orali:

— Rapport Jörg IPPRESIEDA:: — A6-0023/2007: Hubert Pirker

Bdot għandha tinħariġlu liċenzja meta jintwera li huwa jew hija jkun/tkun konformi mar-regoli stabbiliti biex ikun żgurat li huma jissodisfaw ir-rekwiżiti essenzjali relatati ma' l-għarfien teoretiku, il-ħiliet prattiċi u l-profiċjenza fil-lingwa. Din il-liċenzja ti sta' tinħareġ minn korp ta' valutazzjoni meta l-privileġġi li tagħti jkunu limitati għal titjir ***ta' inġenji ta' l-ajru żgħar***.

Bdot għandu jinħariġlu ċertifikat mediku meta jintwera li huwa jew hija jkun/tkun konformi mar-regoli stabbiliti biex ikun żgurat li jissodisfaw ir-rekwiżiti essenzjali li jirregolaw l-istat mediku. Dan iċ-ċertifikat mediku għandu jinħareġ minn eżaminaturi aeromediċi jew ċentri aeromediċi; madankollu, fil-każ ta' bdoti involuti f'operazzjonijiet ***ta' inġenji ta' l-ajru żgħar***, iċ-ċertifikat ji sta' jinħareġ minn tabib mhux speċjalizzat.

Il-privileġġi mogħtija lill-bdot u l-ambitu ta' l-applikazzjoni tal-liċenzja u ċ-ċertifikat mediku għandhom ikunu speċifikati fihom.

Ir-rekwiżiti tat-tieni u t-tielet subparagrafu jistgħu jiġu sodisfatti bl-aċċettazzjoni ta' liċenzji u ċertifikati mediċi maħruġa minn jew f'isem pajjiż terz safejn għandhom x'jaqsmu bdoti involuti fl-operazzjoni ta' inġenji ta' l-ajru msemmija fl-Artikolu 4(1)(c).

3. Il-kapaċità ta' korpi ta' valutazzjoni, organizzazzjonijiet ta' taħriġ tal-bdoti u organizzazzjonijiet responsabbli għall-valutazzjoni ta' l-istat mediku tal-bdoti li jaqdu r-responsabbiltajiet marbuta mal-privileġġi tagħhom fir-rigward tal-ħruġ ta' liċenzji u ċertifikati mediċi għandha tkun rikonoxxuta bil-ħruġ ta' approvazzjoni.

Approvazzjonijiet ta' organizzazzjonijiet għandhom jinħarġu meta jintwera li l-organizzazzjoni tikkonforma mar-regoli stabbiliti biex tkun żgurata l-konformità mar-rekwiżiti essenzjali relevanti kif stipulat fl-Anness III.

Il-privileġġi mogħtija mill-approvazzjonijiet għandhom jitniżżlu fihom.

4. Apparat sintetiku ta' taħriġ fit-titjir użat għat-taħriġ tal-bdoti għandu jkun suġġett għal ċertifikat. Dan iċ-ċertifikat għandu jinħareġ meta jintwera li l-apparat jikkonforma mar-regoli stabbiliti biex tkun żgurata l-konformità mar-rekwiżiti essenzjali relevanti kif stipulat fl-Anness III.

5. Persuna responsabbli għall-provvediment ta' taħriġ għall-bdoti, jew għall-valutazzjoni tal-kompetenza jew ta' l-istat mediku tagħhom għandu jkollha ċertifikat xieraq.

Dak iċ-ċertifikat għandu jinħareġ meta jintwera li l-applikant jikkonforma mar-regoli stabbiliti biex tkun żgurata l-konformità mar-rekwiżiti essenzjali relevanti kif stipulat fl-Anness III.

Il-privileġġi mogħtija fiċ-ċertifikat għandhom ikunu speċifikati fih.

6. Il-Kummissjoni għandha tadotta, skond il-proċedura stipulata fl-Artikolu 54(3), ir-regoli għat-twettiq ta' dan l-Artikolu. B'hekk, hija għandha tispeċifika b'mod partikolari:

a) il-klassifikazzjonijiet differenti ta' liċenzji tal-bdoti u ċ-ċertifikati mediċi adegwati għat-tipi differenti ta' attivitajiet li jkunu jiżvolġu;

b) il-kundizzjonijiet ta' ħruġ, żamma, emenda, limitazzjoni, sospensjoni jew revoka ta' liċenzji, klassifikazzjoni għal-liċenzji, ċertifikati mediċi, approvazzjonijiet ta' organizzazzjonijiet, korpi tal-valutazzjoni u ċertifikati tal-istaff;

c) il-privileġġi u r-responsabbiltajiet ta' dawk li jkollhom liċenzji, klassifikazzjoni tal-liċenzji, ċertifikati mediċi, approvazzjonijiet ta' organizzazzjonijiet u ċertifikati ta' l-istaff.

7. Hi u tistabbilixxi r-regoli tat-twettiq msemmija fil-paragrafu 6, il-Kummissjoni tagħti attenzjoni speċifika *li* dawn jirriflettu *l-prassi l-aktar moderni u dawk li huma l-aqwa****, u l-progress xjentifiku u tekniku*** fil-qasam tat-taħriġ ta' bdoti u li jippermettu li jkun hemm reazzjoni immedjata biex jiġu stabbiliti l-kawżi ta' aċċidenti u inċidenti serji.

Artikolu 6b

Operazzjonijiet ta' l-ajru

1. It-tħaddim ta' l-inġenji ta' l-ajru msemmija fl-Artikolu 4(1) (b) (c) u (d) għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti stipulati fl-Anness IV.

2. Operaturi involuti f'operazzjonijiet kummerċjali għandhom juru l-kapaċità u l-mezzi tagħhom li jattwaw ir-responsabbiltajiet marbuta mal-privileġġi tagħhom.

Dawn il-kapaċitajiet u l-mezzi għandhom jiġu rikonoxxuti bil-ħruġ ta' ċertifikat.

Il-privileġġi mogħtija lill-operatur u l-ambitu ta' l-applikazzjoni ta' l-operazzjonijiet għandhom ikunu speċifikati fiċ-ċertifikat.

Ir-rekwiżit ta' dan il-paragrafu ji sta' jiġi sodisfatt bl-aċċettazzjoni ta' ċertifikati maħruġa minn jew f'isem pajjiż terz safejn għandhom x'jaqsmu l-operaturi involuti fl-operazzjoni ta' l-inġenji ta' l-ajru msemmija fl-Artikolu 4(1)(d).

3. Operaturi li jiżvolġu operazzjoni mhux kummerċjali ta' inġenji ta' l-ajru kumplessi mħaddma bil-magni għandhom ***jippreżentaw dikjarazzjoni li tixhed*** il-kapaċità u l-mezzi tagħhom li jattwaw ir-responsabbiltajiet marbuta ma' l-operazzjoni ta' l-inġenji ta' l-ajru.

L-Erbgħa, 14 ta' Marzu 2007

4. Ekwipaġġ tal-kabina involut fit-tħaddim ta' l-inġenji ta' l-ajru msemmija fl-Artikolu 4(1)(b) u (c) għandu jikkonforma mar-rekwiżiti essenzjali stipulati fl-Anness IV. ***Dawk involuti f'operazzjonijiet kummerċjali għandu jkollhom attestazzjoni kif inizjalment deskritt fil-punt (d) ta' l-OPS 1.1005 kif stabbilit fl-Anness għar-Regolament (KE) Nru 1899/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*) dwar l-armonizzazzjoni tal-ħtiġiet tekniċi u proċeduri amministrattivi fil-qasam ta' l-avjazzjoni ċivili (UE OPS); tali attestazzjoni ti sta' tinħareġ minn operaturi approvati jew minn organizzazzjonijiet tat-taħriġ, fid-diskrezzjoni ta' l-Istat Membru.***

5. Il-Kummissjoni għandha tadotta, skond il-proċedura stipulata fl-Artikolu 54(3), ir-regoli għat-twettiq ta' dan l-Artikolu. Meta tagħmel dan, hija għandha tispeċifika b'mod partikolari:

a) il-kundizzjonijiet għat-tħaddim ta' inġenji ta' l-ajru f'konformità mar-rekwiżiti essenzjali stipulati fl-Anness IV;

b) il-kundizzjonijiet ta' ħruġ, żamma, emenda, limitazzjoni, sospensjoni jew revoka taċ-ċertifikat ta' operatur imsemmi fil-paragrafu 2;

c) il-privileġġi u r-responsabbiltajiet ta' dawk li għandhom iċ-ċertifikati;

d) ***il-kontenut u l-mezz tal-ħruġ tad-dikjarazzjonijiet li jridu jsiru mill-operaturi memmija fil-paragrafu 3, u*** *l*-kundizzjonijiet u l-proċeduri għas-sorveljanza u l-ispezzjoni ***rigward l-operazzjonijiet speċifiċi deskritti fid-dikjarazzjoni;***

e) il-kundizzjonijiet ta' ħruġ, ***għarfien reċiproku,*** żamma, emenda, limitazzjoni, sospensjoni jew revoka ta' l-attestazzjoni ta' l-ekwipaġġ tal-kabina msemmija fil-paragrafu 4;

(f) Il-kundizzjonijiet li taħthom operazzjonijiet għandhom jiġu pprojbiti, limitati jew suġġetti għal certi kundizzjonijiet fl-interess tas-sikurezza skond l-Artikolu 15b(2).

6. Ir-regoli tat-twettiq imsemmija fil-paragrafu 5 għandhom jirriflettu l-aqwa u l-aktar prassi moderni fil-qasam ta' l-operazzjoniijiet ta' l-ajru.

Ir-regoli tat-twettiq għandhom jikkunsidraw ukoll l-esperjenza dinjija fis-servizz ta' l-inġenji ta' l-ajru, u l-progress xjentifiku u teknoloġiku.

Huma għandhom jipprovdu għal reazzjoni immedjata biex jiġu stabbiliti l-kawżi ta' aċċidenti u inċidenti serji.

Huma m'għandhomx jimponu fuq l-inġenji ta' l-ajru msemmija fl-Artikolu 4(1) (c) u (d) rekwiżiti li jkunu inkompatibbli ma' l-obbligi ICAO ta' l-Istati Membri.

(*) ***ĠU L 377, 27.12.2006, p. 1***"

(6) L-Artikolu 7 *għandu jinbidel b'dan li ġej*:

"Artikolu 7

Superviżjoni kollettiva

1. L-Istati Membri u l-Aġenzija għandhom jikkooperaw permezz tal-ġbir, inklużi *ramp inspections,* u qsim ta' informazzjoni biex jiġi żgurat li d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament u r-regoli tat-twettiq tiegħu jiġu fil-fatt imwettqa.

2. Jekk Stat Membru jew l-Aġenzija jiksbu tagħrif li jipprova li ċertifikat maħruġ minn Stat Membru ieħor ma jkunx jikkonforma ma' dan ir-Regolament jew mad-dispożizzjonijiet tat-twettiq tiegħu b'mod li jkun jista' jhedded serjament is-sikurezza, huma għandhom minnufih jgħaddu s-sejbiet tagħhom lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni.

3. Il-Kummissjoni għandha tadotta, bi qbil mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 54(3), ir-regoli tat-twettiq tal-paragrafu 1, u tispeċifika b'mod partikolari l-kundizzjonijiet li ġejjin:

a) il-kundizzjonijiet għall-ġbir, l-iskambju u t-tixrid ta' informazzjoni;

b) il-kundizzjonijiet biex isiru *ramp inspections*, inklużi dawk sistematiċi;

c) il-kundizzjonijiet għad-detenzjoni ta' inġenji ta' l-ajru li ma jikkonformawx mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament jew ir-regoli tat-twettiq tiegħu."

(7) *Fl-Artikolu 8, il-paragrafu 2 għandu jinbidel b'dan li ġej:*

"2. ***Il-Kummissjoni, fuq inizjattiva tagħha stess jew fuq talba ta' Stat Membru jew ta' awtorita ta' l-Avjazzjoni nazzjonali, ti sta' tagħti bidu għall-proċedura msemmija fl-Artikolu 54(4) sabiex ikun deċiż jekk ċertifikat maħruġ skond dan ir-Regolament effettivament ikunx jikkonforma miegħu u mar-regoli tat-twettiq tiegħu.***

F'każ li ma jkunx hemm konformità jew f'każ ta' konformità mhux effettiva, il-Kummissjoni għandha titlob lil min ikun ħareġ iċ-ċertifikat biex jieħu azzjoni korrettiva u miżuri ta' salvagwardja xierqa, bħal-limitazzjoni jew is-sospensjoni taċ-ċertifikat. Barra minn hekk, id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1 m'għandhomx jibqgħu japplikaw għaċ-ċertifikat mid-data tan-notifika tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni lill-Istati Membri.

3. Meta l-Kummissjoni jkollha biżżejjed provi li tkun ittieħdet azzjoni korrettiva xierqa minn min ikun ħareġ iċ-ċertifikatkif imsemmi fil-paragrafu 2 biex jindirizza l-każ ta' nuqqas ta' konformità jew ta' konformità mhux effettiva u li ma jkunx għad hemm il-bżonn tal-miżuri ta' salvagwardja, għandha tiddeċiedi li d-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1 ikunu japplikaw għal dan iċ-ċertifikat. Dawn id-dispożizzjonijiet għandhom japplikaw mid-data tan-notifika ta' din id-deċiżjoni lill-Istati Membri.

4. Sakemm issir l-adozzjoni tar-regoli tat-twettiq imsemmija fl-Artikoli 5(4) u 6a(6), u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 57(2), iċ-ċertifikati li ma jistgħux jinħarġu skond dan ir-Regolament jistgħu jinħarġu fuq il-bażi tar-regolamenti nazzjonali applikabbli.

5. Sakemm issir l-adozzjoni tar-regoli tat-twettiq imsemmija fl-Artikolu 6b(5), u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 57(2), iċ-ċertifikati li ma jistgħux jinħarġu skond dan ir-Regolament jistgħu jinħarġu fuq il-bażi tar-regolamenti nazzjonali applikabbli jew, fejn ikun applikabbli, fuq il-bażi tar-rekwiżiti rilevanti tar-Regolament (KEE) Nru 3922/91.

6. Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għar-Regolament (KE) Nru 2111/2005 u għar-regoli tat-twettiq tiegħu."

(8) L-Artikolu 9, *paragrafu 1 għandu jiġi* emendat kif ġej:

"1. B'deroga mid-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament u r-regoli adottati għat-twettiq tiegħu, l-Aġenzija, fl-oqsma tal-kompetenza tagħha, għandha toħroġ ċertifikati fuq il-bażi ta' ċertifikati maħruġa mill-awtoritajiet aeronawtiċi ta' pajjiż terz, kif provdut fil-ftehimiet ta' rikonoxximent bejn il-Komunità u dak il-pajjiż terz."

(9) L-Artikolu 9a *għandu* jiddaħħal wara l-Artikolu 9:

"Artikolu 9a

Entitajiet kwalifikati

Meta jallokaw xogħol *speċifiku ta' ċertifikazzjoni* ***lil entità kwalifikata, l-Aġenzija jew l-awtorità nazzjonali ta' l-avjazzjoni kkonċernata għandha tiżgura li tali entità tkun tikkonforma*** mal-kriterji stabbiliti fl-***Anness V***."

L-Erbgħa, 14 ta' Marzu 2007

(10) L-Artikolu 10 *għandu jinbidel b'dan* li ġej:

"Artikolu 10

Dispożizzjonijiet dwar flessibilità

1. Id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament u regoli adottati għat-twettiq tiegħu ma jżommux Stat Membru milli jirreaġixxi immedjatament għal problema ta' sikurezza imprevista li tinvolvi prodott, persuna jew organizzazzjoni suġġetti għad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament.

L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw immedjatament lill-Aġenzija, il-Kummissjoni u l-Istati Membri l-oħra dwar il-miżuri meħuda u r-raġunijiet għalihom.

2. Bi qbil ma' l-Artikolu 16(3), l-Aġenzija ti sta' tiddetermina fi żmien xahar minn meta tiġi nnotifikata skond il-*paragrafu 1, jekk* il-problema ta' sikurezza tistax tiġi indirizzata fil-qafas ta' dan ir-Regolament u r-regoli tat-twettiq tiegħu, sakemm il-Kummissjoni ma tkunx qajmet oġġezzjonijiet matul l-istess perjodu. L-Aġenzija għandha mbagħad tieħu d-deċiżjoni xierqa, u tgħaddi kopja lill-Kummissjoni u l-Istati Membri l-oħra.

Jekk, mill-banda l-oħra, l-Aġenzija tiddetermina li l-problema ta' sikurezza tkun riżultat ta' nuqqas fi, jew livell inadegwat ta' sikurezza li jirriżulta mill-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament jew ir-regoli tat-twettiq tiegħu, hi għandha allura tiżviluppa u toħroġ opinjoni dwar jekk il-miżuri għandhomx jiġu rrevokati jew imħollija. Bi qbil mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 54(3), il-Kummissjoni ti sta' tieħu deċiżjoni fuq il-bażi ta' din l-opinjoni. Jekk il-miżuri jkunu se jitkomplew, huma għandhom jitwettqu mill-Istati Membri kollha u d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 għandhom japplikaw għalihom.

3. L-Istati Membri jistgħu jagħtu eżenzjonijiet mir-rekwiżiti sostantivi stipulati f'dan ir-Regolament u r-regoli tat-twettiq tiegħu fil-każ ta' ċirkustanzi operazzjonali urġenti mhux previsti jew ħtiġijiet operazzjonali ta' tul ta' żmien limitat, sakemm il-livell ta' sikurezza ma jkunx b'hekk affettwat ħażin. L-Aġenzija, il-Kummissjoni u l-Istati Membri l-oħra għandhom jiġu nnotifikati bi kwalunkwe eżenzjonijiet bħal dawn hekk kif dawn isiru ripetittivi jew fejn jingħataw għal perjodi ta' aktar minn xahrejn.

4. Bi qbil ma' l-Artikolu 16(3), l-Aġenzija għandha fi żmien xahar minn mindu tiġi nnotifikata skond il-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, tiddetermina jekk l-eżenzjonijiet jikkonformawx ma' l-għanijiet ġenerali tas-sikurezza ta' dan ir-Regolament jew kwalunkwe regola oħra tal-liġi Komunitarja. L-Aġenzija għandha toħroġ opinjoni lill-Kummissjoni.

Fuq il-bażi ta' din l-opinjoni u f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 54(4), il- Kummissjoni ti sta' tieħu deċiżjoni dwar ir-revoka ta' dawn l-eżenzjonijiet.

5. Fejn livell ta' protezzjoni ekwivalenti għal dak miksub bl-applikazzjoni tar-regoli tat-twettiq ta' dan ir-Regolament ji sta' jinkiseb b'mezzi oħra, Stat Membru ji sta', mingħajr diskriminazzjoni minħabba nazzjonalità, jagħti approvazzjoni ta' deroga minn dawk ir-regoli tat-twettiq.

F'każijiet bħal dawn, l-Istat Membru għandu jinnotifika lill-Aġenzija u l-Kummissjoni li bi ħsiebu jagħti tali approvazzjoni u għandu jagħti r-raġunijiet li juru l-bżonn ta' deroga mir-regola kkonċernata, kif ukoll il-kundizzjonijiet stipulati biex jiżguraw li jinkiseb livell ta' protezzjoni ekwivalenti.

6. Bi qbil ma' l-Artikolu 16(3), fi żmien xahrejn minn mindu tiġi nnotifikata skond il-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu, l-Aġenzija għandha toħroġ opinjoni dwar jekk l-approvazzjoni proposta tissodisfax il-kundizzjonijiet stipulati f'dak il-paragrafu.

Fi żmien xahar minn meta tirċievi l-opinjoni ta' l-Aġenzija, il-Kummissjoni ti sta' tagħti bidu għall-proċedura msemmija fl-Artikolu 54(3), sabiex tiddeċiedi jekk l-approvazzjoni proposta tistax tingħata jew għandhiex tiġi rrifjutata. Jekk l-approvazzjoni tkun ti sta' tingħata, il-Kummissjoni għandha tinnotifika d-deċiżjoni tagħha lill-Istati Membri kollha, li jkunu huma wkoll intitolati li japplikaw dik il-miżura. Id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 għandhom japplikaw għall-miżura kkonċernata."

(11) Fl-Artikolu 11, *il-paragrafu 4 għandu jinbidel b'dan li ġej*:

"4 *Sabiex il-pubbliku ikun infurmat bil-livell ġenerali ta' sikurezza, għandu jiġi ppubblikat kull sena mill-Aġenzija rapport dwar is-sikurezza.* Mid-dħul fis-seħħ tar-regoli tat-twettiq imsemmija *fl-Artikolu 7(3)*, dan l-eżami mill-ġdid tas-sikurezza għandu jinkludi analiżi ta' l-informazzjoni kollha li tkun waslet skond l-Artikolu 7. Din l-analiżi għandha tkun sempliċi u faċli biex tinftiehem u għandha tindika jekk hemmx riskju ta' sikurezza miżjud għall-passiġġieri ta' l-ajru. F'din l-analiżi, is-sorsi ta' l-informazzjoni għandhom jinżammu mistura."

(12) L-Artikolu 11a li ġej *għandu jiddaħħal* wara l-Artikolu 11:

"Artikolu 11a

Protezzjoni tas-sorsi ta' informazzjoni

1. Meta l-informazzjoni msemmija ***fl-Artikolu 11(1)*** tkun ingħatat minn persuna naturali fuq bażi volontarja ***lill-Kummissjoni jew lill-Aġenzija***, is-sors ta' tali informazzjoni ***m'għandux jinkixef. Meta t-tagħrif ikun ingħata lil awtorità nazzjonali, is-sors ta' tali tagħrif għandu jitħares skond il-leġiż-lazzjoni nazzjonali.***

2. Bla preġudizzju għar-regoli tal-liġi *kriminali* applikabbli, l-Istati Membri għandhom iżommu lura milli jibdew proċeduri fir-rigward ta' ksur mhux premeditat jew aċċidentali tal-liġi li jkun ġie għall-attenzjoni tagħhom biss għaliex kien ġie rrappurtat skond dan ir-Regolament u r-regoli tat-twettiq tiegħu.

Din ir-regola m'għandhiex tapplika f'każi ta' negliġenza serja.

3. ***Bla preġudizzju għar-regoli applikabbli tal-liġi kriminali, u b'konformità*** mal-proċeduri definiti fil-liġijiet u l-prassi nazzjonali tagħhom, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-impjegati li jipprovdu informazzjoni għall-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u r-regoli tat-twettiq tiegħu ma jkunux suġġetti għal xi preġudizzju *minn min iħaddimhom*. ***Din ir-regola m'għandhiex tapplika*** *f'każi* ta' negliġenza serja.

4. Dan l-Artikolu għandu japplika mingħajr preġudizzju għar-regoli nazzjonali marbuta ma' l-aċċess għall-informazzjoni minn awtoritajiet ġudizzjarji."

(13) L-Artikolu 13 *għandu jiġi* emendat kif ġej:

a) il-punt (c) *għandu jinbidel b'dan* li ġej:

"c) tiegħu d-deċiżjonijiet xierqa għall-applikazzjoni ta' l-Artikoli 9a, 15, 15a, 15b u 46";

b) *għandu jiżdied il-punt (d) li ġej*:

"d) toħroġ ir-rapporti wara spezzjonijiet ta' standardizzazzjoni magħmula skond l-Artikoli 16(1) u 45".

(14) Fl-Artikolu 14, *il-paragrafu 2 punt (a) għandu jinbidel b'dan il kliem:*

"*(a) inklużi kodiċi ta' airworthiness għandhom jitħassru*".

(15) L-Artikolu 15 *għandu jiġi* emendat kif ġej:

a) il-paragrafu 1 *għandu jiġi* emendat kif ġej:

i) *il-parti introduttorja għandha tiġi mibdula* b'dan li ġej:
"Fir-rigward ta' prodotti, parts u attrezzaturi msemmija fl-Artikolu 4(1) (a) u (b), l-Aġenzija għandha, fejn japplika u kif speċifikat fil-Konvenzjoni ta' Chicago jew l-Annessi tagħha, tiż-volġi f'isem l-Istati Membri l-funzjonijiet u x-xogħol ta' l-Istat tad-disinn, il-manifattura jew ir-reġistru fir-rigward ta' l-approvazzjoni ta' disinn. *Għal dak il-għan, hija għandha b'mod partiko-lari*":

ii) il-punt (e) *għandu jinbidel* b'dan li ġej:

"e) tagħmel, hija stess jew permezz ta' awtoritajiet ta' l-avjazzjoni nazzjonali jew entitajiet kwalifikati, investigazzjonijiet tekniċi assoċjati maċ-ċertifikazzjoni ta' prodotti, parts u attrezzaturi";

iii) il-punt (i) *għandu jinbidel* b'dan li ġej:

"i) temenda, tissospendi jew tirrevoka ċ-ċertifikat relevanti meta l-kundizzjonijiet li taħthom ikun maħruġ mill-Aġenzija ma jkunux baqgħu jiġu sodisfatti jew jekk il-persuna legali jew naturali li jkollha ċ-ċertifikat tonqos milli tissodisfa l-obbligi imposti fuqha minn dan ir-Regolament jew ir-regoli tat-twettiq tiegħu";

iv) għandhom jiżdiedu il-punti (k) u (l) li ġejjin:

"k) għal kull inġenju ta' l-ajru bil-permess li jtir huwa meħtieġ għal titjira waħda waħidha, li jistabbilixxi l-limitazzjonijiet xierqa;

l) toħroġ permessi ta' titjir lil inġenji ta' l-ajru meta tali permessi jkunu meħtieġa biex issir sensiela ta' titjiriet."

b) il-paragrafu 2 *għandu jiġi* emendat kif ġej:

i) fil-punt (b), *punt (ii) għandu jinbidel* b'dan li ġej:

"ii) organizzazzjonijiet ta' produzzjoni u manutenzjoni li jinsabu fit-territorju ta' l-Istati Membri, jekk mitluba mill-Istat Membru kkonċernat; jew"

ii) il-punt (c) *għandu jinbidel* b'dan li ġej:

"c) temenda, tissospendi u tirrevoka ċ-ċertifikat ta' l-organizzazzjoni relevanti meta l-kundizzjonijiet li taħthom ikun maħruġ mill-Aġenzija ma jibqgħux jiġu sodisfatti, jew jekk l-organizzazzjoni kkonċernata tonqos milli tissodisfa l-obbligi imposti fuqha minn dan ir-Regolament jew ir-regoli tat-twettiq tiegħu".

(16) L-Artikoli 15a u 15b li ġejjin *għandhom jiddaħħlu* wara l-Artikolu 15:

"Artikolu 15a

Ċertifikazzjoni *tal-Persunal*

1. Fir-rigward *tal-persunal* u ta' l-organizzazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 6a(1), l-Aġenzija għandha:

a) tagħmel, hija stess jew permezz ta' awtoritajiet ta' l-avjazzjoni jew entitajiet kwalifikati nazzjonali, spezzjonijiet u verifiki ta' l-organizzazzjonijiet u korpi ta' valutazzjoni li hi tiċċertifika;

b) toħroġ u ġġedded iċ-ċertifikati ta':

i) organizzazzjonijiet ta' taħriġ ta' staff u ċentri aeromediċi li jinsabu fit-territorju ta' l-Istati Membri, jekk mitluba mill-Istat Membru kkonċernat; jew

ii) organizzazzjonijiet ta' taħriġ ta' staff u ċentri aeromediċi li jinsabu barra t-territorju ta' l-Istati Membri; jew

iii) korpi ta' valutazzjoni jekk jintalbu minn korpi bħal dawn;

c) temenda, tillimita, tissospendi jew tirrevoka ċ-ċertifikat relevanti ta' l-organizzazzjoni meta l-kundizzjonijiet li taħthom ikun inħareġ mill-Aġenzija ma jkunux baqgħu jiġu sodisfatti, jew jekk il-persuna legali jew naturali li jkollha iċ-ċertifikat tonqos milli tissodisfa l-obbligi imposti fuqha minn dan ir-Regolament jew ir-regoli tat-twettiq tiegħu.

2. Fir-rigward ta' apparat sintetiku ta' taħriġ fit-titjir imsemmi fl-Artikolu 6a(1), l-Aġenzija għandha:

a) tagħmel, hija stess jew permezz ta' l-awtoritajiet ta' l-avjazzjoni jew entitajiet kwalifikati nazzjonali, spezzjonijiet tekniċi ta' apparati li hija tkun iċċertifikat;

b) toħroġ u ġġedded iċ-ċertifikati ta:

i) apparati sintetiċi ta' taħriġ fit-titjir użati minn organizzazzjonijiet tat-taħriġ iċċertifikati mill-Aġenzija; jew

ii) apparati sintetiċi ta' taħriġ fit-titjir li jinsabu fit-territorju ta' l-Istati Membri, jekk mitluba mill-Istat Membru kkonċernat; jew

iii) apparati sintetiċi ta' taħriġ fit-titjir li jinsabu barra t-territorju ta' l-Istati Membri;

c) temenda, tillimita, tissospendi jew tirrevoka ċ-ċertifikat relevanti meta l-kundizzjonijiet li taħthom ikun maħruġ mill-Aġenzija ma jkunux baqgħu jiġu sodisfatti, jew jekk il-persuna legali jew naturali li jkollha ċ-ċertifikat tonqos milli tissodisfa l-obbligi imposti fuqha minn dan ir-Regolament jew ir-regoli tat-twettiq tiegħu.

Artikolu 15b

Ċertifikazzjoni ta' l-Operaturi ta' l-Ajru

1. Fir-rigward ta' l-operaturi li jiżvolġu operazzjonijiet kummerċjali, l-Aġenzija għandha:

a) tagħmel, hija stess jew permezz ta' awtoritajiet ta' l-avjazzjoni jew entitajiet kwalifikati nazzjonali, spezzjonijiet u verifiki ta' l-operaturi li tiċċertifika;

b) toħroġ u ġġedded iċ-ċertifikati ta':

i) operaturi li jinsabu fit-territorju ta' l-Istati Membri, jekk mitluba mill-Istat Membru ikkonċernat; jew

ii) operaturi li jinsabu barra t-territorju ta' l-Istati Membri, ħlief jekk Stat Membru jagħmel il-funzjonijiet u x-xogħol ta' l-Istat ta' l-operatur għal dawn l-operaturi;

c) temenda, tillimita, tissospendi jew tirrevoka ċ-ċertifikat relevanti ta' l-operatur meta l-kundizzjonijiet li fuqhom ikun inħareġ mill-Aġenzija ma jibqgħux jiġu sodisfatti, jew jekk l-organizzazzjoni kkonċernata tonqos milli tissodisfa l-obbligi imposti fuqha minn dan ir-Regolament jew ir-regoli tat-twettiq tiegħu.

2. L-Aġenzija ti sta' tordna permezz ta' direttiva operazzjonali li operazzjoni għandha tkun ipprojbita, limitata jew suġġetta għal ċerti kundizzjonijiet fl-interess ta' operazzjonijiet sikuri.

3. Fir-rigward ta' limitazzjoni ta' ħin tat-titjir, l-Aġenzija għandha:

a) toħroġ l-ispeċifikazzjonijiet ta' ċertifikazzjoni applikabbli biex tiżgura l-konformità mar-rekwiżiti essenzjali u, kif jixraq, ir-regoli tat-twettiq relatati. B'mod partikulari fir-rigward ta' trasport kummerċjali bl-ajruplan, sakemm iseħħ l-adozzjoni tar-regoli tat-twettiq relatati msemmija fl-Artikolu 6b(5), l-Aġenzija għandha toħroġ l-ispeċifikazzjonijiet ta' ċertifikazzjoni applikabbli biex tiżgura l-konformità mas-Subparti Q ta' l-Anness III għar-Regolament (KEE) Nru 3922/91.

b) tapprova skemi individwali ta' speċifikazzjoni ta' ħin tat-titjir meta tali skemi ma jkunux jistgħu jiġu approvati taħt speċifikazzjoni ta' ċertifikazzjoni applikabbli."

(17) Fl-Artikolu 16, il-paragrafi 1 u 2 *għandhom jinbidlu* b'dan li ġej:

"1. L-Aġenzija għandha tagħmel spezzjonijiet ta' standardizzazzjoni fl-oqsma koperti mill-Artikolu 1 (1), sabiex timmonitorja l-applikazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali ta' dan ir-Regolament u tar-regoli tat-twettiq tiegħu, u għandha tirrapporta lill-Kummissjoni.

2. L-Aġenzija għandha tagħmel investigazzjonijiet tekniċi ta' intrapriżi sabiex timmonitorja l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u r-regoli tat-twettiq tiegħu wara li tikkunsidra l-għanijiet stabbiliti fl-Artikolu 2."

L-Erbgħa, 14 ta' Marzu 2007

(18) Għandu jiddaħħal l-Artikolu 16a li ġej:

"Artikolu 16a

Multi

1. Meta tkun qed tieħu d-deċiżjonijiet imsemmija fl-Artikolu 13(c), l-Aġenzija tista':

a) timponi multi fuq il-persuni u fuq l-impriżi li tkun ħarġitilhom ċertifikat hi stess fejn, bi ħsieb jew bi traskuraġni, ikunu nkisru d-dispożizzjoni ta' dan ir-Regolament u r-regoli tat-twettiq tiegħu;

b) timponi, fuq il-persuni u fuq l-impriżi li tkun ħarġitilhom ċertifikat hi stess, ħlasijiet penali perjodiċi, ikkalkulati mid-data stabbilita fid-deċiżjoni, sabiex iġġiegħlhom jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament jew tar-regoli tat-twettiq tiegħu.

2. Il-multi u l-ħlasijiet penali perjodiċi msemmija fil-paragrafu 1 għandhom ikunu dissważivi u proporzjonati kemm mal-gravità tal-każ kif ukoll mal-kapaċità ekonomika tad-detentur taċ-ċertifikat ikkonċernat, filwaqt li jingħata kas partikulari tal-punt safejn is-sikurezza tkun ġiet kompromessa.

3. Deċiżjonijiet meħuda skond il-paragrafu 1 m'għandhomx ikunu ta' natura ta' liġi kriminali.

4. L-ammont tal-multi u ta' ħlasijiet penali perjodiċi miġbura mill-Aġenzija għandu jitnaqqas mill-kontribuzzjoni msemmija fl-Artikolu 48(1)a.

5. Il-Kummissjoni għandha tadotta, b'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 54(3), ir-regoli għat-twettiq ta' dan l-Artikolu, u tispeċifika b'mod partikulari:

a) id-dispożizzjonijiet tar-regoli tat-twettiq li l-ksur tagħhom għandu jkun suġġett għall-applikazzjoni ta' multa u ta' ħlas penali perjodiku;

b) l-ammont massimu ta' multi u ħlasijiet penali perjodiċi;

c) il-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni ta' multi u ħlasijiet penali perjodiċi, inklużi l-kriterji biex jiġi ffissat l-ammont.

6. Meta tistabbilixxi l-kriterji biex jiġi ffissat l-ammont tal-multi u tal-ħlasijiet ta' penali perjodiċi, il-Kummissjoni għandha tagħti kas tad-dħul tal-persuni u ta' l-impriżi li fuqhom jiġu imposti."

(19) Fl-Artikolu 18(2), is-subparagrafu li ġej huwa miżjud:

Arranġamenti ta' ħidma għandhom jikkonformaw mal-liġi tal-Komunità u għandhom jikkunsidraw sew il-politika barranija tal-Komunità fil-konfront ta' pajjiżi terzi. Huma għandhom ikunu rċevew l-approvazzjoni tal-Kummissjoni minn qabel.

(20) Fl-Artikolu 20 għandu jiddaħħal il-paragrafu 1a li ġej:

"1a L-Artikolu 12(2)(e) u l-Artikolu 82(3)(e) tal-Kundizzjonijiet tax-xogħol ta' aġenti oħra tal-Komunitajiet Ewropej m'għandhomx japplikaw qabel 36 xahar wara d-data tar-reklutaġġ tal-persunal temporanju u tal-persunal kuntrattwali."

(21) Fl-Artikolu 24, *il-paragrafu 2 għandu jiġi* emendat kif ġej:

(a) il-punt (b) *għandu jinbidel* b'dan li ġej:

"b) jadotta r-rapport annwali ġenerali fuq l-attivitajiet ta' l-Aġenzija u jibagħtu sa mhux aktar tard mill-15 ta' Ġunju lill-Parlament Ewropew, il-Kunsill, il-Kummissjoni, il-Qorti ta' l-Awdituri u l-Istati Membri; u waqt li jaġixxi f'isem l-Aġenzija, għandu jibgħat kull sena lill-awtorità tal-baġit kull informazzjoni relevanti għar-riżultat tal-proċeduri ta' valutazzjoni ***u b'mod partikulari informazzjoni b'rabta ma' l-effetti jew mal-konsegwenzi ta' bidliet fid-dmirijiet attribwiti lill-Aġenzija***";

(b) il-punt (c) għandu jinbidel b'dan li ġej:

c) qabel it-30 ta' Settembru ta' kull sena, u wara li jirċievi l-opinjoni tal-Kummissjoni, jadotta il-programm ta' ħidma ta' l-Aġenzija għas-sena ta' wara u jgħaddiha lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri; dan il-programm ta' ħidma għandu jkun adottat mingħajr preġudizzju għall-proċedura baġitarja annwali tal-Komunità u l-programm leġiżlattiv tal-Komunità f'oqsma rilevanti tas-sigurtà ta' l-avjazzjoni; l-opinjoni tal-Kummissjoni għandha tkun mehmuża mal-programm ta' *ħidma* ta' l-Aġenzija adottat;

(c) il-punt (d) *għandu jinbidel* b'dan li ġej:

"d) tadotta linji ta' gwida għall-allokazzjoni ta' xogħlijiet ta' ċertifikazzjoni lil awtoritajiet ta' l-avjazzjoni u entitajiet kwalifikati bi ftehim mal-***Kummissjoni;***"

22) ***l-Artikolu*** 25 *għandu jiġi* emendat kif ġej:

a) il-paragrafu 1 *għandu jinbidel* b'dan li ġej:

"1. Il-Bord Maniġerjali għandu jkun magħmul minn rappreżentant wieħed għal kull Stat Membru u rappreżentant tal-Kummissjoni ***li għandhom jintgħażlu skond l-esperjenza rikonoxxuta tagħhom fil-qasam ta' l-avjazzjoni ċivili u skond il-kapaċitajiet maniġerjali tagħhom***. Għal dan il-għan, il-Kunsill, ***wara li jkun ikkonsulta lill-Parlament Ewropew,*** għandu jaħtar rappreżentant minn kull Stat Membru kif ukoll sostitut sabiex jirrappreżenta *lill*-membru fl-assenza tiegħu/tagħha ***u li m'għandux ikun involut fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u tar-regoli adottati għattwettiq tiegħu.*** Il-Kummissjoni għandha taħtar ukoll ir-rappreżentant tagħha u s-sostitut. Il-mandat għandu jkun ta' ħames snin. Dan il-mandat se jkun ji sta' jiġġedded."

b) *għandu jiżdied il-paragrafu 3 li ġej*:

"3. Fl-interess tat-trasparenza, er ba' rappreżentanti tal-partijiet interessati għandhom ikunu fuq il-Bord Maniġerjali, bħala osservaturi. Huma għandhom jinħatru mill-Kummissjoni minn fost lista stabbilita mill-korp konsultattiv imsemmi fl-Artikolu 24(4), u jirrappreżentaw, bl-aktar mod wiesa' possibbli, il-partijiet differenti rrappreżentati f'dan il-korp konsultattiv. Il-mandat tagħhom għandu jkun ta' tletin xahar, u ti sta' tiġi mġedda darba."

(23) L-Artikolu 26(2) għandu jinbidel b'dan li ġej:

"2. *Il-mandat taċ-Chairperson u tal-Viċi Chairperson għandhom jiskadu meta tispiċċa is-sħubija rispettiva tagħhom fil-Bord Maniġerjali. Bla ħsara għal din id-dispożizzjoni, it-tul tal-mandat taċ-Chairperson jew tad-Deputat Chairperson għandu jkun ta' tliet snin.* Dawn il-mandati jistgħu jiġġeddu darba."

(24) L-Artikolu 28(2) *għandu jinbidel* b'dan li ġej:

"2. Kull membru *nominat* ***skond l-Artikolu 25(1)*** għandu jkollu vot wieħed. Ir-rappreżentant mill-Kummissjoni għandu jkollu numru totali ta' voti ugwali ***għal 25 % tan-numru*** ta' membri maħtura mill-Kunsill. La r-rappreżentanti tal-partijiet interessati u lanqas id-Direttur Eżekuttiv ta' l-Aġenzija m'għandhom jivvutaw. Fl-assenza ta' membru, is-sostitut tiegħu jew tagħha għandu jkun intitolat li jeżerċita d-dritt tal-vot tiegħu jew tagħha."

L-Erbgħa, 14 ta' Marzu 2007

(25) ***L-Artikolu 29(3)*** *għandu jiġi* emendat kif ġej:

a) il-punt (a) *għandu jinbidel* b'dan li ġej:

"a) sabiex japprova l-miżuri ta' l-Aġenzija kif imfisser fl-Artikolu 13 fil- limiti speċifikati minn dan ir-Regolament, ir-regoli tat-twettiq tiegħu u kull liġi applikabbli";

b) il-punt (b) *għandu jinbidel* b'dan li ġej:

"b) sabiex torganizza spezzjonijiet u investigazzjonijiet kif provdut fl-Artikoli 45 u 46";

c) *għandhom jiżdiedu il-punti (k) u (l) li ġejjin*:

"k) sabiex tipprepara u twettaq il-programm annwali ta' xogħol;

l) sabiex twieġeb għal talbiet għall-assistenza mill-Kummissjoni."

(26) L-Artikolu 30 *għandu jiġi* emendat kif ġej:

a) *il-paragrafu 1 għandu jinbidel b'dan li ġej*:

"1. *Id-Direttur Eżekuttiv ta' l-Aġenzija għandu jinħatar fuq il-bażi ta' mertu u kompetenza u esperjenza dokumentati rilevanti għall-avjazzjoni ċivili, jew imkeċċi mill-Bord Maniġerjali fuq proposta tal-Kummissjoni. Il-Bord Maniġerjali għandu jieħu d-deċiżjoni tiegħu b'maġġoranza ta' tliet kwarti tal-membri tiegħu.* Qabel *jinħatar*, il-kandidat magħżul mill-Bord Maniġerjali ji sta' jintalab jagħmel dikjarazzjoni quddiem il-kumitat jew kumitati kompetenti tal-Parlament Ewropew u jwieġeb il-mistoqsijiet mingħand il-membri tiegħu, jew tagħhom."

(b) Il-paragrafu 4 *għandu jinbidel* b'dan li ġej:

"4. Il-mandat tad-Direttur Eżekuttiv u tad-Diretturi għandu jkun ta' ħames snin. Fuq proposta tal-Kummissjoni u wara evalwazzjoni, il-mandat tagħhom ji sta' jiġi mġedded darba, għal perjodu ta' mhux aktar minn ħames snin. Fl-evalwazzjoni l-Kummissjoni għandha tivvaluta b'mod partikolari:

— ir-riżultati miksuba fl-ewwel mandat u l-mod kif dawn inkisbu;

— id-dmirijiet u l-ħtiġijiet ta' l-Aġenzija fis-snin li ġejjin."

(27) Fl-Artikolu 35, il-paragrafu 1 *għandu jinbidel* b'dan li ġej:

"1. Ji sta' jsir appell kontra deċiżjonijiet ta' l-Aġenzija li jkunu ttieħdu skond l-Artikoli 9a, 15, 15a, 15b, 46 jew 53."

(28) L-Artikolu 41 *għandu jiġi* emendat kif ġej:

(a) Il-paragrafu 1 *għandu jinbidel* b'dan li ġej:

"1. Jistgħu jinġiebu azzjonijiet quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja għall-annullament ta' atti magħmula mill-Aġenzija li jorbtu legalment lil partijiet terzi, minħabba nuqqas ta' azzjoni u għal danni kkaġunati mill-Aġenzija matul l-attivitajiet tagħha."

(b) Il-paragrafu 2 *għandu jinbidel* b'dan li ġej:

"2. Azzjonijiet għall-annullament ta' deċiżjonijiet ta' l-Aġenzija li jkunu ttieħdu skond l-Artikoli 9a, 15, 15a, 15b, 46 jew 53 jistgħu jinġiebu quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja biss wara li l-proċeduri kollha ta' appell ikunu ġew eżawriti."

L-Erbgħa, 14 ta' Marzu 2007

(29) Fl-Artikolu 45, il-parti introduttorja tal-paragrafu 1 *għandha tiġi mibdula* b'dan li ġej:

"1. Bla preġudizzju għall-poteri ta' infurzar mogħtija mit-Trattat lill-Kummissjoni, l-Aġenzija għandha tgħin lill-Kummissjoni fil-monitoraġġ ta' l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u r-regoli tat-twettiq tiegħu, billi tagħmel spezzjonijiet ta' standardizzazzjoni ta' l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri kif speċifikat fl-Artikolu 16(1). L-uffiċjali awtorizzati taħt dan ir-Regolament, f'koordinazzjoni ma' l-awtoritajiet nazzjonali, huma b'hekk mogħtija s-setgħa, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-liġi ta' l-Istat Membru ikkonċernat:"

(30) L-Artikolu 46 *għandu jiġi* emendat kif ġej:

a) il-parti introduttorja tal-paragrafu 1 *għandha tiġi mibdula* b'dan li ġej:

"1. Għall-fini ta' l-applikazzjoni ta' l-Artikoli 15, 15a u 15b, l-Aġenzija ti sta' tagħmel hija stess jew talloka lil awtoritajiet ta' l-avjazzjoni jew entitajiet kwalifikati nazzjonali, kull investigazzjoni neċessarja ta' intrapriżi kif speċifikat fl-Artikolu 16(2). *Investigazzjonijiet għandhom jitwettqu f'konformità mad-dispożizzjonijiet legali ta' l-Istati Membri fejn għandhom isiru. Għal dak il-għan, il-persuni awtorizzati taħt dan ir-Regolament għandhom is-setgħa:*"

b) *għandu jiddaħħal* il-paragrafu 1a li ġej:

"1a. Għall-fini ta' l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 9a, l-Aġenzija ti sta' tagħmel hija stess jew talloka lil awtoritajiet ta' l-avjazzjoni nazzjonali kull investigazzjoni neċessarja ta' entitajiet kwalifikati kif speċifikat fl-Artikolu 16(2)."

(31) L-Artikoli 46a u 46b li ġejjin *għandhom jiddaħħlu* wara l-Artikolu 46:

"Artikolu 46a

Programm annwali ta' ħidma

Ir-rapport ġenerali annwali għandu jiddeskrivi l-mod li bih l-Aġenzija tkun wettqet il-programm annwali ta' xogħol tagħha. ***Għandu jindika b'mod ċar liema mandati u liema dmirijiet ta' l-Aġenzija żdiedu, inbidlu jew tneħħew meta mqabbla mas-sena ta' qabel.***

Il-preżentazzjoni tal-programm annwali ta' xogħol għandu jkun ibbażat fuq il-metodoloġija żviluppata mill-Kummissjoni bħala parti minn Maniġment Ibbażat fuq l-Attività.

Artikolu 46b

Rapport ġenerali annwali

Ir-rapport ġenerali annwali għandu jiddeskrivi l-mod li bih l-Aġenzija tkun wettqet il-programm annwali ta' xogħol tagħha. ***Għandu jiddeskrivi b'mod ċar kwalunkwe effetti jew konsegwenzi ta' bidliet fil-biċċiet ta' xogħol attribwiti lill-Aġenzija.***

Ir-rapport għandu jagħti deskrizzjoni qasira ta' l-attivitajiet li tkun għamlet l-Aġenzija u jevalwa r-riżultati fil-konfront ta' l-għanijiet u l-iskedi stabbiliti, ir-riskji assoċjati ma' l-attivitajiet li jkunu saru, u l-użu tar-riżorsi u l-operat ġenerali ta' l-Aġenzija."

(32) Fl-Artikolu 47, *għandu jiżdied il-paragrafu 6 li ġej*:

"6. L-informazzjoni miġbura mill-Aġenzija skond dan ir-Regolament għandha tkun suġġetta għar-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill *tas-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-ħarsien ta' individwi fir-rigward ta' l-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment ħieles ta' tali data.* (*)"

(*) ĠU L 8, 12.1.2001, p.1.

(33) L-Artikolu 48 *għandu jiġi* emendat kif ġej:

(a) Il-paragrafu 1 *għandu jinbidel* b'dan li ġej:

"1. Id-dħul finanzjarju ta' l-Aġenzija għandu jikkonsisti minn:

a) kontribuzzjoni mill-Komunità;

b) kontribuzzjoni minn kull pajjiż terz Ewropew li miegħu il-Komunità kkonkludiet ftehimiet imsemmija fl-Artikolu 55;

c) il-drittijiet imħallsa mill-applikanti għal, u detenturi ta', ċertifikati u approvazzjonijiet maħruġa mill-Aġenzija;

d) ħlasijiet mitluba għall-pubblikazzjonijiet, taħriġ u kwalunkwe servizzi oħra pprovduti mill-Aġenzija.

L-Aġenzija ***ma*** ti sta' tirċievi ***l-ebda*** kontribuzzjoni finanzjarji minn Stati Membri, pajjiżi terzi u entitajiet oħra."

(b) Għandu jiddaħħal il-paragrafu 5a li ġej:

"***5a. Il-baġit għal attivitajiet regolatorji u l-ħlasijiat iffissati u miġbura għal attivitajiet ta' ċertifikazzjoni għandhom jiġu deċiżi separatament u indirizzati separatament fil-baġit ta' l-Aġenzija.***"

(34) ***Fl-Artikolu 53, il-paragrafi minn 2 sa 4 għandhom jinbidlu b'dan li ġej:***

"***2. Ir-regolament dwar il-ħlasijiet u l-piżijiet għandu jiddetermina b'mod partikolari l-kwistjonijiet li għalihom ħlasijiet u piżijiet skond l-Artikolu 48(1) (c) u (d) huma dovuti, l-ammont ta' ħlasijiet u piżijiet u l-mod ta' kif għandhom jitħallsu.***

3. Il-ħlasijiet u piżijiet għandhom jiġu imposti:

a) għall-ħruġ u t-tiġdid ta' ċertifikati, kif ukoll il-funzjonijiet relatati ta' kontroll kontinwu ta' organizzazzjonijiet, ħlief għal dak li għandu x'jaqsam ma' li l-prodotti jkunu kontinwament tajbin għat-tajran;

b) għall-forniment ta' servizzi; għandhom jirriflettu l-ispiża attwali ta' kull forniment individwali;

c) għall-ipproċessar ta' appelli.

Il-ħlasijiet u l-piżijiet kollha għandhom ikunu espressi, u jitħallsu, f'euro.

4. L-ammont ta' ħlasijiet u piżijiet għandu jiġi ffissat f'livell tali li jiżgura li d-dħul fir-rigward tagħhom ikun fil-pinċipju biżżejjed biex ikopri l-ispiża kollha tas-servizzi mogħtija."

(35) *L-Artikolu 56(3)* ***għandu jinbidel b'dan li ġej:***

"***3. Drittijiet għal ċertifikazzjoni tat-tip u ħlasijiat oħra m'għandhomx ikunu sproporzonalment ogħla minn qabel ma ġiet stabbilita l-Aġenzija.***"

(36) L-Anness II *għandu jinbidel* bit-test imniżżel *fil-punt (1) ta'* l-Anness għal dan ir-Regolament.

(37) *Għandhom jiżdiedu l-Annessi III, IV u V, kif jidhru fil-punt (2) ta' l-Anness għal dan ir-Regolament.*

Il-Kapitolu II

Dispożizzjonijiet finali

Artikolu 2

Revoka

1. *Id-Direttiva 91/670/KEE għandha tkun imħassra* b'effett mid-dħul fis-seħħ tar-regoli tat-twettiq imsemmija fl-Artikolu 6a(6) *tar-Regolament (KE) Nru 1592/2002*.

2. L-Anness III għar-Regolament (KEE) Nru 3922/91 *għandu jitħassar* b'effett mid-dħul fis-seħħ tar-regoli tat-twettiq imsemmija fl-Artikolu 6b(5) *tar-Regolament (KE) Nru 1592/2002*.

3. Id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 *tar-Regolament (KE) Nru 1592/2002*għandhom japplikaw għal prodotti, parts u attrezzaturi, organizzazzjonijiet u persuni li ċ-ċertifikazzjoni tagħhom saret, jew hija rikonoxxuta, skond id-dispożizzjonijiet tad-*Direttiva 91/670/KEE* u l-Anness III għar-Regolament (KEE) Nru 3922/91.

Artikolu 3

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun applikabbli direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi …

Għall-Parlament Ewropew	Għall-Kunsill
Il-President	*Il-President*

ANNESS

(1) L-Anness II *għar-Regolament (KE) Nru 1592/2002 għandu jinbidel b'dan li ġej*:

"*ANNESS II*

Inġenji ta' l-ajru msemmija fl-Artikolu 4(2)

Inġenji ta' l-ajru li għalihom ma japplikawx l-Artikoli 4(1), (1a) u (1b) huma inġenji ta' l-ajru li jaqgħu taħt waħda jew aktar mill-kategoriji ta' dan l-Anness imniżżla hawn taħt:

a) inġenji ta' l-ajru storiċi li jissodisfaw il-kriterji ta' hawn taħt:

   i) inġenji ta' l-ajru mhux kumplessi li:
      — id-disinn inizjali tagħhom kien stabbilit qabel l-1.1.1955 u
      — il-produzzjoni tagħhom twaqqfet qabel l-1.1.1975.

jew

ii) inġenji ta' l-ajru li għandhom relevanza storika ċara, relatata ma':

— parteċipazzjoni f'avveniment storiku denju ta' nota; jew

— pass ewlieni fl-iżvilupp ta' l-avjazzjoni; jew

— rwol prinċipali fil-forzi armati ta' Stat Membru.

b) inġenji ta' l-ajru speċifikament iddisinjati jew immodifikati għar-riċerka, u għal skopijiet sperimentali jew xjentifiċi, u x'aktarx prodotti f'numri limitati ħafna;

c) inġenji ta' l-ajru li ta' l-inqas 51 % minnhom inbena minn dilettant, jew assoċjazzjoni ta' dilettanti mhux għal profitt, għall-iskopijiet tagħhom u mingħajr ebda għan kummerċjali;

d) inġenji ta' l-ajru li kienu fis-servizz ta' forzi militari, ħlief jekk l-inġenji ta' l-ajru huma ta' tip li għalih l-Aġenzija tkun adottat standard ta' disinn;

e) ajruplani, ħelikopters u paraxuts mekkanizzati li m'għandhomx aktar minn żewġ postijiet, u massa tal-tlugħ massima (MTOM), kif irrekordjata mill-Istati Membri, ta' mhux aktar minn:

i) 300 kg għal ajruplan/ħelikopter ta' l-art, b'post wieħed; jew

ii) 450 kg għal ajruplan/ħelikopter ta' l-art, b'żewġ postijiet; jew

iii) 330 kg għal anfibju jew ajruplan li jżomm f'wiċċ l-ilma/ħelikopter b'post wieħed; jew

iv) 495 kg għal anfibju jew ajruplan/ħelikopter li jżomm f'wiċċ l-ilma b'żewġ postijiet, sakemm, meta jopera kemm bħala ajruplan/ħelikopter li jżomm f'wiċċ l-ilma u kemm bħala ajruplan/ħelikopter ta' l-art, jaqa' taħt iż-żewġ limiti ta' l-MTOM, kif jixraq;

v) 472,5 kg għal ajruplan ta' l-art, b'żewġ postijiet mgħammar b'sistema ta' paraxut ta' rkupru totali mmuntata fuq l-*airframe*;

vi) 315 kg għal ajruplan ta' l-art, ta' post wieħed mgħammar b'sistema ta' paraxut ta' rkupru totali mmuntat fuq l-*airframe*;

vii) 600 kg għall-inġenji ta' l-ajru żgħar għal operazzjonijiet mhux kummerċjali;

u, għal ajruplani, li jkollhom veloċità *stall* jew veloċità minima f'titjir kostanti fil-konfigurazzjoni ta' l-inżul li ma teċċedix 35 knot veloċità fl-ajru kalibrata (CAS);

f) ġiroplani b'post wieħed jew żewġ postijiet b'massa tat-tlugħ massima li ma teċċedix 560 kg;

g) glajders b'massa vojta massima, ta' inqas minn 80kg meta jkunu ta' post wieħed jew 100 kg meta ta' żewġ postijiet, inklużi dawk li huma mtajra bis-saqajn;

h) repliki ta' inġenji ta' l-ajru li jissodisfaw il-kriterji ta' (a) jew (d) ta' hawn fuq, li d-disinn strutturali tagħhom huwa bħal dak ta' l-inġenji ta' l-ajru oriġinali;

i) inġenji ta' l-ajru mtajra bla ekwipaġġ b'massa ta' operazzjoni ta' inqas minn 150 kg;

j) kwalunkwe inġenju ta' l-ajru ieħor li għandu massa vojta massima, fjuwil inkluż, ta' inqas minn 70 kg."

L-Erbgħa, 14 ta' Marzu 2007

(2) L-Annessi III, IV u V li ġejjin għandhom jiżdiedu *mar-Regolament (KE) Nru 1592/2002*:

"ANNESS III

Ir-rekwiżiti essenzjali tal-liċenzjar ta' bdoti msemmija fl-Artikolu 6a

1. Taħriġ

1.a. Ġenerali

1.a.1. Persuna li titħarreġ biex ittajjar inġenju ta' l-ajru trid tkun matura biżżejjed fl-edukazzjoni, fiżikament u mentalment biex tikseb, iżżomm u turi l-għarfien teoretiku u l-ħila prattika relevanti.

1.b. Għarfien Teoretiku

1.b.1. Bdot irid jikseb u jżomm livell xieraq ta' għarfien tal-funzjonijiet eżerċitati fuq l-inġenji ta' l-ajru u proporzjonat mar-riskji marbuta mat-tip ta' attività. Tali għarfien irid jinkludi minn mill-anqas dan li ġej:

i) il-liġi ta' l-ajru;

ii) għarfien ġenerali dwar l-inġenji ta' l-ajru;

iii) materji tekniċi relatati mal-kategorija ta' l-inġenji ta' l-ajru;

iv) esekuzzjoni u ppjanar tat-titjira;

v) prestazzjoni umana u limitazzjonijiet;

vi) meteoroloġija;

vii) navigazzjoni;

viii) proċeduri ta' operazzjoni, inkluż l-immaniġġjar tar-riżorsi;

ix) prinċipji tat-titjir; u

x) komunikazzjonijiet.

1.c. Turija u żamma ta' għarfien teoretiku

1.c.1. Il-ksib u ż-żamma ta' għarfien teoretiku jrid jintwera permezz ta' valutazzjoni kontinwa waqt it-taħriġ, u fejn hu xieraq, permezz ta' eżamijiet.

1.c.2. Għandu jinżamm livell xieraq ta' kompetenza fl-għarfien teoretiku. Il-konformità trid tintwera permezz ta' valutazzjonijiet regolari, eżamijiet, testijiet jew kontrolli. Il-frekwenza ta' l-eżamijiet, testijiet jew kontrolli trid tkun proporzjonata mal-livell ta' riskju assoċjat ma' l-attività.

1.d. Ħila prattika

1.d.1. Bdot irid jikseb u jżomm livell xieraq ta' ħiliet prattiċi fil-funzjonijiet tiegħu/tagħha fuq l-inġenji ta' l-ajru. Tali ħiliet iridu jkunu proporzjonati mar-riskji marbuta mat-tip ta' attività u jridu jkopru, jekk jgħoddu għall-funzjonijiet eżerċitati fuq l-inġenji ta' l-ajru, dan li ġej:

i) attivitajiet ta' qabel u waqt it-titjira, inkluża l-prestazzjoni ta' l-inġenji ta' l-ajru, determinazzjoni tal-massa u l-bilanċ, spezzjoni u manutenzjoni ta' l-inġenji ta' l-ajru, ippjanar ta' fjuwil, għarfien dwar it-temp, ippjanar tar-rotta, restrizzjonijiet ta' l-ispazju ta' l-ajru u disponibbiltà ta' *runway*;

ii) l-operat ta' ajrudrom u operazzjoni ta' *patterns* tat-traffiku;

iii) il-prekawzjonijiet u proċeduri biex jiġu evitati kolliżjonijiet;

iv) kontroll ta' l-inġenji ta' l-ajru permezz ta' referenza viżiva esterna;

v) manuvri tat-titjir, inklużi dawk f'sitwazzjonijiet kritiċi, u l-manuvri "upset" assoċjati, kif teknikament possibbli;

vi) tlugħ u nżul normali u f'riħ laterali;

vii) titjir b'riferiment biss għal strumenti, skond kif japplika għat-tip ta' attività;

viii) proċeduri operazzjonali, inklużi ħiliet bħala parti minn tim u mmaniġġjar ta' riżorsi, kif applikabbli għat-tip ta' operazzjoni, kemm jekk b'ekwipaġġ ta' wieħed u kemm jekk ta' iktar;

ix) navigazzjoni u twettiq ta' regoli ta' l-ajru u proċeduri relatati, bl-użu kif jixraq, ta' riferiment viżiv jew għajnuniet ta' navigazzjoni;

x) operazzjonijiet anormali u ta' emerġenza, inklużi simulazzjonijiet ta' funzjonament ħażin ta' apparat ta' l-inġenji ta' l-ajru;

xi) konformità ma' proċeduri tas-servizzi tat-traffiku ta' l-ajru u komunikazzjoni;

xii) aspetti speċifiċi ta' tipi jew klassi ta' inġenji ta' l-ajru; u

xiii) taħriġ addizzjonali f'ħiliet prattiċi li jistgħu jkunu meħtieġa biex jitnaqqsu r-riskji marbuta ma' attivitajiet speċifiċi.

1.e. Turija u żamma ta' ħila prattika

1.e.1. Bdot irid juri l-kapaċità li jesegwixxi l-proċeduri u l-manuvri f'livell ta' kompetenza xieraq skond il-funzjonijiet eżerċitati fl-inġenji ta' l-ajru, billi:

i) jopera l-inġenji ta' l-ajru fil-limiti tagħhom;

ii) jesegwixxi l-manuvri kollha mingħajr intoppi u b'eżattezza;

iii) jeżerċita ġudizzju tajjeb u ħila għall-ajru;

iv) japplika għarfien aeronawtiku; u

v) jżomm kontroll ta' l-inġenji ta' l-ajru f'kull ħin b'mod li l-eżitu b'suċċess ta' proċedura jew manuvra jkun żgurat.

1.e.2. Irid jinżamm livell xieraq ta' kompetenza f'ħiliet prattiċi. Il-konformità trid tintwera permezz ta' valutazzjonijiet regolari, eżamijiet, testijiet jew kontrolli. Il-frekwenza ta' l-eżamijiet, testijiet jew kontrolli trid tkun proporzjonata mal-livell ta' riskju marbut ma' l-attività.

1.f. Profiċjenza fil-lingwa

Ħlief fejn ir-riskju tas-sikurezza relatat ji sta' jiġi mnaqqas b'mezzi oħra, bdot irid ikun wera profiċjenza fl-Ingliż, li trid tinkludi:

i) l-abbiltà li jifhem id-dokumenti ta' informazzjoni dwar it-temp;

ii) l-użu ta' mapep aeornawtiċi ta' waqt ir-rotta, tluq u avviċinament u dokumenti ta' informazzjoni aeronawtika marbuta magħhom; u

iii) l-abbiltà li jikkomunika ma' l-ekwipaġġ l-ieħor tat-titjira u mas-servizzi ta' navigazzjoni fl-ajru bl-Ingliż matul il-fażijiet kollha tat-titjira, inkluża l-preparazzjoni għat-titjira.

1.g. Apparati sintetiċi ta' taħriġ fit-titjir

Meta apparat sintetiku ta' taħriġ fit-titjir (FSTD) jintuża għat-taħriġ, jew biex jintwera li tkun inkisbet jew inżammet ħila prattika, dan l-FSTD irid ikun kwalifikat f'livell partikulari ta' prestazzjoni f'dawk l-oqsma, li huma relevanti għall-esekuzzjoni ta' l-azzjoni kkonċernata. B'mod partikulari, ir-replikazzjoni tal-konfigurazzjoni, kwalitajiet ta' maniġġjar, prestazzjoni ta' l-inġenji ta' l-ajru, u l-imġiba tas-sistemi jridu jirrappreżentaw b'mod adegwat l-inġenji ta' l-ajru.

1.h. Kors ta' taħriġ

1.h.1. It-taħriġ irid isir permezz ta' kors ta' taħriġ.

1.h.2. Kors ta' taħriġ irid jissodisfa l-kundizzjonijiet li ġejjin:

i) irid jiġi żviluppat sillabu għal kull tip ta' kors; u

ii) il-kors ta' taħriġ irid ikun imqassem bejn għarfien teoretiku u tagħlim prattiku fit-titjir (inkluż taħriġ sintetiku), jekk applikabbli.

1.i. *Instuctors*

1.i.1. Tagħlim teoretiku.

It-tagħlim teoretiku jrid jingħata minn għalliema kwalifikati kif jixraq. Huma jridu:

i) ikollhom għarfien xieraq fil-qasem li fih ikun se jingħata t-tagħlim; u

ii) ikunu kapaċi jużaw it-tekniki ta' tagħlim xierqa.

1.i.2. Tagħlim fit-titjir u titjir sintetiku.

Tagħlim fit-titjir u titjir sintetiku jrid jiġi mogħti minn għalliema kwalifikati kif jixraq, li jkollhom il-kwalifiki li ġejjin:

i) ikunu jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' għarfien teoretiku u esperjenza xierqa għat-tagħlim li jkun se jingħata;

ii) ikunu kapaċi jużaw it-tekniki ta' tagħlim xierqa;

iii) ikunu pprattikaw tekniki ta' tagħlim f'dawk il-manuvri u proċeduri tat-titjir li fihom hemm il-ħsieb li jipprovdi tagħlim fit-titjir;

iv) ikunu wrew l-abbiltà li jgħallmu f'dawk l-oqsma li fihom ikun se jingħata t-tagħlim, inkluż it-tagħlim għal qabel it-titjira, wara titjira, u fuq l-art; u

v) ikunu jirċievu taħriġ ta' aġġornament biex jiżguraw li l-istandard tal-kapaċità ta' għalliema jinżamm aġġornat.

Għalliema tat-titjir jridu wkoll ikunu awtorizzati li jagħmluha ta' kmandanti ta' l-inġenji ta' l-ajru li fuqhom ikun qed jingħata t-tagħlim, ħlief fil-każ ta' taħriġ fuq tipi ġodda ta' inġenji ta' l-ajru.

1.j. Eżaminaturi

1.j.1. Persuni responsabbli mill-valutazzjoni tal-kompetenza ta' bdoti jridu:

i) jkunu jissodisfaw jew issodisfaw ir-rekwiżiti ta' għalliema tat-titjir;

ii) ikunu kapaċi jivvalutaw prestazzjoni ta' bdot u jesegwixxu testijiet u kontrolli fuq titjira.

2. Organizzazzjonijiet tat-Taħriġ

2.a. Rekwiżiti ta' Organizzazzjonijiet tat-Taħriġ

2.a.1. Organizzazzjoni tat-taħriġ li tipprovdi taħriġ għall-bdoti trid tissodisfa r-rekwiżiti li ġejjin:

i) ikollha l-mezzi kollha neċessarji għall-ambitu ta' l-applikazzjoni tar-responsabbiltajiet assoċjati ma' l-attività tagħha. Dawn il-mezzi jinkludu, imma mhux limitati għal, dawn li ġejjin: faċilitajiet, staff, tagħmir, għodda u materjal, dokumentazzjoni tax-xogħlijiet, responsabbiltajiet u proċeduri, aċċess għad-*data* relevanti u żamma ta' rekords;

ii) twettaq u żżomm sistema ta' maniġment relatata mas-sikurezza u l-istandard ta' taħriġ, u timmira għal titjib kontinwu ta' din is-sistema; u

iii) twaqqaf arranġamenti ma' organizzazzjonijiet relevanti oħra, skond il-ħtieġa, biex tiżgura konformità kontinwa mar-rekwiżiti t'hawn fuq.

3. Stat mediku tajjeb

3.a. Kriterji mediċi

3.a.1. Il-bdoti kollha jridu perjodikament juru stat mediku tajjeb biżżejjed biex jesegwixxu l-funzjonijiet tagħhom b'mod sodisfaċenti, f'konsiderazzjoni tat-tip ta' attività. Il-konformità trid tintwera permezz ta' valutazzjoni xierqa bbażata fuq l-aħjar prattika aeromedika, f'konsiderazzjoni tat-tip ta' attività u l-possibbiltà ta' degradazzjoni mentali u fiżika minħabba l-età.

Stat mediku tajjeb, li hu kompost minn stat fiżiku u mentali tajjeb, ifisser li ma jkunx hemm problemi ta' mard jew diżabbiltà, li jirrendu l-bdot inkapaċi:

i) li jesegwixxi x-xogħol neċessarju biex jopera inġenji ta' l-ajru; jew

ii) li jesegwixxi doveri assenjati f'kull ħin; jew

iii) li jagħraf/tagħraf korrettament l-ambjent tiegħu/tagħha.

3.a.2. Fejn l-istat mediku tajjeb ma jkunx ji sta' jintwera b'mod sħiħ, jistgħu jitwettqu miżuri ta' mitigazzjoni li jipprovdu għal sikurezza ekwivalenti fit-titjir.

3.b. Eżaminaturi Aeromediċi

3.b.1. Eżaminatur aeromediku jrid:

i) ikun kwalifikat u liċenzjat fil-prattika tal-mediċina;

ii) ikun irċieva taħriġ fil-mediċina ta' l-avjazzjoni u taħriġ ta' aġġornament regolari fil-mediċina ta' l-avjazzjoni biex jiżgura li l-istandards ta' dik il-valutazzjoni jinżammu;

iii) ikun kiseb għarfien prattiku u esperjenza tal-kundizzjonijiet li fihom il-bdoti jaqdu dmirijiethom.

3.c. Ċentri aeromediċi

3.c.1. Ċentri aeromediċi jridu jissodisfaw dawn il-kundizzjonijiet li ġejjin:

i) ikollhom il-mezzi kollha neċessarji għall-ambitu ta' l-applikazzjoni tar-responsabbiltajiet marbuta ma' l-attività tagħhom. Dawn il-mezzi jinkludu, imma mhux limitati għal, dawn li ġejjin: faċilitajiet, staff, tagħmir, għodda u materjal, dokumentazzjoni ta' xogħlijiet, responsabbiltajiet u proċeduri, aċċess għad-data relevanti u żamma ta' rekords;

ii) jimplementaw u jżommu sistema ta' maniġment relatata mas-sikurezza u l-istandard ta' taħriġ, u jimmiraw għal titjib kontinwu ta' din is-sistema;

iii) iwaqqfu arranġamenti ma' organizzazzjonijiet oħra relevanti, skond il-ħtieġa, biex jiżguraw konformità kontinwa ma' dawn ir-rekwiżiti.

ANNESS IV

Rekwiżiti essenzjali għal operazzjonijiet ta' l-ajru msemmija fl-Artikolu 6b

1. Ġenerali

1.a. Titjira m'għandhiex issir jekk il-membri ta' l-ekwipaġġ u, kif ikun xieraq, l-istaff ta' l-operazzjonijiet l-ieħor kollu involut fil-preparazzjoni u l-esekuzzjoni tagħha ma jkunux familjari mal-liġijiet, Regolamenti u proċeduri applikabbli, relevanti għall-esekuzzjoni tad-dmirijiet tagħhom, preskritti għaż-żoni li jridu jiġu ttraversati, l-ajruporti li ppjanaw li jużaw u l-faċilitajiet tan-navigazzjoni fl-ajru relatati magħhom.

1.b. Titjira trid issir b'tali mod li jiġu segwiti l-proċeduri operazzjonali speċifikati fil-Manwal tat-Titjir jew, fejn meħtieġ il-Manwal ta' l-Operazzjonijiet, għall- preparazzjoni u l-esekuzzjoni tat-titjira. Biex dan ikun faċilitat, sistema ta' lista ta' kontroll trid tkun disponibbli għall-użu, kif jixraq, mill-membri ta' l-ekwipaġġ fil-fażijiet kollha ta' l-operazzjoni ta' l-inġenji ta' l-ajru taħt kundizzjonijiet u sitwazzjonijiet normali, anormali u ta' emerġenza. Għandhom jiġu stabbiliti proċeduri għal kwalunkwe sitwazzjoni ta' emerġenza raġonevolment prevedibbli.

1.c. Qabel kull titjira, ir-rwoli u d-dmirijiet ta' kull membru ta' l-ekwipaġġ għandhom jiġu ddefiniti. Il-bdot fil-kmand għandu jkun responsabbli għall-operazzjoni u s-sikurezza ta' l-inġenji ta' l-ajru u għas-sikurezza tal-membri ta' l-ekwipaġġ, passiġġieri u merkanzija kollha abbord.

1.d. Oġġetti u sustanzi, li jistgħu jikkawżaw riskji sinifikanti għas-saħħa, sikurezza, proprjetà jew l-ambjent, bħalma huma oġġetti perikolużi, armi u munizzjon, m'għandhomx ikunu trasportati fuq l-ebda ajruplan, ħlief jekk proċeduri u istruzzjonijiet speċifiċi ta' sikurezza jkunu ġew applikati biex jitnaqqsu r-riskji relatati.

1.e. Kull data, dokumenti, rekords u informazzjoni neċessarja għall-irrekordjar tat-tħaris tal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punt 5.c iridu jinżammu għal kull titjira u jibqgħu disponibbli għal perjodu minimu ta' żmien kompattibbli mat-tip ta' operazzjoni.

2. Preparazzjoni għat-titjira

2.a. Titjira m'għandhiex tibda jekk ma jiġix aċċertat b'kull mezz raġonevoli disponibbli li jkun hemm konformità mal-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

2.a.1. Faċilitajiet adegwati direttament meħtieġa għat-titjira u għall-operazzjoni sikura ta' l-inġenji ta' l-ajru, inklużi faċilitajiet ta' komunikazzjoni u għajnuniet tan-navigazzjoni, huma disponibbli għall-esekuzzjoni tat-titjira, f'konsiderazzjoni tad-dokumentazzjoni AIS disponibbli.

2.a.2. L-ekwipaġġ għandu jkun familjari ma', u l-passiġġieri jkunu infurmati dwar, fejn jinsab/u u kif jintuża it-tagħmir ta' emerġenza relevanti. Informazzjoni suffiċjenti li tirrigwarda proċeduri ta' emerġenza u l-użu tat-tagħmir tas-sikurezza tal-kabina jrid isir disponibbli għall-ekwipaġġ u l-passiġġieri permezz ta' informazzjoni speċifikata.

L-Erbgħa, 14 ta' Marzu 2007

2.a.3. Il-bdot fil-kmand irid ikun sodisfatt li:

i) l-inġenju ta' l-ajru hu tajjeb għat-titjir skond kif stipulat fil-punt 6;

ii) jekk meħtieġ, l-inġenju ta' l-ajru jkun irreġistrat kif suppost u li ċ-ċertifikati xierqa kollha fir-rigward tiegħu huma abbord l-inġenju ta' l-ajru;

iii) strumenti u tagħmir meħtieġa għall-esekuzzjoni ta' dik it-titjira huma installati fuq l-inġenju ta' l-ajru u huma operattivi kif stipulat fil-punt 5, jekk ma jkunx eżenti bis-saħħa ta' l-MEL jew dokument ekwivalenti applikabbli;

iv) il-massa ta' l-inġenju ta' ajru u l-punt taċ-ċentru tal-gravità huma b'tali mod li t-titjira ti sta' tiġi eżegwita fil-limiti msemmija fid-dokumentazzjoni ta' l-*airworthiness*;

v) il-bagalji kollha fil-kabina, il-bagalji kollha fl-istiva u l-merkanzija huma mgħobbija kif suppost u sikuri; u

vi) l-limiti ta' l-operazzjoni ta' l-inġenju ta' l-ajru kif stipulat fil-punt 4 ma jkunux maqbuża fl-ebda ħin matul it-titjira.

2.a.4. Informazzjoni li tirrigwarda l-kundizzjonijiet metereoloġiċi tat-tluq, destinazzjoni u, fejn applikabbli, ajruporti alternattivi, kif ukoll kundizzjonijiet għal waqt ir-rotta, għandhom ikunu disponibbli għall-ekwipaġġ tat-titjira. Għandha tingħata attenzjoni speċjali lil kundizzjonijiet atmosferiċi potenzjalment perikolużi.

2.a.5. Fil-każ ta' titjir f'kundizzjonijiet ta' silġ magħrufa jew mistennija, l-inġenju ta' l-ajru għandu jiġi ċċertifikat, mgħammar u/jew ittrattat biex jopera b'mod sikur f'kundizzjonijiet bħal dawn.

2.a.6. Għal titjira bbażata fuq regoli tat-titjir viżiv, il-kundizzjonijiet metereoloġiċi matul ir-rotta tat-titjira għandhom ikunu tali li jagħmlu l-konformità ma' dawn ir-regoli tat-titjir possibbli. Għal titjira bbażata fuq regoli tat-titjir bl-istrumenti, destinazzjoni u, fejn hu applikabbli, ajruport(i) alternattiv(i) fejn l-inġenju ta' l-ajru ji sta' jinżel, għandhom jintgħażlu f'konsiderazzjoni b'mod partikulari tal-kundizzjonijiet metereoloġiċi mbassra, id-disponibbiltà ta' tagħmir tan-navigazzjoni fl-ajru, id-disponibbiltà ta' faċilitajiet ta' l-art u l-proċeduri tat-titjir bl-istrumenti approvati mill-Istat fejn jinsab l-ajruport tad-destinazzjoni u/jew l-ajruport alternattiv.

2.a.7. L-ammont ta' fjuwil u żejt abbord għandu jkun biżżejjed biex jiżgura li t-titjira ppjanata ti sta' tiġi kkompletata fis-sikurezza, f'konsiderazzjoni tal-kundizzjonijiet metereoloġiċi, kwalunkwe element li jaffettwa l-prestazzjoni ta' l-inġenji ta' l-ajru u xi dewmien mistenni fit-titjira. Barra dan, riżerva ta' fjuwil trid tinġarr biex tipprovdi għal kontinġenzi. Proċeduri għall-ġestjoni tal-fjuwil waqt it-titjira jridu jkunu stabbiliti meta meħtieġa.

3. Operazzjonijiet ta' titjir

3.a. Fir-rigward ta' operazzjonijiet ta' titjir, il-kundizzjonijiet kollha li ġejjin iridu jkunu sodisfatti:

3.a.1. Fil-konsiderazzjoni tat-tip ta' inġenji ta' l-ajru, waqt it-tlugħ u l-inżul, u kull meta jkun meqjus neċessarju mill-bdot fil-kmand fl-interess tas-sikurezza, kull membru ta' l-ekwipaġġ għandu jkun bilqiegħda fl-istazzjon ta' l-ekwipaġġ u jrid juża s-sistemi ta' rażan ipprovduti, skond it-tip ta' l-inġenju ta' l-ajru.

3.a.2. Il-membri kollha ta' l-ekwipaġġ tat-titjira meħtieġa li jkunu xogħol fuq il-*flight deck* iridu jkunu u għandhom jibqgħu fl-istazzjon tagħhom, biċ-ċinturin tas-sikurezza maqful ħlief għall-bżonnijiet fiżjoloġiċi u operazzjonali.

3.a.3. Fil-konsiderazzjoni tat-tip ta' ingenju ta' l-ajru, qabel it-tlugħ u l-inżul, waqt it-*taxiing* u kull x'ħin ihoss il-bżonn fl-interess tas-sikurezza, il-bdot fil-kmand irid jiżgura li kull passiġġier jokkupa sit jew post ieħor biċ-ċinturin tas-sikurezza maqful kif suppost.

3.a.4. Titjira għandha ssir b'tali mod li tinżamm separazzjoni xierqa minn inġenji ta' l-ajru oħra u li jkun żgurat l-ispazju ħieles minn ostakli adegwat, matul il-fażijiet kollha tat-titjira. Tali separazzjoni trid tkun minn ta' l-inqas dik stabbilità mir-regoli ta' l-ajru applikabbli.

3.a.5. Titjira m'għandhiex titkompla ħlief jekk il-kundizzjonijiet magħrufa jibqgħu jkunu minn ta' l-inqas ekwivalenti għal dawk imsemmija fil-punt 2. Barra minn hekk, fil-każ ta' titjira bbażata fuq regoli tat-titjir bl-istrumenti, avviċinament lejn ajruport m'għandux jitkompla taħt ċertu għoli speċifikat jew lil hinn minn ċerta pożizzjoni, jekk il-kriterji ta' viżibbiltà preskritti ma jkunux sodisfatti.

3.a.6. F'emerġenza, il-bdot fil-kmand irid jiżgura li l-passiġġieri kollha jingħataw istruzzjonijiet xierqa dwar l-azzjoni ta' emerġenza meħtieġa fiċ-ċirkostanzi.

3.a.7. Il-bdot fil-kmand irid jieħu l-miżuri kollha neċessarji biex jimminimizza il-konsegwenzi fuq it-titjira ta' xi mġiba ta' passiġġieri li joħolqu l-inkwiet.

3.a.8. Inġenju ta' l-ajru m'għandux ikun *taxied* fuq l-erja tal-moviment ta' l-ajruport, jew ir-rotor tiegħu m'għandux ikun imħaddem, ħlief jekk il-persuna mal-kontrolli tkun kwalifikata kif jixraq.

3.a.9. Għandha tintuża l-proċedura applikabbli għall-ġestjoni tal-fjuwil waqt it-titjira, fejn ikun relevanti.

4. Limitazzjonijiet ta' prestazzjoni u operazzjoni ta' inġenji ta' l-ajru

4.a. Inġenju ta' l-ajru għandu jkun operat skond id-dokumentazzjoni ta' l-*airworthiness* tiegħu u l-proċeduri operazzjonali u l-limitazzjonijiet kollha relatati kif stipulati fil-manwal tat-titjir tiegħu jew dokumentazzjoni ekwivalenti, skond il-każ. Il-manwal tat-titjir jew dokumentazzjoni ekwivalenti għandha tkun disponibbli għall-ekwipaġġ u miżmuma aġġornata għal kull inġenju ta' l-ajru.

4.b. L-inġenju ta' l-ajru għandu jkun operat skond id-dokumentazzjoni ta' l-ambjent applikabbli.

4.c. Titjira m'għandhiex tinbeda jew titkompla ħlief jekk il-prestazzjoni skedata ta' l-inġenju ta' l-ajru, f'konsiderazzjoni tal-fatturi kollha li jaffettwaw b'mod sinifikanti l-livell tal-prestazzjoni tiegħu, tippermetti li kull fażi tat-titjira tkunu esegwita fil-limiti tad-distanzi/erjas u l-ispazju ħieles minn ostakli applikabbli għall-massa operattiva ppjanata. Il-fatturi ta' prestazzjoni li jaffettwaw b'mod sinifikanti t-tlugħ, il-vjaġġ u l-avviċinament/inżul huma, partikularment:

i) proċeduri ta' operazzjoni;

ii) pressjoni ta' l-altitudni ta' l-ajruport;

iii) temperatura;

iv) riħ;

v) id-daqs, iż-żerżieq ta' l-art u l-kundizzjoni ta' l-erja tat-tlugħ/nżul; u

vi) il-kundizzjoni ta' l-*airframe*, l-impjant ta' l-elettriċità jew is-sistemi, waqt li titqies il-possibbiltà ta' deterjorament.

4.c.1. Tali fatturi għandhom jiġu kkunsidrati direttament bħala parametri operazzjonali jew indirettament permezz ta' tolleranzi jew marġni, li jistgħu jiġu pprovduti fl-iskedar tad-*data* tal-prestazzjoni, kif applikabbli skond it-tip ta' operazzjoni.

5. Strumenti, *data* u tagħmir

5.a. Inġenju ta' l-ajru għandu jkun mgħammar b'kull tagħmir ta' navigazzjoni, komunikazzjoni u tagħmir ieħor neċessarju għat-titjira ppjanata, f'konsiderazzjoni tar-regolamenti tat-traffiku ta' l-ajru u r-regoli ta' l-ajru applikabbli waqt kull fażi tat-titjira.

L-Erbgħa, 14 ta' Marzu 2007

5.b. Meta relevanti, inġenju ta' l-ajru għandu jkun mgħammar bit-tagħmir kollu ta' sikurezza, mediċina, evakwazzjoni u sopravivenza neċessarju, f'konsiderazzjoni tar-riskji marbuta ma' l-erjas ta' operazzjoni, ir-rotot tat-titjir, l-altitudni u t-tul tat-titjira.

5.c. Kull *data* meħtieġa mill-ekwipaġġ għall-esekuzzjoni tat-titjira għandha tkun aġġornata u disponibbli abbord l-inġenju ta' l-ajru f'konsiderazzjoni tar-regolamenti tat-traffiku ta' l-ajru, ir-regoli ta' l-ajru, l-altitudnijiet tat-titjir u l-erjas ta' operazzjoni applikabbli.

6. Kontinwità ta' l-*Airworthiness*

6.a. L-inġenju ta' l-ajru m'għandux jopera ħlief jekk:

i) l-inġenju ta' l-ajru hu f'kundizzjoni tajba għat-titjir;

ii) it-tagħmir operazzjonali u ta' emerġenza neċessarju għat-titjira ppjanata hu fi stat tajjeb biex jintuża;

iii) id-dokument ta' l-*airworthiness* ta' l-inġenju ta' l-ajru huwa validu; u

iv) il-manutenzjoni ta' l-inġenju ta' l-ajru ssir skond il-programm tal-manutenzjoni tiegħu.

6.b. Qabel kull titjira, l-inġenju ta' l-ajru għandu jiġi spezzjonat, permezz ta' kontroll ta' qabel ittitjira, sabiex ikun magħruf jekk hux tajjeb għat-titjira ppjanata.

6.c. Il-programm tal-manutenzjoni għandu jinkludi b'mod partikulari, ix-xogħlijiet u l-intervalli ta' manutenzjoni, speċjalment dawk li jkunu speċifikati bħala mandatorji fl-istruzzjonijiet għal kontinwità ta' l-*airworthiness*.

6.d. L-inġenju ta' l-ajru m'għandux ikun operat ħlief jekk tkun saritlu l-manutenzjoni u jkun ġie rilaxxat għas-servizz minn persuni jew organizzazzjonijiet kwalifikati għal dan ix-xogħol. Ir-rilaxx għas-servizz iffirmat irid ikun fih b'mod partikulari, id-dettalji bażiċi tal-manutenzjoni magħmula.

6.e. Ir-rekords kollha li juru l-*airworthiness* ta' l-inġenji ta' l-ajru għandhom jinżammu sakemm l-informazzjoni li jkun fihom tiġi sostitwita b'informazzjoni ġdida ekwivalenti fl-ambitu u d-dettall imma għal mhux inqas minn sena fil-każ ta' rekords ta' manutenzjoni dettaljati. Meta inġenju ta' l-ajru jiġi rtirat mis-servizz b'mod permanenti, japplika perjodu minimu ta' 90 ġurnata. Meta l-inġenju ta' l-ajru jinkera, ir-rekords kollha li juru l-*airworthiness* ta' l-inġenju ta' l-ajru għandhom jinżammu għallinqas għal tul il-kirja.

6.f. Il-modifikazzjonijiet u t-tiswijiet kollha għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti essenzjali ta' l-*airworthiness*. Id-data li ssostni l-konformità mar-rekwiżiti ta' l-*airworthiness* għandha tinżamm.

7. Membri ta' l-ekwipaġġ

7.a. In-numru u l-kompożizzjoni ta' l-ekwipaġġ għandha tiġi ddeterminata f'konsiderazzjoni ta':

i) il-limitazzjonijiet taċ-ċertifikazzjoni ta' l-inġenji ta' l-ajru, inkluż jekk applikabbli, it-turija relevanti ta' evakwazzjoni f'emerġenza;

ii) il-konfigurazzjoni ta' l-inġenji ta' l-ajru; u

iii) it-tip u t-tul ta' l-operazzjonijiet.

7.b. Membri ta' l-ekwipaġġ tal-kabina għandhom:

i) ikunu mħarrġa u kkontrollati fuq bażi regolari biex jilħqu u jżommu livell adegwat ta' kompetenza biex jaqdu d-dmirijiet ta' sikurezza assenjati lilhom; u

ii) issirilhom valutazzjoni perjodika ta' l-istat mediku tagħhom li turi jekk ikunux tajbin biżżejjed biex jaqdu d-dmirijiet tagħhom ta' sikurezza. Il-konformità trid tintwera permezz ta' valutazzjoni xierqa bbażata fuq l-aħjar prattika aeromedika.

7.c. Il-bdot fil-kmand għandu jkollu l-awtorità li jagħti l-ordnijiet kollha u li jieħu kull azzjoni xierqa biex jassigura l-operazzjoni u s-sikurezza ta' l-inġenji ta' l-ajru u tal-persuni u/jew proprjetà li jkun qed iġorr.

7.d. F'sitwazzjoni ta' emerġenza, li tipperikola l-operazzjoni jew is-sikurezza ta' l-inġenji ta' l-ajru u/ jew il-persuni abbord, il-bdot fil-kmand għandu jieħu kwalunkwe azzjoni li huwa/hija jikkunsidra neċessarja fl-interess tas-sikurezza. Meta azzjoni bħal din tinvolvi ksur ta' regolamenti jew proċeduri lokali, il-bdot fil-kmand għandu jkollu r-responsabbiltà li jinnotifika lill-awtoritajiet lokali relevanti mingħajr dewmien.

7.e. M'għandhiex issir simulazzjoni ta' sitwazzjonijiet anormali ta' emerġenza waqt li jkunu qed jinġarru passiġġieri jew merkanzija.

7.f. L-ebda membru ta' l-ekwipaġġ m'għandu jħalli l-fakultà li jagħmel xogħlu/jieħu d-deċiżjonijiet tiddeterjora sa stat li fih is-sikurezza tat-titjira tiġi pperikolata minħabba l-effetti ta' l-għajja, akkumulazzjoni ta' għajja, nuqqas ta' rqad, numru ta' setturi ta' titjir, ħinijiet ta' bil-lejl, eċċ. Il-perjodi ta' mistrieħ għandhom ikunu twal biżżejjed biex jippermettu lill-membri ta' l-ekwipaġġ jirkupraw mill-effetti taddmirijiet preċedenti u jkunu mistrieħa sal-bidu tal-perjodu li jkun imiss ta' xogħol ta' titjir.

7.g. Membru ta' l-ekwipaġġ m'għandux jesegwixxi d-dmirijiet allokati lilu abbord inġenji ta' l-ajru meta jkun taħt l-influwenza ta' sustanzi psikoattivi jew l-alkoħol jew meta ma jkunx f'sikktu minħabba korriment, għajja, medikazzjoni, mard jew raġunijiet oħra simili.

8. Rekwiżiti addizzjonali għall-operazzjoni għal skopijiet kummerċjali u operazzjoni ta' inġenji ta' l-ajru mħaddma b'magni kumplessi.

8.a. L-operazzjoni għal skopijiet kummerċjali u l-operazzjoni ta' inġenji ta' l-ajru mħaddma b'magni kumplessi m'għandhomx isiru jekk ma jiġux sodisfatti l-kundizzjonijiet li ġejjin:

8. a.1. l-operatur għandu jkollu direttament, jew indirettament permezz ta' kuntratti, l-mezzi neċessarji skond id-daqs u l-ambitu ta' l-operazzjonijiet. Dawn il-mezzi jinkludu imma m'humiex limitati għal dawn li ġejjin: inġenji ta' l-ajru, faċilitajiet, staff, tagħmir, dokumentazzjoni ta' xogħlijiet, responsabbiltajiet u proċeduri, aċċess għad-*data* relevanti u żamma ta' rekords.

8.a.2. l-operatur għandu jutilizza biss staff kwalifikat u mħarreġ sew u jwettaq u jżomm programmi ta' taħriġ u kontrolli għall-membri ta' l-ekwipaġġ u staff ieħor relevanti.

8.a.3 .-operatur għandu jistabbilixxi Lista ta' Tagħmir Minimu (MEL) jew dokument ekwivalenti, b'kunsiderazzjoni ta' dan li ġej:

i) id-dokument għandu jipprovdi għall-fini ta' l-operazzjoni ta' l-inġenji ta' l-ajru, taħt kundizzjonijiet speċifikati, bi strumenti partikulari, lista ta' oġġetti ta' tagħmir jew funzjonijiet mhux operattivi fil-bidu tat-titjira;

ii) id-dokument irid jiġi ppreparat għal kull inġenju ta' l-ajru individwali, f'konsiderazzjoni tal-kundizzjonijiet ta' operazzjoni u manutenzjoni relevanti ta' l-operatur; u

iii) l-MEL għandha tkun ibbażata fuq il-Lista *Master* ta' Tagħmir Minimu (MMEL), jekk tkun disponibbli, u ma tridx tkun anqas restrittiva mill-MMEL;

8.a.4. l-operatur għandu jwettaq u jżomm sistema maniġerjali biex jiżgura l-konformità ma' dawn ir-rekwiżiti essenzjali għall-operazzjonijiet u jimmira għal titjib kontinwu ta' din is-sistema; u

8.a.5. l-operatur għandu jistabbilixxi u jżomm programm ta' prevenzjoni ta' aċċidenti u ta' sikurezza, inkluż programm għall-irrappurtar ta' l-okkorrenzi, li għandu jintuża mis-sistema maniġerjali sabiex tikkontribwixxi lejn l-għan ta' titjib kontinwu fis-sikurezza ta' l-operazzjonijiet.

8.b. L-operazzjoni għal skopijiet kummerċjali u l-operazzjoni ta' inġenji ta' l-ajru mħaddma b'magni kumplessi għandha ssir biss skond Manwal ta' l-Operazzjonijiet ta' operatur. Tali manwal għandu jinkludi l-istruzzjonijiet, l-informazzjoni u l-proċeduri kollha neċessarji għall-inġenji ta' l-ajru kollha mħaddma u għall-istaff ta' l-operazzjonijiet biex iwettqu dmirijiethom. Għandhom ikunu speċifikati t-tul ta' ħin tat-titjira, il-perjodi ta' xogħol waqt it-titjiriet u l-perjodi ta' mistrieħ għall-membri ta' l-ekwipaġġ. Il-Manwal ta' l-Operazzjonijiet u r-reviżjonijiet tiegħu għandhom ikunu konformi ma' Manwal tat-Titjir approvat u jiġu emendati skond il-ħtieġa.

8.c. L-operatur għandu jistabbilixxi proċeduri, kif inhu xieraq, biex jimminimizza l-konsegwenzi ta' imġiba diżordinata ta' passiġġieri fuq is-sikurezza ta' l-operazzjonijiet ta' titjir.

8.d. L-operatur għandu jiżviluppa u jżomm programmi tas-sikurezza adattati għall-inġenji ta' l-ajru u t-tip ta' operazzjoni li jkunu jinkludu partikularment:

i) is-sikurezza tal-kompartiment ta' l-ekwipaġġ tat-titjira;

ii) lista ta' kontroll ta' proċedura ta' tfittxija fuq l-inġenji ta' l-ajru;

iii) programmi ta' taħriġ;

iv) il-protezzjoni tas-sistemi elettroniċi u tal-kompjuter biex ikun prevenzjoni ta' interferenza u korruzzjoni intenzjonata fis-sistemi; u

v) rappurtar ta' atti illegali ta' interferenza.

Meta l-miżuri ta' sikurezza jistgħu jolqtu ħażin is-sikurezza ta' operazzjonijiet, ir-riskji jridu jiġu vvalutati u jridu jiġu żviluppati proċeduri xierqa biex inaqqsu r-riskji ta' sikurezza, dan ji sta' jirrikjedi l-użu ta' tagħmir speċjalizzat.

8.e. L-operatur għandu jaħtar bdot wieħed minn fost l-ekwipaġġ ta' l-ajru bħala l-bdot fil-kmand.

8.f. Il-prevenzjoni ta' l-għajja għandha tiġi amministrata permezz ta' sistema ta' roster. Għal titjira jew serje ta' titjiriet, din is-sistema ta' roster trid tindirizza l-ħinijiet tat- titjir, il-ħinijiet ta' xogħol waqt it-titjir, xogħol u l-perjodi ta' mistrieħ adattati. Il-limitazzjonijiet stabbiliti fis-sistema tar-roster trid tikkunsidra l-fatturi kollha relevanti li jikkontribwixxu għall-għajja bħal m'huma, b'mod partikolari, numru ta' setturi tat-titjir, ittraversar ta' żoni ta' ħin, nuqqas ta' rqad, sfrattu taċ-ċikli bijoloġiċi ta' kull jum, sigħat bil-lejl, stazzjonar, akkumulazzjoni ta' ħinijiet ta' xogħol għal perjodi speċifiċi, kondiviżjoni ta' xogħlijiet allokati fost membri ta' l-ekwipaġġ, u wkoll il-provvediment ta' ekwipaġġi miżjuda.

8.g. Ix-xogħlijiet speċifikati fil-punt 6.a u dawk deskritti fil-punti 6.d. u 6.e. għandhom ikunu kkontrollati minn organizzazzjoni responsabbli għall-ġestjoni tal-kontinwità ta' l-*airworthiness* li għandha tissodisfa, flimkien ma' dawk ir-rekwiżiti ta' l-Anness I fil-punt 3.a il-kundizzjonijiet li ġejjin:

i) l-organizzazzjoni għandha tkun kwalifikata għall-manutenzjoni tal-prodotti, il-parts u l-attrezzaturi li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tagħha jew tkun ikkonkludiet kuntratt ma' organizzazzjoni hekk kwalifikata għal dawn il-prodotti, parts u attrezzaturi; u

ii) l-organizzazzjoni għandha tistabbilixxi manwal ta' l-organizzazzjoni li jipprovdi, għall-użu u l-gwida ta' l-istaff ikkonċernat, deskrizzjoni ta' kull proċedura ta' kontinwità ta' l-*airworthiness* ta' l-organizzazzjoni, inkluż meta japplika, deskrizzjoni ta' l-arranġamenti amministrattivi bejn l-organizzazzjoni u l-organizzazzjoni tal-manutenzjoni approvata.

8.h. Ir-regoli tat-twettiq għar-rekwiżiti speċifikati taħt il-punti 8.a sa 8.f għandhom ikunu msejsa fuq evalwazzjoni tar-riskji u għandhom ikunu proporzjonali għall-iskala u għall-ambitu ta' l-operazzjoni.

ANNESS V

Kriterji għall-entitajiet kwalifikati msemmija fl-Artikolu 9a

1. L-entità, id-Direttur u l-istaff tagħha responsabbli għall-esekuzzjoni tal-kontrolli, ma jistgħux jinvolvu ruħhom, la direttament u lanqas bħala rappreżentanti awtorizzati, fid-disinn, il-manifattura, il-promozzjoni ta' bejgħ jew il-manutenzjoni tal-prodotti, il-parts, l-attrezzaturi, kostitwenti jew sistemi jew fl-operazzjonijiet, il-provvediment ta' servizz jew l-użu tagħhom. Dan ma jeskludix il-possibbiltà ta' skambju ta' informazzjoni teknika bejn l-organizzazzjonijiet involuti u l-entità kwalifikata.

2. L-entità u l-istaff responsabbli għax-xogħlijiet ta' ċertifikazzjoni għandhom jesegwixxu d-dmirijiet tagħhom bl-akbar integrità professjonali possibbli u l-akbar kompetenza teknika possibbli u għandhom ikunu ħielsa minn kull pressjoni u inċentiv, b'mod partikolari ta' natura finanzjarja, li jistgħu jaffettwaw il-ġudizzju tagħhom u r-riżultati ta' l-investigazzjonijiet, b'mod partikolari minn persuni jew gruppi affettwati mir-riżultati tax-xogħlijiet ta' ċertifikazzjoni.

3. L-entità għandha timpjega staff u jkollha l-mezzi meħtieġa biex tesegwixxi adegwatament ix-xogħlijiet tekniċi u amministrattivi marbuta mal-proċess ta' ċertifikazzjoni; għandu jkollha wkoll aċċess għat-tagħmir meħtieġ għal kontrolli eċċezzjonali.

4. L-istaff responsabbli għall-investigazzjoni għandu jkollu:

— taħriġ tekniku u vokazzjonali sod;

— għarfien sodisfaċenti tar-rekwiżiti tax-xogħlijiet ta' ċertifikazzjoni li jwettaq u esperjenza adegwata ta' tali proċessi;

— l-abbiltà meħtieġa biex jipprepara dikjarazzjonijiet, rekords u rapporti li juru li l-investigazzjonijiet ikunu ġew esegwiti.

5. L-imparzjalità ta' l-istaff investigattiv trid tiġi ggarantita. Ir-remunerazzjoni tagħhom ma tridx tkun tiddependi fuq in-numru ta' investigazzjonijiet magħmula jew fuq ir-riżultati ta' tali investigazzjonijiet.

6. L-entità għandha toħroġ polza ta' assigurazzjoni tar-responsabbiltà ħlief fejn ir-responsabbiltà tagħha tkun meħuda minn Stat Membru wieħed skond il-liġi nazzjonali tiegħu.

7. L-istaff ta' l-entità għandu josserva s-segretezza professjonali fir-rigward ta' l-informazzjoni kollha li kisbet waqt l-esekuzzjoni ta' xogħolhom skond dan ir-Regolament."

P6_TA(2007)0068

Kummerċjalizzazzjoni ta' laħam ta' annimali ta' l-ifrat ta' eta' ta' mhux aktar minn tnax-il xahar *

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew ta' l-14 ta' Marzu 2007 dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill dwar il-kummerċjalizzazzjoni ta' laħam ta' annimali ta' l-ifrat ta' eta' ta' mhux aktar minn tnax-il xahar (COM(2006)0487 — C6-0330/2006 — 2006/0162(CNS))

(Proċedura ta' konsultazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2006)0487) ([1])

— wara li kkunsidra l-Artikolu 37(2) tat-Trattat KE, skond liema artikolu l-Parlament ġie kkonsultat mill-Kunsill (C6-0330/2006),

([1]) Għadu mhux ippubblikat fil-ĠU.

— wara li kkunsidra l-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Biedja u l-Iżvilupp Rurali (A6-0006/2007),

1. Japprova l-proposta mill-Kummissjoni kif emendata;

2. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tbiddel il-proposta tagħha f'dan is-sens, skond l-Artikolu 250(2) tat-Trattat KE;

3. Jistieden lill-Kunsill sabiex jinforma lill-Parlament jekk ikollu l-intenzjoni li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;

4. Jitlob lill-Kunsill biex jikkonsultah mill-ġdid jekk ikollu l-ħsieb li jemenda l-proposta mill-Kummissjoni b'mod sostanzjali;

5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI	EMENDI TAL-PARLAMENT

Emenda 1

Premessa 5

(5) Sabiex ikun jista' jittejjeb kif jaħdem is-suq *waħdieni ikun* jaqbel li tiġi organizzata l-*kummercalizzazzjoni tal-laħam ta' l-annimali ta' l-ifrat* ta' mhux aktar minn tnax-il *xahar*, hekk li din il-kummerċjalizzazzjoni tkun trasparenti kemm jista' jkun. Dan jippermetti organizzazzjoni aħjar tal-produzzjoni korrispondenti tiegħu. Biex dan iseħħ ikun jeħtieġ li *tiġi ppreċiżata* d-denominazzjonijiet tal-bejgħ li *jridu* jintużaw minn kull lingwa ta' l-Istati Membri *fil-kummerċjalizzazzjoni tal-laħam taċ-ċanga* ta' mhux aktar minn tnax-il *xahar*. B'hekk jittejjeb l-aċċess tal-konsumaturi għall-informazzjoni.	(5) Sabiex ikun jista' jittejjeb it-*tħaddim* tas-suq *waħdieni, ikun* jaqbel li tiġi organizzata l-*kummerċjalizzazzjoni tal-laħam ta' annimali ta' l-ifrat* ta' *eta' ta'* mhux aktar minn tnax-il *xahar*, hekk li din il-kummerċjalizzazzjoni tkun trasparenti kemm jista' jkun. Dan jippermetti organizzazzjoni aħjar tal-produzzjoni tiegħu. Għal dan il-għan, ikun jeħtieġ li *jiġu ppreċiżati* d-denominazzjonijiet tal-bejgħ li *għandhom* jintużaw *f'*kull lingwa ta' l-Istati Membri *għall-kummerċjalizzazzjoni tal-laħam ta' annimali ta' l-ifrat* ta' *eta' ta'* mhux aktar minn tnax-il *xahar* ***jew ta' preparazzjonijiet ta' laħam li jinkisbu minnhom, maħsub għall-konsum tal-bniedem***. *Dan ittejjeb ukoll* l-aċċess tal-konsumaturi għall-informazzjoni.

Emenda 2

Premessa 12

(12) Jeħtieġ ukoll li jkun hemm l-identifikazjoni bħala' *laħam taċ-ċanga* ta' mhux aktar minn tnax-il *xagħar*, skond l-ittra korrispondenti tal-kategorija ta' oriġini tagħhom, kif ukoll indikazzjoni ta' l-età ta' l-annimali meta *nqatel*, fuq it-tikketta li titwaħħal fuq dan il-laħam.	(12) Jeħtieġ ukoll li tkun disposta *permezz ta' ittra li tirrappreżenta il-kategorija tagħhom,* ***id-deskrizzjoni għall-bejgħ tagħhom*** *u* ***permezz*** *ta' l-eta' ta' l-annimali meta nqatlu, li għandhom ikunu indikati fuq it-tikketti mwaħħla ma' dan il-laħam,* l-identifikazjoni bħala *laħam ta' annimali* ta' l-ifrat ta' *eta' ta'* mhux aktar minn tnax-il *xahar*. ***Dawn l-indikazzjonijiet għandhom jidhru wkoll fid-dokumenti kummerċjali kollha.***

Emenda 3

Premessa 13

(13) L-operaturi li jixtiequ jtemmu d-*deskrizzjonijiet* tal-bejgħ stabbilit fir-Regolament preżenti minn informazzjoni volontarja oħra, għandhom ikunu jistgħu jagħmlu dan skond il-proċedura stabbilita fl-Artikoli 16 u 17 tar-Regolament (KE) No 1760/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Lulju 2000 li jwaqqfu sistema għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni ta' annimali ta' l-ifrat u dwar l-ittikkettar tal-laħam u l-prodotti tal-laħam u t-tneħħija tar-Regolament tal-Kunsill (KE) No 820/97.	(13) Il-*kummerċjanti* li jixtiequ *jissuplimentaw id-deskrizzjonijiet* tal-bejgħ stabbilit *f'dan ir*-Regolament *permezz ta'* informazzjoni volontarja oħra, ***bħal per eżempju t-tip ta' għalf li intuża***, għandhom ikunu jistgħu jagħmlu dan skond il-proċedura stabbilita fl-Artikoli 16 *jew* 17 tar-Regolament (KE) Nru 1760/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Lulju 2000 li jwaqqfu sistema għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni ta' annimali *ta' l-ifrat* u dwar l-ittikkettar *tal-laħam taċ-ċanga* u l-prodotti tal-laħam *taċ-ċanga* u *tħassar ir*-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 820/97.

L-Erbgħa, 14 ta' Marzu 2007

TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI	EMENDI TAL-PARLAMENT

Emenda 4

Premessa 14

(14) Sabiex ikun garantit l-użu korrett ta' informazzjoni fuq it-tikketta skond dan ir-Regolament, id-dejta li tagħmel possibbli l-korrettezza ta' l-informazzjoni fuq it-tikketta li għandha tkun ivverifikata, għandha tkun irrekordjata fl-istadji kollha tal-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni.	(14) Sabiex ikun *żgurat* l-użu korrett ta' *l*-informazzjoni fuq it-tikketta skond dan ir-Regolament, id-*data* li *tiżgura l-opportunita' li tiġi verfikata* l-korrettezza ta' l-informazzjoni fuq it-tikketta, għandha tkun *irreġistrata* fl-istadji kollha tal-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni. ***Madanakollu, parti minn din l-informazzjoni tista' ma tingħatax fl-istadju meta l-prodott ikun fornut lill-konsumatur finali.***

Emenda 5

Premessa 15a (ġdida)

	(15a) L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu s-sistema ta' penali applikabbli għal ksur ta' dan ir-Regolament u għandhom jiżguraw li dan ikun implimentat. Dawn il-penali għandhom ikunu proporzjonati iżda disważivi b'mod sufficjenti. Jistgħu jvarjaw minn ittikkettar mill-ġdid jew mir-ritorn tal-prodotti saħansitra sal-qerda għal kollox tal-prodotti.

Emenda 6

Artikolu 1, paragrafu 1, subparagrafu 2

Dan għandu japplika għal-laħam ta' l-annimali ta' l-ifrat ta' mhux aktar minn tnax -il xahar, *prodotti* fil-Komunità jew *impurtati* minn pajjiżi terzi.	Dan għandu japplika għal-laħam ta' *annimali ta' l-ifrat* ta' *eta' ta'* mhux aktar minn tnax -il xahar, ***maqtula wara … (*), sew jekk il-laħam ikun*** *prodott* fil-Komunità *kif ukoll* jekk ikun *impurtat* minn pajjiżi terzi. ——— (*) ***Data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.***

Emenda 7

Artikolu 1, paragrafu 2

2. Ir-regolament preżenti japplika mingħajr ħsara għad-dispożizzjonijiet tar-Regolament ***(KEE) Nru 1208/81 tal-Kunsill.*** ([1]) ——— ([1]) ***ĠU L 123, 7.5.1981, p. 3.***	2. *Dan ir*-Regolament japplika mingħajr ħsara għad-dispożizzjonijiet tar-*Regolament tal-Kunsill* ***(KE) Nru 1183/2006 ta' l-24 ta' Lulju 2006 dwar l-iskala tal-Komunità għall-klassifikazzjoni ta' karkassi ta' annimali ta' l-ifrat adulti.*** ([1]). ——— ([1]) ***ĠU L 214, 4.8.2006, p. 1.***

Emenda 8

Artikolu 1, paragrafu 3

3. Ir-regolament preżenti ma japplikax għal-laħam ta' l-annimali ta' l-ifrat ta' mhux aktar minn tnax -il xahar li għandhom denominazzjoni ta' l-oriġini jew indikazzjoni ġeografika protetta ***li kienet*** irreġistrata skond l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) nru 510/2006.	3. *Dan i*r-regolament ma japplikax għal-laħam ta' l-annimali *ta' l-ifrat* ta' *eta' ta'* mhux aktar minn tnax -il xahar li għandhom denominazzjoni ta' oriġini jew indikazzjoni ġeografika protetta ***li hija*** rreġistrata skond l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) *Nru* 510/2006.

L-Erbgħa, 14 ta' Marzu 2007

TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI	EMENDI TAL-PARLAMENT

Emenda 9

Artikolu 2

Għall-iskop ta' dan ir-Regolament "laħam" ifisser il-karkassi kollha, laħam bl-għadma jew *mingħajra*, imqatta' jew le miksuba minn l-annimali ta' l-ifrat ta' mhux aktar minn tnax -il xahar, friski, iffrizati jew iffriżati f'temperatura iktar baxxa u rrilevanti minn jekk il-laħam hux ippakkjat jew le.	Għall-*finijiet* ta' dan ir-Regolament "laħam" ifisser il-karkassi kollha, laħam bl-għadma jew *mingħajr għadma*, u l-*ġewwieni, kemm jekk* imqatta' *kif ukoll jekk* le, ***maħsuba għal konsum tal-bniedem***, miksuba mill-annimali *ta' l-ifrat* ta' *età ta'* mhux aktar minn tnax -il xahar, *li jkunu* friski, iffrizati jew *konġelati sew jekk ikunu mgeżżwra jew ippakkjati kif ukoll jekk le.*. ***Dan ir-Regolament ser japplika wkoll għall-prodotti ppreparati, pproċessati jew imsajra li jkollhom kontenut ta' laħam.***

Emenda 10

Artikolu 3

Mill-mument minn meta jinqatlu, l-annimali ta' l-ifrat ta' mhux aktar minn tnax -il xahar, għandhom ikunu kklassifikati mill-operaturi, taħt il-kontroll ta' l-awtorità kompetenti msemmija *f*'Artikolu 8, paragrafu 1, f'waħda mill-kategoriji msemmija f'Anness I.	Mill-mument minn meta jinqatlu, l-annimali *ta' l-ifrat* ta' *eta' ta'* mhux aktar minn tnax -il xahar, għandhom ikunu kklassifikati mill-operaturi, taħt il-kontroll ta' l-awtorità kompetenti msemmija *fl*-Artikolu 8(1), f'waħda mill-kategoriji *elenkati* fl-Anness I. ***L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji bil-ħsieb li jiżguraw l-konformita' ma' din id-dispożizzjoni.***

Emenda 11

Artikolu 4, paragrafu 1, subparagrafu 1

1. Il-laħam ta' l-annimali ta' l-ifrat ta' mhux aktar minn tnax -il xahar għandhom ikunu kkummerċjalizzati biss fid-diversi Stati Membri skond *id-deskrizzjoni (deskrizzjonijiet)* tal-bejgħ imsemmija fl-Anness II stabbilit għal kull Stat Membru.	1. Il-laħam ta' l-annimali ta' l-ifrat ta' *eta' ta'* mhux aktar minn tnax -il xahar għandhom ikunu kummerċjalizzati biss fid-diversi Stati Membri skond *id-deskrizzjoni(jiet)* tal-bejgħ *elenkat(i)* fl-Anness II stabbilit għal kull Stat Membru. ***Id-deskrizzjoni(jiet) għandha tidher fid-dokumenti kummerċjali kollha.***

Emenda 12

Artikolu 4, paragrafu 2 a (ġdid)

	2 a Dan ir-Regolament ser japplika biss għall-laħam ta' l-annimali ta' l-ifrat ta' eta' ta' iktar minn tmien xhur li qed ikun ikkummerċjalizzat bħala tip ta' laħam differenti miċ-ċanga (jew it-terminu ekwivalenti għal-laħam taċ-ċanga minn annimal adult fil-lingwi l-oħra tal-Komunità).

Emenda 13

Artikolu 5, paragrafu 1, parti introduttorja

1. Mingħajr ħsara għal Artikolu 3, paragrafu 1, tad-Direttiva 2000/13/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u ta' l-Artikoli 13,14 u 15 tar-Regolament (KE) nru 1760/2000, ***f'kull stadju tal-produzzjoni u tal-kummerċjalizzazzjoni***, l-operaturi għandhom jinkludu l-informazzjoni li ġejja fuq it-tikketti tal-prodotti tal-laħam ta' l-annimali ta' l-ifrat ta' mhux aktar minn tnax-il xahar:	1. Mingħajr ħsara għall-Artikolu 3(1), tad-Direttiva 2000/13/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri rigward l-ittikkettar, il-prezentazzjoni u r-riklamar ta' oġġetti ta' l-ikel u ta' l-Artikoli 13, 14 u 15 tar-Regolament (KE) nru 1760/2000, il-*kummerċjanti* għandhom jinkludu l-informazzjoni li ġejja fuq it-tikketti tal-prodotti tal-laħam ta' l-annimali ta' l-ifrat ta' *eta' ta'* mhux aktar minn tnax-il xahar:

L-Erbgħa, 14 ta' Marzu 2007

TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI	EMENDI TAL-PARLAMENT

Emenda 14

Artikolu 5, paragrafu 1, punt (a)

a) -ittra ta' l-identifikazzjoni tal-kategorija kif definita fl-Anness I tar-Regolament preżenti,	(a) l-ittra ta' l-identifikazzjoni tal-kategorija kif definita fl-Anness I *ta' dan ir*-Regolament ***fl-istadji kollha ta' produzzjoni u tal-kummerċjalizzazzjoni għajr fl-istadju meta l-prodott ikun fornut lill-konsumatur finali***;

Emenda 15

Artikolu 5, paragrafu 1, punt (b)

b) id-denominazzjoni tal-bejgħ skond l-Artikolu 4 tar-Regolament preżenti,	(b) id-*deskrizzjoni* tal-bejgħ skond l-Artikolu 4 ta' dan ir-Regolament***, fl-istadji kollha tal-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni,***

Emenda 16

Artikolu 5, paragrafu 1 a (ġdid)

	1a. L-informazzjoni msemmija f'paragrafu 1, punti (a), (b) u (c) ser tidher ukoll fid-dokumenti kummerċjali kollha.

Emenda 17

Artikolu 5, paragrafu 2, subparagrafu 2

L-indikazzjoni ta' l-informazzjoni stabbilita f'paragrafu 1, punt a) tista' ma tkunx obbligatorja sakemm ikun assigurat li x-xerrej ikollu informazzjoni korretta.	***imħassar***

Emenda 18

Artikolu 7, subparagrafu 2, punt (a)

(a) l-indikazzjoni tan-numru ta' l-identifikazzjoni u d-data tat-twelid ta' l-annimali;	(a) l-indikazzjoni tan-numru ta' l-identifikazzjoni u tad-data tat-twelid ta' l-annimali, ***unikament fil-livell tal-biċċerija***;

Emenda 19

Artikolu 8, paragrafu 1

1. Qabel l-***[1 ta' Lulju 2007]***, l-Istati Membri għandhom jaħtru lill-awtorità jew lill-awtoritajiet kompetenti li huma responsabbli għall-kontrolli relatati ma' l-applikazzjoni tar-Regolament preżenti u jinfurmaw lill-Kummissjoni b'dan.	1. Qabel l-... (*), l-Istati Membri għandhom jaħtru lill-awtorità jew lill-awtoritajiet kompetenti li huma responsabbli għall-kontrolli ***uffiċjali*** relatati ma' l-applikazzjoni *ta' dan ir*-Regolament u jinfurmaw lill-Kummissjoni b'dan.

(*) ***Data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament preżenti.***

L-Erbgħa, 14 ta' Marzu 2007

TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI	EMENDI TAL-PARLAMENT

Emenda 20

Artikolu 9a (ġdid)

	Artikolu 9a
	Penali
	L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu s-sistema ta' penali li għandhom jiġu applikati f'każ li permezz ta' kontrolli jidher nuqqas ta' konformità ma' dan ir-Regolament. Dawn il-penali ser ikunu effettivi, proporzjonati u disważivi. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni b'dan sa mhux aktar tard mill-... (*), u għandhom jgħarfuha wkoll minnufih rigward kwalunkwe emenda li tkun saret.
	(*) ***Tnax-il xahar mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.***

Emenda 21

Artikolu 10, paragrafu 2

2. L-emendi għal Annessi I u II jistgħu jsiru skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 43(2) tar-Regolament (KE) Nru 1254/1999.	***imħassar***

Emenda 22

Anness I, subparagrafu 1, punt (A)

(A) Kategorija X: annimali ta' l-ifrat ta' tmien xhur jew inqas	(A) Kategorija **V**: annimali ta' l-ifrat ta' tmien xhur jew inqas
Ittra ta' identifikazzjoni tal-kategorija: **X**;	Ittra ta' identifikazzjoni tal-kategorija: **V**;

Emenda 23

Anness I, subparagrafu 1, punt (B)

(B) Kategorija **Y**: annimali ta' l-ifrat ta' iktar minn tmien xhur imma ta' mhux iktar minn tnax -il xahar	(B) Kategorija **Z**: annimali ta' l-ifrat ta' iktar minn tmien xhur imma ta' mhux iktar minn tnax -il xahar
Ittra ta' identifikazzjoni tal-kategorija: **Y**.	Ittra ta' identifikazzjoni tal-kategorija: **Z**.

Emenda 24

Anness II, punt (A), parti introduttorja

(A) Għal-laħam ta' l-annimali ta' l-ifrat tal-kategorija **X**:	(A) Għal-laħam ta' l-annimali ta' l-ifrat tal-kategorija **V**:

Emenda 25

Anness II, punt (B), parti introduttorja

(B) Għal-laħam ta' l-annimali ta' l-ifrat tal-kategorija **Y**:	(B) Għal-laħam ta' l-annimali ta' l-ifrat tal-kategorija **Z**:

L-Erbgħa, 14 ta' Marzu 2007

P6_TA(2007)0069

Ratifika tal-Konvenzjoni ta' l-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol dwar ix-Xogħol Marittimu, 2006 *

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew ta' l-14 ta' Marzu 2007 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Istati Membri jirratifikaw, fl-interess tal-Komunità Ewropea, il-Konvenzjoni Kkonsolidata ta' l-ILO ta' l-2006 dwar ix-Xogħol Marittimu (COM(2006)0288 — C6-0241/2006 — 2006/0103(CNS))

(Proċedura ta' konsultazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill (COM(2006)0288) ([1]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 42 u ta' l-Artikolu 300(2), l-ewwel sentenza ta' l-ewwel subparagrafu, tat-Trattat KE,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 300(3), l-ewwel subparagrafu, tat-Trattat KE skond liema Artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C6-0241/2006),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 51u 83(7) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali u l-opinjoni tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (A6-0019/2007),

1. Japprova proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill kif emendata,

2. Jagħti istruzzjoni lill-President tiegħu biex iressaq il-pożizzjoni tiegħu lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, u lill-gvernijiet u l-parlamenti ta' l-Istati Membri.

TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI	EMENDI MILL-PARLAMENT
Emenda 1 *Titolu*	
Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL għall-awtorizzazzjoni ta' l-Istati Membri biex jirratifikaw, fl-interess tal-Komunità Ewropea, ***il-Konvenzjoni Kkonsolidata ta' l-ILO ta' l-2006*** dwar ix-Xogħol Marittimu.	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL għall-awtorizzazzjoni ta' l-Istati Membri biex jirratifikaw, fl-interessi tal-Komunità Ewropea, ***il-Konvenzjoni*** ta' l-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol ***dwar ix-Xogħol Marittimu*** *ta'l*-2006
Emenda 2 *Premessa 1*	
1. The ***2006 consolidated*** Convention of the International Labour Organisation (hereinafter referred to as the ILO) on maritime labour was adopted on 23 February 2006 by the maritime session of the International Labour Conference of the ILO convened in Geneva.	1. Il-Konvenzjoni ta' l-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (minn issa 'l quddiem imsejħa ILO) ***dwar ix-Xogħol Marittimu ta' l-2006*** dwar ix-xogħol marittimu, ġiet adottata fit-23 ta' Frar 2006 mis-sessjoni marittima tal-Konferenza Internazzjonali tax-Xogħol ta' l-ILO f'Ġinevra.
Emenda 3 *Artikolu 1*	
L-Istati Membri huma hawnhekk awtorizzati li jirratifikaw ***il-Konvenzjoni Kkonsolidata ta' l-ILO ta' l-2006*** dwar ix-Xogħol Marittimu., adottata fit-23 ta' Frar 2006.	L-Istati Membri huma hawnhekk awtorizzati li jirratifikaw il-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol Marittimu ***ta' l-2006 ta' l-ILO***, adottata fit-23 ta' Frar 2006.

([1]) Għadha mhux ippublikata fil-ĠU.

L-Erbgħa, 14 ta' Marzu 2007

P6_TA(2007)0070

Servizzi soċjali ta' interess ġenerali

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-14 ta' Marzu 2007 dwar servizzi soċjali ta' interess ġenerali fl-Unjoni Ewropea (2006/2134(INI))

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Implimentazzjoni tal-programm Komunitarju ta' Liżbona: Servizzi soċjali ta' interess ġenerali fl-Unjoni Ewropea (COM(2006)0177) u d-dokument ta' ħidma mehmuż ta' l-istaff tal-Komunità (SEC(2006)0516) (komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-SSGIs),

— wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikoli 2, 5, 16, 86, 136, 137(1)(j) u (k), 143, 144 u 145 tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea ([1]), u b'mod partikulari l-Artikolu 36 tiegħu,

— wara li kkunsidra l-abbozz tat-Trattat li jistabbilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa ([2]), u b'mod partikulari l-Artikoli II-94 u III-122 tiegħu,

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2006/123/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar servizzi fis-suq intern ([3]),

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-23 u ta' l-24 ta' Marzu 2006,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu ta' l-14 ta' Jannar 2004 dwar il-Green Paper dwar servizzi ta' interess ġenerali ([4]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Marzu 2006 dwar il-protezzjoni soċjali u l-inklużjoni soċjali ([5]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-6 ta' Settembru 2006 dwar il-Mudell Soċjali Ewropew għall-futur ([6]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-27 ta' Settembru 2006 dwar il-White Paper tal-Kummissjoni dwar servizzi ta' interess ġenerali ([7]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 45 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji, il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza ta' l-Ikel, il-Kumitat għas-Suq Intern u l-Protezzjoni tal-Konsumatur, il-Kumitat għall-Affarijiet Legali u l-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi (A6-0057/2007),

A. billi servizzi soċjali ta' interess ġenerali (SSGIs) jiffurmaw wieħed mill-pilastri tal-mudell soċjali Ewropew, u jwettqu parti essenzjali fl-iżgurar tal-paċi ċivika u fil-koeżjoni territorjali, soċjali u ekonomika ta' l-Unjoni Ewropea, u huma wieħed mill-mezzi biex jintlaħqu l-objettivi ta' l-Istrateġija ta' Liżbona,

([1]) ĠU C 364, 18.12.2000, p.1.
([2]) ĠU C 310, 16.12.2004, p.1.
([3]) ĠU L 376, 27.12.2006, p.36.
([4]) ĠU C 92 E, 16.4.2004, p. 294.
([5]) ĠU C 291 E, 30.11.2006, p. 304.
([6]) ĠU C 305 E, 14.12.2006, p. 141.
([7]) *Testi Adottati,* P6_TA(2006)0380.

B. billi, minbarra dan, l-SSGIs huma mfassla biex isaħħu l-effett tal-valuri kondiviżi fl-Ewropa kollha anke, fost l-oħrajn, il-ġustizzja soċjali, l-ugwaljanza, is-solidarjetà u l-iżvilupp tad-demokrazija u l-libertà, u billi l-iskop aħħari ta' l-SSGI huwa li jħares id-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini u r-rispett għad-dinjità umana,

C. billi l-SSGIs m'għandhomx jitqiesu bħala ostakolu għall-awtoritajiet pubbliċi, minħabba li, għall-kuntrarju, huma jiġġeneraw esternalitajiet pożittivi f'termini ta' tkabbir ekonomiku, prosperità, impjiegi u koeżjoni soċjali,

D. billi l-SSGIs huma pprovduti f'ambjent li qed jinbidel li jridu jaġġustaw infushom għalih b'mod regolari biex iżommu standards għoljin ta' kwalità u ta' effiċjenza,

E. billi d-disponibilità ta' servizzi soċjali essenzjali tvarja b'mod konsiderevoli minn Stat Membru għal ieħor; billi, iżda, is-servizzi konċernati għandhom ikunu provduti tul it-territorju ta' l-Unjoni Ewropea kollu biex jiżguraw il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali tagħha,

F. billi xi ambigwità tolqot ċerti kunċetti bażiċi f'dan il-qasam, bħal 'servizz pubbliku', 'servizz ta' interess ġenerali', 'servizz ta' interess ekonomiku ġenerali', u 'servizz soċjali ta' interess ġenerali', u billi din l-ambigwità hija riflessa f'atti reċenti tal-Komunità, u b'hekk tikkontribwixxi għall-inċertezza legali li hija komuni fis-settur,

G. billi n-nuqqas ta' regolament statutorju wassal għal korp wiesa' ta' interpretazzjoni ġudizzjarja, li mhux dejjem ikun konsistenti; billi s-setturi kollha kkonċernati qed isejħu għal qafas operattiv ċar li jnaqqas il-ħtieġa għal interpretazzjoni ġudizzjarja sa livell minimu u jimmira biex jikseb livell massimu ta' ċertezza legali,

H. billi, b'konsegwenza, teżisti ħtieġa urġenti biex ikunu ċċarati l-kunċetti kkonċernati u l-qafas legali li joperaw fih l-SSGIs, u b'mod partikulari biex ikun iċċarat il-prinċipju ta' 'interess ġenerali' u r-regoli dwar il-kompetizzjoni u l-għajnuna mill-fondi pubbliċi,

I. billi servizzi soċjali ma għandhom taħt ebda ċirkustanza jitnaqqsu għal kategorija residwa definita mill-fatt li huma ma jistgħux ikunu mqabbla jew ma' servizzi kummerċjali jew ma' servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali; billi, għall-kuntrarju, minħabba fis-settur tas-soċjetà li huma jindirizzaw il-ħtiġijiet tiegħu, u l-karatteristiċi distintivi ta' l-organizzazzjoni tagħhom, iffinanzjar u kompetenza, huma jridu jitqiesu bħala kategorija ta' servizzi separata u speċifika ta' importanza fundamentali għas-soċjetà,

J. billi s-settur ta' l-SSGI jipprovdi impjieg għal numru ta' persuni dejjem jiżdied, ir-rata ta' żieda fl-impjiegi f'dan is-settur hija ogħla mill-medja ta' setturi oħrajn ta' l-ekonomija, numru kbir ta' nisa huma impjegati f'dan is-settur, u s-settur fih mudelli ta' impjieg flessibbli u interessanti, bħal xogħol part-time, 'flexitime' u xogħol volontarju, li għandhom ikunu inkoraġġuti u jirċievu protezzjoni adegwata skond il-liġi ta' l-impjieg; billi, minn naħa l-oħra, is-settur jippreżenta wkoll sitwazzjonijiet allarmanti ta' nuqqas ta' sigurtà ta' l-impjieg, li għandhom ikunu evitati,

K. billi s-servizzi tas-saħħa, li huma esklużi mill-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-SSGIs, huma SSGIs ukoll, u jikkondividu l-istess karatteristiċi u objettivi; jirrikonoxxi, iżda, l-karatteristiċi speċjali li joħorġu mill-organizzazzjoni kumplessa ta' servizzi tas-saħħa u l-piż finanzjarju tagħhom li jpoġġu fuq l-awtoritajiet pubbliċi ta' l-Istati Membri,

1. Jilqa' l-inizjattiva tal-Kummissjoni, li hija marbuta ma' l-implimentazzjoni tal-White Paper dwar servizzi ta' interess ġenerali u hija mfassla biex tipprovdi qafas speċifiku kunċettwali u legali għas-servizzi kkonċernati; iżda jqis li l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-SSGIs ma tipprovdix kjarifika suffiċjenti dwar il-klassifikazzjoni u d-definizzjoni ta' SSGIs, u tippostponi kwalunkwe deċiżjoni dwar il-qafas legali li għandha tapplika għalihom;

L-Erbgħa, 14 ta' Marzu 2007

2. Isostni mill-ġdid l-impenn tiegħu għal SSGI modern u ta' kwalità għolja bbażat fuq il-valuri ta' l-ugwaljanza, is-solidarjetà, l-istat tad-dritt u r-rispett tad-dinjità umana, u l-prinċipji ta' l-aċċessibilità, servizz universali, effiċjenza, mmaniġġjar ekonomiku ta' riżorsi, kontinwità, prossimità għal utenti tas-servizz u trasparenza, li jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tad-dmirijiet tal-Komunità kif stipulati fl-Artikoli 2 u 3 tat-Trattat;

3. Huwa konvint li l-SSGIs huma mezz xieraq li jsaħħaħ id-dimensjoni soċjali ta' l-Istrateġija ta' Liżbona, li jilħqu l-objettivi ta' l-aġenda soċjali u li jindirizzaw sfidi bħal globalizzazzjoni, bidla industrijali, progress teknoloġiku, bidla demografika, migrazzjoni u tendenzi soċjali u ta' impjieg dejjem jinbidlu, u b'hekk jikkontribwixxu għall-iżvilupp ta' Ewropa soċjali;

4. Jilqa' r-rikonoxximent tal-Kummissjoni tan-natura speċjali tal-karatteristiċi prinċipali fejn l-SSGIs jistgħu jkunu definiti, li tiddistingwihom minn tipi oħra ta' servizzi; iżda jqis li l-kriterji organizzattivi li, skond il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-SSGIs, huma l-karatteristiċi uniċi ta' l-SSGIs, ma jistgħux ikunu aċċettati minbarra fuq bażi proviżorja u indikattiva, sakemm joħorġu konklużjonijiet aktar definittivi mill-proċess ta' konsultazzjoni li l-Kummissjoni ħasbet biex twettaq ma' l-Istati Membri u fornituri u utenti ta' l-SSGI;

5. Iqis li jkun żball li jkun adottat approċċ lejn l-SSGIs li jpoġġi ħdejn xulxin ir-regoli dwar il-kompetizzjoni, l-għajnuna mill-Istat u s-suq intern minn naħa, u kunċetti ta' servizz pubbliku, interess ġenerali u koeżjoni soċjali minn naħa l-oħra; għall-kuntrarju iqis li huwa meħtieġ li dawn il-fatturi jkunu rikonċiljati bil-promozzjoni ta' sinerġiji pożittivi bejn l-aspetti ekonomiċi u soċjali; iżda jinnota li fil-każ ta' l-SSGIs, ir-regoli tal-kompetizzjoni, l-għajnuna mill-Istat u s-suq intern iridu jkunu kompatibbli mar-rekwiżiti tas-servizz pubbliku, u mhux viċe-versa;

6. Jirrikonoxxi li, fil-każ ta' SSGIs, hemm żewġ fatturi kontrastanti li jridu jkunu rikonċiljati: minn naħa, il-prinċipju tas-sussidjarjetà li jħares il-libertà ta' l-awtoritajiet ta' l-Istat Membru biex jiddefinixxu, jorganizzaw u jiffinanzjaw SSGIs kif jaħsbu li jkun xieraq, bi qbil mal-prinċipju ta' proporzjonalità, u, minn naħa l-oħra, ir-responsabilità konġunta tal-Komunità bi qbil mat-Trattat, u b'mod partikulari l-Artikolu 16 tiegħu, u l-eżistenza tal-valuri u prinċipji stabbiliti li huma kondiviżi fi ħdan l-Ewropa u li jridu jkunu rispettati minn kulħadd, billi jkun żgurat li r-regoli li huma suġġetti għalihom l-SSGIs iħarsu d-drittijiet tal-bniedem u d-dinjità ta' l-individwu;

7. Jikkunsidra iżda, fid-dawl tal-karatteristiċi partikulari ta' l-SSGIs, li jirrelataw mal-karatteristika tas-servizzi u tas-sitwazzjoni ta' dawk li jibbenefikaw minnhom, il-missjoni ta' interess ġenerali tagħhom u n-nuqqas ta' abilità tas-suq li jilħaq ċerti rekwiżiti fil-qasam tas-servizzi soċjali, li, f'każ ta' kunflitt, għandha tingħata prijorità għad-difiża ta' l-interess ġenerali, li hija l-karatteristika u l-aspett uniku ta' l-SSGIs;

8. Jinnota bi tħassib f'dan ir-rigward ċerti inizjattivi reċenti biex ikunu applikati għal ċertu SSGIs, regoli u prinċipji xierqa għal servizzi u servizzi ta' interess ġenerali ekonomiku, mingħajr ma jitqiesu l-fatturi u l-prinċipji li jiddistingwu SSGIs minn servizzi oħrajn;

9. Jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tkompli l-proċess ta' konsultazzjoni f'aktar dettal sabiex tiċċara l-applikazzjoni ta' ċerti regoli Komunitarji għas-servizzi soċjali; barra minn hekk, huwa ta' l-opinjoni li l-proċess ta' konsultazzjoni propost estiż għandu jitlesta sa nofs l-2007 u jitlob lill-Kummissjoni sabiex tfassal deċiżjoni dwar kif għandu jitkompla dan il-proċess u tidentifika l-aħjar approċċ, inkluża l-kunsiderazzjoni tal-ħtieġa u l-leġittimità ta' proposta leġiżlattiva speċifika skond is-settur;

10. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri sabiex jipproteġu u jippromwovu s-sistemi ta' impjieg li ta' spiss jinsabu fis-settur ta' l-SSGI, inkluż l-impjieg tan-nisa, sigħat flessibbli tax-xogħol, xogħol part-time u l-użu tas-settur tal-volontarjat, filwaqt li tingħata attenzjoni sabiex ma jkunux imħeġġa l-frodi u l-insikurezza ta' l-impjieg u mingħajr ma jikkawżaw tnaqqis fil-kundizzjonijiet ta' l-impjieg tal-ħaddiema fis-settur jew jirrikorru għal ħaddiema mhux kwalifikati jew bi kwalifiki baxxi; jistieden ukoll lill-Kummissjoni sabiex tinkludi, matul il-proċess ta' konsultazzjoni u fir-rapport tagħha, mistoqsijiet dwar l-inklużjoni ugwali tas-sessi;

11. Jistieden lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u l-fornituri ta' l-SSGI, fid-dawl ta' l-istress, is-sigħat tax-xogħol (xift u xogħol ta' bil-lejl) u n-natura perikoluża jew iebsa ta' ċerti attivitajiet mwettqa mis-servizzi soċjali, biex jiżviluppaw inizjattivi ta' taħriġ vokazzjonali maħsuba sabiex jippermettu lill-ħaddiema li jaġġustaw u li jkampaw ma' dawn iċ-ċirkustanzi, bil-għan li jkunu żgurati servizzi ta' kwalità aqwa u li jittejbu l-kundizzjonijiet ta' xogħol u ta' ħajja għall-ħaddiema f'dan is-settur; iqis ukoll li, minħabba n-natura dejjem tinbidel tal-ħtiġijiet ta' l-SSGIs, l-awtoritajiet pubbliċi għandhom jiżguraw li l-ħaddiema fl-SSGIs jkollhom livell għoli ta' taħriġ vokazzjonali;

12. Jifraħ lill-Kummissjoni għad-deċiżjoni tagħha li fid-definizzjoni u fl-organizzazzjoni ta' l-SSGIs, tikkonsulta 'l dawk kollha involuti; jemmen li dan id-djalogu se jwassal għal trasparenza akbar u servizzi ta' kwalità aħjar u jgħin sabiex jingħataw aktar saħħa l-prinċipji u l-valuri li fuqhom huma msejsa;

13. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri sabiex jirrispettaw id-diversità tal-metodi ta' l-organizzar u l-immaniġġjar ta' l-SSGIs, tar-riżorsi tagħhom u tal-metodi ta' l-iffinanzjar ta' dawn is-servizzi; jappella wkoll biex ikunu stabbiliti sħubiji bejn is-settur privat u dak pubbliku sabiex jingħataw dawn is-servizzi, filwaqt li tingħata attenzjoni li jkun promoss l-interess ġenerali u tkun żgurata l-provvista ta' servizzi effiċjenti u ta' kwalità għolja;

14. Iqis li d-diversi awtoritajiet kompetenti pubbliċi ta' l-Istati Membri huma ħielsa li jiddeċiedu jekk l-SSGIs għandhomx jingħataw minn assoċjazzjonijiet reċiproki, forom oħra ta' organizzazzjonijiet soċjali jew negozji privati, fil-każi fejn il-forniment tas-servizzi mis-settur privat huwa kompatibbli mal-prinċipju tal-ħarsien ta' l-interess ġenerali, iżda jqis li, fi kwalunkwe ħin, l-awtoritajiet pubbliċi għandhom ikunu jistgħu jivverifikaw li l-fornituri tas-servizzi jkunu jikkonformaw mal-prinċipji u l-valuri assoċjati ma' l-SSGIs u jekk is-servizzi jkunux qed jingħataw skond ir-rekwiżiti speċifikati minn qabel mill-awtoritajiet pubbliċi;

15. Jilqa' b'sodisfazzjon l-involviment tad-ditti fl-iffinanzjar, appoġġ u għoti ta' SSGIs, fil-kuntest tal-qadi tar-responsabilitajiet soċjali tagħhom, u jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jinvolvu aktar lill-imsieħba soċjali fl-iżvilupp ta' metodi ta' dan it-tip, skond id-drawwiet ta' kull Stat Membru;

16. Jinnota li f'xi Stati Membri, id-deċentralizzazzjoni tas-setgħat lejn awtoritajiet reġjonali jew lokali bil-għan li jingħataw SSGI, ma twettqitx flimkien ma' allokazzjoni ta' riżorsi baġitarji suffiċjenti li tippermettilhom li joffru servizzi ta' l-ogħla livell f'termini kwantitattivi u ta' kwalità; għaldaqstant jistieden lill-Istati Membri sabiex jiżguraw li kull trasferiment ta' setgħat favur awtoritajiet reġjonali jew lokali bil-għan li jingħataw SSGI isir flimkien ma' l-għoti ta' riżorsi baġitarji adegwati;

17. Jirrakkomanda s-sejħa għal forum, taħt l-awspiċji tal-Parlament, li jressaq flimkien organizzazzjonijiet soċjali Ewropej u rappreżentanti mill-Kunsill u l-Kummissjoni sabiex ikun ta' gwida fil-mod kif dan il-proċess għandu jitwettaq;

18. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

P6_TA(2007)0071

Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Uniti ta' l-Amerika

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-14 ta' Marzu 2007 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u l-Istati Uniti ta' l-Amerika, minn naħa l-oħra

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill u r-rappreżentanti tal-gvernijiet ta' l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea, li ltaqgħu fil-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa, u l-Istati Uniti ta' l-Amerika, min-naħa l-oħra (COM(2006)0169), ("l-abbozz ta' ftehim ta' Novembru 2005")

— wara li kkunsidra t-test għal abbozz ta' ftehim ġdid li qablu dwaru d-delegazzjonijiet ta' l-UE u ta' l-Istati Uniti fit-2 ta' Marzu 2007 ("abbozz ta' ftehim tat-2 ta' Marzu 2007"),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-17 ta' Jannar 2006 dwar l-iżvilupp ta' l-aġenda għall-politika esterna ta' l-avjazzjoni tal-Komunità (1),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 103(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Kounita' Ewropea iddeċidiet li bosta ftehimiet bilaterali ta' l-avjazzjoni bejn l-Istati Membri u l-Istati Uniti jmorru kontra l-prinċipji tal-liġi ta' l-UE u billi l-konkluzzjoni ta' ftehim dwar l-avjazzjoni bejn l-UE u lIstati Uniti hija l-aħjar mezz biex tiġi garantita konformità sħiħa mal-liġi ta' l-UE,

B. billi s-swieq ta' l-UE u ta' l-Istati Uniti flimkien jiffurmaw 60 % tat-traffiku ta' l-ajru dinji u ftehim ta' l-avjazzjoni bejn l-UE u l-Istati Uniti ikun ta' benefiċċju għall-konsumaturi fuq iż-żewġ naħat ta' l-Atlantiku u tista' sservi ta' mudell għal iżjed liberalizzazzjoni u konverġenza regolatorja mad-dinja kollha,

C. billi l-Kunsill ikkunsidra l-abbozz tal-ftehim li ġie finalizzat f'Novembru 2005 ma kienx ser jipprovdi bilanċ suffiċjenti ta' opportunitajiet, sakemm l-Istati Uniti ma joħolqux opportunitajiet akbar għall-kumpaniji ta' l-UE biex ikollhom aċċess għas-suq domestiku ta' l-Istati Uniti permezz ta' investiment u parteċipazzjoni fil-kumpaniji ta' l-ajru ta' l-Istati Uniti,

D. billi d-Dipartiment tat-Trasport ta' l-Istati Uniti rrisponda b'Avviż ta' Proposta ta' Tfassil tar-Regoli, li jnaqqas ir-riġidità ta' l-interpretazzjoni tiegħu tar-rekwiżit statutorju li l-kumpaniji ta' l-ajru ta' l-Istati Uniti jridu jkunu taħt il-kontroll proprju taċ-ċittadini ta' l-Istati Uniti, imma ddeċieda f'Diċembru 2006 li jirtira dan l-Avviż wara li analizza bosta kummenti pubbliċi, inklużi dawk riċevuti mill-Kungress ta' l-Istati Uniti,

E. billi dan wassal għal sensiela ġdida ta' negozjati li rriżultaw f'test għal abbozz ta' ftehim ġdid fit-2 ta' Marzu 2007,

F. billi fi ftehim bħal din il-konverġenza tar-regolamenti hija partikularment importanti, speċjalment ta' regolamenti dwar is-sikurezza, is-sigurtà, l-ambjent u d-drittijiet soċjali tal-ħaddiema,

Prinċipji ġenerali

1. Jirrikonoxxi l-importanza tal-ftehim ta' l-avjazzjoni bejn l-UE u lIstati Uniti mhux biss għal mertu tagħha stess imma wkoll bħala eżempju għal ftehim ieħor fil-futur;

2. Jilqa' b'sodisfazzjon, għalhekk, l-abbozz ta' ftehim tat-2 ta' Marzu 2007 bħala pass importanti lejn suq integrat ta' l-avjazzjoni fit-transatlantiku li jkun ta' benefiċċju għall-konsumaturi;

3. Kien jippreferi kieku l-konklużjoni ta' ftehima ġenerali bilanċjata waħda li tkopri l-aspetti kollha tal-ftuħ tas-suq u tal-konverġenza regolatorja minflok approċċ b'fażijiet differenti fi ftehimiet parzjali;

4. Jilqa' b'sodisfazzjon, għalhekk, l-Artikolu 21 ta' l-abbozz ta' ftehim tat-2 ta' Marzu 2007 li jinkludi aġenda u kalendarju ċar għan-negozjati dwar ftehima tat-tieni stadju, inklużi dispożizzjonijiet li jippermettu lill-Partijiet li jissospendu d-drittijiet speċifikati fil-ftehima ta' l-ewwel stadju jekk 30 xhar wara l-bidu tan-negozjati dwar ftehima tat-tieni stadju ma tkun ġiet konkluża l-ebda ftehima ta' dan it-tip;

5. Jitlob lill-Ministri tat-Trasport biex jadottaw l-abbozz ta' ftehim tat-2 ta' Marzu 2007 waqt il-laqgħa tal-Kunsill tat-22 u tat-23 ta' Marzu 2007;

Il-ftuħ tas-suq

6. Jenfasizza li ftehim ta' l-avjazzjoni ġdid bejn l-UE u l-Istati Uniti għandha tkun bilanċjata f'termini ta' aċċess għas-suq, billi jiġu kkunsidrati wkoll kwistjonijiet bħal kabotaġġ, dritt ta' stabbiliment, sjieda, u kontroll *de facto* u għajnuna statali;

(1) ĠU C 287 E, 24.11.2006, p.84.

7. Jilqa' b'sodisfazzjoni, għalhekk, inter alia klawsoli fl-abbozz ta' ftehim tat-2 ta' Marzu 2007 dwar il-pussess, l-investiment u l-kontroll (Anness 4) u dwar l-għoti ta' franchise u ditti (Anness 5), u l-ftuħ tal-'Programm Fly America' għall-kumpaniji ta' l-UE;

8. Jiddispjaċih, madankollu, li ma sar l-ebda progress dwar il-kabotaġġ u li l-possibilità għall-kumpaniji ta' l-UE li jeżerċitaw kontroll effettiv fuq linja ta' l-ajru ta' l-Istati Uniti għadha limitata, anke bil-klawsoli estiżi ta' pussess;

9. Jenfasizza li sussidji tal-gvern lill-kumpaniji ta' l-ajru jistgħu jfixklu l-kompetizzjoni u jistieden liż-żewġ partijiet biex iżommu l-użu tagħhom fl-iżjed livell minimu possibli filwaqt li fl-istess ħin jilqa' proċeduri li bihom il-partijiet jistgħu jinfurmaw lil xulxin u jiddiskutu miżuri meħuda minn kull naħa;

Konverġenza regolatorja

10. Jinnota li l-iżvilupp ta' konverġenza regolatorja hija ttrattata biss b'mod parzjali fl-abbozz ta' ftehim tat-2 ta' Marzu 2007 u tħalliet pjuttost għall-Kumitat Konġunt;

11. Barra minn hekk jinnota li sakemm l-abbozz ta' ftehim tat-2 ta' Marzu 2007 jittratta l-konverġenza regolatorja, dan jaffettwa l-iżjed dispożizzjonijiet dwar is-sikurezza u s-sigurtà, bi ftit referenza dwar l-aspetti ambjentali u soċjali;

Sikurezza u sigurtà

12. Jilqa' l-koperazzjoni bejn l-awtoritajiet responsabbli ta' l-UE u ta' l-Istati Uniti fil-qasam tas-sikurezza ta' l-avjazzjoni, kemm fil-livell ta' l-UE u fil-livell federali ta' l-Istati Uniti kif ukoll rispettivament fil-livell ta' l-Istati Membri u l-Istati;

13. Jinnota l-importanza tal-"blacklist" Ewropea ta' kumpaniji li mhumiex ta' standard xieraq u tas-sistema ta' l-Istati Uniti li timmonitorja l-istandards tal-kumpaniji ta' l-ajru u jistieden liż-żewġ partijiet biex jaqsmu informazzjoni f'dan ir-rigward;

14. Jinnota l-importanza ta' miżuri tas-sigurtà għall-avjazzjoni imma jwissi kontra miżuri eċċessivi jew mhux ikkoordinati li mhumiex ibbażati fuq evalwazzjoni adegwata tar-riskju;

15. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-l-Istati Uniti, biex jirrevedu l-effiċjenza ta' miżuri tas-sigurtà addizzjonali fis-seħħ mill-2001 biex jeliminaw l-irduppjar u ħoloq dgħajfa fil-katina tas-sigurtà;

16. Jenfasizza li l-privatezza taċ-ċittadini Ewropej u ta' l-Istati Uniti għandha tiġi rispettata meta jkun hemm skambju bejn l-UE u l-Istati Uniti ta' *data* personali tal-passiġġieri, skond il-kriterji mitluba mill-Parlament Ewropew fir-riżoluzzjonijiet tiegħu tat-13 ta' Marzu 2003 ([1]) u tas-7 ta' Settembru 2006 ([2]); jenfasizza f'dan ir-rigward l-urġenza li jinkisbu standards mad-dinja kollha dwar protezzjoni tad-*data* u dwar il-privatezza;

17. Iħaddan il-kunċett ta' "kontroll wieħed tas-sigurtà", b'kontrollar fuq il-passiġġieri u bagalji li jsir biss fil-bidu tal-vjaġġ tagħhom u mhux mill-ġdid ma' kull trasferiment;

Ambjent

18. Jirrikonoxxi li s-settur ta' l-avjazzjoni għandu ħafna effetti ambjentali negattivi, b'mod partikulari bħala sors ta' storbju u bħala kontributur sinifikanti għall-bidla klimatika, bħal modi oħrajn ta' trasport, u li dawn l-effetti se jiżdiedu bit-tkabbir ta' l-avjazzjoni;

19. Jinnota li d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 15 ta' l-abbozz tal-ftehim tat-2 ta' Marzu 2007 jisħqu l-iżjed fuq l-effetti negattivi possibbli ta' miżuri ambjentali u l-ħtieġa biex dawn jittaffew, minflok ma jkun hemm enfasi fuq il-ħtieġa ta' azzjoni ambjentali fl-avjazzjoni;

20. Għalhekk jenfasizza l-ħtieġa kemm għan-naħa ta' l-UE kif ukoll ta' l-Istati Uniti biex jieħdu miżuri effettivi biex inaqqsu l-impatt ambjentali negattiv ta' l-avjazzjoni, mingħajr esklużjoni minn qabel ta' kwalunkwe strument regolatorju, finanzjarju jew ta' tip ieħor biex jintlaħaq dan l-għan;

([1]) ĠU C 61 E, 10.3.2004, 381.
([2]) ĠU C 305 E, 14.12.2006, p. 250.

21. Jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni biex tinkludi l-avjazzjoni fis-sistema ta' kummerċ ta' l-emissjonijiet Ewropej biex jitnaqqas l-impatt tas-settur ta' l-avjazzjoni fuq il-bidla klimatika; jinnota li taħdidiet iridu jitwettqu ma' l-Istati Uniti fi stadju tal-bidu bil-ħsieb li jinkludu t-traffiku bl-ajru transatlantiku fi ħdan is-sistem Ewropea ta' kummerċ ta' l-emissjonijiet mill-2012 biex jippermettu l-avjazzjoni biex tkun inkluża fi ħdan il-perjodu ta' żmien stipulat;

22. Jistieden liż-żewġ partijiet biex jagħmlu skambju ta' l-aħjar prattika dwar it-tnaqqis ta' l-istorbju, filwaqt li jkunu rikonoxxuti d-differenzi f'ċirkustanzi lokali;

23. Jilqa' b'sodisfazzjon il-Paragrafi 34 u 35 tal-Memorandum ta' Konsultazzjonijiet mehmuż ma' l-abbozz ta' ftehim tat-2 ta' Marzu 2007, li fihom l-Istati Uniti u l-UE jaqblu li jaħdmu flimkien fil-qafas tal-ICAO u tal-G8 biex inaqqsu l-istorbju u l-emissjonijiet mill-vetturi ta' l-ajru; jilqa' b'sodisfazzjon l-intenzjoni ta' l-awtoritajiet responsabbli ta' l-Istati Uniti u ta' l-UE biex itejbu l-kooperazzjoni teknika fil-qasam tar-riċerka u ta' l-iżvilupp tat-teknoloġija fix-xjenza tal-klima;

Politika soċjali

24. Jistieden lill-partijiet interessati fis-settur ta' l-avjazzjoni ta' l-Istati Uniti u ta' l-UE biex jieħdu sehem fi djalogu kontinwu dwar standards soċjali, bl-għan li jippromwovu qbil reċiproku, kundizzjonijiet indaqs u fl-istess waqt livell għoli ta' standards soċjali;

25. Jistieden lill-Kummissjoni biex titlob għall-introduzzjoni ta' referenzi għal leġiżlazzjoni internazzjonali relevanti dwar id-drittijiet soċjali fiftehim eventwalli, b'mod partikulari l-istandards tax-xogħol inkorporati fil-konvenzjonijiet fundamentali ta' l-Organizazzjoni Dinjija tax-Xogħol (ILO 1930-1999), fil-linji gwida ta' l-OECD għall-Intrapriżi Multinazzjonali (1976, riveduti 2000) u fil-Konvenzjoni ta' Ruma dwar il-Liġi Applikabbli għall-Obbligi Kuntrattwali (1980);

26. Jinsisti li l-leġiżlazzjoni soċjali ta' l-UE għandha tiġi applikata għall-ħaddiema reklutati u/jew li jaħdmu fl-Istati Membri, b'mod partikulari d-Direttivi dwar il-konsultazzjoni u l-informazzjoni tal-impjegati (2002/14/KE, 98/59/KE u 80/987/KEE), id-Direttiva dwar l-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol ta' staff mobbli fl-avjazzjoni ċivili (2000/79/KE) u d-Direttiva dwar l-impjegar ta' ħaddiema fil-qafas tad-dispożizzjoni tas-servizzi (96/71/KE);

Il-proċess tan-negozjati

27. Jistieden lill-Kummissjoni biex tiżgura li jkun hemm informazzjoni u konsultazzjoni kompleta tal-Parlament Ewropew u tal-partijiet relevanti kollha li għandhom interess fis-settur qabel u matul in-negozjati tat-tieni stadju;

28. Jilqa' l-idea li jkun hemm laqgħat regolari bejn Membri tal-Parlament Ewropew u l-Kungress ta' l-Istati Uniti biex jiddiskutu l-kwistjonijiet relevanti kollha rigward il-ftehim ta' l-avjazzjoni bejn l-UE u l-Istati Uniti;

*

* *

29. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni lill-gvernijiet u lill-parlamenti ta'l-Istati Membri u lill-Kungress Amerikan.

P6_TA(2007)0072

In-non-proliferazzjoni u d-diżarmament nukleari

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Marzu 2007 dwar in-non-proliferazzjoni u d-diżarmament nukleari

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra t-tielet sessjoni tal-Kumitat Preparatorju (PrepCom) għall-Konferenza ta' Reviżjoni għal 2010 għat-Trattat dwar in-Non-Proliferazzjoni ta' Armamenti Nukleari (NPT), li se ssir fi Vjenna mit-30 ta' April sal-11 ta' Mejju 2007,

— wara li kkunsidra l-konsensus fl-Unjoni Ewropea biex jingħata nifs ġdid u jissaħħaħ l-NPT minn issa sal-Konferenza ta' Reviżjoni ta' l-NPT li ġejja, li għandha ssir fl-2010,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet 1540(2004) u 1673(2006) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU dwar in-non-proliferazzjoni ta' armi tal-qerda tal-massa (WMD),

— wara li kkunsidra l-implimentazzjoni ta' l-Istrateġija ta' Sigurtà Ewropea u, b'mod partikulari, l-istrateġija ta' l-UE kontra l-proliferazzjoni ta' WMD, adottata mill-Kunsill Ewropew fit-12 ta' Diċembru 2003,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar l-NPT, partikularment ir-riżoluzzjoni wiesgħa tiegħu adottata fl-10 ta' Marzu 2005 dwar il-Konferenza ta' Reviżjoni ta' l-2005 dwar it-Trattat dwar in-Non-Proliferazzjoni Nukleari — Armamenti Nukleari fil-Korea ta' Fuq u l-Iran ([1]),

— wara li kkunsidra l-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2005/329/PESC tal-25 ta' April 2005 dwar il-Konferenza ta' Reviżjoni tal-Partijieet għat-Trattat dwar in-Non-Proliferazzjoni ta' Armamenti Nukleari ta' l-2005 ([2]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 103(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. wara li kkunsidra l-konsensus qawwi fl-Unjoni Ewropea biex jingħata nifs ġdid u jissaħħaħ l-NPT fil-perijodu li jwassal sal-Konferenza ta' Reviżjoni ta' l-NPT li ġejja, li għandha ssir fl-2010,

B. jenfasizza li l-Istrateġija Ewropea ta' Sigurtà, l-Istrateġija ta' l-UE kontra l-Proliferazzjoni tad-WMD u r-Riżoluzzjoni 1540(2004) tal-Kunsill ta' Sigurtà tan-NU jenfasizzaw l-importanza tan-non-proliferazzjoni nukleari u d-diżarm, u jiddeskrivu l-proliferazzjoni tad-WMD u l-mezzi ta' twassil tagħhom bħala waħda mit-theddidiet l-aktar importanti għall-paċi u s-sigurtà internazzjonali,

C. ifakkar fid-dikjarazzjoni fir-rapport tal-Panel ta' Livell Għoli tas-Segretarju Ġenerali tan-NU dwar it-Theddidiet, l-Isfidi u l-Bidla intitolat 'Dinja aktar sikura: Ir-Responsabbilità tagħna lkoll' li 'qed noqorbu lejn punt fejn it-tgħawwir tar-reġim tan-non-proliferazzjoni jista' jsir wieħed irriversibbli u jirriżulta f'żieda qawwija fil-proliferazzjoni',

D. wara li kkunsidra l-kunsens internazzjonali dejjem ikbar dwar l-urġenza tad-diżarm nukleari kif promossa mill-Koalizzjoni ta' l-Aġenda l-Ġdida u d-Dikjarazzjoni ta' Ruma tal-Laqgħa Għolja Dinjija tar-rebbieħa tal-Premju Nobel għall-Paċi (imlaqqa' minn Mikhail Gorbachev u s-Sindku ta' Ruma, Walter Veltroni) tat-30 ta' Novembru, 2006,

E. jenfasizza l-irwol tal-parlamenti u tal-parlamentari biex jippromwovu n-non-proliferazzjoni nukleari u d-diżarm u, f'din il-perspettiva jilqa' l-isforzi tan-Netwerk Parlamentari għad-Diżarm Nukleari,

1. Itenni l-pożizzjoni tiegħu li l-NPT huwa l-pedament tar-reġim globali ta' non-proliferazzjoni, is-sies essenzjali għall-promozzjoni ta' koperazzjoni fl-użi paċifiċi ta' l-enerġija nukleari u element importanti sabiex jitmexxa 'l quddiem l-għan li jintlaħaq diżarm nukleari u diżarm ġenerali skond l-Artikolu VI tiegħu;

2. Jistieden lill-Istati li l-attivitajiet tagħhom jiksru r-reġim ta' non-proliferazzjoni biex iwaqqfu l-imġieba mhux għaqlija u rresponsabbli tagħhom u biex jikkonformaw fis-sħiħ ma' l-obbligi tagħhom skond l-NPT; jerġa' jtenni s-sejħa tiegħu lill-Istati kollha li mhumiex parti mill-NPT biex jikkonformaw volontarjament ma' u jaderixxu mat-Trattat;

3. Iħeġġeġ kemm lill-Kunsill u lill-Kummissjoni sabiex jipparteċipaw b'mod attiv fid-diskussjonijiet li qed isiru fil-laqgħa tal-PrepCom ta' l-NPT fi Vjenna u sabiex jagħtu kontribut koordinat, sostanzjali u viżibbli lejn ir-riżultat pożittiv tal-Konferenza ta' Reviżjoni ta' l-NPT ta' l-2010;

([1]) ĠU C 320 E, 15.12.2005, p.253.
([2]) ĠU L 106, 27.4.2005, p.32.

4. Jistieden kemm lill-Kunsill kif ukoll lill-Kummissjoni biex jiċċaraw liema passi qed jaħsbu li jieħdu biex isaħħu l-NPT u biex ifittxu multilateraliżmu effettiv, kif stipulat fl-Istrateġija ta' l-UE ta' Diċembru 2003 kontra l-Proliferazzjoni ta' Materjali u Armi tal-Qerda tal-Massa;

5. Jafferma li sabiex l-isforzi multilaterali jkunu effettivi, dawn għandhom ikunu bbażati f'viżjoni żviluppata sew ta' kisba ta' dinja ħielsa mill-armi nukleari fl-eqreb data possibbli;

6. Iħeġġeġ lill-Presidenza tal-Kunsill biex tipproduċi rapporti regolari ta' progress fis-snin li se jwasslu għall-Konferenza ta' Reviżjoni ta' l-2010 dwar l-implimentazzjoni ta' kull waħda mit-43 miżura adottati fil-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2005/329/PESC, kif ukoll lista ta' impenji ġodda li l-Kunsill jixtieq jasal għalihom fil-Konferenza ta' Reviżjoni ta' l-NPT ta' l-2010;

7. Iħeġġeġ lill-Presidenza tal-Kunsill biex waqt il-PrepCom ta' l-NPT tippromwovi numru ta' inizjattivi ta' diżarm, ibbażati fuq "Il-Prinċipji u l-Ghanijiet għad-Diżarm u non-proliferazzjoni nukleari" miftiehma fil-Konferenza ta' Reviżjoni ta' l-NPT ta' l-1995 u fuq it-"13-il Pass Prattiku" li kien sar ftehim unanimu dwarhom fil-Konferenza ta' Reviżjoni ta' l-NPT tas-Sena 2000, li għandhom jittejbu u jiġu implimentati sabiex isir progress u biex tkun evitata rigressjoni jew waqfien;

8. Iħeġġeġ lill-Presidenza tal-Kunsill, b'mod partikulari, biex jintrebaħ l-istaġnar dwar it-twaqqif ta' Trattat verifikabbli dwar il-Qtugħ tal-Produzzjoni ta' Materjal Fissili (Fissile Material Cut-Off Treaty), biex jitħaffef il-proċess ta' l-iffirmar u r-ratifika tat-Trattat Komprensiv dwar il-Projbizzjoni ta' Provi Nukleari(CTBT) mill-Istati kollha, b'mod speċjali dawk li r-ratifika min-naħa tagħhom hi meħtieġa biex dan jidħol fis-seħħ, biex jitkellem favur it-twaqqif totali tal-provi ta' l-armi nukleari kollha sakemm is-CTBT jidħol fis-seħħ, u biex jagħti prijorità lill-importanza li jitnaqqas ir-riskju ta' terroriżmu nukleari billi jiġu żviluppati u infurzati kontrolli effettivi fuq l-esportazzjoni u t-tranżitu ta' materjali, tagħmir u/jew teknoloġiji sensittivi relatati ma' armi ta' qerda tal-massa;

9. Jistieden lill-komunità internazzjonali biex tippromwovi inizjattivi lejn proċess internazzjonali multilaterali ta' l-arrikkiment ta' l-uranju taħt il-kontroll ta' l-Aġenzija Internazzjonali għall-Enerġija Atomika (IAEA);

10. Jirrakkomanda li l-Parlament jibgħat delegazzjoni fi Vjenna sabiex tipparteċipa fl-avvenimenti tal-Prepcom ta' l-NPT; jitlob lill-Presidenza tal-Kunsill sabiex tinkludi rappreżentanti tal-Parlament fid-delegazzjoni ta' l-UE (preċedent imwaqqaf mid-delegazzjoni ta' l-UE għall-Konferenza dwar Armi Żgħar fl-2006;

11. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lis-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, lill-gvernijiet u l-parlamenti ta' l-Istati Membri tan-Nazzjonijiet Uniti, lid-Direttur Ġenerali ta' l-Aġenzija Internazzjonali għall-Enerġija Atomika, lin-Netwerk Parlamentari dwar id-Diżarm Nukleari, lis-Sindki għall-Paċi, u wkoll lill-organizatturi l-oħra tal-konferenza internazzjonali dwar id-diżarm nukleari li għandha ssir fil-Parlament fid-19 ta' April 2007.

MINUTI

(2007/C 301 E/04)

PROĊEDURI TAS-SEDUTI

IPPRESIEDA: Pierre MOSCOVICI

Viċi-President

1. Ftuħ tas-Seduta

Ħin tal-ftuħ tas-seduta: 10.05.

*

* *

Tkellem Carl Schlyter, li mar lura għall-intervent tiegħu tal-jum ta' qabel *(punt 15 tal-Minuti ta' 14.03.2007)* u tkellem dwar punt lingwistiku fil-verżjoni Żvediża tar-rapport Muscardini li ġie adottat f'Ottubru 2006 *(P6_TA(2007)0450)*.

2. Dokumenti mressqa

Tressqu d-dokumenti msemmija hawn taħt mill-Kunsill u l-Kummissjoni (X'uħud minn dawn id-dokumenti m'humiex disponibbli bil-Malti):

— Proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ħarsien ta' l-ambjent permezz tal-liġi kriminali (COM(2007)0051 — C6-0063/2007 — 2007/0022(COD))

irreferut responsabbli: JURI
opinjoni: ENVI, LIBE

— Proposal for a Council Directive amending Directive 2001/114/EC relating to certain partly or wholly dehydrated preserved milk for human consumption (COM(2007)0058 [[01]] — C6-0083/2007 — 2007/0025(CNS))

irreferut responsabbli: AGRI
opinjoni: ENVI

— Proposal for a Council Regulation amending Regulation (EC) No 1255/1999 on the common organisation of the market in milk and milk products (COM(2007)0058 [[02]] — C6-0084/2007 — 2007/0026(CNS))

irreferut responsabbli: AGRI
opinjoni: ENVI

— Proposal for a Council Regulation amending Regulation (EC) No 2597/97 laying down additional rules on the common organisation of the market in milk and milk products for drinking milk (COM(2007)0058 [[03]] — C6-0085/2007 — 2007/0027(CNS))

irreferut responsabbli: AGRI
opinjoni: ENVI

— Proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2006/66/KE dwar batteriji u akkumulaturi u skart ta' batteriji u ta' akkumulaturi, fir-rigward tas-setgħat ta' implimentazzjoni mogħtija lill-Kummissjoni (COM(2007)0093 — C6-0088/2007 — 2007/0036(COD))

irreferut responsabbli: ENVI

— Proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatistika ta' kwart is-sena dwar il-postijiet tax-xogħol vakanti fil-Komunità (COM(2007)0076 — C6-0090/2007 — 2007/0033(COD))

irreferut responsabbli: EMPL
opinjoni: BUDG, ECON

— Proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1059/2003 dwar l-istabbiliment ta' klassifikazzjoni komuni ta' unitajiet territorjali għall-istatistika (NUTS) minħabba l-Adeżjoni tal-Bulgarija u tar-Rumanija fl-Unjoni Ewropea (COM(2007)0095 — C6-0091/2007 — 2007/0038(COD))

irreferut responsabbli: REGI

— Proposta għal trasferiment ta' approprijazzjonijiet DEC 08/2007 — Sezzjoni III — Kummissjoni (SEC(2007)0159 — C6-0092/2007 — 2007/2045(GBD))

irreferut responsabbli: BUDG

3. **Il-politika reġjonali (gżejjer u r-restrizzjonijiet naturali u ekonomiċi)** (dibattitu)

Rapport dwar il-gżejjer u l-ostakoli ekonomiċi u naturali fil-kuntest tal-politika reġjonali (2006/2106(INI)) — Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali.
Rapporteur: Francesco Musotto (A6-0044/2007)

Francesco Musotto ppreżenta r-rapport tiegħu.

Tkellem Neelie Kroes (Membru tal-Kummissjoni)

Tkellmu: Simon Busuttil f'isem il-grupp PPE-DE, Stavros Arnaoutakis f'isem il-grupp PSE, Elspeth Attwooll f'isem il-grupp ALDE, Mieczysław Edmund Janowski f'isem il-grupp UEN, Alyn Smith f'isem il-grupp Verts/ALE, Kyriacos Triantaphyllides f'isem il-grupp GUE/NGL, Derek Roland Clark f'isem il-grupp IND/DEM, Luca Romagnoli f'isem il-grupp ITS, Nikolaos Vakalis, Catherine Stihler, Alfonso Andria, Pedro Guerreiro, Margie Sudre, Lidia Joanna Geringer de Oedenberg, Giusto Catania, Rolf Berend, Paulo Casaca u Sérgio Marques.

IPPRESIEDA: Luigi COCILOVO

Viċi-President

Tkellmu: Andrzej Jan Szejna, Den Dover, Emanuel Jardim Fernandes, Antonio López-Istúriz White, Giuseppe Castiglione u Neelie Kroes

Id-dibattitu ngħalaq.

Votazzjoni: *punt 5.11 tal-Minuti ta' 15.03.2007.*

4. **L-awtoritajiet lokali u l-koperazzjoni għall-iżvilupp** (dibattitu)

Rapport dwar l-awtoritajiet lokali u l-koperazzjoni għall-iżvilupp (2006/2235(INI)) — Kumitat għall-Iżvilupp.
Rapporteur: Pierre Schapira (A6-0039/2007)

Pierre Schapira ppreżenta r-rapport tiegħu.

Tkellem Neelie Kroes (Membru tal-Kummissjoni).

Tkellmu: Manolis Mavrommatis f'isem il-grupp PPE-DE, Atanas Paparizov f'isem il-grupp PSE, Jean Marie Beaupuy f'isem il-grupp ALDE, Wiesław Stefan Kuc f'isem il-grupp UEN, Luisa Morgantini f'isem il-grupp GUE/NGL, Alessandro Battilocchio, Gay Mitchell, Józef Pinior, Thierry Cornillet, Zbigniew Krzysztof Kuźmiuk, Sylwester Chruszcz, Roberta Alma Anastase, Danutė Budreikaitė u Neelie Kroes.

Id-dibattitu ngħalaq.

Votazzjoni: *punt 5.12 tal-Minuti ta' 15.03.2007.*

(Ħin li fih ġiet sospiża s-seduta sa ma sar il-ħin għall-votazzjonijiet: 12.00 Ħin li fih tkompliet is-seduta: 12.05)

IPPRESIEDA: Hans-Gert PÖTTERING

President

5. Ħin tal-votazzjonijiet

Ir-riżultati tal-votazzjoni (emendi, votazzjonijiet separati u maqsumin, eċċ) jidhru fl-Anness "Riżultati tal-Votazzjonijiet" tal-Minuti.

5.1. Ħatriet fid-delegazzjonijiet interparlamentari (votazzjoni)

Proposta tal-Konferenza tal-Presidenti: Ħatriet fid-delegazzjonijiet interparlamentari *(punt 13 tal-Minuti ta' 14.03.2007)*

Il-proposta ġiet adottata.

(Riżultat tal-votazzjoni: Anness "Riżultat tal-Votazzjonijiet", Punt 1)

Il-lista li fiha n-nomini msemmija hija annessa mal-minuti preżenti.

5.2. Azzjoni tal-Komunita dwar l-għoti ta' kura tas-saħħa transkonfinali (votazzjoni)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni B6-0098/2007

(Maġġoranza sempliċi meħtieġa)
(Riżultat tal-votazzjoni: Anness "Riżultat tal-Votazzjonijiet", Punt 2)

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

Adottata *(P6_TA(2007)0073)*

5.3. Il-Kaċċa illegali ta' l-għasafar f'Malta (votazzjoni)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni B6-0119/2007

(Maġġoranza sempliċi meħtieġa)
(Riżultat tal-votazzjoni: Anness "Riżultat tal-Votazzjonijiet", Punt 3)

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

Adottata *(P6_TA(2007)0074)*

Tkellmu:

— Louis Grech ressaq emenda orali għall-emenda 7, li ma nżammitx peress li kien hemm aktar minn 40 membru li opponew;

— Simon Busuttil f'isem il-grupp PPE-DE, talab votazzjoni b'sejħa ta' l-ismijiet għall-Emenda 12; Il-President wieġeb li ma kellux għalfejn jopponi.

5.4. **Relazzjonijiet Ewro-Mediterranji** (votazzjoni)

Mozzjonijiet għal riżoluzzjoni B6-0041/2007, B6-0080/2007, B6-0084/2007, B6-0090/2007, B6-0092/2007, B6-0094/2007 u B6-0096/2007

(Maġġoranza sempliċi meħtieġa)
(Riżultat tal-votazzjoni: Anness "Riżultat tal-Votazzjonijiet", Punt 4)

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI B6-0041/2007

Rifjutata

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI RC-B6-0080/2007
(flok B6-0080/2007, B6-0084/2007, B6-0090/2007, B6-0092/2007, B6-0094/2007 u B6-0096/2007):

mressqa mill-Membri li ġejjin:
— Vito Bonsignore u Tokia Saïfi f'isem il-grupp PPE-DE,
— Pasqualina Napoletano, Carlos Carnero González u Véronique De Keyser f'isem il-grupp PSE,
— Philippe Morillon, Thierry Cornillet f'isem il-grupp ALDE,
— Ryszard Czarnecki, Adriana Poli Bortone, Roberta Angelilli, Mieczysław Edmund Janowski u Eugenijus Maldeikis f'isem il-grupp UEN,
— Hélène Flautre, David Hammerstein, Raül Romeva i Rueda u Cem Özdemir f'isem il-grupp Verts/ALE,
— Luisa Morgantini u Miguel Portas f'isem il-grupp GUE/NGL

Adottata *(P6_TA(2007)0075)*

Tkellmu:

— Pasqualina Napoletano (ko-awtriċi) ressqet emenda orali għall-paragrafu 21 u rrimarkat li fuq parir tagħha l-Emenda 1 ġiet irtirata;

— Charles Tannock f'isem il-grupp PPE-DE, irrifjuta li kien irtira l-Emenda 1 u ressaq emenda orali għal l-emenda orali ta' Pasqualina Napoletano (l-ebda waħda minn dawn iż-żewġ emendi orali ma nżammet peress li kien hemm aktar minn 40 membru li opponew).

5.5. **Il-bini taz-zona Euro-Mediterranja ta' kummerċ ħieles** (votazzjoni)

Rapport dwar il-bini taz-zona Euro-Mediterranja ta' kummerċ ħieles (2006/2173(INI)) — Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali. Rapporteur: Kader Arif (A6-0468/2006)

(Maġġoranza sempliċi meħtieġa)
(Riżultat tal-votazzjoni: Anness "Riżultat tal-Votazzjonijiet", Punt 5)

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

Adottata *(P6_TA(2007)0076)*

Tkellmu:

— Gianluca Susta f'isem il-grupp ALDE, ressaq emenda orali għal paragrafu 58, li nżammet.

5.6. **Il-Bożnja Ħerżegovina** (votazzjoni)

Rapport dwar il-proposta għal rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew lill-Kunsill dwar il-Bożnja Ħerżegovina (2006/2290(INI)) — Kumitat għall-Affarijiet Barranin.
Rapporteur: Doris Pack (A6-0030/2007)

(Maġġoranza sempliċi meħtieġa)
(Riżultat tal-votazzjoni: Anness "Riżultat tal-Votazzjonijiet", Punt 6)

PROPOSTA GĦAL RAKKOMANDAZZJONI

Adottata *(P6_TA(2007)0077)*

5.7. **Konformità tal-proposti leġiżlattivi tal-Kummissjoni mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali: metodoloġija għall-monitoraġġ strett u sistematiku** (votazzjoni)

Rapport dwar il-konformità tal-proposti leġiżlattivi tal-Kummissjoni mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali: metodoloġija għall-monitoraġġ strett u sistematiku (2005/2169(INI)) — Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern.
Rapporteur: Johannes Voggenhuber (A6-0034/2007)

(Maġġoranza sempliċi meħtieġa)
(Riżultat tal-votazzjoni: Anness "Riżultat tal-Votazzjonijiet", Punt 7)

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

Adottata *(P6_TA(2007)0078)*

Tkellmu:

— Johannes Voggenhuber (rapporteur) ressaq emeda orali għal paragrafu 15, li nżammet.

5.8. **Negozjar ta' ftehim ta' assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Amerika Ċentrali** (votazzjoni)

Rapport dwar ir-rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew lill-Kunsill dwar il-mandat għal negozjar ta' ftehim ta' assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, fuq naħa waħda, u l-pajjiżi ta' l-Amerika Ċentrali, fuq in-naħa l-oħra (2006/2222(INI)) — Kumitat għall-Affarijiet Barranin.
Rapporteur: Willy Meyer Pleite (A6-0026/2007)

(Maġġoranza sempliċi meħtieġa)
(Riżultat tal-votazzjoni: Anness "Riżultat tal-Votazzjonijiet", Punt 8)

PROPOSTA GĦAL RAKKOMANDAZZJONI

Adottata *(P6_TA(2007)0079)*

5.9. **Negozjar ta' Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Andina** (votazzjoni)

Rapport dwar ir-rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew lill-Kunsill dwar il-mandat għal negozjar ta' ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, fuq naħa waħda, u l-Komunità Andina u l-membri tagħha fuq in-naħa l-oħra (2006/2221(INI)) — Kumitat għall-Affarijiet Barranin.
Rapporteur: Luis Yañez-Barnuevo García (A6-0025/2007)

(Maġġoranza sempliċi meħtieġa)
(Riżultat tal-votazzjoni: Anness "Riżultat tal-Votazzjonijiet", Punt 9)

PROPOSTA GĦAL RAKKOMANDAZZJONI

Adottata *(P6_TA(2007)0080)*

Tkellmu:

— Luis Yañez-Barnuevo García (rapporteur) ressaq xi emendi orali għal paragrafu 1, punti b), s), u), v) u x), li nżammu.

5.10. **Persuni li għebu f'Ċipru** (votazzjoni)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni B6-0118/2007

(Karin Resetarits f'isem il-grupp ALDE, u Kyriacos Triantaphyllides f'isem il-grupp GUE/NGL, huma t-tnejn flimkien il-firmatarji tal-mozzjoni għal riżoluzzjoni.)

(Maġġoranza sempliċi meħtieġa)
(Riżultat tal-votazzjoni: Anness "Riżultat tal-Votazzjonijiet", Punt 10)

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

Adottata *(P6_TA(2007)0081)*

Tkellmu:

— Panayiotis Demetriou ppreżenta l-preżenza fit-tribuna uffiċjali tas-Sur Christophe Girod, President tal-Kumitat tan-Nazzjonijiet Uniti għall-persuni li għebu f'Ċipru, flimkien mas-Sur Elias Georgiadis u s-Sra Gülden Plümer Küçük, il-Membri ta' l-imsemmi kumitat.

5.11. **Il-politika reġjonali (gżejjer u r-restrizzjonijiet naturali u ekonomiċi)** (votazzjoni)

Rapport dwar il-gżejjer u l-ostakoli ekonomiċi u naturali fil-kuntest tal-politika reġjonali (2006/2106(INI)) — Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali.
Rapporteur: Francesco Musotto (A6-0044/2007)

(Maġġoranza sempliċi meħtieġa)
(Riżultat tal-votazzjoni: Anness "Riżultat tal-Votazzjonijiet", Punt 11)

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

Adottata *(P6_TA(2007)0082)*

5.12. **L-awtoritajiet lokali u l-koperazzjoni għall-iżvilupp** (votazzjoni)

Rapport dwar l-awtoritajiet lokali u l-koperazzjoni għall-iżvilupp (2006/2235(INI)) — Kumitat għall-Iżvilupp.
Rapporteur: Pierre Schapira (A6-0039/2007)

(Maġġoranza sempliċi meħtieġa)
(Riżultat tal-votazzjoni: Anness "Riżultat tal-Votazzjonijiet", Punt 12)

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

Adottata *(P6_TA(2007)0083)*

6. **Spjegazzjonijiet tal-vot**

Spjegazzjonijiet tal-vot bil-miktub:

L-ispjegazzjonijiet tal-vot li tressqu skond l-Artikolu 163(3) tar-Regoli ta' Proċedura jidhru fir-rapport verbatim ta' din is-seduta.

Spjegazzjonijiet tal-vot orali:

— Il-kaċċa u l-insib ta' l-għasafar tal-passa waqt ir-rebbiegħa f'Malta (B6-0119/2007): Simon Busuttil, Karin Scheele, Marcin Libicki

— Rapport Johannes Voggenhuber — A6-0034/2007: Koenraad Dillen

— Rapport Willy Meyer Pleite — A6-0026/2007 u Rapport Luis Yañez-Barnuevo García — A6-0025/2007: Daniel Hannan

— Rapport: Pierre Schapira — A6-0039/2007: Czesław Adam Siekierski

7. Korrezzjonijiet u intenzjonijiet għall-vot

Il-korrezzjonijiet u l-intenzjonijiet għall-vot jidhru fil-websajt "Séance en direct" "Résultats des votes (appels nominaux) / Results of votes (roll-call votes)" u fil-verżjoni stampata ta' l-anness "Riżultati tal-Votazzjonijiet b'sejħa ta' l-Ismijiet".

Il-verżjoni elettronika fuq il-Europarl tiġi aġġornata regolarment sa ta' l-anqas ġimagħtejn wara l-ġurnata tal-votazzjoni.

Wara li tgħaddi din l-iskadenza l-korrezzjonijiet u l-intenzjonijiet tal-vot jiġu ffinalizzati sabiex isiru t-traduzzjonijiet u l-pubblikazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali.

*

* *

Daniel Hannan għarraf li l-apparat tal-votazzjoni tiegħu ma ħadimx fil-mument tal-votazzjoni dwar ir-rapport Willy Meyer Pleite — A6-0026/2007.

(Ħin li fih ġiet sospiża s-seduta: 12.55 Ħin li fih tkompliet is-seduta: 15.00)

IPPRESIEDA: Adam BIELAN

Viċi-President

8. Approvazzjoni tal-Minuti tas-seduta ta' qabel

Il-Minuti tas-seduta ta' qabel ġew approvati.

9. Projbizzjoni ta' prodotti magħmula mill-foka fl-Unjoni Ewropea (dibattitu)

Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni: Projbizzjoni ta' prodotti magħmula mill-foka fl-Unjoni Ewropea

Stavros Dimas (Membru tal-Kummissjoni) għamel dikjarazzjoni

Tkellmu: John Bowis f'isem il-grupp PPE-DE, Paulo Casaca f'isem il-grupp PSE, Marios Matsakis f'isem il-grupp ALDE, Carl Schlyter f'isem il-grupp Verts/ALE, Erik Meijer f'isem il-grupp GUE/NGL, Stavros Dimas u Christopher Beazley li saqsa mistoqsija lill-Kummissjoni, li għaliha wieġeb Stavros Dimas.

Id-dibattitu ngħalaq.

10. Attakk kontra Galina Kozlova, membru tal-Kunsill Amministrattiv ta' l-organizzazzjoni Mari Uchem u editur tar-rivista litterarja Ontšõko (dibattitu)

Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni: Attakk kontra Galina Kozlova, membru tal-Kunsill Amministrattiv ta' l-organizzazzjoni Mari Uchem u editur tar-rivista litterarja Ontšõko

Neelie Kroes (Membru tal-Kummissjoni) għamel dikjarazzjoni.

Tkellmu: Tunne Kelam f'isem il-grupp PPE-DE, Csaba Sándor Tabajdi f'isem il-grupp PSE, István Szent-Iványi f'isem il-grupp ALDE, Leopold Józef Rutowicz f'isem il-grupp UEN, Erik Meijer f'isem il-grupp GUE/NGL, Laima Liucija Andrikienė, Józef Pinior u Neelie Kroes.

Mozzjonijiet għal riżoluzzjoni biex jiġi konkluż id-dibattitu skond l-Artikolu 103 (2) tar-Regoli ta' Proċedura:

— Toomas Savi, István Szent-Iványi, Paavo Väyrynen u Henrik Lax f'isem il-grupp ALDE, dwar l-attakk li sar fuq Galina Kozlova, membru ta' l-organizzazzjoni nazzjonali Mari Usem u editur tar-rivista Ontsoko (B6-0081/2007);

— José Ignacio Salafranca Sánchez-Neyra, Charles Tannock, Tunne Kelam u Vytautas Landsbergis f'isem il-grupp PPE-DE, dwar l-attakk kontra Galina Kozlova, membru tal-board ta' Mari Uchem u editur prinċipali tar-rivista litterarja Ontšõko (B6-0086/2007);

— Roberta Angelilli, Ģirts Valdis Kristovskis, Inese Vaidere, Hanna Foltyn-Kubicka u Ryszard Czarnecki f'isem il-grupp UEN, dwar l-attakk fuq Galina Kozlova, membru ta' l-organizzazzjoni nazzjonali Mari Uchem u editur tar-rivista Ontsoko (B6-0089/2007).

Id-dibattitu ngħalaq.

Votazzjoni: *punt 12.4 tal-Minuti ta' 15.03.2007.*

11. Dibattiti dwar każi ta' vjolazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, tad-demokrazija u ta' l-istat ta' dritt (dibattitu)

(Għat-titoli u l-awturi tal-mozzjonijiet għal riżoluzzjoni, ara punt 5 tal-Minuti ta' 13.03.2007)

11.1. Gwatemala

Mozzjonijiet għal riżoluzzjoni B6-0101/2007, B6-0104/2007, B6-0106/2007, B6-0107/2007, B6-0111/2007 u B6-0116/2007

Józef Pinior, Bernd Posselt, Ryszard Czarnecki, Tobias Pflüger et Marios Matsakis ippreżentaw il-mozzjonijiet għal riżoluzzjoni.

IPPRESIEDA: Gérard ONESTA

Viċi-President

Raül Romeva i Rueda ressaq mozzjoni għal riżoluzzjoni

Tkellmu: Bogusław Sonik f'isem il-grupp PPE-DE, Leopold Józef Rutowicz f'isem il-grupp UEN, u Neelie Kroes (Membru tal-Kummissjoni).

Id-dibattitu ngħalaq.

Votazzjoni: *punt 12.1 tal-Minuti ta' 15.03.2007.*

11.2. Kambodja

Mozzjonijiet għal riżoluzzjoni B6-0102/2007, B6-0103/2007, B6-0108/2007, B6-0110/2007, B6-0112/2007 u B6-0117/2007

Marc Tarabella, Bernd Posselt, Erik Meijer, Ryszard Czarnecki u Marco Cappato ippreżentaw il-mozzjonijiet għal riżoluzzjoni.

Tkellmu: Marios Matsakis f'isem il-grupp ALDE, u Neelie Kroes (Membru tal-Kummissjoni).

Id-dibattitu ngħalaq.

Votazzjoni: *punt 12.2 tal-Minuti ta' 15.03.2007*.

11.3. Niġerja

Mozzjonijiet għal riżoluzzjoni B6-0105/2007, B6-0109/2007, B6-0113/2007, B6-0114/2007 u B6-0115/2007

Michael Gahler, Erik Meijer, Sophia in 't Veld, Józef Pinior u Carl Schlyter ippreżentaw il-mozzjonijiet għal riżoluzzjoni.

Tkellmu: Lidia Joanna Geringer de Oedenberg f'isem il-grupp PSE, Marco Cappato f'isem il-grupp ALDE, Marcin Libicki f'isem il-grupp UEN, Raül Romeva i Rueda f'isem il-grupp Verts/ALE, Marios Matsakis u Neelie Kroes (Membru tal-Kummissjoni).

Id-dibattitu ngħalaq.

Votazzjoni: *punt 12.3 tal-Minuti ta' 15.03.2007*.

12. Ħin tal-votazzjonijiet

Ir-riżultati tal-votazzjoni (emendi, votazzjonijiet separati u maqsumin, eċċ) jidhru fl-Anness "Riżultati tal-Votazzjonijiet" tal-Minuti.

12.1. Gwatemala (votazzjoni)

Mozzjonijiet għal riżoluzzjoni B6-0101/2007, B6-0104/2007, B6-0106/2007, B6-0107/2007, B6-0111/2007 u B6-0116/2007

(Maġġoranza sempliċi meħtieġa)
(Riżultat tal-votazzjoni: Anness "Riżultat tal-Votazzjonijiet", Punt 13)

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI RC-B6-0101/2007
(flok B6-0101/2007, B6-0104/2007, B6-0106/2007, B6-0107/2007, B6-0111/2007 u B6-0116/2007):

mressqa mill-Membri li ġejjin:
— José Ignacio Salafranca Sánchez-Neyra, Bernd Posselt u Charles Tannock f'isem il-grupp PPE-DE,
— Pasqualina Napoletano, Raimon Obiols i Germà, Elena Valenciano Martínez-Orozco u Emilio Menéndez del Valle f'isem il-grupp PSE,

— Marios Matsakis, Danutė Budreikaitė, Frédérique Ries u Arūnas Degutis f'isem il-grupp ALDE,
— Michał Tomasz Kamiński, Adam Bielan, Mirosław Mariusz Piotrowski, Hanna Foltyn-Kubicka, Marek Aleksander Czarnecki, Mieczysław Edmund Janowski, Eugenijus Maldeikis u Wojciech Roszkowski f'isem il-grupp UEN,
— Raül Romeva i Rueda, Eva Lichtenberger, Alain Lipietz, Monica Frassoni u Friedrich-Wilhelm Graefe zu Baringdorf f'isem il-grupp Verts/ALE,
— Willy Meyer Pleite, André Brie, Giusto Catania u Marco Rizzo f'isem il-grupp GUE/NGL

Adottata *(P6_TA(2007)0084)*

Tkellmu:

— Marios Matsakis (ko-awtur) ippreżenta l-emendi orali għall-premessi B u C, li ġew aċċettati.

12.2. **Kambodja** (votazzjoni)

Mozzjonijiet għal riżoluzzjoni B6-0102/2007, B6-0103/2007, B6-0108/2007, B60110/2007, B6-0112/2007 u B6-0117/2007

(Maġġoranza sempliċi meħtieġa)
(Riżultat tal-votazzjoni: Anness "Riżultat tal-Votazzjonijiet", Punt 14)

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI RC-B6-0102/2007
(flok B6-0102/2007, B6-0103/2007, B6-0108/2007, B60110/2007, B6-0112/2007 u B6-0117/2007):

mressqa mill-Membri li ġejjin:
— Charles Tannock, Bernd Posselt u Ari Vatanen f'isem il-grupp PPE-DE,
— Pasqualina Napoletano, Marc Tarabella u Harlem Désir f'isem il-grupp PSE,
— Marco Pannella, Marco Cappato, Marios Matsakis, Frédérique Ries, Jules Maaten, Ignasi Guardans Cambó u Annemie Neyts-Uyttebroeck f'isem il-grupp ALDE,
— Michał Tomasz Kamiński, Hanna Foltyn-Kubicka, Ryszard Czarnecki, Adam Bielan u Gintaras Didžiokas f'isem il-grupp UEN,
— Frithjof Schmidt f'isem il-grupp Verts/ALE,
— Vittorio Agnoletto f'isem il-grupp GUE/NGL

Adottata *(P6_TA(2007)0085)*

12.3. **Niġerja** (votazzjoni)

Mozzjonijiet għal riżoluzzjoni B6-0105/2007, B6-0109/2007, B6-0113/2007, B6-0114/2007 u B6-0115/2007

(Maġġoranza sempliċi meħtieġa)
(Riżultat tal-votazzjoni: Anness "Riżultat tal-Votazzjonijiet", Punt 15)

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI B6-0105/2007

Adottata *(P6_TA(2007)0086)*

(Il-mozzjonijiet għal riżoluzzjoni RC-B6-0109/2007, B6-0109/2007, B6-0113/2007, B6-0114/2007 u B6-0115/2007 waqgħu.)

12.4. Attakk kontra Galina Kozlova, membru tal-Kunsill Amministrattiv ta' l-organizzazzjoni Mari Uchem u editur tar-rivista litterarja Ontšõko (votazzjoni)

Mozzjonijiet għal riżoluzzjoni B6-0081/2007, B6-0086/2007 u B6-0089/2007

(Maġġoranza sempliċi meħtieġa)
(Riżultat tal-votazzjoni: Anness "Riżultat tal-Votazzjonijiet", Punt 16)

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI RC-B6-0081/2007
(flok B6-0081/2007, B6-0086/2007 u B6-0089/2007)

mressqa mill-Membri li ġejjin:

— José Ignacio Salafranca Sánchez-Neyra, Charles Tannock, Tunne Kelam u Vytautas Landsbergis f'isem il-grupp PPE-DE,
— Jan Marinus Wiersma f'isem il-grupp PSE,
— Toomas Savi, István Szent-Iványi, Paavo Väyrynen u Henrik Lax f'isem il-grupp ALDE,
— Michał Tomasz Kamiński, Roberta Angelilli, Hanna Foltyn-Kubicka, Ryszard Czarnecki, Adam Bielan, Ģirts Valdis Kristovskis u Inese Vaidere f'isem il-grupp UEN,
— Satu Hassi, Bart Staes f'isem il-grupp Verts/ALE,
— André Brie, Vittorio Agnoletto u Esko Seppänen f'isem il-grupp GUE/NGL

Adottata *(P6_TA(2007)0087)*

13. Spjegazzjonijiet tal-vot

Spjegazzjonijiet tal-vot bil-miktub:

L-ispjegazzjonijiet tal-vot li tressqu skond l-Artikolu 163(3) tar-Regoli ta' Proċedura jidhru fir-rapport verbatim ta' din is-seduta.

Spjegazzjonijiet tal-vot orali:

— Attakk kontra Galina Kozlova, membru tal-Kunsill Amministrattiv ta' l-organizzazzjoni Mari Uchem u editur tar-rivista litterarja Ontšõko (RC-B6-0081/2007): Laima Liucija Andrikienė

*
* *

Tkellmu: Marcin Libicki dwar il-votazzjoni dwar in-Niġerja (B6-0105/2007) u Zbigniew Zaleski, dwar dan l-aħħar intervent.

14. Deċiżjonijiet dwar ċerti dokumenti

Kompetenza tal-kumitati

Kumitat PETI

— Monitoraġġ ta' l-appilkazzjoni tal-liġi Komunitarja (2005) — it-23 rapport annwali (2006/2271(INI))
irreferut responsabbli: JURI
opinjoni: PETI

15. Kompożizzjoni tal-kumitati u d-delegazzjonijiet

Tkellem Marios Matsakis dwar il-proċedura.

Il-President irċieva t-talbiet ta' ħatra li ġejjin mill-gruppi PPE-DE, PSE, ALDE, UEN, Verts/ALE, GUE/NGL, ITS, IND/DEM u mill-Membri mhux affiljati:

— **Kumitat ECON**: Joop Post jieħu post Renato Brunetta

— **Kumitat EMPL**: Edit Bauer jieħu post Ria Oomen-Ruijten

— **Kumitat TRAN**: Marian-Jean Marinescu jieħu post Corien Wortmann-Kool

— **Kumitat LIBE**: Ria Oomen-Ruijten jieħu post Edit Bauer

— **Sottokumitat għad-Drittijiet tal-Bniedem**: György Schöpflin m'għadux membru.

— wara li kkunsidra l-Mistoqsija Orali B6-0013/2007 mill-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza ta' l-Ikel skond l-Artikolu 108 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 108(5) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi s-servizzi tas-saħħa kienu esklużi mid-Direttiva 2006/123/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar is-servizzi fis-suq intern ([2]),

B. billi fil-Parlament Ewropew bħalissa qed jiġi diskuss abbozz ta' rapport dwar l-impatt u l-konsegwenzi tat-tħollija barra tas-servizzi tas-saħħa mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2006/123/KE;

C. billi l-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja (ECJ) tat numru ta' deċiżjonijiet mill-1998, li jippermettu lill-pazjenti li jiċċaqilqu b'mod liberu fit-tfittxija ta' trattament mediku u ta' kura u għalhekk applikat il-prinċipju tal-moviment ħieles fir-rimborż ta' kura tas-saħħa mogħtija barra mill-pajjiż;

D. billi l-ECJ l-ewwel iddeċidiet li r-rimborż ta' spejjeż magħmula fi Stat Membru ieħor suġġett għal awtorizzazzjoni minn qabel għandu jkun ikkunsidrat ostaklu għall-provvista tas-servizzi iżda wara żviluppat aktar il-prinċipji ta' rimborż u l-ħtieġa li jkun hemm awtorizzazzjoni minn qabel,

E. billi s-sistemi ta' kura tas-saħħa fl-Unjoni Ewropea huma bbażati fuq il-prinċipji ta' solidarjetà, ekwità u universalità sabiex ikun garantit li n-nies kollha, mingħajr ma jingħata każ tad-dħul, l-istatus legali u l-età tagħhom, jirċievu kura tas-saħħa xierqa u ta' l-aħjar kwalità;

F. billi l-arranġamenti għall-provvediment tal-kura tas-saħħa jvarjaw minn pajjiż għall-ieħor;

([1]) ĠU C 124 E, 25.5.2006, p.543.
([2]) ĠU L 376, 27.12.2006, p.36.

1. Jilqa' l-inizjattiva tal-Kummissjoni sabiex tniedi proċedura ta' konsultazzjoni dwar l-aħjar forma ta' azzjoni Komunitarja bil-għan li tipprovdi qafas għall-aspetti transkonfinali tal-kura tas-saħħa;

2. Ifakkar fl-obbligu tat-Trattat li jkun żgurat livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem f'kull politika Komunitarja; ifakkar ukoll fl-Artikolu 95(3) tat-Trattat li jistipula l-bażi legali għall-miżuri tas-suq intern li jikkonċernaw is-saħħa; għalhekk jikkunsidra li huwa neċessarju li jinħoloq qafas legali għall-provvediment ta' kura tas-saħħa transkonfinali li jiggarantixxi bl-aħjar mod l-aċċess fil-ħin tal-pazjenti għal kura tas-saħħa xierqa u ta' kwalità għolja, l-iżvilupp tal-provvediment ta' kura tas-saħħa transkonfinali u l-iffinanzjar sostenibbli tal-kura tas-saħħa;

3. Jenfasizza li l-aspetti transkonfinali tal-kura tas-saħħa jkopru kemm il-mobilità tal-pazjenti u tal-professjonisti tal-kura tas-saħħa kif ukoll tal-provvediment ta' kura tas-saħħa minn pajjiż iehor; jenfasizza wkoll li d-deċiżjonijiet ta' l-ECJ jindirizzaw speċifikament il-problemi relatati mad-drittijiet tal-pazjenti li jfittxu trattament barra mill-pajjiż li jkunu riżarċiti mill-iskemi tagħhom ta' l-assikurazzjoni tas-saħħa nazzjonali;

4. Għalhekk jikkunsidra li ċ-ċertezza legali f'dak li jirrigwarda r-rimborż ta' l-ispejjeż relatati ma' kura tas-saħħa transkonfinali hija kwistjoni ta' prijorità mhux biss għall-pazjenti iżda wkoll għas-sistemi nazzjonali ta' assikurazzjoni tas-saħħa kif ukoll għal dawk li jipprovdu l-kura tas-saħħa; jenfasizza l-bżonn li l-proċeduri u l-kundizzjonijiet għar-rimborż fil-każijiet varji jkunu ċċarati;

5. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex tiżviluppa prinċipji komuni u linji gwida bażiċi għas-servizzi tas-saħħa sabiex tiggarantixx s-sikurezza tal-pazjenti; Huwa tal-fehma, ukoll, li l-iżvilupp ta' indikaturi armonizzati tas-saħħa (bħal standards għat-testijiet tad-demm) fil-livell Komunitarju huwa importanti ħafna għall-iżvilupp ta' skambji ta' l-aħjar prattika, partikularment bejn il-professjonisti tas-saħħa;

6. Jaħseb li l-UE għandu jkollha rwol importanti fit-titjib tad-disponibilità għall-pazjenti ta' tagħrif dwar il-mobilità transkonfinali, billi jikkoordinaw koperazzjoni bejn l-Istati Membri f'dan il-qasam;

7. Jaħseb li l-mobilità tal-pazjent dejjem għandha tkun kwistjoni ta' l-għażla libera tal-pazjent u li m'għandhiex issir l-ebda pressjoni fuq il-libertà ta' l-għażla tal-pazjenti;

8. Jenfasizza l-bżonn li s-sikurezza tal-pazjent tkun żgurata f'kull ċirkostanza mingħajr distinzjoni ta' fejn u kif jiġu provduti s-servizzi tas-saħħa; jitlob li jkun hemm ċarezza dwar ir-responsabilitajiet bejn l-awtoritajiet fis-superviżjoni tal-fornituri tas-servizzi tas-saħħa u għall-iskambju effettiv ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali dwar ir-reġistrazzjoni u l-istatus dixxiplinarju tal-professjonisti tas-saħħa; jikkunsidra li hu meħtieġ li jinħoloq mekkaniżmu għall-appell rigward prattika ħażina *fis-servizzi* tas-saħħa transkonfinali;

9. Jirrimarka li kważi f'kull każ, il-kura tas-saħħa u t-trattament mediku jeħtieġu li jkunu segwiti, u dan jaf jieħu żmien twil; jirrikonoxxi l-ħtieġa ta' regoli ċari dwar id-diviżjoni tax-xogħol u tar-responsabbilitajiet bejn il-fornituri tal-kura tas-saħħa waqt l-istadji differenti tat-trattament u tal-kura;

10. Jikkunsidra li l-introduzzjoni ta' qafas leġiżlattiv fuq il-livell Komunitarju huwa l-aħjar metodu li jiżgura ċ-ċertezza legali lill-pazjenti, lis-sistemi ta' kura tas-saħħa nazzjonali u l-fornituri privati ta' kura tas-saħħa; jemmen li huwa wkoll l-aħjar metodu ta' kif jittejjeb l-aħjar użu tar-riżorsi tal-kura tas-saħħa u ta' kif jitħaffef l-aċċess għat-trattament;

11. Jaħseb li hemm il-ħtieġa li tiġi inkorporata karta komuni dwar id-drittijiet tal-pazjenti f'dak il-qafas Komunitarju sabiex ikun żgurat li dawn id-drittijiet jiġu eżerċitati fil-prattika f'kuntest transkonfinali u f'pajjiżhom;

12. Jikkunsidra li huwa meħtieġ li fil-qafas legali jkun inkorporat mekkaniżmu għall-ġbir ta' data u skambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali dwar il–fornituri ta' servizzi tas-saħħa, ir-reġistrazzjoni u l-istatus dixxiplinarju tagħhom, u l-kompetenzi disponibbli; jemmen ukoll li l-ħolqien ta' netwerk ta' Ċentri ta' Referenza Ewropej iġib miegħu benefiċċji konsiderevoli fit-trattament tal-mard;

13. Iqis li huwa meħtieġ, għas-sikurezza tal-pazjenti, li fil-qafas legali jiddaħħal dmir li l-awtoritajiet nazzjonali jiskambjaw tagħrif dwar ir-reġistrazzjoni u dwar id-dixxiplina rigward professjonisti tas-saħħa li jkunu involuti f'servizzi transkonfinali tas-saħħa;

14. Jappella lill-Istati Membri biex jintroduċu approċċ "one-stop shop" għall-pazjenti għall-proċeduri dwar ilmenti;

15. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tagħti attenzjoni speċjali li tkun provduta informazzjoni lill-pazjenti dwar id-drittijiet u l-obbligi tagħhom u tintroduċi dispożizzjonijiet xierqa fil-proposta leġiżlattiva tagħha;

16. Jemmen li l-qafas Komunitarju futur jista' jipprovdi opportunità li ċ-ċittadini Ewropej jingħataw saħħa bħala pazjenti kif ukoll tinkoraġġixxi lill-Istati Membri sabiex jiżviluppaw is-sistemi tagħhom ta' kura tas-saħħa;

17. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, u lill-gvernijiet u lill-parlamenti ta' l-Istati Membri.

P6_TA(2007)0074

Il-kaċċa u l-insib illegali f'Malta

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Marzu 2007 dwar il-kaċċa u l-insib ta' l-għasafar tal-passa waqt ir-rebbiegħa f'Malta

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-Petizzjoni 794/2004, il-Petizzjoni 334/2005 u l-Petizzjoni 886/2005,

— wara li kkunsidra r-Rapport dwar il-missjoni għat-tiftix tal-fatti li wettaq il-Kumitat għall-Petizzjonijiet f' Malta bejn id-9 u t-12 ta' Mejju 2006,

— wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 79/409/KEE tat-2 ta' April 1979 dwar il-konservazzjoni ta' l-għasafar selvaġġi [1] (id-'Direttiva dwar l-Għasafar'),

— wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni ta' l-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa [2] (id-'Direttiva dwar il-Habitat'),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 10, 226 u 242 tat-Trattat KE,

— wara li kkunsidra l-Mistoqsija Orali B6-0015/2007,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 108(5) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi l-Parlament Ewropew irċieva bosta petizzjonijiet kontra l-prattiki tal-kaċċa u l-insib ta' l-għasafar tal-passa waqt ir-rebbiegħa f'Malta, inkluża petizzjoni mis-Soċjeta' Rejali Belġjana għall-Protezzjoni ta' l-Għasafar, li ġiet iffirmata minn 300 000 Ewropew, u li aktar minn 4 000 minnhom kienu Maltin; billi 115 000 Ewropew, li kienu l-aktar mir-Renju Unit, ressqu petizzjoni lill-Gvern Malti fi Frar 2007 bi protesta kontra l-kaċċa waqt ir-rebbiegħa,

B. billi l-Kumitat għall-Petizzjonijiet eżamina l-allegazzjonijiet li saru fil-petizzjonijiet u bagħat delegazzjoni f'Malta skond l-Artikolu 192(3) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew biex tistabbilixxi fuq il-post, il-fatti tas-sitwazzjoni,

C. billi r-rapport tal-missjoni għat-tiftix tal-fatti kkonkluda li, minkejja li saru ċerti sforzi mill-awtoritajiet Maltin responsabbli sabiex il-leġiżlazzjoni nazzjonali u l-applikazzjoni tagħha jsiru konformi mal-liġi tal-Komunità, is-sostenibilità u s-sopravvivenza tal-popolazzjonijiet ta' bosta speċi ta' għasafar tal-passa xorta għadhom jiffaċċjaw theddid serju minn attivitajiet ta' kaċċa u nsib illegali u bl-addoċċ meta dawn jgħaddu minn fuq Malta waqt il-passa tagħhom fir-rebbiegħa,

(1) ĠU L 103, 25.4.1979, p. 1.
(2) ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7.

D. billi r-rapport ta' dik il-missjoni għat-tiftix tal-fatti iqajjem ukoll tħassib rigward il-konformità ta' Malta mad-Direttiva dwar l-Għasfar u mad-Direttiva dwar il-Habitat, kif ukoll rigward l-ispeċi protetti li qed jiġu kkaċċjati u minsuba, b'mod partikulari, tajr tal-priża.

E. billi l-kaċċaturi Maltin jiġġustifikaw il-kaċċa u l-insib fir-rebbiegħa bħala parti mit-tradizzjoni kulturali tagħhom; billi, madankollu, f'dawn l-aħħar snin l-ispazju għall-mistrieħ disponibbli għall-għasafar tal-passa naqas b'mod kunsiderevoli minħabba l-iżvilupp urban, u billi permezz tal-metodi u l-armi ġodda l-kaċċa saret iżjed effiċjenti u għaldaqstant iżjed ta' ħsara għall-popolazzjonijiet ta' l-għasafar tal-passa, u qiegħda tikkawża l-eradikazzjoni lokali ta' tajr bħall-Falkun Pellegrin u l-Barbaġann;

F. billi diversi eżerċizzji ta' stħarriġ ta' l-opinjoni pubblika juru li l-maġġoranza wiesgħa tas-soċjetà Maltija hi kontra l-prattiki tal-kaċċa preżenti,

G. billi l-Gvern ta' Malta ddeċieda li jiftaħ staġun tal-kaċċa fir-rebbiegħa bejn l-10 ta' April u l-20 ta' Mejju 2007 għas-summien u l-gamiem, li huma t-tnejn speċi mhedda, u staġun ta' l-insib bejn is-26 ta' Marzu u l-20 ta' Mejju 2007,

H. billi Malta hija waħda mill-*bottlenecks* prinċipali għall-għasafar li jpassu bejn l-Ewropa u l-Afrika; billi studju riċenti kien fih xhieda li tajr, li ħafna minnu huwa rari jew mhedded, qiegħed jiġi kkaċċjat f'35 pajjiż, il-biċċa l-kbira Stati Membri, u minsub f'19-il pajjiż;

I. billi l-Kummissjoni qiegħda tinvestiga jekk it-traspożizzjoni ta' Malta tad-Direttiva dwar l-Għasfar hix konformi mar-rekwiżiti tad-Direttiva u jekk il-leġiżlazzjoni hix applikata b'mod korrett, u billi fetħet proċedimenti ta' ksur kontra Malta minħabba n-nuqqas ta' konformità ma' l-Artikolu 9 tad-Direttiva,

J. billi l-Kummissjoni rrakkomandat li din is-sena l-Gvern ta' Malta li m'għandux jippermetti l-kaċċa waqt ir-rebbiegħa, u qalet li jekk il-kaċċa waqt ir-rebbiegħa tiġi awtorizzata fl-2007 hija bi ħsiebha teżamina f'każ konġunt il-kaċċa permessa fir-rebbiegħa fis-snin 2004, 2005 u 2006 u li tibgħat lil Malta Opinjoni Motivata dwar il-każ,

K. billi l-obbligu ta' l-Istati Membri li jikkoperaw bis-sħiħ mal-Kummissjoni meta din taġixxi abbażi tas-setgħat tagħha skond l-Artikolu 226 tat-Trattat KE joħroġ mill-prinċipju tal-koperazzjoni in bona fede stipulat fl-Artikolu 10 tat-Trattat KE,

1. Jieħu nota tar-rapport dwar il-missjoni għat-tiftix tal-fatti tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet, li matula ġew eżaminati l-fatti fuq il-post bejn id-9 u t-12 ta' Mejju 2006, u jappoġġja r-rakkomandazzjonijiet tar-rapport;

2. Jikkondividi t-tħassib espress fir-rapport dwar il-missjoni għat-tiftix tal-fatti, b'mod partikulari firrigward ta' l-awtorizzazzjoni tal-kaċċa għall-għasafar tal-passa li jkunu qed jistrieħu, l-insib u l-kaċċa illegali ta' speċi protetti, inkluż ukoll f'żoni protetti mil-liġi tal-Komunità;

3. Jikkundanna kull tip ta' kaċċa illegali fl-Istati Membri kollha;

4. Jitlob lill-Gvern Malti u lill-Kummissjoni biex jippubblikaw b'mod sħiħ il-pożizzjonijiet tekniċi tagħhom dwar il-kwistjoni;

5. Jilqa' d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tinvestiga l-konformità tal-leġiżlazzjoni Maltija u l-applikazzjoni tagħha mad-Direttiva dwar l-Għasafar, u jħeġġeġ bil-qawwa lill-Kummissjoni tirdoppja l-isforzi tagħha sabiex tipperswadi lill-awtoritajiet Maltin jikkonformu kompletament mal-liġi tal-Komunità;

6. Jitlob ukoll lill-Gvern Malti biex jikkonforma b'mod sħiħ mad-Direttiva dwar l-Għasafar, mal-liġi tal-Komunità rilevanti u mat-termini tat-Trattat ta' l-Adeżjoni kif iffirmat mill-Gvern Malti;

7. Jilqa' b'sodisfazzjon id-deċiżjoni tal-Gvern Malti li jindirizza każijiet ta' abbuż, *inter alia*, billi jżid il-multi għal massimu ta' €14 000, billi jżid iż-żmien ta' priġunerija għal massimu ta' sentejn u billi jirrevoka b'mod permanenti l-liċenzji tal-kaċċa f'każijiet riċedivi;

8. Jilqa' wkoll d-deċiżjoni tal-Gvern Malti li jipprojbixxi l-insib ta' l-isponsuni u l-kaċċa għall-għasafar minn fuq il-baħar waqt ir-Rebbiegħa;

9. Isostni l-prinċipju ta' koperazzjoni in bona fede stipulat fl-Artikolu 10 tat-Trattat KE, skond liema Artikolu l-Istati Membri qablu li jikkoperaw b'mod sħiħ ma' l-Istituzzjonijiet Komunitarji;

10. Jinnota li l-prinċipju ta' koperazzjoni in bona fede huwa ta' importanza partikolari meta l-Kummissjoni tkun qed taġixxi fil-kapaċità tagħha ta' "gwardjan tat-trattati" u tkun qed tinvestiga l-konformità ta' l-Istati Membri mal-liġi tal-Komunità skond l-Artikolu 226 tat-Trattat KE;

11. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kummissjoni, lill-Kunsill u lill-Gvern u l-Parlament ta' Malta.

P6_TA(2007)0075

Ir-relazzjonijiet Ewro-Mediterranji

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Marzu 2007 dwar ir-relazzjonijiet Ewro-Mediterranji

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew dwar it-tħejjija tal-Konferenza ta' Tampere tal-Ministri għall-Affarijiet Barranin Ewro-Mediterranji (COM(2006)0620),

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tat-Tmien Konferenza Ewro-Mediterranja tal-Ministri għall-Affarijiet Barranin f'Tampere fis-27 u t-28 ta' Novembru 2006 (it-tmien Konferenza Ewro-Mediterranja),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew dwar it-tisħiħ tal-Politika Ewropea ta' Viċinanza (PEV), (COM(2006)0726),

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tas-Samit Ewro-Mediterranju organizzat fl-okkażjoni ta' l-għaxar anniversarju mis-sħubija Ewro-Mediterranja, li sar f'Barċellona fis-27 u fit-28 ta' Novembru 2005,

— wara li kkunsidra r-riżultati tal-konferenza ministerjali Ewro-Mediterranja għall-kummerċ, li saret f'Marrakexx fl-24 ta' Marzu 2006,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni finali tal-Forum Ċivili, li ltaqa' f'Marrakexx mill-4 sas-7 ta' Novembru 2006,

— wara li kkunsidra l-Konferenza Ewro-Afrikana f'Rabat ta' l-10 u l-11 ta' Lulju 2006, u l-Konferenza ta' Tripoli tat-22 u t-23 ta' Novembru 2006 dwar il-migrazzjoni u l-iżvilupp,

— wara li kkunsidra l-programm tal-Presidenza tal-Kunsill,

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-8 u d-9 ta' Marzu 2007,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 103(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi r-reġjun Mediterranju u l-Lvant Nofsani għandhom importanza strateġika għall-UE, u billi hemm il-ħtieġa għal politika Mediterranja ta' solidarjetà sabiex jiġu ffaċċjati l-bosta sfidi komuni kif ukoll sabiex jintlaħqu objettivi li għandhom l-għan li jwaqqfu zona ta' paċi, stabilità u prosperità komuni,

B. wara li kkunsidra li l-kapijiet ta' l-Istati u tal-Gvernijiet adottaw fit-28 ta' Novembru 2005, programm ta' ħidma imqassam fuq ħames snin li għandu l-għan li jsaħħaħ il-proċess ta' Barċellona,

C. Billi ma jistax ikun hemm żvilupp sostenibbli mingħajr paċi, stabilità, solidarjetà u mingħajr it-tħaddim ta' tmexxija tajba, u li l-iżvilupp sostenibbli għandu jkun fil-qalba ta' shubija Ewro-Mediterranja,

D. billi l-kunflitt bejn l-Iżrael u l-Palestina aggrava ruħu f'dawn l-aħħar snin, u billi dan wassal għal deterjorament serju tas-sitwazzjoni umanitarja fl-Istrixxa ta' Gaza u fix-Xatt tal-Punent, u dan għandu konsegwenzi negattivi ħafna fuq is-sigurtà fir-reġjun kollu,

E. billi skond id-deċiżjoni tat-Tmien konferenza ewro-mediterranja ġie deċiż li tkun organizzata konferenza fl-2007 dwar ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem fil-kuntest tal-ġlieda kontra t-terroriżmu bi qbil mal-liġi internazzjonali, bħala miżura ta' applikazzjoni tal-Kodiċi ta' Mġieba Euromed, adottat matul is-Samit ta' Barċellona f'Novembru 2005,

F. billi l-UE għad m'għandhiex politika komuni dwar l-immigrazzjoni u billi f'kull Stat Membru hemm fis-seħħ dispożizzjonijiet nazzjonali differenti,

G. billi l-immigrazzjoni illegali tiftaħ il-bieb għall-esplojtazzjoni, għax xogħol sfurzat u għat-traffikar tal-bnedmin,

H. jenfasizza l-fatt li l-integrazzjoni tan-nisa fil-ħajja ekonomika u soċjali tikkostitwixxi element essenzjali għall-iżvilupp tas-soċjetajiet,

I. billi l-problema tad-dejn u tad-defiċit kummerċjali fir-rigward ta' l-UE għandha effetti negattivi fuq l-iżvilupp tal-maġġoranza tal-pajjiżi tan-Nofsinhar tal-Mediterran,

J. billi titqies il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni msemmija qabel dwar it-tisħiħ tal-Politika Ewropea tal-Viċinanza (ENP), li fiha b'mod partikolari sensiela sħiħa ta' proposti maħsuba biex jittejjeb sew l-impatt tal-politika tas-sħubija, sabiex ikun hemm possibilitajiet ġodda għat-tisħiħ tar-relazzjonijiet komuni, sabiex jissaħħaħ id-djalogu politiku u tiżdied l-integrazzjoni tal-pajjiżi msieħba fil-politiki ta' l-UE,

K. billi l-finanzjament li ngħata mill-UE lill-pajjiżi tan-Nofsinhar u tal-Lvant tal-Mediterran għall-perjodu 2007-2013 għandu jitkompla, minħabba l-piż kummerċjali, ekonomiku u strateġiku ta' dan ir-reġjun fir-relazzjonijiet tiegħu ma' l-UE,

L. billi l-ħolqien ta' suq ta' l-enerġija Ewro-Mediterranju interkonness bis-sħiħ u integrat bl-estensjoni u l-integrazzjoni tas-swieq ta' l-enerġija fir-reġjun Ewro-Mediterranju u dak tas-subSahara, flimkien mat-twettiq tal-proġetti ta' infrastruttura ta' l-enerġija neċessarji, għandhom vantaġġi enormi għall-imsieħba kollha,

M. billi jista' jkun utli li tiġi stabbilita rabta bejn l-objettivi tal-politika Ewro-Mediterranja, u partikolarment id-dimensjoni ekonomika u finanzarja, u l-objettivi tar-relazzjonijiet ta' l-UE mal-pajjiżi membri tal-Kunsill ta' Koperazzjoni tal-Golf,

N. billi t-trasformazzjoni tal-Forum Parlamentari Ewro-Mediterranju fl-Assemblea Parlamentari Ewro-Mediterranja (APEM), li għandu tliet kumitati, issaħħaħ id-dimensjoni parlamentari tal-proċessi ewro-mediterranji, investita issa b'responsabbilità demokratika ikbar; billi dan l-organu ġdid għandu jintensifika d-djalogu ġenerali bejn iż-żewġ reġjuni;

Il-Ħamis, 15 ta' Marzu 2007

1. Iqis li huwa xieraq li tissaħħaħ id-dimensjoni tal-Politika tal-Viċinanza lejn in-Nofsinhar, b'kunsiderazzjoni għall-kumplessità tar-relazzjonijiet mar-reġjun tal-Mediterran, li permezz tagħhom il-proċess ta' Barċellona rrappreżenta pass sinifikanti; jinnota li għadna 'l bogħod milli nilħqu l-objettivi li permezz tagħhom ġiet imnidija din il-politika bil-għan li jiġu stabbiliti relazzjonijiet stabbli, ibbażati fuq il-valuri komuni u mhaddna wkoll mill-ġirien il-ġodda ta' l-Ewropa mkabbra.

2. Iqis li l-iżvilupp ta' l-ENP ma jistax jiġi llimitat għall-aġġornament tal-ftehimiet ta' assoċjazzjoni u ta' koperazzjoni ma' kull pajjiż ikkonċernat, billi titqiegħed enfasi biss fuq id-dimensjoni bilaterali, u jistieden lill-imsieħba kollha jniedu mill-ġdid u jaġġornaw l-objettivi strateġiċi u politiċi tal-Proċess ta' Barċellona, inkluż il-ħolqien ta' netwerks ta' koperazzjoni u l-promozzjoni ta' l-integrazzjoni reġjonali Tramuntana-Nofsinhar u Nofsinhar-Nofsinhar;

3. Jilqa' b'sodisfazzjon il-proposta tal-Kummissjoni li l-ENP tingħata dimensjoni tematika, li l-ftehimiet ta' skambju liberu jidħlu iktar fil-fond u li jissaħħaħ l-appoġġ għar-riformi li jtejbu l-ambjent regolatorju u l-klima ta' investimenti;

4. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-pajjiżi imsieħba sabiex jikkonkretizzaw iktar ir-relazzjonijiet bejn l-ENP u l-isħubija Ewro-Mediterranja billi jżidu ftehimiet u programmi multilaterali ġodda f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-enerġija u mat-trasport filwaqt li jsaħħu dawk diġà eżistenti; jenfasizza, b'mod partikulari, l-vulnerabilità tar-reġjun Ewro-Mediterranju mill-perspettiva ambjentali u b'mod iktar preċiż f'dak li għandu x'jaqsam mal-bidla klimatika u jitlob, f'dan il-kuntest, lill-Kummissjoni biex tipproponi pjan ta' azzjoni dwar l-eneġija sostenibbli għal dan ir-reġjun;

5. Jisħaq il-ħtieġa li jiġi mniedi mill-ġdid il-proċess tal-paċi fil-Lvant Nofsani filwaqt li tiġi kkunsidrata l-gravità tas-sitwazzjoni fuq il-pjan politiku u umanitarju u jiġbed l-attenzjoni dwar il-limitazzjonijiet tal-Mekkaniżmu Internazzjonali Temporanju; jikkunsidra li t-tnedija mill-ġdid tan-negozjati bbażati fuq il-pjan ta' ħidma ma jkunx biżżejjed mingħajr kunsiderazzjoni tal-proposti l-oħra, bħall-Pjan Għarbi ta' l-2002 u l-parteċipazzjoni ta' l-operaturi kollha tar-reġjun fin-negozjati; jappoġġja l-inizjattiva ta' konferenza internazzjonali li tippermetti l-ħolqien ta' regolamentazzjoni reġjonali u finali tal-konflitt;

6. Isegwi b'interess l-aħbar li għandha twassal għall-formazzjoni ta' Gvern ġdid ta' koalizzjoni Palestinjan u jilqa' b'sodisfazzjon l-inizjattiva Sawdita bil-ftehima ffirmata f'Mekka fit-8 ta' Frar 2007;

7. Jinsisti li l-kunflitt fil-Lvant Nofsani ma jistax ikun regolamentat ħlief permezz ta' l-innegozjar ta' ftehima ta' paċi konkreta u definittiva kif previst fil-pjan ta' ħidma jiġifieri mingħajr kundizzjonijiet preliminari, ibbażati fuq l-eżistenza ta' żewġ Stati demokratiċi, sovrani u vijabbli, li jgħixu biswit xulxin fil-paċi fi ħdan fruntieri internazzjonali ċerti u rikonoxxuti;

8. Jerġa' jafferma t-tħassib tiegħu rigward il-gravità tal-qerda sistematika tar-riżorsi naturali u tal-potenzjal uman permezz tad-diversi kunflitti li għaddejjin bħalissa; jitlob li ssir mobilizzazzjoni ikbar tal-miżuri politiċi u ekonomiċi, fil-qafas tas-sħubija ewro-mediterranja u tal-programm ta' ħidma ta' ħames snin, sabiex jiġu ffaċċjati dawn il-problemi;

9. Jinsisti fuq l-importanza ta' djalogu bejn il-kulturi u r-reliġjonijiet filwaqt li tiġi affermata mill-ġdid in-neċessità li jiġu osservati l-valuri komuni u l-iżvilupp ta' l-Istat tad-dritt, tad-demokrazija u tad-drittijiet tal-bniedem; ifakkar lill-gvernijiet kollha Ewro-Mediterranji fl-impenji tagħhom skond id-Dikjarazzjoni ta' Barċelona ta' l-1995 dwar ir-rispett għad-diversità, it-twemmin u kulturi oħra, kif ukoll dwar il-promozzjoni tat-tolleranza u r-rispett għal-libertajiet fundamentali, inkluża l-libertà ta' l-espressjoni;

10. Iqis li kull att terroristiku m'huwiex ġustifikabbli fl-ebda ċirkostanzi u m'għandux jiġi ġġustifikat għat-tkomplija ta' objettivi politiċi jew reliġjużi u li l-ġlieda kontra t-terroriżmu ma tistax tiġġustifika l-istigmatizzazzjoni ta' l-ebda kultura, ċivilizzazzjoni jew reliġjon partikolari; jitlob lill-pajjiżi kollha biex ikunu konformi ma' l-obbligu legali tagħhom li jirrispettaw id-drittijiet tal-bniedem u l-liġi umanitarja internazzjonali fil-ġlieda kontra t-terroriżmu;

11. Jitlob lill-Kummissjoni sabiex tagħmel dak kollu li tista' għal ħolqien ta' kumitati għad-"demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem" flimkien mal-pajjiżi kollha firmatarji tal-Pjan ta' Azzjoni ta' l-ENP u jitlob lill-pajjiżi msieħba sabiex jirrispettaw l-impenji tagħhom speċjalment f'dak li jirrigwarda l-każijiet individwali; itenni mill-ġdid l-appell tiegħu lill-partijiet kontraenti kollha tal-ftehimiet ta' sħubija Ewro-Mediterranji sabiex jimplimentaw il-klawsola dwar id-drittijiet tal-bniedem fi programm ta' azzjoni bil-għan li jissaħħaħ u jiġi promoss ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem, u sabiex jistabbilixxu mekkaniżmu għall-evalwazzjoni regolari tar-rispett ta' l-Srtikolu 2 tal-ftehimiet ta' assoċjazzjoni sabiex dawn isiru aktar effettivi u jorbtu aktar;

12. Jinsisti fuq il-ħtiega li tiġi ttrattata l-kwistjoni tad-drittijiet tan-nisa fil-qafas tad-djalogu Ewro-Mediterranju u jenfasizza l-importanza li għandhom ir-riformi leġiżlattivi biex jippromwovu l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa; jissottolinja li hu importanti li n-nisa jipparteċipaw fil-ħajja politika, ekonomika u soċjali u li jkunu preżenti fil-media; jitlob li l-aċċess tan-nisa għall-edukazzjoni u għall-kura tas-saħħa jittejjeb, b'mod partikulari, fil-pajjiżi msieħba tan-Nofsinhar; barra minn dan jenfasizza l-ħtieġa li jingħata appoġġ kemm lill-organizzazzjonijiet governattivi kif ukoll dawk non-governattivi biex jiġu promossi d-drittijiet tan-nisa u jiġi implimentat il-pjan ta' azzjoni għan-nisa adottat fit-Tmien Konferenza ewro-mediterranja;

13. Jerġa' jafferma l-importanza ta' politika soċjali li toħloq l-impjieg, l-iktar għaż-żgħażagħ, partikolarment permezz tal-ħolqien ta' klima favorevoli għaż-żieda fl-investimenti diretti barranin ta' l-inkoraġġament taż-żgħażagħ sabiex joħolqu impriżi ġodda fil-livell lokali billi jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tagħhom strumenti xierqa, bħall-mikrokrediti;

14. Jikkunsidra li politika ta' formazzjoni u ta' edukazzjoni tibqa' essenzjali għall-iżvilupp tal-pajjiżi tannaħa tan-Nofsinhar tal-Mediterran, il-ġlieda kontra l-faqar u integrazzjoni sħiħa taż-żgħażagħ; jappella għall-iżviupp ta' skambji kulturali, universitarji u xjentifiċi fiz-zona Ewro-Mediterranja;

15. Jitlob lill-istituzzjonijiet ta' l-UE u lil dawk tal-pajjiżi Mediterranji msieħba sabiex jiżguraw li l-prinċipji strateġiċi, politiċi u ekonomiċi tagħhom jieħdu kont ta' l-objettivi ta' l-istrateġija ta' Liżbona u l-istrateġija ta' Göteborg dwar l-iżvilupp sostenibbli u ta' l-objettivi ta' l-istrateġija mediterranja għall-iżvilupp sostenibbli, filwaqt illi jieħdu wkoll kont tat-tnaqqis neċessarju fin-nuqqas ta' ugwaljanza u tad-disparitajiet bejn iż-żewġt ixtut tal-Mediterran;

16. Jitlob lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet tal-pajjiżi msieħba sabiex jagħtu importanza maġġuri lill-problemi ta' l-ambjent u partikolarment sabiex jiffaċċjaw il-konsegwenzi tal-konċentrazzjoni fil-bliet u ta' l-attivitajiet industrijali u kummerċjali fuq iż-żewġ naħat tal-Mediterran;

17. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri sabiex jippromwovu r-rispett għad-drittijiet soċjali u tattrade unions fl-implimentazzjoni ta' l-għajnuna finanzjarja u teknika tagħhom lill-pajjiżi msieħba; jitlob lill-Kummissjoni sabiex timplimenta programm reġjonali għall-ħolqien ta' spazju soċjali u ewro-Mediterranju, ibbażat fuq djalogu soċjali bejn l-imsieħba kollha li jkollu, bħala għan prijoritarju, x-xogħol; jiddikjara li hu favur it-tfassil ta' kodiċi ta' kondotta għal reklutaġġ etiku, għal impjiegi diċenti u għar-responsabiltà soċjali ta' l-impriżi Ewro-Mediterranji;

18. Jitlob li l-istrateġija Ewropea fir-reġjun tiżviluppa investimenti maġġuri fuq il-pjan tal-politiki u tar-riżorsi finanzjarji fid-dimensjoni reġjonali u intrareġjonali tas-sħubija li tikkostitwixxi l-valur miżjud ta' din l-istrateġija; jistieden lill-Kummissjoni sabiex, bi qbil ma' dak li kien ġie deċiż fil-baġit ta' l-UE adottat għall-2007, meta tkun qed tfassal dokumenti ta' strateġija fil-qasam u programmi relatati, tara li żżomm it-totalità ta' riżorsi disponibbli għall-azzjonijiet reġjonali u multilaterali fil-livell milħuq matul il-perjodu 2000-2006, filwaqt li tieħu kont tal-fatt li, skond il-Kummissjoni, dan il-livell laħaq 20 % ta' l-ammont totali;

19. Jenfasizza l-ħtieġa għal politika Ewropea komuni għall-immigrazzjoni u għall-ażil, u li tissaħħaħ il-ġestjoni tal-flussi migratorji b'mod komplet u ekwilibrat li jkun ta' benefiċċju għan-nies tar-reġjun Mediterran; jenfasizza l-importanza, fi spirtu ta' sħubija u fuq il-bażi tal-programm ta' ħidma ta' ħames snin ta' Barċellona, illi jinfetħu kanali effettivi ta' immigrazzjoni legali filwaqt li jkun hemm ġlieda kontra l-immigrazzjoni illegali, u li jiġu protetti d-drittijiet fundamentali ta' l-immigranti u tal-persuni li jkunu qed ifittxu ażil; jitlob sabiex issir ġlieda kontra l-isfruttament u t-traffikar tal-bnedmin; jitlob lill-Istati Membri tal-proċess ta' Barċellona, u b'mod iktar partikulari lil dawk ta' l-UE, biex mill-iktar fis possibbli jirratifikaw l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-drittijiet tal-ħaddiema migranti;

20. Jitlob minnufih żieda fil-pakkett finanzjarju allokat għal Aġenzija Ewropea għall-ġestjoni tal-koperazzjoni operattiva fil-fruntieri esterni ta' l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea (FRONTEX) u għall-proġetti marbuta mal-politika ta' l-immigrazzjoni fil-Mediterran, kif ukoll għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet tagħha biex jiġu rrispettati d-drittijiet tal-bniedem;

21. Ifakkar li, skond il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem, l-Istati Ewropej fl-ebda każ ma jistgħu jibagħtu persuna lura fi Stat fejn tkun se tirriskja li tiġi soġġetta għal atti ta' tortura jew ta' trattament krudili, degradanti jew inuman, inkluża l-piena tal-mewt, mingħajr assigurazzjonijiet diplomatiċi mill-pajjiżi ta' l-oriġini;

22. Jistieden lill-Istati Membri ta' l-UE u lill-imsieħba Mediterranji tagħhom biex jagħmlu l-istudji neċessarji għat-trasformazzjoni tal-Faċilità Ewro-Mediterranja ta' investiment u ta' sħubija f'Bank Ewro-Mediterran ta' żvilupp, wara li tiġi kkunsidrata l-importanza li jkollu dan il-bank biex jinkoraġġixxi s-settur privat u biex jiżviluppa l-investimenti f'dan ir-reġjun;

23. Jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni sabiex iniedu proposta bil-għan li tiġi vverifikata l-possibilità ta' koperazzjoni bejn il-pajjiżi kollha msieħba u l-pajjiżi membri tal-Kunsill ta' Koperazzjoni tal-Golf, partikolarment fil-qasam finanzjarju u ekonomiku;

24. Jistieden lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-pajjiżi msieħba sabiex ikomplu jaħdmu għal integrazzjoni gradwali tas-swieq ta' l-enerġija Ewro-Mediterranji, għat-twettiq tal-programmi ta' l-enerġija fl-interess komuni u għall-iżvilupp ta' sorsi ta' enerġija sostenibbli, bi qbil mal-pjanijiet u mal-programmi nazzjonali u l-komunitajiet lokali;

25. Jenfasizza l-ħtieġa li tissaħħaħ il-koperazzjoni għas-sigurtà tal-provvista ta' l-enerġija fir-reġjun tal-Mediterran permezz ta' miżuri li jikkonċernaw id-diversifikazzjoni tar-riżorsi domestiċi ta' l-enerġija, b'mod partikulari fil-livelli lokali u reġjonali, il-promozzjoni ta' l-effikaċja ta' l-enerġija, b'mod partikolari fil-livell deċentralizzat ta' metodi ta' preservazzjoni, l-iżvilupp ta' teknoloġiji ġodda li ma jipperikolawx il-popolazzjonijiet u għall-ambjent, attivitajiet dwar ir-riċerka u l-iżvilupp kif ukoll permezz tat-tisħiħ ta' l-opportunitajiet finanzjarji għall-proġetti ta' l-enerġija sostenibbli;

26. Itenni l-ħtieġa li jingħata nifs ġdid lill-proċess tas-sħubija b'mod partikolari permezz ta' bidu ġdid ta' l-EMPA, bħala qafas demokratiku ta' l-azzjoni parlamentari; din l-Assemblea għandu jkollha l-mezzi u l-istrutturi amministrattivi meħtieġa biex tiggarantixxi l-visibilità tagħha u tassigura li taħdem tajjeb; ifaħħar il-laqgħa ta' l-ewwel Assemblea taż-żgħażagħ tal-Mediterran;

27. Jitlob lill-Kunsill sabiex jirriserva post attiv fl-EMPA fost il-mistednin għal-laqgħat u għall-konferenzi ministerjali Euromed;

28. Jitlob lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Bureau ta' l-EMPA u lill-Parlamenti u lill-Gvernijiet ta' l-Istati Membri kollha u lill-pajjiżi tas-Sħubija Ewro-Mediterranja.

P6_TA(2007)0076

Ħolqien ta' zona ta' kummerċ ħieles Ewro-Mediterranja

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Marzu 2007 dwar il-ħolqien ta' zona ta' kummerċ ħieles Ewro-Mediterranja (2006/2173(INI))

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' Barċellona tat-28 ta' Novembru 1995, li tistabbilixxi sħubija bejn l-Unjoni Ewropea (UE) u l-pajjiżi tan-Nofsinhar u tal-Lvant tal-Mediterran, (SEMC), kif ukoll il-programm ta' ħidma adottat f'din il-konferenza,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-27 ta' Ottubru 2005 dwar il-Proċess ta' Barċellona kif emendat ([1]),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew tat-12 ta' April 2005 bit-titolu "l-Għaxar anniversarju mis-sħubija Euro-Mediterranja: programm ta' ħidma li jwieġeb għall-isfidi tal-ħames snin li ġejjin" COM(2005)0139) u l-annessi tiegħu (SEC(2005)0482 u SEC (2005)0483),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew ta' l-11 ta' Marzu 2003, bit-titolu "It-Tkabbir ta' l-Ewropa — Viċinanza: qafas ġdid għar-relazzjonijiet mal-ġirien tal-Lvant u n-Nofsinhar tagħna" (COM(2003)0104), id-dokument ta' orjentazzjoni tiegħu dwar il-politika Ewropea tal-Viċinat (PEV)(COM(2004)0373) tat-12 ta' Mejju 2004, il-komunikazzjoni tiegħu lill-Kunsill tad-9 ta' Diċembru 2004 dwar il-proposti tiegħu favur il-pjanijiet ta' azzjoni fil-qafas tal-PEV (COM(2004)0795) u l-pjanijiet ta' azzjoni għall-Iżrael, il-Ġordan, il-Marokk, l-Awtorità Palestinjana, it-Tuniżija u l-Libanu, u r-Regolament (KE) Nru. 1638/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-24 ta' Ottubru 2006 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali għat-twaqqif ta' Strument Ewropew ta' Viċinat u Sħubija ([2])(ENPI),

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-konferenzi ministerjali Ewro-Mediterranji u tal-konferenzi ministerjali settorjali li ltaqgħu wara l-bidu tal-Proċess ta' Barċellona, speċjalment il-konklużjonijiet tas-VII Konferenza Ewro-Mediterranja tal-Ministeri ta' l-Affarijiet Barranin li ltaqgħet ġewwa l-Lussemburgu fit-30 u l-31 ta' Mejju 2005,

— wara li kkunsidra il-Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni Ewro-Mediterranja bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom minn naħa l-waħda u t-Tuniżija ([3]), l-Iżrael ([4]), il-Marokk ([5]), il-Ġordan ([6]), l-Eġittu ([7]), il-Libanu ([8]) u l-Alġerija ([9]), minn naħa l-oħra, u l-Ftehima ta' Assoċjazzjoni Interim Ewro-Mediterranja dwar il-Kummerċ u l-Koperazzjoni bejn il-KE u l-PLO (għall-benefiċċju ta' l-Awtorita? Palestinjana) ([10]); wara li kkunsidra d-deċiżjoni Nru 1/95 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni bejn il-KE u t-Turkija tat-22 ta' Diċembru 1995 dwar l-implimentazzjoni tal-fażi finali ta' l-Unjoni Doganali (96/142/KE) ([11])

— wara li kkunsidra l-iskambju ħieles, magħruf bħala l-Ftehima ta' Agadir, iffirmata fil-25 ta' Frar 2004 mill-Ġordan, l-Eġittu, it-Tuniżija u l-Marokk,

— wara li kkunsidra s-sħubija strateġika għal Mediterran u l-Lvant Nofsani li l-Kunsill Ewropew adotta f'Ġunju 2004,

— wara li kkunsidra il-karta dwar l-istrateġija reġjonali tas-sħubija MEDA Ewro-Mediterranja 2002-2006 u l-programm indikattiv reġjonali 2005-2006,

— wara li kkunsidra l-istudju dwar l-impatt ta' sostenibiltà taż-zona ta' kummerċ ħieles Ewro-Mediterranja (FTA) ippreparat mill-Istitut għall-Politika u għat-Tmexxija ta' l-Iżvilupp ta' l-Università ta' Manchester,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-17 ta' Novembru 1995 dwar ir-relazzjonijiet ekonomiċi u kummerċali bejn l-UE u l-pajjiżi tal-Mediterran ([12]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-30 ta' Marzu 2000 dwar il-politika Mediterranja ([13]),

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet (inkluż il-programm ta' ħidma għal ħames snin ippreparat mill-Kummissjoni) tas-Samit ta' Barċellona tas-27 u t-28 ta' Novembru 2005,

([1]) ĠU C 272 E, 9.11.2006, p. 570.
([2]) ĠU L 310, 9.11.2006, p. 1.
([3]) ĠU L 97, 30.3.1998, p. 2.
([4]) ĠU L 147, 21.6.2000, p. 3.
([5]) ĠU L 70, 18.3.2000, p. 2.
([6]) ĠU L 129, 15.5.2002, p. 3.
([7]) ĠU L 304, 30.9.2004, p. 39.
([8]) ĠU L 143, 30.5.2006, p. 2.
([9]) ĠU L 265, 10.10.2005, p. 2.
([10]) ĠU L 187, 16.7.1997, p. 3.
([11]) ĠU L 35, 13.2.1996, p. 1.
([12]) ĠU C 323, 4.12.1995, p. 5.
([13]) ĠU C 378, 29.12.2000, p. 71.

Il-Ħamis, 15 ta' Marzu 2007

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tal-11 ta' Mejju 2006 tal-Kumitat ekonomiku, finanzjarju, għall-Affarijiet Soċjali u għall-Edukazzjoni ta' l-Assemblea Parlamentari Ewro-Mediterranja (EMPA) dwar il-kundizzjonijiet għat-Trasformazzjoni tal-Faċilità Ewro-Mediterranja għall-Investimenti u għas-Sħubija (FEMIP) fil-Bank Ewro-Mediterranju għall-Investiment u l-Iżvilupp,

— wara li kkunsidra x-xogħolijiet ta' l-EMPA,

— wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu ta' l-14 ta' Diċembru 2004 dwar il-proposta għar-Regolament tal-Kunsill relatat mal-miżuri finanzjarji u tekniċi ta' akkumpanjament (MEDA) għar-riforma ta' l-istrutturi ekonomiċi u soċjali fil-qafas tas-sħubija Ewro-Mediterranja (verżjoni Kodifikata) ([1]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 45 tar-Regoli ta' proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u tal-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali (A6-0468/2006),

A. billi l-Konferenza ta' Barċellona tas-27 u t-28 ta' Novembru 1995 tat bidu għal proġett ambizzjuż ħafna u uniku fil-qasam tiegħu: il-ħolqien ta' konnessjonijiet politiċi, ekonomiċi, soċjali u kulturali ġodda u aktar stretti bejn it-Tramuntana u n-Nofsinhar tal-Mediterran; u li dan il-proġett ippermetta progress importanti fir-reġjun iżda li għadu 'l bogħod biex jintemm,

B. billi l-kundizzjonijiet politiċi (il-Ftehimiet ta' Oslo) li ffaċilitaw il-bidu tal-Proċess ta' Barċellona issa nbidlu radikalment, u billi l-prospett għall-kisba tal-paċi fil-Lvant Nofsani huwa aktar inċert minn qatt qabel,

C. billi huwa fl-interess ta' l-UE u l-Istati Membri li r-reġjun tal-Mediterran għandu jiżviluppa f'ambjent ekonomiku u soċjali reċiprokament integrat u ta' benefiċċju,

D. billi t-tkabbir demografiku qawwi tal-SEMCs jinneċessita l-introduzzjoni ta' politiki u miżuri ekonomiċi u soċjali, li ma jistgħux jistennew aktar,

E. billi huwa fl-interess ta' l-SEMC u l-UE li jnaqqsu r-rati ta' diżokkupazzjoni fir-reġjun, u li joffru lill-popolazzjonijiet konċernati, u b'mod partikulari liż-żgħażagħ u lill-popolazzjoni rurali, prospetti deċenti, meta tqis li 35 miljun impjieg ġdid irid jinħoloq bejn l-2000 u l-2015 sabiex ir-rati ta' diżokkupazzjoni jibqgħu kif inhuma bħalissa,

F. billi l-ekonomiji ta' l-SEMC jiddependu ħafna fuq il-kummerċ barrani u billi l-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet totali jitilgħu għal żewġ terzi tal-PGD tagħhom; billi proporzjon sostanzjali ta' dawn il-flussi kummerċali huma lejn l-UE, għalkemm dawn jitilgħu biss għal 4 % tal-kummerċ barrani ta' l-UE, billi l-istrutturi ta' esportazzjoni ta' l-SEMCs huma dgħajfa fid-diversifikazzjoni u dawn il-pajjiżi jibqgħu speċjalizzati f'setturi li ma tantx iwasslu għat-tkabbir,

G. billi, meta mqabbla ma' zoni ekonomiċi oħra, b'mod partikulari fil-pajjiżi ta' l-Asja tax-Xlokk, l-SEMCs tilfu pożizzjonijiet importanti mil-lat ta' kompetittivita? relattiva, żvilupp industrijali u prospettivi għal żvilupp soċjali, u li mill-1980 'l hawn, il-kwota ta' l-SEMCs fil-kummerċ dinji naqas sensibilment, minkejja żieda ekonomika relattivament sostenuta; billi din l-evoluzzjoni għandu tkun sors ta' tħassib għall-UE u l-politika tagħha tal-viċinat, speċjalment fid-dawl ta' l-effetti fuq l-istabbilita? soċjali u politika fil-fruntieri tagħha,

H. billi fil-pjan kummerċjali, l-istruttura kummerċjali bejn l-UE u l-SEMCs ftit li xejn żviluppat wara l-bidu tal-proċess ta' Barċellona u billi l-firma ta' ftehimiet ta' assoċjazzjoni għadha ma produċietx ir-riżultati kollha mistennija,

I. billi hemm bżonn ta' FTA biex jiġi eliminat il-faqar, ikun hemm xogħol għal kulħadd, tissaħħaħ id-demokrazija u jiġi promoss l-iżvilupp sostenibbli u billi din l-FTA għandha tkun ibbażata fuq regoli ekwilibrati u b'objettivi ċari, li huma essenzjali sabiex iqawwu l-integrazzjoni ta' l-SEMCs fil-kummerċ internazzjonali, jiżguraw li d-diversifikazzjoni ekonomika tagħhom tilħaq l-isfidi tal-globalizzazzjoni u jiżguraw tqassim ġust tal-benefiċċji tagħha,

([1]) ĠU C 226E, 15.9.2005, p. 42.

J. billi koperazzjoni ekonomika akbar fir-reġjun Mediterran toffri prospetti pożittivi wkoll għall-ekonomiji ta' l-Istati Membri ta' l-Ewropa tan-Nofsinhar u, b'hekk ikun hemm integrazzjoni aktar profonda fis-suq waħdieni ta' l-UE,

K. billi ż-żewġt ixtut tal-Mediterran jkomplu jkunu karatterizzati minn asimetrija ekonomika, soċjali u demografika, u billi hemm differenzi importanti f'termini ta' l-iżvilupp eżistenti bejn l-SEMCs,

L. billi l-frammentazzjoni persistenti politika u ekonomika ta' l-SEMCs u n-nuqqas ta' proċess ġenwin ta' integrazzjoni jistgħu jkollhom effetti ta' ħsara kbira fuq il-programm ta' Barċellona, u, b'mod partikulari, fuq il-ħolqien ta' l-FTA, billi jħarrxu l-effetti tal-konċentrazzjoni kummerċali, u b'hekk id-dipendenza wkoll ta' ċerti SEMCs fuq is-suq ta' l-UE,

M. billi l-ħolqien ta' FTA jista' jkollu effetti li huma ġeneralment pożittivi fuq perjodu twil, iżda jista' jkollu ukoll effetti ħżien fuq perjodu ta' żmien qasir jew medju fuq il-pajjiżi tal-Mediterran ta' l-UE u fuq l-SEMCs,

N. billi huwa fl-interess komuni li jiġu introdotti miżuri effettivi sabiex itaffu u jipprevjenu, għar-reġjuni u l-pajjiżi li jkunu affettwati, l-effetti negattivi tal-liberalizzazzjoni li qed isseħħ,

O. billi, minħabba l-pass mgħaġġel tal-bidla fis-soċjetajiet tagħna bbażati fuq il-kompjuter, l-SEMCs għandhom jgħaġġlu l-isforzi tagħhom, kemm b'mod kwantitattivi kif ukoll kwalitattiv, fil-qasam tar-riċerka xjentifika u teknoloġika, bil-ħsieb li titnaqqas id-diviżjoni teknoloġika li tisseparahom mill-pajjiżi żviluppati ħafna f'din iz-zona, u għalhekk eventwalment dan jippermettilhom tkabbir ekonomiku aktar sostenut u sostenibbli,

P. billi l-SEMCs għamlu progress mhux ħażin fil-qasam ta' l-edukazzjoni primarja, li naqqas ħafna l-livell tagħhom ta' illitteriżmu, li madankollu xorta jibqa' għoli f'ċertu pajjiżi f'dan ir-reġjun; billi l-aċċess għall-edukazzjoni għolja u ta' livell universitarju huwa limitat għal proporzjon żgħir tal-popolazzjoni u billi s-sistema ta' l-iskola għad m'għandhiex il-kapaċita? li tħarreġ staff professjonali jew tekniku ta' livell għoli sabiex toħloq bilanċ reali bejn il-provvista u t-talba fis-suq tax-xogħol,

Q. billi, flimkien mal-proċess imfassal biex tinħoloq zona ta' kummerċ ħieles bejn l-UE u l-SEMCs, l-SEMCs għandhom ineħħu l-ostakoli politiċi u ekonomiċi li bħalissa qed jostokolawlhom il-proċess ta' integrazzjoni fiz-zona kollha sabiex ikunu jistgħu jiksbu kollaborazzjoni bejniethom li tista' tagħti aktar frott,

Impuls ġdid lill-proċess ta' Barċellona

1. Jiddispjaċih li t-tliet objettivi prinċipali ta' Barċellona (definizzjoni ta' spazju komuni ta' paċi u stabbiltà, il-ħolqien ta' zona ta' prosperità komuni permezz ta' sħubija ekonomika u il-ħolqien ta' FTA; il-koperazzjoni fl-oqsma soċjali kulturali u umani li jiffavorixxu d-djalogu tal-kulturi fir-reġjun) għadhom lura milli jkunu milħuqa;

2. Ifakkar li dawn il-tliet objettivi għandhom bżonn jiżviluppaw flimkien sabiex jiggarantixxu l-proċess ta' integrazzjoni Ewro-Mediterranja kif ukoll it-tnaqqis ta' l-ispazju ta' l-iżvilupp bejn iż-żewġt ixtut tal-Mediterran;

3. Jenfasizza li t-tisħiħ tal-proċess ta' Barċellona jgħin sabiex jinxterrdu valuri Ewropej u l-mudell ekonomiku u soċjali Ewropew; ifakkar li dan il-proċess ġie qabel inizjattivi reġjonali aktar riċenti u li dan kiseb natura aktar istituzzjonali; jenfasizza l-importanza ta' din l-inizjattiva bħala fattur għal stabbilita? u l-promozzjoni ta' djalogu;

4. Jenfasizza li s-suċċess tal-proċess ta' Barċellona, u b'mod partikulari tal-FTA, jirrikjedi sforz sostenut u konverġenti mill-partijiet kollha, u involviment akbar tas-soċjeta? ċivili u tal-poplu fuq kull naħa tal-Mediterran;

5. Jinsisti fuq definizzjoni aktar ċara ta' l-objettivi ta' l-ENP, li mingħajr ma jitwarrbu l-pajjiżi ta' l-Ewropa tal-Lvant, m'għandix iddgħajjef il-proċess ta' Barċellona u lanqas tagħti vantaġġ lill-approċċi bilaterali għad-detriment ta' approċċ multilaterali reġjonali; jikkunsidra li użu aktar effettiv ta' l-ENPI għal proġetti reġjonali jagħmilha aktar possibbli li titjieb is-sitwazzjoni bil-ħsieb li tkun promossa zona ekonomika reġjonali aktar integrata ġenwinament; huwa ta' l-opinjoni filwaqt li jiffavorixxi l-koperazzjoni msaħħa ma' l-imsieħba l-aktar avvanzati u rigward il-karatteristiċi politiċi, kulturali, reliġjużi u soċjali tagħhom, li l-SEMCs għandhom ikomplu jkunu kkunsidrati bħala entità waħda sħiħa;

6. Jemmen li, filwaqt li jitkompla jintwera approċċ pożittiv, id-data ta' l-2010 għat-twaqqif ta' l-FTA probabbilment ser ikollha tiġi riveduta minħabba d-dewmien akkumulat u l-problemi ffaċċati, sabiex jitqiesu l-ħafna bidliet strutturali fl-ekonomija dinjija mill-1995 u l-bżonn għal approċċ aktar kawt lejn kummerċ ħieles fost imsieħba mhux ugwali, jitlob lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri ta' l-UE u l-SEMCs sabiex iniedu mill-ġdid il-Proċess ta' Barċellona billi tingħata prijorita? lit-twaqqif ta' zona soċjo-ekonomika Ewro-Mediterranja li tinkorpora ħafna aktar aspetti soċjali u ambjentali fil-parti ekonomika tas-sħubija.

7. Jitlob lill-SEMCs biex ma jitilfux l-opportunita? għal tkabbir sostenibbli li jippermettilhom li jirrispondu aħjar għall-bżonnijiet li dejjem qed jiżdiedu taċ-ċittadini tagħhom u għall-bżonn li jintlaħqu b'mod aktar effettiv l-isfidi tal-globalizzazzjoni;

8. Jiddispjaċih li, għalkemm ma kinetx negliġibbli, l-assistenza teknika u finanzjarja mogħtija mill-UE ma kinetx biżżejjed biex jintlaħqu l-objettivi u l-ambizzjonijiet ta' Barċellona, b'mod partikulari rigward il-kapitli soċjo-kulturali tad-Dikjarazzjoni ta' Barċellona u l-appoġġ għal ekonomiji lokali;

9. Jemmen li l-FTA se tkun tista' toffri opportunita? ġenwina għat-tkabbir għall-SEMCs biss jekk din tkun ippjanata fuq bażi konċertata u gradwali fil-kuntest ta' sħubija razzjonali u prevedibbli li tirrifletti r-realtajiet soċjo-ekonomiċi ta' l-SEMCs u tippromwovi żvilupp ekonomiku u integrazzjoni reġjonali aktar profonda; jenfasizza l-importanza ta' parteċipazzjoni akbar mill-pajjiżi msieħba u ta' l-inċentiv li huwa provdut minn sħubija; ifakkar li l-pussess ta' l-objettivi tas-sħubija japplika għaż-żewġt ixtut tal-Mediterran; jenfasizza l-ħtieġa li l-SEMCs jingħataw id-dritt li jikkontrollaw ir-rapidita? li biha jiftħu l-kummerċ u l-istrateġiji nazzjonali tagħhom għal żvilupp ekonomiku u soċjali;

10. Jikkunsidra li l-ħolqien ta' rbit istituzzjonali aktar mill-qrib bejn l-UE u l-SEMCs huwa fattur importanti biex ikun żgurat is-suċċess tal-proċess ta' Barċellona; huwa favur żieda sostanzjali fil-laqgħat formali u informali bejn l-awtoritajiet ta' l-UE u l-Istati Membri, l-SEMCs u l-awtoritajiet lokali kompetenti; jispera li l-SEMCs jipparteċipaw bħala osservaturi fil-ħidma ta' aġenziji u programmi speċjalizzati Ewropej li flimkien għandhom interess komuni;

11. jenfasizza l-importanza li jagħtu l-integrazzjoni reġjonali ta' l-SEMCs u l-potenzjament ta' l-iskambji kummerċali Nofsinhar-Nofsinhar, huwa kuntent bl-iffirmar tal-ftehima ta' l-iskambu ħieles ta' Agadir, tal-25 ta' Frar 2004, bejn il-Marokk, it-Tuniżija, l-Eġittu u l-Ġordan; jikkunsidra dan il-pass bħala wieħed indispensabbli għall-ħolqien reali ta' FTA u jistieden lill-pajjiżi l-oħra tar-reġjun biex jassoċċjaw lilhom infushom; jikkunsidra pero? bħala essenzjali li jkun approfondit il-proċess ta' integrazzjoni ekonomika u li jiġu eliminati malajr l-ostakoli għall-iskambji kummerċali bejn il-pajjiżi sabiex ikunu sfruttat bis-sħiħ il-possibiltajiet ta' żvillupp kummerċali Nofsinhar-Nofsinhar;

12. Jitlob lill-UE sabiex iżżid ir-riżorsi disponibbli għal assistenza teknika u finanzjarja għall-SEMCs, b'konformita? ma' l-għanijiet ambizzjużi ta' Barċellona u proporzjonati mal-progress ġenwin li jidher li ġie miksub mill-SEMCs rigward ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, il-ħarsien tal-ħaddiema, il-ħarsien ta' l-ambjent, l-integrazzjoni reġjonali, u t-titjib fil-kwalita? ta' servizzi pubbliċi lokali u servizzi edukattivi u kulturali;

13. Juri li l-ħolqien ta' FTA ekonomika u kummerċali fil-Mediterran ma tistax tkun isseparata mill-isforzi politiċi mmirati biex ikunu żgurati l-paċi, id-demokratizzazzjoni, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-promozzjoni ta' djalogu inter-kulturali u inter-reliġjuż, kif ukoll sforz sostenut li jiżgura li d-djalogu politiku u l-fiduċja bejn l-imsieħba jkollhom sehem ġenwin fit-twaqqif tad-demokrazija fir-reġjun;

Politika Kummerċjali u Doganali

14. Jenfasizza li t-taxxi doganali għadhom jagħmlu parti importanti mid-dħul fiskali tal-SEMCs; għalhekk iqis neċessarju l-pjan għal kull tnaqqis sussegwenti sabiex jikkunsidra l-progress ekonomiku magħmul mill-SEMCs u ż-żmien meħtieġ għall-implimentazzjoni tar-riformi fiskali ekwitabbli maħsuba sabiex ipattu għat-tnaqqis mid-dħul doganali;

15. Iqis li hemm bżonn li jiġu affrontati b'effikaċità l-ostakoli għal kummerċ li mhumiex dazji, filwaqt li jenfasizza f'dan ir-rigward l-importanza li jagħti għotja ta' għajnuna teknika adegwata;

16. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tqis it-tħassir potenzjali ta' preferenzi ta' tariffi li jibbenefikaw minnhom l-SEMCs, ikkawżat mill-iffirmar ta' ftehimiet ta' kummerċ ħieles bejn l-UE u xi pajjiżi terzi, it-titjib tas-sistema ta' preferenzi ġeneralizzati (SGP) għal pajjiżi li qed jiżviluppaw u l-għoti tas-sistema ta' kumulazzjoni ta' l-oriġini lil xi pajjiżi Asjatiċi li huma kompetituri kbar ta' l-industrija fl-SEMCs;

17. Jistiedem lill-Kummissjoni sabiex tistabbilixxi proċedura ta' kumpens, fil-kuntest tal-proċess ta' Barċellona u b'rispett lejn l-istandards tad-WTO, bil-ħsieb li jitnaqqas l-impatt negattiv li dan it-tħassir ta' tariffi jista' jkollu fuq l-SEMCs u, għall-futur, fuq il-ħolqien ta' l-FTA;

18. Jilqa' l-progress li sar fil-'Faċilita? tal-Kummerċ', b'mod partikulari fil-qasam doganali bl-armonizzazzjoni u s-simplifikazzjoni tal-proċeduri doganali, l-awtomatizzazzjoni u tħaffif ta' proċeduri, iż-żieda fit-trasparenza, l-użu ta' informazzjoni elettronika u sistemi ta' ħlas elettroniċi, u l-abolizzjoni ta' ċerti barrieri mhux ta' tariffa li issa hemm it-tendenza li jieħdu post il-barrieri ta' tariffa tradizzjonali, b'mod partikulari fiz-zona ta' standardizzazzjoni u ċertifikazzjoni;

19. Jerġa' jsostni li, minħabba l-intensifikazzjoni ta' kompetizzjoni internazzjonali, huwa essenzjali li tissaħħaħ ir-rieda politika sabiex titwaqqaf aġenda ekonomika u soċjali aktar sostanzjali li ttejjeb il-kompetittivita? ta' l-ekonomija bbażata fuq l-għarfien, tistimola t-tkabbir, it-taħriġ, l-innovazzjoni u r-riċerka, toħloq impjiegi ġodda u tqawwi l-prosperita? bi ħsieb għal żvilupp konġunt;

20. Jistieden lill-SEMCs sabiex jistabbilixxu koperazzjoni akbar u skema ta' ġemelaġġ bil-ħsieb li jgħinu biex l-ambjent amministrattiv u ta' negozju jirriforma b'konformita? mal-prinċipju ta' tmexxija tajba;

21. Jenfasizza l-ħtieġa li jiżdiedu l-kontrolli doganali u jsiru aktar stretti, sabiex jikkombattu l-kutrabandu, l-iffalsifikar u l-piraterija ta' prodotti; dawn il-prattiki, apparti li jwasslu għal telf ta' flus, huma wkoll ta' periklu konsiderevoli għas-saħħa ta' l-abitanti tar-reġjuni;

Studju li jevalwa l-impatt tas-sostenibiltà tal-FTA fiz-zona Ewro-Mediterranja

22. Jilqa' b'sodisfazzjon il-pubblikazzjoni tat-tieni fażi ta' l-istudju msemmi hawn fuq dwar l-impatt tas-sostenibiltà tal-FTA magħmul mill-Università ta' Manchester; huwa estremament imħasseb dwar is-sejbiet ta' dik l-evalwazzjoni rigward l-effetti soċjali u ambjentali negattivi mistennija ta' FTA fuq medda ta' żmien qasira u dik medja; jistieden b'insistenza lill-Kummissjoni sabiex tinkludi r-rakkomandazzjonijiet ta' dan ir-rapport fid-diskussjonijiet futuri dwar l-implimentazzjoni tal-FTA, iżda wkoll sabiex terġa' torjenta n-negozjati lejn koeżjoni soċjali u iżvilupp sostenibli rrakkomandat minn dan l-istudju;

23. Jenfasizza iktar l-importanza tat-twaqqif ta' skema ta' gwida ta' sħubija sabiex ikunu evalwati l-miżuri li ttieħdu sabiex jinkisbu l-objettivi stipulati; din il-gwida tista' tikkonsisti fil-ħolqien ta' għodda ta' analiżi u evalwazzjoni għall-Mediterran;

24. Iħeġġeġ lill-parteċipanti kollha fis-Sħubija Ewro-Mediterranja sabiex jiddiskutu s-sejbiet ta' l-evalwazzjoni ta' impatt ta' sostenibilta? hawn fuq imsemmi ta' l-FTA fuq livell Ministerjali u sabiex jaraw x'inhuma l-konsegwenzi tan-negozjati ta' l-FTA li għaddejjin bħalissa;

Assistenza finanzjarja u teknika

MEDA u ENPI

25. Jiddispjaċih għal fatt li l-UE ma kinitx f'pożizzjoni li tagħmel disponibbli fondi proporzjonati ma' l-objettivi tal-process ta' Barċellona, li hija waħda mill-kawżi għad-dewmien akkumulat għall-ħolqien tal-FTA;

26. Jagħraf it-twettiq tajjeb tal-programm MEDA II fil-perjodu 2004-2006 meta mqabbel ma' MEDA I, b'mod partikulari rigward iż-żieda fil-kapaċita? ta' assorbiment li ntwera mill-pajjiżi benefiċjarji, kif ukoll il-flessibilta? fil-programmazzjoni u l-implimentazzjoni tal-proġetti MEDA mis-sena 2000;

27. Jilqa' b'interess il-ħolqien ta' l-ENPI, strument ġdid maħsub sabiex ikopri l-aspetti finanzjarji ta' l-ENP, kif ukoll il-proposta tal-Kummissjoni sabiex il-fondi jiżdiedu għal EUR 14,930,000,000, biex jintlaħqu b'mod aktar sodisfaċenti l-bżonnijiet tal-pajjiżi li huma eliġibbli, fuq il-kundizzjoni li dan isir strument ġenwin ta' konverġenza, u jinkludi għajnuna sabiex jikkumpensa għal telf mid-dħul doganali ta' pajjiżi msieħba Mediterranji u għal spejjeż oħra assoċjati mal-liberalizzazzjoni tas-swieq;

28. Iqis insuffiċenti s-somma ta' EUR 11,181,000,000 adottata mill-Kunsill fis-17 ta' Ottubru 2006; jitlob li meta ssir reviżjoni ta' nofs iż-żmien tal-qafas finanzjarju fl-2008-2009, għandhom ikunu provduti ammonti aktar sostanzjali sabiex jagħmluha possibbli għall-proċess ta' integrazzjoni li jilħaq l-objettivi tiegħu;

29. Jispera li dan l-istrument finanzjarju jsir aktar effettiv billi jkun hemm enfasi akbar fuq programmar aktar relevanti u mmirat, kif ukoll fuq il-parteċipazzjoni ("il-pussess") ta' l-imsieħba u tas-soċjeta? ċivili fil-fażijiet kollha taċ-ċiklu ta' tmexxija tal-proġett; jistieden lill-gvernijiet ta' l-SEMCs sabiex jieħdu kwalunkwe azzjoni meħtieġa sabiex itejbu l-użu tal-fondi ta' l-UE, b'mod partikulari dawk għal riċerka, taħriġ għax-xogħol, it-tisħiħ ta' infrastrutturi lokali u servizzi pubbliċi, u l-organizzazzjoni mill-ġdid tas-sistema ta' produzzjoni industrijali u agrikola; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri sabiex jimmiraw li jżommu bilanċ bejn il-ġirien tagħna lejn il-Lvant u dawk lejn in-Nofsinhar u sabiex jagħtu prijorita? lill-għoti ta' fondi lill-proġetti reġjonali (b'mod partikulari dawk Nofsinhar-Nofsinhar);

30. Bis-sħiħ jerġa' jtenni li, għal ħolqien ta' l-FTA u b'mod aktar ġenerali għas-suċċess tal-proċess ta' Barċellona, l-ENP m'għandux jiddiżappunta l-aspettattivi leġittimi ta' l-SEMCs, b'mod partikulari fir-rigward tad-distribuzzjoni ġeografika ta' l-għajnuna finanzjarja Ewropea u l-arranġamenti ta' kif din tingħata;

FEMIP

31. Jilqa' b'sodisfazzjon ir-riżultati pożittivi miksuba mill-FEMIP mit-twaqqif tiegħu u jqis li t-tisħiħ tiegħu hu bżonnjuż għas-suċċess tal-Proċess ta' Barċellona; jixtieq li jarah trasformat f'bank ġenwin Ewro-Mediterran għall-investiment u għall-iżvilupp;

32. Jinnota li l-attivitajiet tal-programm MEDA u ta' l-FEMIP huma komplementari ħafna; jistieden lill-Kummissjoni u lill-EIB biex jistabbilixxu proċedura ta' koperazzjoni u koordinazzjoni akbar sabiex iqawwu l-effettivita? ta' l-azzjoni ta' l-UE, kemm fuq il-livell strateġiku kif ukoll fit-tmexxija ta' proġetti speċifiċi;

33. Jikkunsidra li, sakemm jintlaħaq kunsens bejn l-Istati Membri ta' l-UE, il-Bank ta' Investiment u ta' Żvilupp Ewro-Mediterranju kif propost jista' jiġi mniedi bl-involviment, fil-fażi inizjali, tal-pajjiżi interessati, sew dawk Ewropej kif ukoll dawk tax-xatt tan-Nofsinhar tal-Mediterran;

Investimenti diretti barranin (FDI)

34. Jinnota li n-nuqqas ta' attrazzjoni finanzjarja tillimita ħafna l-aċċess tal-FDI fl-SEMCs b'effetti negattivi fuq it-tkabbir ekonomiku tar-reġjun;

35. Ifakkar li l-investimenti [1] għandhom impatt importanti ħafna f'termini ta' sottokuntrattar, propagazzjoni ta' għarfien u tlaħħiq ta' bżonnijiet ta' taħriġ f'reġjun li fit-totalita? tiegħu huwa sotto-industrijali, kif ukoll f'termini ta' ħolqien ta' impjiegi;

---

[1] B'mod partikolari investimenti f'siti "greenfield".

36. Jikkunsidra illi huwa neċessarju għal dawn il-pajjiżi li jidħlu f'politika kummerċjali li tista' tħeġġeġ l-użu ta' investimenti domestiċi privati, b'mod partikulari permezz ta' l-immodernizzar ta' sistemi finanzjarji u bankarji u ta' l-iffaċilitar ta' l-aċċess għal kreditu għall-akbar numru ta' nies possibbli;

37. Jenfasizza l-importanza tad-djalogu bejn in-negozji fuq iż-żewġt ixtut tal-Mediterran sabiex jitqawwa l-kummerċ u l-investiment;

Regolamenti ta' oriġini u kumulazzjoni ta' oriġini

38. Jilqa' b'sodisfazzjon l-estensjoni tas-sistema pan-Ewropea tal-kumulazzjoni ta' l-oriġini fl-SEMCs kollha; jemmen li dan jista' jipprovdi lill-SEMCs l-aċċess għal zona ekonomika estiża li tkopri r-reġjun Ewro-Mediterran kif ukoll lill-pajjiżi ta' l-EFTA u lill-CEECs; jitlob li tkun rispettata bis-sħiħ is-sejħa mill-Awtorita? Palestinjana li l-prodotti manifatturati fit-Territorji Okkupati ikunu identifikabbli fil-qafas tar-regoli ta' oriġini;

39. Għalhekk jistieden lill-SEMCs sabiex jadottaw kemm jista' jkun malajr protokolli Ewro-Mediterranji dwar ir-regoli ta' oriġini fil-kuntest tal-ftehimiet rispettivi tagħhom ma' l-UE u msieħba pan Ewro-Mediterranji oħra, bil-ħsieb li jintuża l-potenzjal sħiħ ta' l-effett kumulattiv pan-Ewropew billi jiġi applikat fir-reġjun kollu;

40. Jistieden lill-SEMCs sabiex jimplimentaw malajr programmi ta' taħriġ, informazzjoni u dawk li jqajmu kuxjenza dwar ir-regoli ta' oriġini, kif ukoll biex jiggarantixxu, bl-għajnuna tal-Kummissjoni, taħriġ xieraq għall-operaturi ekonomiċi u uffiċjali doganali;

41. Jistieden lill-Kummissjoni, b'konformita? mal-kriterji stipulati fil-komunikazzjoni tagħha bit-titolu "Ir-regoli ta' oriġini fil-ftehimiet kummerċali preferenzjali — Linji Gwida għall-ġejjieni" (COM(2005)0100), u fid-dawl ta' żewġ studji kkummissjonati mid-DĠ Kummerċ u d-DĠ Żvilupp minn meta ġiet ippubblikata l-Green Paper ta' l-2005, sabiex tikkunsidra sew ir-riforma (is-simplifikazzjoni u ż-żieda fil-flessibilta?) ta' dawn ir-regoli, u l-ħtieġa li jkun hemm kontrolli aktar effettivi fuq l-applikazzjoni sabiex jiġu evitati abbużi ta' preferenzi; b'mod partikulari jixtieq li r-regolamenti l-ġodda jiggarantixxu konformita? ma' dawn ir-regoli u rispett għall-impenji li ttieħdu maz-zona Ewro-Mediterranja;

Agrikoltura

42. Jenfasizza li l-ftuħ tas-swieq agrikoli għandu jkun definit b'mod konġunt, u mwettaq b'mod gradwali u asimetriku, u għandu jinkludi l-possibilta? li jkunu konċessi numru selettiv ta' derogi u ta' skadenzi, filwaqt li fl-istess ħin jiġu meqjusa l-prospettivi tas-settur komuni għall-UE u għall-SEMCs u d-differenzi u l-karatteristiċi individwali tas-settur agrikolu tal-pajjiżi differenti; jenfasizza wkoll l-importanza ekonomika u soċjali ta' dan is-settur għall-SEMCs u n-neċessita? li jkun evitat it-tfaqqir tal-popolazzjonijiet rurali, fattur ta' eżodu u ta' konċentrazzjoni fil-poli urbani li huma diġa? sovrapopolati, b'riferiment speċjali għall-ibliet kostali;

43. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet ta' l-SEMC sabiex jagħtu prijorità lil kwalunkwe inizjattiva mmirata lejn il-modernizzazzjoni u l-iżvilupp sostenibbli tas-settur primarju tal-Mediterran bil-ħsieb li jitjiebu l-kundizzjonijiet tal-ħajja u l-ħolqien ta' impjiegi ġodda agrikoli, u mhux agrikoli, fil-kampanja;

44. Jitlob għall-introduzzjoni ta' assistenza teknika integrata u skema ta' taħriġ tar-riżorsi umani; jenfasizza li l-miżuri agrikoli ta' l-UE fir-reġjun għandhom jgħinu biex tiġi definiti politika vijabbli ta' l-ilma, jiġu salvagwardjati l-ambjent u l-bijodiversita?, ikunu mħarsa l-ħamrija u l-fertilita?, tkun garantita s-sovranita? ta' l-ikel u jiżdied il-valur tal-prodotti tipiċi tar-reġjun; jerġa' jtenni l-appoġġ tiegħu għall-politiki implimentati mill-SEMCs biex jiddiversifikaw il-produzzjoni agrikola tagħhom;

45. Huwa tal-fehma li l-promozzjoni ta' biedja adattata lokali, l-aktar fuq skala żgħira, ta' titjieb għall-ambjent u għalhekk għas-sitwazzjoni ekonomika u tas-saħħa tal-popolazzjoni rurali, ma jistgħux jintlaħqu billi sempliċiment jiġi liberalizzat l-aċċess għas-suq għall-prodotti agrikoli;

46. Jikkunsidra, konsegwentament, li kwalunkwe ftuħ tas-swieq bejn l-UE u l-SEMC għandu jkun gradwali, orjentat fuq il-kwalita? u mkejjel, u għandu jqis l-istrutturi tal-farm, il-politiki u r-riformi ta' l-agrikoltura li qed isiru fuq iż-żewġt ixtut tal-Mediterran; barra minn hekk, jenfasizza l-fatt li negozjati dwar l-aċċess għas-swieq ma jistgħu bl-ebda mod jiġu kondotti b'mod globali, iżda fuq bażi ta' każ b'każ u prodott bi prodott, u għandu jqis il-ħtieġa għal protezzjoni fil-każ ta' prodotti "sensittivi", li għandhom ikunu esklużi minn kwalunkwe liberalizzazzjoni sabiex jiġi evitat li produtturi lokali jsofru minn ħsara irreparabbli;

47. Juri li ħafna pajjiżi Mediterranji wrew ix-xewqa li jippreservaw il-preferenzi kummerċali tagħhom fil-konfront tas-suq Komunitarju; jikkunsidra li ż-żamma ta' din is-sistema preferenzjali u asimetrika hija inkompatibbli ma' liberalizzazzjoni ġenerali tas-settur agrikolu; barra minn hekk, jenfasizza li huwa fl-interess reċiproku tal-pajjiżi Mediterranji kollha li jippreservaw ċerti għodod li bihom jimmaniġġjaw il-provvista fuq is-swieq rispettivi tagħhom;

48. Jistieden lill-parteċipanti soċjo-professjonali kollha fis-settur agrikolu Ewro-Mediterran sabiex iħaddnu koperazzjoni f'setturi komplementari billi jippromwovu l-komplementarjeta? ta' prodotti bejn xatt u ieħor tal-Mediterran u bejn l-SEMCs infushom; biex jagħti eżempju, jenfasizza l-każ ta' l-industrija ta' l-inbid jew is-settur tal-frott u l-ħxejjex, fejn il-produzzjoni miż-żewġt ixtut tal-Mediterran tista' tgħin biex tkun żviluppata provvista kummerċali aktar komprensiva u attraenti għall-konsumaturi;

49. Bl-istess mod jenfasizza l-valur li tkun żviluppata b'mod konġunt politika komuni Ewro-Mediterranja ta' tikkettar fuq il-bażi ta' titli ta' oriġini reġistrati — politika li għandha tkun kompatibbli b'mod sufficjenti mar-regoli kurrenti ta' l-UE bbażati fuq titli ta' oriġini reġistrati u ċertifikazzjoni organika, u għandha tiżgura t-traċċabilta? u t-trasparenza tal-metodi ta' produzzjoni;

50. Huwa konvint li l-liberalizzazzjoni tas-swieq fl-SEMC għandha primarjament tibbenefika farms kbar mekkanizzati, li diġa? jibbenefikaw bis-sħiħ mis-sistemi ta' fondi ta' kumpens; jistieden lill-parteċipanti istituzzjonali tas-sħubija Ewro-Mediterranja sabiex itejba l-aċċess għal self għal produtturi fuq skala żgħira u sabiex jiżviluppaw sistema għall-peżar ta' għajnuna lejn bdiewa żgħar, li jikkostitwixxu l-maġġoranza kbira tal-popolazzjoni tal-biedja ta' dawn il-pajjiżi, u li se jkunu minn ta' l-ewwel li jbatu minn kompetizzjoni ma' l-UE, u li maż-żmien se jissosstitwixxu s-sistema qadima ta' kumpens u għajnuna b'sistema ġdida ta' appoġġ għall-biedja sostenibbli u investimenti ta' industrija għall-ipproċessar ta' ikel fuq skala żgħira sabiex tissaħħaħ il-kompetittivita? ta' ekonomiji rurali permezz ta' diversifikazzjoni, promozzjoni lokali u l-produzzjoni ta' kwalitajiet speċifiċi;

51. Jitlob li jkun hemm aktar ħsieb dwar l-implimentazzjoni ta' politika agrikola li tintegra b'mod ġenwin iż-żewġt ixtut tal-Mediterran, li fl-SEMCs tingħata prijorita? liż-żieda fis-sikurezza ta' l-ikel aktar milli lill-kunsiderazzjonijiet kummerċjali, u li s-sajd u l-immaniġġjar ta' l-ilma jkunu koordinati;

Standards u regolamenti tekniċi, proprjetà intelletwali, kompetizzjoni.

52. Iqis li kuntest regolatorju armonizzat bejn l-UE u l-SEMC se jippermetti l-espansjoni u l-konsolidazzjoni ta' kummerċ fuq bażi ċara, filwaqt li jippromwovi speċjalment trasparenza aħjar u kompetizzjoni aktar ġusta; huwa ta' l-opinjoni li armonizzazzjoni, jew għall-inqas qafas konsistenti fejn huma kkonċernati l-standards, probabbli jinkoraġġixxu wkoll l-iżvilupp ta' kummerċ Nofsinhar-Nofsinhar

53. Jenfasizza l-importanza li jiġu introdotti inċentivi ekonomiċi u assistenza teknika adegwati għall-SMEs li għandhom diffikulta? biex jinternalizzaw l-ispejjeż li ġejjin mill-armonizzazzjoni ta' l-istandards proposti mill-ftehimiet ta' assoċjazzjoni;

54. Jistieden lill-SEMCs biex ifasslu u japplikaw leġiżlazzjoni dwar il-proprjeta? intellettwali li tilħaq standards internazzjonali, li tinkoraġġixxi innovazzjoni u kreattivita? u li hija flessibbli b'mod sufficjenti sabiex tilħaq ir-rekwiżiti u l-karatteristiċi speċifiċi tal-pajjiżi kkonċernati; jistieden lill-Kummissjoni, b'referenza għal-leġiżlazzjoni tal-propreta? intellettwali, sabiex ma titlobx lill-SEMCs biex jippruvaw imorru lil hinn mill-impenji mitluba skond it-TRIPs eżistenti;

Servizzi

55. Huwa ta' l-opinjoni li kwalunkwe liberalizzazzjoni tas-servizzi fil-qafas tal-ħolqien ta' FTA ma tistax issir ħlief fuq bażi miftehma mal-SEMCs filwaqt li jingħatalhom id-dritt li jintroduċu u jikkontrollaw il-ftuħ tas-setturi sensittivi u vulnerabbli ta' l-ekonomiji tagħhom;

56. Huwa tal-fehma li s-settur tas-servizzi huwa essenzjali għas-suċċess ta' l-FTA; jinnota li s-settur tas-servizzi huwa kruċjali għall-ekonomiji ta' l-SEMCs u huwa madwar 50 % tal-PGD ta' l-Eġittu, il-Marokk u s-Sirja, 60 % tal-PGD tat-Tuniżija u aktar minn 70 % tal-PGD tal-Ġordan u l-Libanu;

57. Jenfasizza bl-istess mod li l-liberalizzazzjoni progressiva tas-servizzi, settur ta' importanza partikolari għall-ekonomija ta' l-SEMC ukoll, se tirriżulta profittabbli għall-iżvilupp ekonomiku tagħhom filwaqt li tik-kontribbwixxi għat-titjib ta' l-infrastrutturi, għat-trasferimenti tat-tekonoloġiji, u għall-kompetenza u r-riva-lutazzjoni tas-servizzi provduti għal benefiċċju taċ-ċittadini tagħhom; iqis għalhekk li n-negozjati tas-settur tas-servizzi għandhom jimxu flimkien ma' dawk tal-kummerċ tal-merkanzija;

58. Jieħu nota tal-ftuħ uffiċjali tan-negozjati dwar il-liberalizzazzjoni tal-kummerċ f'servizzi u investiment fil-ħames konferenza kummerċali ministerjali tal-EuroMed f'Marzu 2006 bejn l-UE u xi SEMCs;

59. Jitlob lill-Kummissjoni sabiex issegwi n-negozjati li nbdew f'Marrakech u sabiex fil-qasam tas-servizzi ma' ċerti SEMCs, twassalhom fi tmiemhom b'mod li jkopri l-modalitajiet u s-setturi kollha u dan b'konfor-mità ma' dak li ġie miftiehem fil-qafas tal-GATS fid-WTO, u biex tirrispondi għall-offerti pożittivi billi tikkunsidra d-dispożizzjonijiet ta' l-UE rigward it-tkabbir tal-possibiltajiet għal moviment ħieles ta' ħaddiema tas-servizzi (Modalità IV ta' GATS);

60. Iqis li għandha ssir distinzjoni bejn is-servizzi kummerċali tas-servizzi pubbliċi; jinsisti fuq il-ħtieġa li s-servizzi pubbliċi jinżammu 'l barra mill-qafas tan-negozjati, speċjalment dawk is-servizzi relatati mal-bżon-nijiet bażiċi tan-nies u jippermettulhom aċċess għal benefiċċji pubbliċi essenzjali, bħas-saħħa, l-edukazzjoni, l-ilma tax-xorb u l-enerġija, kif ukoll dawk li għandhom rwol ewlieni fl-identità kulturali, bħas-servizzi awdjoviżivi;

Trasport

61. Jemmen li l-iżvilupp ta' netwerk Ewro-Mediterranja tat-trasport ibbażata fuq interkonnessjonijiet moderni u t-tħejjija ta' strateġija komuni għal koperazzjoni, koordinazzjoni u żvilupp aħjar jikkostitwixxu kundizzjoni minn qabel għas-suċċess ta' l-FTA; iqis vitali li l-SEMCs igawdu minn interoperattivita? aktar mill-viċin man-netwerks ta' trasport trans-Ewropej, u li jistgħu jkunu involuti fid-deċiżjoni u l-implimentaz-zjoni ta' proġetti ta' prijorità futuri; f'dan il-kuntest jitlob li tingħata kunsiderazzjoni lill-possibiltajiet li jitjiebu r-rotot tat-trasport marittimu bħala kwistjoni ta' prijorita?, u li jitnaqqsu l-ispejjeż assoċjati mas-servizzi marittimi ta' merkanzija;

62. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-SEMCs sabiex jagħmlu disponibbli riżorsi finanzjarji suffiċenti għall-immodernizzar ta' l-infrastruttura, b'referenza partikulari għas-settur loġistiku, u biex iħejju r-riformi neċes-sarji biex jagħmlu s-settur aktar kompetittiv u dinamiku filwaqt li jqisu s-sitwazzjoni ġeografika speċifika taz-zona, li hija l-punt transitu naturali għall-kummerċ fi prodotti bejn l-Ewropa u l-Asja (inklużi, b'mod partikulari ċ-Ċina u l-Indja);

63. Jistieden lill-SEMCs, flimkien mal-Kummissjoni, biex jagħmlu s-setturi tat-toroq u tal-portijiet aktar effiċenti sabiex jitnaqqsu l-ispejjeż loġistiċi u tat-trasport li huma għoljin ħafna li minħabba fihom, l-espor-tazzjoni industrijali u agrikola tar-reġjun hija anqas kompetittiva; jitlob ukoll sabiex ikun hemm aktar ħsieb dwar is-settur tat-trasport bl-ajru, b'referenza partikulari għas-servizzi tal-merkanzija bl-ajru;

64. Jinnota b'interess l-adozzjoni li ser isseħħ ta' komunikazzjoni tal-Kunsill dwar l-estensjoni tar-rotot trans-Ewropej ewlenin għall-pajjiżi Mediterranji, filwaqt li jqis il-bżonn għal azzjoni sabiex il-flussi tat-tras-port jerġgħu jiġu orjentati għall-benefiċċju ta' dan ir-reġjun;

Enerġija

65. Jinnota li l-maġġoranza tal-pajjiżi tal-Proċess ta' Barċellona jiddependu fuq firxa li dejjem tiżdied ta' provvista esterna ta' enerġija, b'mod partikulari għaż-żejt u l-gass, u li t-talba li qed tiżdied se teżerċita aktar pressjoni fuq il-mezzi ta' provvista eżistenti; fuq dan l-isfond, ikun importanti li tiġi stabbilita koperazzjoni effettiva bejn il-pajjiżi tal-Mediterran fiz-zona tal-provvista ta' enerġija;

66. Jitlob li l-ħolqien ta' suq ġenwin Ewro-Mediterran ta' l-enerġija jingħata importanza ċentrali; fid-dawl taż-żieda riċenti fil-prezzijiet taż-żejt u l-gass, iqis illi huwa vitali għall-UE u għal dawk l-SEMCs kollha li m'għandhomx riżorsi ta' enerġija biex jagħmlu sforz koordinat sabiex jerġgħu jqawwu d-djalogu mal-pajjiżi li jipproduċu l-enerġija, filwaqt li kemm jista' jkun jevitaw li jidħlu fi ftehimiet bilaterali li huma ta' detriment għall-interessi ta' l-UE u ta' l-SEMCs; jinnota b'interess ix-xewqa tal-Kummissjoni, muriha fl-okkażjoni tal-Konferenza dwar il-politika ta' l-enerġija esterna ta' l-20 u l-21 ta' Novembru 2006, li tagħti sehem importanti lill-Afrika ta' fuq u lil-Lvant Nofsani fil-politika ta' l-enerġija esterna tagħha, u jitlob li dawn id-dikjarazzjonijiet jiġu akkumpanjati b'azzjonijiet konkreti;

67. Jilqa' t-twettiq ta' koperazzjoni ta' l-enerġija fir-reġjun tal-Mediterran taħt l-awspiċi tal-Pjattaforma ta' l-Enerġija Ewro-Mediterranja ta' Ruma (REMEP); jikkunsidra li din il-pjattaform tista' tipprovdi punt tat-tluq komuni għat-tisħiħ tal-koperazzjoni bejn l-UE u l-SEMC billi tippermetti li jitwettqu inizjattivi reġjonali importanti kif ukoll bażi għal kwalunkwe attività oħra fl-interess komuni li jista' jkun hemm deċiżjoni fuqha;

68. Jilqa' t-tnedija ta' proġetti kbar sotto-reġjonali bħalma hija l-integrazzjoni tas-suq ta' l-elettriku tal-pajjiżi Magreb f'dak ta' l-UE, l-integrazzjoni tas-swieq tal-gass fir-reġjun Mashreq, u l-bini tal-pajpijiet tal-gass Għarab u ta' Medgaz;

69. Jistieden lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri ta' l-UE u l-SEMCs sabiex jesploraw forom ġodda ta' koperazzjoni bilaterali u multilaterali fis-settur ta' l-enerġija, b'mod partikulari fil-qasam ta' l-introduzzjoni ta' miżuri sabiex titjieb l-effiċjenza ta' l-enerġija; jistieden ukoll lill-SEMCs sabiex jintroduċu politiki biex iheġġu l-iżvilupp ta' enerġiji li jiġġeddu u ta' ħarsien ambjentali (l-attivitajiet għar-raffinament taż-żejt u r-riski assoċjati mat-trasport ta' l-idrokarbonju fil-Mediterran);

70. Huwa tal-fehma illi huwa vitali għall-UE u għal dawn l-SEMC li m'għandhomx riżorsi ta' l-enerġija sabiex jidħlu fi djalogu strateġiku dwar il-possibiltajiet li jħaddnu l-produzzjoni ta' enerġiji li jiġġeddu fuq skala kbira u li l-SEMCs jingħataw id-dritt li jipparteċipaw fi programmi ta' l-UE relatati mar-Riċerka u l-Iżvilupp fil-qasam ta' l-enerġija li tiġġedded;

71. Jenfasizza s-sehem li jista' jkollhom il-bijo-fjuwils ta' l-ewwel ġenerazzjoni bħala forma ta' enerġija alternattiva, kif ukoll il-kompetittivita? miżjuda tagħhom fis-swieq ta' l-enerġija;

L-ambjent u żvilupp sostenibbli

72. Jilqa' b'sodisfazzjon l-inizjattiva "Horizon 2020" imnedija waqt is-Samit ta' Barċellona ta' l-2005 li hija maħsuba sabiex tnaqqas il-livell ta' tniġġis fir-reġjun billi tidentifika u tattakka s-sorsi ta' tniġġis l-iktar importanti minn issa sa l-2020; jenfasizza li din l-inizjattiva probabbli tissupplimenta u terġa' tniedi l-Istrateġija Mediterranja għall-Iżvilupp Sostenibbli, li kienet approvata fl-1995;

73. Jistieden lill-Kummissjoni u l-SEMCs sabiex jikkonċentraw fuq l-għan ambjentali ewlieni li jitwaqqaf it-tniġġis tal-Mediterran (b'mod partikulari billi jitnaqqsu l-emissjonijiet industrijali u l-iskart urban), filwaqt li titjieb il-koperazzjoni politika u finanzjarja li tinvolvi parteċipazzjoni aħjar mill-awtoritajiet u mir-rappreżentanti reġjonali u lokali tas-soċjeta? ċivili u tas-settur privat; jistieden ukoll lill-Kummissjoni sabiex twettaq evalwazzjonijiet regolari tal-progress miksub f'dan il-qasam;

74. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tikkonċentra fuq implimentazzjoni sħiħa tal-Protokoll ta' Barċellona fuq sorsi bbażati fuq l-art ta' tniġġis marittimu mill-pajjiżi Mediterranji kollha, b'mod speċjali permezz ta' finanzjament miżjud għall-Programm ta' Assistenza Ambjentali Teknika tal-Mediterran (METAP);

75. Jikkunsidra li din l-inizjattivi jistħoqqilha tkun riklamata kemm jista' jkun u għandha tirċieva appoġġ sħiħ mill-Parlament Ewropew minħabba l-implikazzjonijiet importanti tagħha mhux biss għall-iżvilupp sostenibbli tar-reġjun (it-turiżmu, is-sajd, l-agrikoltura, l-aċċess għall-ilma) iżda wkoll għall-istandards ta' għajxien ta' reġjuni viċin;

Industrija

76. Jinnota bi tħassib li l-SEMCs żviluppaw industrija speċjalizzata ta' prodotti ta' livell teknoloġiku baxx u ta' valur miżjud baxx, li jagħmluhom aktar dgħajfa fil-konfront tal-kompetizzjoni esterna; Iqis li t-tkabbir tal-kompetittività ta' l-industrija tal-SEMCs hija meħtieġa għas-suċċess tal-FTA u jistieden lill-SEMCs jadottaw miżuri diretti sabiex jgħinu lill-intrapriżi jsaħħu l-kompetittività tagħhom b'relazzjoni mal-produtturi Ewropej u Asjatiċi;

77. Jitlob li l-pjan għal-liberalizzazzjoni tas-settur industrijali jkun aġġustat skond l-iżvilupp tal-kundizzjonijiet ekonomiċi u soċjali (speċjalment il-livell tal-qgħad) f'kull SEMC kif ukoll skond l-impatt tiegħu fuq l-ambjent;

78. Jistieden lill-SEMCs sabiex jistabbilixxu politiċi reġjonali fil-qasam industrijali sabiex jippermettu aktar prospetti ta' ekonomiji ta' skala u strateġija ta' żvilupp aħjar li tqis is-sehem ta' impriżi żgħar ħafna (VSEs) u impriżi żgħar u medji (SMEs) fir-reġjun; jistieden lill-Kummissjoni u l-SEMCs sabiex jippromwovu l-VSEs u l-SMEs billi jiżviluppaw servizzi finanzjarji effiċenti u jagħtu assistenza teknika u amministrattiva sabiex jippermettulhom li jtejbu l-kompetittivita? tagħhom;

79. Jistiednu wkoll lill-Kummissjoni u lill-SEMCs sabiex jidħlu f'azzjoni konġunta mmirata lejn: (a) is-simplifikazzjoni ta' proċeduri amministrattivi, (b) li jkun żgurat li assoċjazzjonijiet professjonali, ta' negozju u ta' trade union huma rappreżentati b'mod aktar ġenwin, (c) li jkun permess l-aċċess għall-informazzjoni kummerċali, (d) li d-ditti jkunu provduti b'assistenza teknika u servizzi ta' appoġġ u (e) il-provvista ta' taħriġ tul il-ħajja;

Is-settur tat-tessuti

80. Itenni t-tħassib tiegħu dwar il-konsegwenzi tat-tmiem tal-ftehima dwar it-tessili u l-ħwejjeġ fl-1 ta' Jannar 2005 u t-tneħħija tal-kwoti fuq il-produzzjoni tas-settur tat-tessuti u l-ħwejjeġ fl-SEMCs u l-UE; juri li dan is-settur għandu sehem kruċjali fl-ekonomiji ta' ħafna SEMCs u xi pajjiżi Ewropej; jenfasizza li l-implimentazzjoni ta' programm immirat li jtejjeb il-kompetittivita? tas-settur, bl-appoġġ tal-Kummissjoni, tkun ta' użu;

81. Jikkunsidra li l-akbar diffikultajiet li jiffaċċja s-settur tat-tessuti jistgħu jkollhom konsegwenzi negattivi fuq l-ekonomija tal-pajjiżi ta' l-UE u ta' l-SEMCs u, b'mod indirett, fuq it-twaqqif ta' l-FTA; jikkunsidra li, meta l-istrateġija kummerċali u ta' investiment il-ġdida ta' l-UE fir-rigward taċ-Ċina, u b'mod ġenerali, il-politika Ewropea Kummerċali lejn l-Asja jiġu formulati, għandu jiġi meqjus l-impatt possibbli tagħhom fuq l-SEMC u l-pajjiżi ta' l-UE;

82. Jistieden lill-Kummissjoni, b'koperazzjoni aktar mill-viċin ma' l-Istati Membri u s-settur privat, biex tibda programmi ta' assistenza *ad hoc* sabiex titjieb il-kompetittivita? ta' l-industriji tat-tessuti ta' dawn il-pajjiżi, u sabiex jitqawwew ir-rabtiet tradizzjonali tagħhom mal-produtturi tal-Komunita?;

83. Jikkunsidra li d-diffikultajiet kurrenti għandhom jiġu megħluba billi s-settur jiġi organizzat mill-ġdid sabiex ikun jista' jieħu vantaġġ mill-prossimita? fiżika tiegħu għas-swieq Ewropej billi jkun hemm konċentrazzjoni fuq il-produzzjoni ta' kwalita? medja u għolja b'perjodi mgħaġġla ta' kunsinja (u ta' forniment mill-ġdid ta' stokk) bi prezzijiet kompetittivi;

84. Jappoġġja it-twaqqif ta' zona Ewro-Mediterranja ta' produzzjoni bħala l-uniku mezz sabiex jippermetti li anki l-Mediterran tat-Tramuntana (u mhux biss dak tan-Nofsinhar) jaffaċċja l-isfida ta' sezzjonijiet reġjonali kompetenti u jiżgura li jinżammu l-produzzjoni u l-impjieg industrijali; jikkunsidra li huwa neċessarju li jiġu allokati fondi Ewropej speċifiċi għall-programmi ta' appoġġ tar-riċerka, ta' l-innovazzjoni jew tal-koperazzjoni bil-ħsieb ta' dak il-għan;

85. Jappoġġja sħubija Ewro-Mediterranja li tippromwovi koperazzjoni u kompetittivita? fis-settur permezz ta' politika proattiva li tappoġġja bis-sħiħ it-taħriġ, ir-riċerka u l-iżvilupp, l-innovazzjoni teknoloġika, id-disseminazzjoni ta' prattika tajba u l-iskambju ta' informazzjoni tas-suq; jirrakkomanda l-introduzzjoni ta' netwerk Ewro-Mediterranja ta' skejjel, stabbilimenti ta' taħriġ u ċentri speċjalizzati tekniċi għall-industrija tat-tessuti/tal-ħwejjeġ biex tkun promossa sħubija teknika u programmi konġunti ta' taħriġ u riċerka;

86. Jara li d-diffikulta? li jinkiseb aċċess għall-finanzjamnet kif ukoll in-natura mhux adegwata ta' ċerti strumenti finanzjarji għadhom ta' ostakolu kbir li jridu jegħilbu SMEs fis-settur; jistieden lill-Kummissjoni sabiex tipproponi mezzi biex jegħilbu dawn in-nuqqasijiet kif ukoll miżuri ta' inċentiv immirati biex tinżamm parti mill-katina ta' produzzjoni fil-pajjiżi taz-zona Ewro-Mediterranja;

Xjenza u teknoloġija

87. Jinsab imħasseb rigward il-progress bil-mod li qed isir mill-maġġoranza tal-SEMCs fis-settur edukattiv u ta' riċerka xjentifika; jinnota li minkejja żieda viżibbli tal-proporzjon tat-tfal li jattendu l-iskola, jibqa' nuqqas persistenti ta' interazzjoni bejn is-suq tax-xogħol u s-sistema edukattiva, b'implikazzjonijiet serji għall-produttività, għat-taħriġ u s-snajja' tal-ħaddiema u b'mod ġenerali, għall-prospetti ta' l-iżvilupp tar-reġjun;

88. Jistieden lill-Kummissjoni u l-SEMCs biex jintroduċu miżuri mmirati lejn it-titjib tas-sistema edukattiva inġenerali, biex jagħtu aktar kas is-sehem taż-żgħażagħ, u biex iħeġġu b'mod aktar frekwenti skambji bejn universitajiet u biex jiffaċilitaw id-dħul tan-nisa fis-suq ta' l-impjieg permezz ta' programmi speċifiċi ta' tagħlim; jenfasizza li parteċipazzjoni akbar min-nisa fis-suq tax-xogħol hija fattur ewlieni għall-iżvilupp ekonomiku; jilqa' l-inizjattivi meħuda mill-Fondazzjoni Ewro-Mediterranja Anna Lindh għal Djalogu Interkulturali fir-rigward ta' skejjel Euromed, gruppi Euromed ta' ħaddiema żgħażagħ fir-riċerka, skejjel tas-sajf ta' l-università u programmi ta' skambji li jippermettu djalogu u koperazzjoni aktar estensivi bejn il-membri tas-sħubija Ewro-Mediterranja;

89. Iħeġġeġ lill-SEMCs sabiex jagħtu aktar prijorita? lil mudell ta' żvilupp ibbażat fuq l-ekonomija ta' għarfien u sabiex iżidu b'mod sostanzjali l-proporzjon ta' PGD allokat lir-riċerka xjentifika; jistieden lill-Kummissjoni sabiex tipprovdi appoġġ finanzjarju u tekniku;

90. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tappoġġja n-netwerk inter-universitarja Euromesco, sabiex tgħin biex tiżgura li sħubiji bejn l-universitajiet, iċ-ċentri ta' riċerka, il-laboratorji u l-iskejjel mediċi huma stabbiliti fuq bażi istituzzjonali, kif ukoll sabiex tippromwovi l-mobilta? ta' ħaddiema ta' riċerka, għalliema u studenti li diġa? ħadu l-lawrija minn dawn l-istituzzjonijiet, u ssaħħaħ il-programmi ta' riċerka konġunta;

91. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tevalwa l-arranġamenti eżistenti ta' fondi u progammazzjoni bil-ħsieb li jkunu mħeġġa proġetti konġunti EU/SEMC u li dawn il-pajjiżi jkunu jistgħu jipparteċipaw aktar fi programmi ta' qafas Komunitarji ta' riċerka;

92. Jenfasizza l-importanza tat-taħriġ vokazzjonali, li għandu sehem kruċjali fl-iżvilupp tad-ditti; jikkunsidra li l-importanza tat-taħriġ vokazzjonali għandu jkun rifless permezz ta' l-introduzzjoni ta' programmi mmirati lejn il-problemi u r-rekwiżiti li d-ditti jiltaqgħu magħhom u jidentifikaw;

Il-kummerċ u l-iżvilupp

93. Jinsisti li l-politika kummerċjali ta' l-UE ma topponix l-objettivi tal-politika tagħha għall-iżvilupp u għat-tnaqqis tal-faqar, iżda tikkompletahom; ifakkar li aktar minn 30 % tal-popolazzjoni tal-SEMCs jgħixu b'anqas minn 2 USD kuljum; jistieden lill-UE sabiex tinvesti fi pjan ta' azzjoni speċifiku sabiex tiġġieled kontra l-faqar assolut u relattiv fil-Mediterran, jiġifieri verżjoni Mediterranja ta' l-Objettivi tal-Millenju, u biex tikseb l-iżvilupp permezz tal-kummerċ, il-verżjoni Mediterranja ta' l-Għajnuna għall-Kummerċ, flimkien ma' skemi għat-tnaqqis tal-faqar;

94. Jenfasizza li l-mikrokreditu, b'mod partikulari għall-proprjetarji żgħar fis-settur agrikolu, huwa mezz essenzjali fil-ġlieda kontra l-faqar u fil-kisba ta' żvilupp sostenibbli soċjali u ekonomiku b'konformita? ma' l-Objettivi tal-Millenju, u huwa wkoll forza qawwija fil-liberalizzazzjoni, b'mod partikulari għan-nisa; jikkunsidra li dan l-approċċ mikroekonomiku għandu jkun rikonoxxut fil-qafas ta' l-FTA, u b'mod aktar ġenerali, fl-ENP u fil-Proċess ta' Barċellona; jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex jipprovdu aktar appoġġ għall-inizjattivi mmirati lejn il-promozzjoni tal-mikrofinanza fl-SEMCs, sabiex il-programmi eżistenti jiġu msaħħa sew u jiġu żviluppati u promossi sistemi ġodda li jiffaċilitaw l-aċċess għal kreditu għall-akbar numru ta' nies possibbli;

95. Jesnfasizza l-importanza ta' standards fundamentali ta' impjieg u xogħol diċenti għall-iżvilupp ta' l-FTA; jinnota li, jekk il-kummerċ għandu jassisti l-iżvilupp u jnaqqas il-faqar, għandu jgħin ukoll sabiex jinkisbu progress soċjali u kundizzjonijiet diċenti tax-xogħol; jinnota li r-regoli li jirregolaw il-kummerċ m'għandhomx jiġu qabel il-leġiżlazzjoni soċjali u l-Konvenzjoni ta' Qafas ta' l-ILO; jinnota li l-azzjoni biex tiġġieled kontra kull tip ta' esplojtazzjoni fuq ix-xogħol, kif ukoll ir-rispett għal-libertajiet ta' trade union, huma essenzjali jekk il-kummerċ għandu jkun organizzat fuq bażi ġusta u fl-interess ta' kulħadd; iħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex taħdem għal dan il-għan f'kollaborazzjoni mill-viċin ma' l-ILO, b'mod partikulari bil-ħsieb għall-introduzzjoni ta' pjanijiet ta' azzjoni ta' l-ENP;

96. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tqis il-kriterji mhux kummerċjali fin-negozjati futuri, sabiex iż-żieda fil-bidliet ma ssirx għad-detriment tal-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-popolazzjonijiet lokali; jixtieq li l-FTA tipprevedi aġenda għal xogħol diċenti speċjalment maħsuba għall-SEMCs, u li l-UE timpenja ruħha biex tipprovdi l-għajnuna kollha meħtieġa biex din l-aġenda tiġi mwettqa;

97. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġu promossi kodiċi ta' kondotta nnegozjati ma' multinazzjonalitajiet, li għandhom jinkorporaw l-objettivi li jipprovdu xogħol diċenti; jirrakkomanda li impriżi li huma bbażati fl-Ewropa u li għandhom sussidjarjetajiet fl-SEMCs għandhom jeżaminaw regolarment il-konformita? tas-sussidjarjetajiet tagħhom ma' dawn il-kodiċi ta' kondotta; jitlob għal kwalunkwe impriża assoċjata ġdida sabiex taċċetta l-kodiċi ta' kondotta u biex tirriklama dan;

Kunsiderazzjonijiet finali

98. Jiġbed l-attenzjoni għad-deċiżjoni tas-Samit ta' Barċellona 2005 sabiex tinħoloq zona ta' koperazzjoni reċiproka fir-rigward tal-migrazzjoni, l-integrazzjoni soċjali, il-ġustizzja u s-sigurta?; jara t-twaqqif ta' din iz-zona bħala korollarju essenzjali għat-twaqqif ta' FTA Ewro-Mediterranja ġenwina;

99. Għalkemm il-kundizzjonijiet għadhom ma ġewx miġbura flimkien, huwa ta' l-opinjoni, li l-FTA għandha titlesta permezz ta' għotja gradwali u għandha tkun ikkundizzjonata miċ-ċirkulazzjoni ħielsa tal-ħaddiema; filwaqt li jiġu meqjusa s-sitwazzjoni tas-suq tax-xogħol r-riflessjonijiet attwali tal-komunita? internazzjonali dwar ir-rabtiet bejn il-migrazzjoni u l-iżvilupp; jinsisti dwar l-importanza ta' tnaqqis neċessarju ta' l-ispejjez tat-trasferimenti ta' flus effettwati mill-migranti, bil-għan li l-użu ta' dawn ikun massimizzat fl-ekonomija lokali; jikkunsidra illi hemm urġenza fir-rigward tal-ħolqien ta' modalitajiet ġuridiċi u amministrattivi li huma suxxettibbli biex jiffaċilitaw għotja ta' visas, speċjalment lill-operaturi tas-sħubija Ewro-Mediterranja, lill-istudenti, lill-universitajiet u lill-operaturi soċjo-ekonomiċi;

100. Jibqa' inkwetat minħabba n-nuqqas ta' definizzjoni ċara tal-politika Mediterranja ta' l-UE u ta' viżjoni strateġika fit-tul għall-iżvilupp u l-istabbilizzazzjoni tar-reġjun; jinsisti dwar il-ħtieġa li l-proċess ta' integrazzjoni Ewro-Mediterranja jerġa' jsir prijorita politika fl-aġenda ta' l-UE;

101. Jiddeplora d-distruzzjoni sistematika tas-sistema ekonomika u ta' l-infrastrutturi tal-Libanu matul il-kunflitt riċenti ma' l-Iżrael, li se twassal għal dewmien fl-iżvilupp tal-pajjiż u fit-twaqqif ta' l-FTA; jieħu nota tar-riżultati tal-konferenza dwar ir-rikostruzzjoni tal-Libanu tal-25 ta' Jannar 2007 u jappoġġja l-isforzi bil-għan li tiġi organizzata għajnuna internazzjonali għal dan il-pajjiż fuq medda twila ta' żmien; jistieden lill-UE, fil-kuntest tal-proċess kurrenti ta' paċi, sabiex tkompli tagħti appoġġ finanzjarju suffiċjenti sabiex tgħin lill-Libaniżi ħalli jiffaċċjaw l-isfidi għar-rikostruzzjoni ekonomika u soċjali ta' pajjiżhom wara l-kunflitt ta' Lulju 2006; jesprimi t-tħassib serju tiegħu dwar is-sitwazzjoni tat-territorji Palestinjani u konsegwentament jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, fil-koperazzjoni mal-komunita? internazzjonali; jieħu nota tal-fatt li l-

Iżrael ittrasferixxa parti mit-taxxa Palestinjana u d-dħul doganali, li kienu miżmuma mill-Iżrael, u jitlob lill-gvern Iżraeljan sabiex jittrasferixxi minnufih il-bqija ta' dawn is-somom li huwa jżomm iffriżati; iħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex tinsisti dwar il-konformità mal-klawżoli relatati mal-Proċess ta' Barċellona, b'mod partikulari l-klawżola dwar id-drittijiet tal-bniedem inklużi l-Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni u l-pjanijiet ta' azzjoni varji, sabiex tinkiseb zona reali ta' liberta? u sikurezza fir-reġjun;

102. Filwaqt li jikkunsidra l-passi riċenti meħuda taħt il-politika Ewropea tal-Viċinat, kif ukoll il-preżenza l-ġdida taċ-Ċina fl-Afrika, jemmen li l-objettiv tal-politika barranija ta' l-UE fil-Mediterran hija li tappoġġja u tħeġġeġ riformi politiċi, demokratiċi u soċjoekonomiċi fil-pajjiżi msieħba sabiex flimkien joħolqu zona ta' prosperita? komuni;

103. Jenfasizza s-sehem ta' l-Assemblea Parlamentari Ewro-Mediterranja fis-sħubija bħala l-korp demokratiku li jġib flimkien lill-Membri Parlamentari miż-żewġt ixtut tal-Mediterran bħala appoġġ għat-tliet pilastri tal-Proċess ta' Barċellona; fl-aħħarnett, jitlob għal koperazzjoni akbar bejn l-EMPA, il-Kummissjoni u l-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea fil-qasam ekonomiku;

*

* *

104. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Gvernijiet u lill-Parlamenti ta' l-Istati Membri u ta' l-SEMCs u lill-EMPA.

P6_TA(2007)0077

Bożnja Ħerżegovina

Rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew lill-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2007 dwar il-Bożnja Ħerżegovina (2006/2290(INI))

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-proposta għal rakkomandazzjoni lill-Kunsill minn Doris Pack f'isem il-Grupp tal-Partit Popolari Ewropew (id-Demokratiċi Kristjani) u d-Demokratiċi Ewropej dwar il-Bożnja u Ħerżegovina (BiH) (B6-0615/2006),

— wara li kkunsidra l-ftehim tal-5 ta'Ottubru 2005 bejn ir-rappreżentanti ta' l-Istat u l-Entitajiet kostitwenti tal-BIH li taqbel mal-prinċipji bażiċi stipulati mill-Kummissjoni Ewropea għar-ristrutturazzjoni tal-forzi tal-pulizija,

— wara li kkunsidra d-deċiżjoni sussegwenti tal-Kunsill tal-22 ta' Novembru 2005 biex jingħata bidu għan-negozjati mal-BiH dwar Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni,

— wara li kkunsidra l-ftehim milħuq fit-18 ta' Marzu 2006 bejn il-mexxejja ta' bosta partiti politiċi prinċipali fil-BiH dwar numru ta' emendi kostituzzjonali,

— wara li kkunsidra d-deċiżjoni tal-Bord ta' Tmexxija tal-Kunsill għall-Implimentazzjoni tal-Paċi (PIC) tat-23 ta' Ġunju 2006, li permezz tagħha l-Uffiċċju tar-Rappreżentant Għoli (OHR) għandu immedjatament jibda l-preparamenti bil-għan ta' l-għeluq previst fit-30 ta' Ġunju 2007,

— wara li kkunsidra l-fatt li l-PIC għandu jirrivedi u, jekk xieraq, jikkonferma l-għeluq ta' l-OHR fil-bidu ta' l-2007, filwaqt li jikkonsidra s-sitwazzjoni ġenerali fil-pajjiż u fir-reġjun,

— wara li kkunsidra l-elezzjonijiet presidenzjali u parlamentari reċenti fil-BiH,

Il-Ħamis, 15 ta' Marzu 2007

— wara li kkunsidra r-Rapport ta' Progress ta' l-2006 tal-Kummissjoni dwar il-BiH (SEC(2006)1384),

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet dwar il-Balkani tal-Punent tal-Kunsill għall-Affarijiet Ġenerali tal-11 ta' Diċembru 2006,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 114(3) u l-Artikolu 90 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin (A6-0030/2007),

A. billi l-BiH għamlu t-tranżizzjoni mill-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Paċi ta' Dayton ta' l-1995, ftehim li temm l-iktar gwerra mdemma fl-Ewropa sa minn tmiem it-Tieni Gwerra Dinjija f'pajjiż li kien paċifiku u multi-etniku, u li issa qed jimxi lejn l-integrazzjoni Ewropea, u b'hekk hemm bżonn ta' tibdiliet kostituzzjonali,

B. billi r-rappreżentanti ta' l-Istat u taż-żewġ Entitajiet kienu qablu li r-riforma proposta tal-forzi tal-pulizija għandha tikkontempla t-trasferiment tal-kompetenzi leġiżlattivi u baġitarji kollha għal-livell statali l-eliminazzjoni ta' l-interferenzi politiċi kollha fl-operazzjonijiet tal-forzi tal-pulizija u d-dilimitazzjoni ta' l-unitajiet territorjali f'sens purament tekniku u funzjonali,

C. billi dik il-ftehima pprovdiet għall-ħolqien ta' Direttorat għall-Implimentazzjoni tar-Ristrutturar tal-Pulizija, b'rappreżentanti mil-livelli kollha tal-gvern (Stat, Entità u reġjuni), li l-kompitu tagħhom kien li jippreżentaw proposta għall-implimentazzjoni tar-riforma, inklużi proposti għad-demarkazzjoni ta' unitajiet tal-pulizija territorjali ġodda,

D. billi fit-22 ta' Diċembru 2006 d-Direttorat għall-Implimentazzjoni tar-Ristrutturar tal-Pulizija ppreżenta abbozz ta' pjan għall-implimentazzjoni tar-riforma ta' l-istruttura tal-pulizija lill-Kunsill tal-Ministri tal-BiĦ,

E. billi dak l-abbozz jipprovdi l-qafas sabiex jintlaħqu l-prerekwiżiti stipulati mill-Kummissjoni għall-konklużjoni ta' Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni ma' l-Unjoni Ewropea,

F. billi matul l-aħħar kampanja elettorali, it-tmexxija tar-Repubblika Srpska għamlet dikjarazzjonijiet ripetuti li jitfgħu dubji fuq il-ftehim, li qabel kienet appoġġjat, dwar ir-riforma tal-pulizija proposta,

G. billi l-mandat tar-rappreżentanti tar-Repubblika Srpska issa ġie konfermat b'votazzjoni popolari u l-partiti tagħhom huma rrappreżentati b'mod sod fil-livelli kemm ta' l-Entità kif ukoll ta' l-Istat,

H. billi l-pakkett ta' emendi kostituzzjonali appoġġjati mir-rappreżentanti tal-maġġoranza tal-partiti ewlenin fil-BiH għandu numru ta' proposti li jsaħħu l-qawwiet fil-livell statali u jindirizza ċertu nuqqasijiet fil-funzjonament fil-fergħat leġiżlattivi u eżekuttivi tal-BiH,

I. billi dawk il-proposti ma jirriformawx il-mekkaniżmu tal-veto ta' l-Entità, minkejja li dan il-mekkaniżmu jista' jfixkel b'mod serju l-ħidma tal-Parlament tal-BiH,

J. billi fil-ġejjieni fil-qrib għandha ssir riflessjoni tajba qalb il-komponenti differenti tas-soċjetà fil-BiH dwar kif tista' tmur lil hinn mid-diviżjoni etnika riġida tal-pajjiż sabiex l-istrutturi tagħha jiġu riformati u jsiru iżjed flessibbli u kompatibbli mad-demokraziji Ewropej,

K. billi l-pakkett ta' l-emendi msemmi hawn fuq intlaqa' minn maġġoranza fil-Parlament tal-BiH imma, minħabba żewġ voti biss, ma rnexxilux jilħaq il-limitu meħtieġ għall-adozzjoni ta' l-emendi kostituzzjonali,

L. billi l-għeluq prematur ta' l-OHR, ibbażat fuq ix-xewqa leġittima biex jiżdied is-sentiment ta' pussess tal-proċess politiku u biex il-proċess ta' rikonċiljazzjoni bejn it-tliet popli ewlenin fil-BiH jsir iżjed malajr, jkollha impatt fuq l-istabilità tal-pajjiż u fuq l-andament u r-riżultat tar-riformi amministrattivi u kostituzzjonali,

M. billi l-persistenza ta' diviżjonijiet etniċi b'saħħithom fil-Bożnja-Ħerżegovina turi l-bżonn ta' sistema edukattiva moderna iżjed integrata, u li ma tissegregax fil-pajjiż,

N. billi l-esperjenza ta' l-istabbilimenti edukattivi inter-etniċi, li japplikaw bis-suċċess mudell li ma jissegregax, bħal ma huma l-istabbilimenti sponsorjati mill-Knisja Kattolika fil-BiH, għandha titqies f'dan il-kuntest,

1. Jinnota bi tħassib li r-rebbieħa ta' l-elezzjonijiet parlamentari u presidenzjali li qabel kienu partiti moderati waqt il-kampanja għamlu użu minn lingwaġġ ta' konfrontazzjoni u ta' diviżjoni; iħeġġeġ lill-partiti, speċjalment dawk li rebħu l-elezzjonijiet — irrispettivament mill-aħħar azzjonijiet u dikjarazzjonijiet negattivi varji — biex jaġixxu malajr sabiex iqiegħdu l-pedamenti għal BiH imsaħħa, li qed tipprepara lilha nnifisha biex tissodisfa l-kriterji neċessarji għall-konklużjoni u l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni u biex eventwalment tapplika għal shubija ma' l-UE;

2. Jilqa' l-istabbiliment ta' gvern fil-livell Statali u jfakkar lill-mexxejja politiċi tal-Bożnja-Ħerżegovina dwar ir-riformi urġenti u importanti li għandhom bżonn iwettqu, b'mod partikolari dawk li huma l-Kostituzzjoni ta' l-Istat, il-ġudikatura, l-amministrazzjoni pubblika, l-ambjent tan-negozju, is-settur edukattiv, l-oqsma fitosanitarji u veterinarji u l-qasam ambjentali;

3. Huwa ta' l-opinjoni li l-abbozz ta' pjan għall-implimentazzjoni tar-riforma ta' l-istruttura tal-pulizija tal-BiH, ippreżentat dan l-aħħar, jistipula allokazzjoni ċara u bbilanċjata tar-risponsabilitajiet bejn il-livell ta' l-Istat u dak lokali, billi jipprovdi li l-Istat jista' jadotta qafas legali wieħed għall-amministrazzjoni tal-pulizija, joffri riżorsi baġitarji u janalizza l-użu tagħhom, joffri servizzi ta' appoġġ, jikkordina attivitajiet bejn il-korpi u l-livelli differenti u jipprovdi tmexxija strateġika, mingħajr ksur ta' l-awtonomija rekwiżita ta' l-unitajiet tal-pulizija lokali;

4. Jilqa', barra minn hekk, il-mekkaniżmi previsti fil-pjan ta' hawn fuq biex tiġi żgurata t-trasparenza fl-għażla u l-ħatra tal-kapijiet u l-uffiċjali tal-pulizija u għall-immonitorjar ta' l-attivitajiet tal-forzi tal-pulizija fil-livell Statali u lokali;

5. Huwa ta' l-opinjoni li d-dispożizzjonijiet legali biex tinħoloq struttura tal-pulizija li li tirrifletti l-kompożizzjoni etnika tal-popolazzjoni fil-BiH għandhom jiġu akkumpanjati minn mekkaniżmu ta' monitoraġġ effettiv;

6. Jinnota b'sodisfazzjon li l-kriterji mressqa biex jiġu determinati l-oqsma tal-pulizija lokali huma bbażati fuq il-prinċipji ta' l-effiċjenza operattiva u s-sostenibilità u fuq fatturi demografiċi, soċjali, ekonomiċi u tas-sigurtà, iżjed milli sempliċiment fuq konfini amministrattivi;

7. Iħeġġeġ lill-Kunsill biex jagħmel pressjoni fuq l-awtoritajiet relevanti fil-BiH, biex jieħu l-passi kollha meħtieġa sabiex jiġu implimentati l-proposti kollha fil-pjan t'hawn fuq u biex ifakkar lill-partijiet kollha li r-riforma tal-pulizija hija prerekwiżit ewlieni għall-konklużjoni tal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni;

8. Jilqa' l-fatt li l-gvernijiet u l-forzi tal-pulizija tal-Bożnja, in ġenerali, ikkoperaw mat-Tribunal Kriminali Internazzjonali għall-Ex Jugożlavja (ICTY), inter alia, billi taw aċċess għall-arkivji militari; madankollu jikkundanna l-falliment li jiġu arrestati l-kriminali tal-gwerra kollha li għadhom ħielsa fit-territorju tal-pajjiż u l-fatt li f'ħafna każijiet sparixxew dokumenti b'potenzjal li jkunu ta' użu għall-investigazzjonijiet;

9. Jitlob lill-mexxejja politiċi tal-BiH biex ikomplu fl-isforzi tagħhom biex jikkoperaw kompletament ma' l-ICTY u biex jithattew in-networks li jappoġġjaw il-kriminali tal-gwerra suspettati;

10. Jilqa' d-deċiżjoni ta' l-awtoritajiet tar-Repubblika Sprska biex jiġi stabbilit korp speċjali li xogħlu jkun li jtejjeb il-koperazzjoni tiegħu ma' l-ICTY bil-għan li jiġi implimentat il-pjan ta' azzjoni ad hoc; jistenna, f'din il-konnessjoni, riżultati konkreti fil-futur qarib f'dak li għandu x'jaqsam mal-qbid ta' l-maħrubin ewlenija;

11. Iħeġġeġ lill-BiH biex tkompli l-isforzi ħalli ttejjeb il-politika ekonomika u fiskali tagħha, u b'mod partikolari biex issaħħaħ il-kordinazzjoni fiskali, b'hekk tikkontribwixxi għall-istabilità fiskali;

12. Jitlob lill-mexxejja tal-BiH biex isolvu kwalunkwe kwistjoni li għad baqa' dwar il-fruntieri ma' pajjiżi ġirien, u b'mod partikolari biex jirrispettaw u jirratifikaw ftehim dwar id-demarkazzjoni tal-fruntieri ta' l-art u tax-xmajjar;

13. Jitlob lill-mexejja tal-BiH biex ikomplu l-isforzi tagħhom sabiex jimplimentaw kompletament ir-riformi miftehma fix-xandir pubbliku;

14. Jitlob lill-awtoritajiet tal-BiH biex jimplimentaw tmalajr il-prijoritajiet identifikati fis-sħubija Ewropea; jerġa' jisħaq li l-politika globali ta' l-UE lejn il-BiH u r-reġjun sħiħ tal-Balkani tal-Punent hija bbażata fuq prospett ċar ta' l-integrazzjoni Ewropea kif stipulat fl-Aġenda ta' Thessaloniki ta' Ġunju 2003;

15. Jemmen li d-dibattitu kostituzzjonali għandu jiġi mniedi mill-ġdid immedjatament, u għandu jinbena fuq dak li diġà ntlaħaq s'issa, imma għandu jinvolvi

— reviżjoni dettaljata tal-mekkaniżmu tal-veto ta' l-Entità, li għandha tapplika biss għal kwistjonijiet li jaqgħu taħt ir-responsabilità maqsuma bejn l-Istat u l-Entitajiet,

— interpretazzjoni ċara, eżawrjenti u fl-istess ħin dejqa tal-kunċett ta' "interessi nazzjonali vitali" sabiex jiġi evitat kwalunkwe użu ħażin li huwa etnikament motivat ta' l-istrument tal-veto relatat għal raġunijiet purament ostruzzjonisti,

— razzjonalizzazzjoni iżjed kuraġġuża ta' l-istrutturi amministrattivi tal-BiH bil-għan li l-proċess għat-teħid tad-deċiżjonijiet jiġi ssimplifikat uaċċellerat;

16. Jemmen li dan id-dibattitu għandu jsir fil-pubbliku, bil-parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili u ta' l-esperti nazzjonali u internazzjonali; jikkunsidra li l-opinjoni pubblika trid tkun involuta f'dan il-proċess sabiex ir-riżultat finali jinżamm u jiġi rikonoxxut bħala leġittimu minn kulħadd;

17. Jistieden lill-Parlament tal-BiH biex jikkunsidra l-istabbiliment ta' kumitat bil-kompitu speċifiku li jfassal proposti komprensivi għal riforma kostituzzjonali;

18. Huwa ta' l-opinjoni li l-Unjoni Ewropea, taħt il-patroċinju tar-Rappreżentant Speċjali ta' l-UE, għandu jkollha rwol ewlieni biex isir mill-ġdid dibattitu kostituzzjonali, b'mod partikolari billi jiġi ffaċilitat id-djalogu bejn il-partijiet, jiġu appoġġjati inizjattivi mmirati biex iħeġġu dibattitu pubbliku u billi tiġi provduta għajnuna teknika f'dak li hu għarfien espertgħall-parlamentari tal-Bożnja-Ħerżegovina li huma direttament involuti fid-dibattitu;

19. Huwa kkonċernat minħabba l-ostakli etniċi persistenti fil-BiH, li jfixklu l-iżvilupp ta' identità nazzjonali; huwa ta' l-opinjoni li l-arranġamenti kostituzzjonali fil-Ftehim ta' Dayton jagħmluha iżjed diffiċli biex jitneħħew ostakoli bħal dawn; ifakkar li l-esperjenza ta' l-UE hija li identità komuni hija għal kollox kompatibbli fir-rigward tat-tradizzjonijiet kulturali u reliġjużi tal-popli kostitwenti;

20. Għalhekk jilqa' dikjarazzjoni riċenti tal-Prim Ministru tar-Repubblika Srspka li jimpenja lill-gvern ta' dik l-Entità sabiex iwaqqaf kull irvell li jista' jseħħ b'konnessjoni mal-konklużjoni dwar l-istatus tal-Kosovo;

21. Jikkunsidra li, fil-kuntest ta' l-għajnuna ta' l-UE — li, wara l-fażi ta' rikostruzzjoni, iffokat fuq il-faċilitazzjoni ta' l-adozzjoni ta' l-istandards u l-liġijiet ta' l-UE — għandha tingħata iżjed u iżjed attenzjoni għal kif wieħed għandu jieħu ħsieb il-piż tal-passat, inkluża l-kwistjoni ta' persuni li sfaw mitlufa matul il-kunflitt imdemmi, u għat-tħeġġiġ ta' sistema edukattiva inklużiva, mhux diskriminatorja fil-BiH ibbażata fuq it-tolleranza u r-rispett għad-diversità;

Il-Ħamis, 15 ta' Marzu 2007

22. Ifakkar li fil-prattika dan ifisser it-tmiem għas-segregazzjoni ta' gruppi etniċi differenti fl-istess skola, dibattitu dwar il-ħolqien ta' kurrikulu komuni għat-tagħlim obligatorju, b'attenzjoni speċjali mogħtija għall-mod li bih l-istorja hija mgħallma, u taħriġ kontinwu u mtejjeb għall-għalliema;

23. Jitlob lill-Kummissjoni biex tittrasferixxi fondi suffiċjenti, skond l-Istrument l-ġdid ta' Qabel is-Shubija, għaż-żewġ objettivi msemmija hawn fuq, speċjalment billi jipprovdi appoġġ lill-Kummissjoni Internazzjonali għal Persuni Mitlufin, u jħeġġeġ lill-Kunsill, permezz tar-Rappreżentant Speċjali ta' l-UE, biex jippromwovi inizjattivi f'dan il-qasam; huwa ta' l-opinjoni li s-sistema edukattiva preżenti tista' tirrappreżenta theddida serja għas-sigurtà tal-pajjiż;

24. Huwa ta' l-opinjoni li jkun fl-interess taċ-ċittadini tal-BiH u x-xewqa tagħhom li jevitaw kunflitt fil-futur li tiġi stabbilita kummissjoni nazzjonali ta' rikonċiljazzjoni u ta' verità għall-pajjiż, li għandha teżamina u tirrapporta dwar l-abbużi li sofrew fil-passat u kif tiżviluppa rakkomandazzjonijiet għal passi li jridu jittieħdu rigward kif dan il-wirt ta' wġigħ jista' jiġi trattat u kif għandha tiġi evitata r-rikorrenza ta' kwalunkwe inumanità bħal din;

25. Jinnota li l-edukazzjoni hija l-mezz primarju għar-rikonċiljazzjoni; jikkunsidra li l-ġenerazzjoni żagħżugħa fil-Bożnja-Ħerżegovina għandha tifhem il-passat u titgħallem minnu, hekk kif għamlu ż-żgħażagħ fl-Ewropa wara t-Tieni Gwerra Dinjija, li l-futur jiddependi fuq l-eliminazzjoni tad-diviżjonijiet, fuq it-tħeġġiġ tal-ftehim mutwu u fuq iżjed solidarjetà, tolleranza, demokrazija, drittijiet tal-bniedem u ugwaljanza qalb iċ-ċittadini tal-pajjiż;

26. Jirreferi f'dan il-kuntest għall-iżvilupp tal-medjazzjoni tal-pari inter-etnika fl-iskejjel u ta' klassijiet integrati bħala mezz kif is-segregazzjoni formali u informali fis-sistema edukattiva tal-Federazzjoni tal-Bożnja u Ħerżegovina tista' tiġi megħluba;

27. Għalhekk iwissi li m'għandu jsir ebda attentat biex jinħolqu territorji mono-etniċi fil-Bożnja-Ħerżegovina; ifakkar lill-politiċi tal-Bożnja-Ħerżegovina li l-komunità internazzjonali mhux se tittillora kwalunkwe miżura jew politika li tfixkel, b'mod dirett jew indirett, il-karattru multi-etniku, l-integrità territorjali, l-istabilità u l-unità tal-Bożnja-Ħerżegovina u ta' l-entitajiet tagħha; jitlob lir-Rappreżentant Għoli għall-Bożnja-Ħerżegovina biex jibqa' għassa b'mod partikolari f'dan il-qasam u biex jippromwovi b'mod iżjed robust l-integrazzjoni mill-ġdid tar-refuġjati u ta' persuni mċaqalqa minn posthom fit-territorju tal-Bożnja-Ħerżegovina, u b'mod partikolari, fir-Repubblika Sprska, li għandha rekord ħażin fir-rigward ta' ritorni ta' refuġjati u persuni mċaqalqa;

28. Jilqa' l-ftuħ ta' l-ewwel "round" tan-negozjati bejn l-UE u l-Bożnja-Ħerżegovina dwar l-iffaċilitar tal-viża u jinsab entużjast għall-konklużjoni tagħhom sa Ġunju 2007, sabiex il-ftehim ikun jista' jidħol fis-seħħ fl-2008; jenfasizza li l-objettiv finali jrid ikun li jiġi iffaċilitat l-ivvjaġġar lejn l-UE għaċ-ċittadini kollha tal-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent u jitlob lill-Kummissjoni biex tappoġġja dan il-proċess, b'mod partikolari permezz ta' miżuri mmirati għat-tisħiħ tal-koperazzjoni fil-qasam tal-pulizija u l-kontroll tal-fruntieri;

29. Jilqa' l-irwol tal-Forzi ta' l-Unjoni Ewropea fil-Bożnja u Ħerżegovina (EUFOR) biex jipprovdu ambjent sikur fil-BiH; jikkunsidra li t-tnaqqis fin-numru ta' truppi li ġie deċiż dan l-aħħar mill-Kunsill huwa sinjal ċar ta' akbar stabilità fir-reġjun;

30. Ifaħħar ix-xogħol li sar mill-Missjoni tal-Pulizija ta' l-UE fil-Bożnja u Ħerżegovina fl-appoġġ ta' l-iżvilupp ta' forzi tal-pulizija moderni u effiċjenti fil-BiH; huwa ta' l-opinjoni li l-futur ta' din il-missjoni għandu jkun ukoll ikkunsidrat fid-dawl tal-progress li sar fir-riforma tal-pulizija;

31. Jilqa' l-fatt li l-BiH iffirmat ħafna konvenzjonijiet internazzjonali u għaddiet ħafna liġijiet immirati biex jiggarantixxu u jippromwovu d-drittijiet tan-nisa; iħeġġeġ lill-gvern tal-BiH biex ikompli l-isforzi tiegħu lejn l-implimentazzjoni fil-prattika tal-prinċipji stipulati f'dawk l-istrumenti internazzjonali u nazzjonali;

32. Fid-dawl ta' l-inċertezzi li għadhom jidhru fil-futur tal-BiH, jappoġġja d-deċiżjoni tal-PIC biex jikkunsidra d-deċiżjoni tiegħu ta' 23 ta' Ġunju 2006 u jżomm l-OHR bil-prerogattivi sħaħ tiegħu sa Ġunju ta' l-2008; huwa ta' l-opinjoni li din l-estensjoni għandha tintuża biex jingħataw iżjed responsabiltajiet jilqa' l-fatt li l-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea adotta azzjoni konġunta għar-Rappreżentant Speċjali ta' l-UE fil-Bożnja-Ħerżegovina li testendi ż-żmien ta' dan il-mandat sabiex ir-Rappreżentant Speċjali jingħata rwol ċar fiż-żieda tar-riformi kostituzzjonali fil-BiĦ;

33. Jenfasizza l-bżonn li l-komunità internazzjonali titkellem b'vuċi waħda fil-BiH; jiddispjaċih mit-tħabbira riċenti tar-Rappreżentant Għoli ta' l-UE/Rappreżentant Speċjali attwali dwar l-intenzjoni tiegħu li jitlaq f'Ġunju ta' l-2007 u jfaħħar ix-xogħol li wettaq waqt il-mandat tiegħu; iħeġġeġ lill-Kunsill biex jagħmel dibattitu fid-dettall dwar in-natura, l-iskop u l-perjodu ta' żmien tal-preżenza internazzjonali fil-BiH;

34. Huwa wkoll ta' l-opinjoni li wara l-għeluq ta' l-OHR, l-UE trid tipprovdi appoġġ b'saħħtu u kkordinat biex tgħin lill-Bożnja-Ħerżegovina tilħaq l-għan tagħha fuq tul ta' żmien ta' l-integrazzjoni Ewropea kemm jista' jkun malajr u bir-reqqa; jikkunsidra li r-Rappreżentant Speċjali ta' l-UE għandu jitkellem bil-qawwa f'isem l-Unjoni Ewropea inter alia fil-koordinazzjoni ta' l-istituzzjonijiet u l-aġenziji kollha ta' l-UE fil-BiH;

35. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-rakkomandazzjoni lill-Kunsill għall-Affarijiet Ġenerali u, għal skopijiet ta' informazzjoni, lill-Kummissjoni, lir-Rappreżentant Speċjali ta' l-UE/lir-Rappreżentant Għoli tal-BiH u lill-gvernijiet tal-BiH, u lir-Repubblika Srpska u lill-Federazzjoni tal-Bożnja u Ħerżegovina.

P6_TA(2007)0078

Konformità mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Marzu 2007 dwar il-konformità tal-proposti leġiżlattivi tal-Kummissjoni mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali: metodoloġija għall-monitoraġġ strett u sistematiku (2005/2169(INI))

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-konformita' mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali fil-proposti leġiżlattivi tal-Kummissjoni (COM(2005)0172),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 6 u 7 tat-Trattat ta' l-UE (TEU),

— wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea [1] pproklamata f'Nizza fis-7 ta' Diċembru 2000,

— wara li kkunsidra l-abbozz tal-Konstituzzjoni ta' l-Ewropa (it-trattat kostituzzjonali) iffirmat f'Ruma fid-29 ta' Ottubru 2004, li jinkorpora d-dispożizzjonijiet tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, u għalhekk jagħtihom natura li torbot legalment,

— wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tiegħu ta' l-20 ta' April 2004 dwar il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Artikolu 7 tat-Trattat ta' l-Unjoni Ewropea: Rispett u promozzjoni tal-valuri li fuqhom hija bbażata l-Unjoni Ewropea [2],

— wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tas-26 ta' Mejju 2005 dwar il-promozzjoni u l-ħarsien tad-drittijiet fundamentali: l-irwol ta' l-istituzzjonijiet nazzjonali u Ewropej, inkluża l-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali [3],

— wara li kkunsidra r-Rapport Annwali ta' l-2005 dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet fundamentali fl-Unjoni Ewropea, imfassal min-netwerk ta' esperti indipendenti ta' l-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 168/2007 tal-15 ta' Frar 2007 li jistabbilixxi Aġenzija ta' l-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali [4] u d-Dikjarazzjoni dwar il-Koperazzjoni Ġudizzjarja u tal-Polizija fi Kwistjonijiet Kriminali,

---

(1) ĠU C 364, 18.12.2000, p. 1.
(2) ĠU C 104 E, 30.4.2004, p. 408.
(3) ĠU C 117 E, 18.5.2006, p. 242.
(4) ĠU L 53, 22.2.2007, p. 1.

— wara li kkunsidra d-diskors tas-Sur José Manuel Barroso, fir-rwol li kellu bħala President maħtur tal-Kummissjoni, fis-seduta plenarja tal-Parlament tas-17 ta' Novembru 2004,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 45, 34 u 91 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarjiet Kostituzzjonali (A6-0034/2007),

A. billi l-Unjoni hija bbażata fuq il-prinċipji tal-libertà, demokrazija, rispett għad-drittijiet tal-bniedem u libertajiet fundamentali, kif ukoll fuq l-istat tad-dritt, u billi dawn il-prinċipji huma komuni għall-Istati Membri kollha (Artikolu 6 tat-Trattat UE),

B. billi l-Parlament, bħala r-rappreżentant elett direttament taċ-ċittadini ta' l-Unjoni, għandu responsabbiltà partikolarment prominenti fit-twettiq ta' dawn il-prinċipji,

C. billi responsabbiltà bħal din hija tant ikbar minħabba l-istat attwali tat-Trattati:

— id-dritt ta' l-individwu li jappella direttament għal Qorti Ewropea jibqa' limitat ħafna ([1]),

— azzjoni kollettiva mhijiex possibbli,

— f'bosta oqsma, saħansitra l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej (il-Qorti tal- Ġustizzja) għandha kompetenza limitata (ara t-Titolu IV tat-Trattat KE u l-Artikolu 35 tat-TEU) u f'oħrajn m'għandha l-ebda ġurisdizzjoni (it-tieni pilastru — Titolu V tat-TEU ([2])),

għaldaqstant, dan joħloq ħtieġa ikbar sabiex il-leġiżlatura Ewropea tuża attenzjoni meta tfassal leġiżlazzjoni dwar kwistjonijiet li jistgħu jaffettwaw il-ħarsien tad-drittijiet fundamentali,

D. billi proċedura għall-kontroll tal-kompatibilità tal-proposti leġiżlattivi kollha mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali hija waħda mill-konsegwenzi neċessarji li rriżultaw mill-adozzjoni tal-Karta mill-Parlament, mill-Kunsill u mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri kollha, kif ukoll mill-proklamazzjoni formali tagħha liċ-ċittadini ta' l-UE fis-7 ta' Diċembru 2000 f'Nizza,

E. billi l-kamp ta' applikazzjoni effettiv tad-drittijiet fundamentali li jirriżulta mill-applikazzjoni ta' l-Artikolu 6(2) tat-TEU għadu sa llum dipendenti mill-interpretazzjoni tal-qorti, u li madankollu l-leġiżlatur Ewropew għandu jagħmilha ċara kif dawn id-drittijiet għandhom jiġu interpretati,

F. billi permezz ta' l-adozzjoni tal-Karta għad-Drittijiet Fundamentali, il-Parlament, il-Kunsill u l-Kummissjoni ftehmu fuq definizzjonijiet ta' dawn id-drittijiet u billi, għal raġunijiet ovvji ta' konsistenza u ta' bona fede, fil-ġejjieni għandhom jirreferu għalihom fit-tfassil tal-leġiżlazzjoni tal-Komunita' Ewropea (ara l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni hawn fuq imsemmija (COM(2005)0172)),

G. billi d-drittijiet stabbiliti fil-Karta, malli jiġu inkorporati fil-liġi ta' l-Unjoni, jieħdu sura obbligatorja permezz tal-liġi tal-Komunita' Ewropea li tkun msejjsa fuqhom,

H. billi n-natura sistematika, l-eżatezza, l-objettività u t-trasparenza ta' din il-proċedura ta' konformita' mad-drittijiet fundamentali fil-proposti leġiżlattivi jsiru aktar importanti minħabba l-fatt li, sfortunatament, il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali għadha ma torbotx legalment; billi, madankollu, il-Karta matul is-snin saret test ta' referenza għall-Qrati Ewropej, bħall-Qorti ta' l-Ewwel Istanza, il-Qorti tal-Ġusitizzja ([3]), il-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem fi Strasburgu kif ukoll għal ħafna qrati kostituzzjonali,

([1]) Sentenza ta' Qorti tal-Ġustizzja tal-25 ta' Lulju 2002 fil-każ C-50/00, Unión de Pequeños Agricultores v. il-Kunsill ta' l-Unjoni Eweropea, [2002] ECR I-6677.

([2]) Deċiżjoni tal-Qorti ta' l-Ewwel Istanza tas-7 ta' Ġunju 2004 fil-każ T-338/02, Segi ei al. v. il-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea, [2004] ECR II-1647.

([3]) Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-27 ta' Ġunju 2006 fil-Każ C-540/03, Parlament Ewropew kontra l-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea dwar id-dritt ta' tfal taħt l-età ta' ċittadini ta' stati terzi għal riunifikazzjoni tal-familja (Direttiva 2003/86/KE).

I. billi l-leġiżlatur Ewropew, filwaqt li jevalwa minn qabel l-impatti tal-leġiżlazzjoni ġdida tal-Komunita' Ewropea fuq id-drittijiet fundamentali għandu jqis kemm l-opinjoni tal-leġiżlatura nazzjonali u s-soċjetà ċivili, il-qasam akkademiku u l-esperti minn organizzazzjonijiet internazzjonali oħra bħall-Kunsill ta' l-Ewropa u n-Nazzjonijiet Uniti; billi fid-dawl tal-fatt li l-leġiżlatura Ewropea b'dan il-mod jiffavorixxi l-bini ta' kultura dejjem aktar diffuża tad-drittijiet fundamentali, kif diġà kien il-każ meta ġew imfassla ċerti atti fil-qasam tal-protezzjoni tal-ħajja privata, tad-dritt għall-familja u tad-dritt għat-trasparenza,

J. billi l-proposta mill-Kummissjoni dwar il-konsolidazzjoni u l-għarfien pubbliku akbar tal-proċedura, għall-konformita' mad-drittijiet tal-bniedem fil-proposti leġiżlattivi, li daħlet fis-seħħ fl-2001, tirrappreżenta progress ċar fil-proġett tagħha biex tiżviluppa "kultura tad-drittijiet tal-bniedem" ġenwina fl-Unjoni Ewropea,

K. billi madankollu, din il-proċedura għandha karattru wisq introvert, il-kriterji huma wisq restrittivi u l-irwol tal-Parlament mhuwiex suffiċjenti u billi l-proposti rigward l-integrazzjoni tal-parlamenti ta' l-Istati Membri, bħal pereżempju l-House of Lords Britannika [1], jibqgħu ma jitqiesux, l-istess bħal ma huwa ttraskurat id-djalogu kontinwu u tant meħtieġ bejn l-istituzzjonijiet Ewropej u l-kollaborazzjoni ma' organizzazzjonijiet indipendenti, bil-għan li tiżdied l-objettività,

L. billi "kultura tad-drittijiet tal-bniedem" ġenwina fl-Unjoni teħtieġ l-iżvilupp ta' sistema ġenerali ta' mmonitoraġġ tad-drittijiet fundamentali, li għandha tinkludi l-Kunsill u d-deċiżjonijiet fil-qasam tal-koperazzjoni intergovernattiva,

M. billi "kultura tad-drittijiet tal-bniedem" ġenwina ma tikkonsistix biss fir-rispett passiv tar-regoli, iżda wkoll fil-promozzjoni attiva tad-drittijiet fundamentali u l-intervenzjoni fil-każ ta' ksur jew protezzjoni mhux soddisfaċenti tad-drittijiet fundamentali min-naħa ta' l-Istati Membri,

N. billi s-sistema ġenerali ta' monitoraġġ tad-drittijiet fundamentali għandha tipprevedi dibattitu annwali li jinvolvi t-tliet istituzzjonijiet u l-parlamenti nazzjonali, b'mod partikolari meta l-Parlament jevalwa l-progress li jkun sar u l-problemi li jinħolqu fl-iżvilupp ta' l-Unjoni Ewropea bħala zona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja,

O. billi fl-okkażjoni ta' dan id-dibattitu jkun possibbli li jitqies:

— ir-rapport annwali ta' l-Aġenzija tad-Drittijiet Fundamentali,

— rapport speċifiku tal-Kummissjoni fil-qafas tar-rapport ġenerali tagħha dwar l-applikazjoni tal-liġi Komunitarja,

— rapport tal-Kunsill dwar l-aspetti li jqis bħala sinifikattivi fis-sena preċedenti fir-rigward tar-rispett tad-drittijiet fundamentali fl-Unjoni u min-naħa ta' l-Istati Membri,

P. billi l-istituzzjonijiet f'dawn id-dibattiti annwali għandhom jeżaminaw il-bżonn li l-leġiżlazzjoni li llimitat il-libertà għal raġunijiet ta' sigurtà pubblika, jiġu riveduti,

Q. billi l-fatt li jeżistu ħabsijiet sigrieti u l-ħtif ta' persuni mis-CIA bħala parti mill-attivitajiet ta' kontra t-terroriżmu, l-investigazzjonijiet li ma jsirux b'ħeffa u n-nuqqas ta' koperazzjoni min-naħa ta' diversi gvernijiet, jew it-trasferiment ta' data dwar passiġġieri minn linji ta' l-ajru u data dwar kontijiet f'bank permezz ta' kodiċi SWIFT mingħajr bażi legali, iservu biss biex inaqqsu l-kunfidenza taċ-ċittadini fil-ħila u fir-rieda ta' l-istituzzjonijiet Ewropej biex iħarsu d-drittijiet fundamentali u biex jissanzjonaw il-vjolazzjonijet tagħhom,

1. Ifakkar fil-ħidma storika, fil-"ħolqien ta' Unjoni dejjem aktar magħquda" (Artikolu 1 tat-Trattat ta' l-UE), biex toħloq strumenti għal-libertà flimkien ma' l-iżvilupp ta' strumenti għas-sigurtà u għall-ġustizzja u għall-progress ekonomiku u soċjali;

2. Jenfasizza l-ħtieġa li tingħeleb il-kriżi fil-proċess kostituzzjonali, li jinżammu l-kisbiet ċentrali tat-trattat kostituzzjonali u li l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tiġi stabbilita bħala waħda li torbot legalment;

(1) House of Lords, Kumitat ta' l-Unjoni Ewropea, 16-il Rapport tas-seduti 2005-06, "Human Rights proofing EU Legislation", 29 ta' Novembru 2005, par. 149.

3. Jilqa' l-proposti mill-Kummissjoni dwar il-konsolidazzjoni u t-trasparenza mtejba tal-proċedura dwar il-konformità mad-drittijiet fundamentali fil-proposti leġiżlattivi tagħha u jqis dan bħala l-ewwel riżultat pożittiv tal-miżuri ambizzjużi dwar il-ħarsien tad-drittijiet fundamentali mħabbra fil-Parlament mill-President tal-Kummissjoni José Manuel Barroso fis-17 ta' Novembru 2004, u l-grupp ta' ħidma mwaqqfa minnu għal dan il-għan;

4. Jistieden lill-Kummissjoni biex tagħmel il-proċess ta' monitoraġġ aktar trasparenti u biex tikkonsulta dawk fis-soċjetà ċivili li għandhom interess, b'mod partikolari lil dawk li jistgħu jintlaqtu mill-proposta mill-Kummissjoni;

5. Jenfasizza li l-monitoraġġ "sistematiku" propost mill-Kummissjoni jirrikjedi assolutament li kull proposta leġiżlattiva tiġi verifikata fil-fond u li r-riżultat jiġi ġġustifikat;

6. Jistieden lill-Kummissjoni biex mhux biss teżamina jekk il-proposti leġiżlattivi jirrispettawx il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, iżda wkoll jekk jirrispettawx l-istrumenti kollha Ewropej u internazzjonali li jittrattaw id-drittijiet fundamentali u d-drittijiet li jirriżultaw mit-tradizzjonijiet kostituzzjonali komuni ta' l-Istati Membri bħala prinċipji ġenerali tal-liġi Ewropea;

7. Jenfasizza li l-ħarsien verament sistematiku u rigoruż tad-drittijiet fundamentali jeħtieġ mhux biss skrutinju sabiex jiġu identifikati żbalji ġuridiċi meta jiġi determinat bilanċ bejn il-libertà ta' l-individwu u l-bżonnijiet ta' l-interess pubbliku; aktar minn hekk, dejjem ikun hemm il-ħtieġa ta' analiżi politika, sabiex fost is-soluzzjonijiet differenti nieqsa minn żbalji ta' evalwazzjoni, tiġi identifikata dik li toħloq l-aħjar relazzjoni bejn id-definizzjoni ta' l-objettiv u l-limitazzjoni fid-drittijiet fundamentali (ottimizzazzjoni fil-politika dwar id-drittijiet fundamentali);

8. Jikkunsidra li huwa meħtieġ li l-iskrutinju jikkonċentra fuq id-drittijiet fundamentali speċifikament ikkonċernati f'kull każ partikolari, u jqis bħala indispensabbli li dawn jissemmew espressament u individwalment fil-premessi;

9. Jittama li jinsabu mezzi speċifiċi u prattiċi sabiex jiġi applikat il-metodu msemmi li permezz tiegħu il-Kummissjoni għandha l-ħsieb li timplimenta l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali fil-proposti leġiżlattivi tagħha;

10. Jikkunsidra li l-monitoraġġ intern sistematiku sabiex tiġi żgurata l-konformita' mad-drittijiet fundamentali fit-tfassil ta' proposti leġiżlattivi għandu jkun is-suġġett ta' rapport speċifiku, li jistabbilixxi r-raġunijiet legali għaliex għandu jkun hemm konformita' ma' dawn id-drittijiet;

11. Jitlob lill-Kummissjoni biex tikkunsidra d-deċiżjoni tagħha biex tqassam il-kunsiderazzjonijiet tagħha dwar id-drittijiet fundamentali fit-tliet kategoriji attwali fl-evalwazzjoni tagħha ta' l-impatt — l-effetti ekonomiċi, soċjali u ambjentali — u biex toħloq kategorija speċifika intitolata "Effetti fuq id-drittijiet fundamentali", biex tassigura li l-aspetti kollha tad-drittijiet fundamentali jiġu kkunsidrati;

12. Jenfasizza d-dritt tal-Kummissjoni, matul il-proċess leġiżlattiv kollu, li tirtira l-proposta tagħha qabel ma tiġi approvata mill-Kunsill jekk ikun hemm tibdiliet li jiksru xi dritt fundamentali;

13. Jirrifjuta r-riżervi tal-Kummissjoni dwar l-introduzzjoni ta' proċeduri ta' annullament "fuq il-bażi ta' skrutinju politiku tal-każijiet individwali" u jenfasizza bis-sħiħ il-prijorità assoluta tal-ħarsien tad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali qabel kull kunsidrazzjoni politika oħra;

14. Iqis li hemm bżonn li l-proċedura tal-konformità mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tiġi estiża għall-proċess leġiżlattiv sħiħ u għas-sistema tal-komitoloġija, li tissaħħaħ il-pożizzjoni tal-Parlament, li l-irwol ta' l-Aġenzija ġdida tad-Drittijiet Fundamentali jsir aktar preċiż u li jintalab l-appoġġ tagħha aktar spiss;

15. Iqis, għalhekk, il-possibiltà li jemenda l-Artikolu 34 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu, sabiex il-monitoraġġ tal-konsegwenzi tal-proposti leġiżlattivi, tal-miżuri u tar-regolamenti marbuta mad-drittijiet fundamentali jkun f'idejn il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, kif ukoll li jemenda l-Artikoli 91 u 115 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu sabiex ir-riżoluzzjonijiet tal-Parlament jistgħu japplikaw ukoll għall-kwistjonijiet ta' l-Istati Membri, u b'hekk ikun jista' jwettaq ir-responsabbiltà tiegħu fil-qafas ta' l-Artkoli 6 u 7 tat-Trattat ta' l-UE fi stadju bikri;

16. Jinnota li, minkejja l-eżistenza ta' proċeduri ta' konsultazzjoni ġenerali, parteċipazzjoni akbar ta' l-organizzazzjonijiet u l-isituzzjonijiet esterni u indipendenti, li speċifikament jittrattaw kwistjonijiet dwar id-drittijiet fundamentali; jistieden, għalhekk, lill-Kummissjoni, biex toħloq mekkaniżmu speċifiku għall-konsultazzjoni ta' dawn l-organizzazzjonijiet u istituzzjonijiet fit-tfassil tal-proposti leġiżlattivi li jkollhom impatt fuq id-drittijiet fundamentali;

17. Jitlob lill-Kunsill biex isaħħaħ il-monitoraġġ sistematiku tad-drittijiet fundamentali wkoll f'oqsma koperti bil-koperazzjoni integovernattiva, biex jippubblika r-riżultati kif ukoll biex jassigura li jkollu l-appoġġ ta' l-Aġenzija tad-Drittijiet Fundamentali;

18. Jafferma mill-ġdid, li l-Parlament u l-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea jistgħu jibbenefikaw fil-qafas tal-proċess leġiżlattiv, fejn ikun il-każ u fuq bażi volontarja, mill-kompetenza ta' l-Aġenzija tad-Drittijiet Fundamentali fil-qasam tad-drittijiet fundamentali kif ukoll fil-qasam tal-koperazzjoni tal-pulizija u l-ġustizzja;

19. Ifakkar li, la t-trattati u lanqas ir-Regolament (KE) Nru 168/2007 ma jippreġudikawx il-possibilità li l-Parlament jitlob l-għajnuna ta' l-Aġenzija tad-Drittijiet Fundamentali fl-implimentazzjoni ta' l-Artiklolu 7 tat-TEU; jistenna li l-Kummissjoni u l-Aġenzija futura għad-Drittijiet Fundamentali jipprovdu, fil-qafas pluriennali kif ukoll fil-programm ta' ħidma annwali, għar-riżorsi finanzjarji u umani neċessarji, sabiex l-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali tkun f'pożizzjoni li twieġeb b'mod xieraq għat-talbiet tal-Parlament fit-twettiq tal-poteri tiegħu skond l-Artikolu 7 tat-TEU;

20. Jenfasizza l-importanza li jiġu stabbiliti mezzi xierqa għall-kommunikazzjoni u l-għoti ta' informazzjoni lill-pubbliku ġenerali u lill-Istituzzjonijiet ta' l-UE dwar il-monitoraġġ intern tal-konformita' mad-drittijiet fundamentali, inkluż permezz tat-tfassil ta' rapporti perjodiċi dwar dan;

21. Jitlob lill-parlamenti ta' l-Istati Membri, b'mod partikulari fl-oqsma tal-koperazzjoni ġudizzjarja u tal-pulizija u fil-politika komuni għas-sigurtà u d-difiża, biex jivverifikaw il-kompatibilità tad-deċiżjonijiet u l-miżuri kollha mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, sabiex tinżamm in-natura indiviżibbli tad-drittijiet fundamentali u jkun żgurata il-monitoraġġ sistematiku u bir-reqqa tad-drittijiet fundamentali fil-linji politiċi kollha ta' l-Unjoni;

22. Jitlob lill-Kunsill u lill-Kummissjoni sabiex, b'konformità ma' l-Artikolu 4 tat-Trattat ta' l-UE u l-Artikoli 200 u 212 tat-Trattat KE, jippreżentaw rapport annwali fuq il-politika tad-drittijiet fundamentali ta' l-Unjoni lill-Parlament, u sabiex jidħlu fi djalogu sistematiku, miftuħ u permanenti dwar il-ħarsien tad-drittijiet fundamentali fl-Unjoni;

23. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex jinfurmaw lill-Parlament dwar is-segwitu tar-rapporti elaborati minn netwerk ta' esperti nazzjonali;

24. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet u l-parlamenti ta' l-Istati Membri u tal-pajjiżi kandidati għas-sħubija.

P6_TA(2007)0079

Negozjar ta' Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Amerika Ċentrali

Rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew lill-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2007 bi proposta dwar il-mandat għal negozjar ta' Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, fuq naħa waħda, u l-pajjiżi ta' l-Amerika Ċentrali fuq in-naħa l-oħra (2006/2222(INI))

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-proposta għall-rakkomandazzjoni lill-Kunsill ippreżentata minn Willy Meyer Pleite f'isem il-Grupp GUE/NGL, dwar il-linji gwida għan-negozjati ta' Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Europea u l-Amerika Ċentrali (B6-0417/2006),

— wara li kkunsidra l-Paragrafu 31 tad-Dikjarazzjoni ta' Vjenna, li jinkludi d-deċiżjoni meħuda mill-Unjoni Europa u l-Amerika Ċentrali fir-ra ba' Laqgħa Għolja bejn l-Unjoni Europa u l-Amerika Latina u l-Karibew (LAC), li saret fi Vjenna fit-12 ta' Mejju 2006, li jinfetħu n-negozjati għal Ftehim ta' Assoċjazzjoni li tinkludi djalogu politiku, programmi ta' koperazzjoni u ftehima kummerċjali,

— wara li kkunsidra t-Titolu V tat-Trattat dwar l-Unjoni Europea,

— wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Novembru 2001 dwar sħubija globali u strateġija komuni għar-relazzjonijiet bejn l-Unjoni Ewropea u l-Amerika Latina ([1]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-27 ta' April 2006 dwar sħubija msaħħa bejn l-Unjoni Ewropea u l-Amerika Latina ([2]),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 114(3) u 83(5) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Iżvilupp u l-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali (A6-0026/2007),

A. billi r-rispett tad-demokrazija, ta' l-Istat tad-Dritt u t-tgawdija sħiħa tad-drittijiet tal-bniedem minn kull individwu, kif ukoll ir-rispett sħiħ tad-drittijiet ċivili u poltiċi taċ-ċittadini taż-żewġ reġjuni, huma l-kundizzjonijiet bażiċi għall-iżvilupp ta' l-Assoċjazzjoni bejn il-partijiet, kif ġie deċiż fi Vjenna,

B. billi l-garanzija tat-tgawdija sħiħa tad-drittijiet fundamentali għaċ-ċittadini kollha, b'mod partikulari dawk li huma żvantaġġati, bħad-drittijiet tal-popli indiġeni, u l-promozzjoni tal-parteċipazzjoni soċjali u politika tagħhom, huma elementi ewlenin tal-Ftehim;

C. billi l-linji gwida għan-negozjati ta'ftehim fil-futur fuq assoċjazzjoni ekonomika, kunsens politiku u koperazzjoni għandhom jaqblu max-xewqa tal-partijiet, kif imsemmija fil-paragrafu 31 tad-Dikjarazzjoni ta' Vjenna, li jsir ftehim komprensiv ta' assoċjazzjoni, jiġifieri, ftehim li jtenni l-konvinzjoni li r-relazzjoni ma' l-Amerika Ċentrali, u timplika sħubija politika u ekonomika mar-reġjun u mal-pajjiżi differenti tiegħu, u li jikkonsidra l-assimetrija u l-inugwaljanzi li jeżistu bejn iż-żewġ reġjuni u bejn il-pajjiżi differenti ta' l-Amerika Ċentrali, u li għaldaqstant jinkludi dispożizzjonijiet kruċjali dwar koperazzjoni għall-iżvilupp u koeżjoni soċjali u li timmira li jkun hemm skambju ħieles kummerċjali;

D. billi l-ħolqien ta' Assemblea Parlamentari Ewro-Latinamerikana (EurLat) kien pass deċiżiv fit-tisħiħ tal-leġittimità demokratika u tad-dimensjoni politika tar-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Amerika Latina, u b'mod partikulari ta' l-UE u l-Amerika Ċentrali, u billi din l-Assemblea ser tkun forum permanenti ta' djalogu politiku bejn iż-żewġ reġjuni;

E. billi l-linji gwida għan-negozjati tal-ftehim futur għandhom jikkonsidraw ċ-ċirkustanzi ekonomiċi, politiċi u soċjali li jeżistu fil-maġġoranza tal-pajjiżi ta' l-Amerika Ċentrali, u d-differenzi fl-iżvilupp bejn iż-żewġ reġjuni, kif ukoll n-natura tar-relazzjonijiet ekonomiċi fl-Amerika Ċentrali: konċentrazzjoni tal-kummerċ reġjonali fi ftit pajjiżi, dipendenza qawwija fuq l-esportazzjoni ta' prodotti tradizzjonali, u livelli baxxi ta' investiment barrani dirett ta' l-UE fir-reġjun, eċċ.;

1. Jindirizza dawn ir-rakkomandazzjonijiet lill-Kunsill:

a) li fil-mandat għan-negozjati jinkludi b'mod ċar il-bażi legali li fuqha ser jiġi negozjat l-ftehim ta' assoċjazzjoniġdid; liema bażi għandha tkun l-Artikolu 310 tat-Trattat KE flimkien ma' l-Artikolu 300 (2), l-ewwel sentenza ta'l-ewwel subparagrafu, u l-Artikolu 300(3), it-tieni subparagrafu;

b) li fil-mandat għan-negozjati jispeċifika li l-objettiv tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Amerika Ċentrali jinkludi l-liberalizzazzjoni gradwali tal-kummerċ b'kundizzjonijiet ekwi u ta' benefiċċju reċiproku msejjes fuq il-kumplimentarità u s-solidarjetà, id-djalogu politiku u l-koperazzjoni, kif ukoll il-konsolidazzjoni tad-demokrazija u ta'l-Istat tad-Dritt u tar-rispett sħiħ tad-drittijiet ċivili u politiċi tal-bniedem, il-koeżjoni soċjali, l-iżvilupp uman sostenibbli u d-drittijiet ekonomiċi u soċjali, mingħajr ma jintesew l-aspetti kulturali u ambjentali ta' dawn id-drittijiet;

([1]) ĠU C 140 E, 13.06.2002, p. 569.
([2]) ĠU C 296 E, 6.12.2006, p. 123.

c) li l-linji gwida tan-negozjati jipprovdu għall-mekkaniżmi neċessarji sabiex jiġi żgurat li d-dispożizzjonijiet tal-ftehim futur ikunu konformi mal-mandat tat-Trattat UE, lijipprovdi li, il-kontribut għall-iżvilupp uman sostenibbli, kif definit fil-Programm għall-Iżvilupp tan-Nazzjonijiet Uniti ta' l-1996, il-promozzjoni tal-koperazzjoni internazzjonali, l-iżvilupp u l-konsolidazzjoni tad-demokrazija u r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem huma objettivi bażiċi ta' l-Unjoni;

d) li fil-linji gwida għan-negozjati, b'kunsiderazzjoni tal-vulnerabilità li tikkaratterizza l-iżvilupp fl-Amerika Ċentrali fil-livell soċjo-ekonomiku, ambjentali u demokratiku, jiġu identifikati it-temi ċentrali li fuqhom ser tiffoka l-aġenda u d-djalogu politiku, inkluż l-aġġornament tal-miri u ta' l-objettivi f'temi bħall-governanza demokratika, il-ġlieda kontra t-terroriżmu, iż-żamma tal-paċi u tas-sigurtà, l-immaniġġjar tal-kunflitti; li jiġu nklużi temi oħra ġodda bħat-tnaqqis tal-faqar, l-appoġġ għall-koeżjoni soċjali, il-migrazzjoni u l-iskambji umani, il-ġlieda kontra l-kriminalità u b'mod partikulari, kontra atti kriminali vjolenti b'rabtiet transnazzjonali (traffikar ta' drogi, armi ħfief, persuni, u l-attivtajiet ta' gruppi organizzati bħall-"Las Maras") eċċ.; u li jiġu proposti azzjonijiet konkreti għall-adozzjoni ta' pożizzjonijiet komuni f'fora internazzjonali u fin-Nazzjonijiet Uniti, b'mod li jkun ji sta' jintlaħaq kunsens politiku internazzjonali ġenwin bejn iż-żewġ reġjuni;

e) li jipprovdi għal ħatra ta' membri għall-Kumitat Parlamentari Konġunt bejn l-Unjoni Ewropea u l-Amerika Ċentrali, li ser jiġi mwaqqaf fil-ftehim ta' assoċjazzjoni l-ġdid, fost id-deputati tal-Parlament Ewropew, il-Parlament ta' l-Amerika Ċentrali, il-membri ta' parlamenti nazzjonali li għadhom ma jagħmlux parti minn ebda kamra reġjonali u mill-EurLat, bħala espressjoni konkreta ta' appoġġ għall-proċess ta' integrazzjoni reġjonali fl-Amerika Ċentrali u għall-Assoċjazzjoni Strateġika Bi-reġjonali UE-LAC;

f) li l-linji gwida tan-negozjati jinkludu referenzi speċifiċi għall-parteċipazzjoni xierqa u strutturata tas-soċjetà ċivili fid-djalogu politiku l-ġdid, billi tiġi proposta l-organizzazzjoni ta' konferenzi perjodiċi mar-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili kemm fl-UE kif ukoll fl-Amerika Ċentrali, li r-rappreżentanti msemmija jingħataw status ta' osservaturi fil-laqgħat interministerjali, u li tiġi faċilitata l-parteċipazzjoni attiva tagħhom fil-fora settorjali relevanti, kumitati u sottokumitati, fil-fażijiet kollha ta' diskussjoni, tan-negozjar u tas-segwitù tal-proċess;

g) li jingħata wkoll irwol kruċjali għall-appoġġ fil-ġlieda kontra l-impunità u kontra l-korruzzjoni, u li jiġu pprovduti azzjonijiet u programmi għat-tisħiħ ta' l-istituzzjonijiet demokratiċi fl-Amerika Ċentrali;

h) li l-linji gwida għan-negozjati jipprovdu għal-appoġġ addizjonali mogħti mill-UE għal-integrazzjoni ta' l-Amerika Ċentrali u għar-riforma u t-tisħiħ tal-qafas leġiżlattiv tagħha u ta' l-istituzzjonijiet tagħha – inklużi s-Segretarjat Ġenerali, il-Parlament ta' l-Amerika Ċentrali u l-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Amerika Ċentrali – bil-għan li dawn l-istituzzjonijiet ikunu aktar effettivi, rappreżentattivi u leġittimi, b'mod partikulari fir-rigward ta' l-għaqda doganali, il-moviment ħieles tal-persuni, il-politiki komuni, l-armonizzazzjoni tal-liġijiet, u l-ħolqien ta' mekkaniżmu għall-iffinanzjar tagħhom infushom;

i) li jiġu nklużi l-objettivi ta' appoġġ għall-integrazzjoni reġjonali – b'mod partikulari l-integrazzjoni ta' l-infrastrutturi fiżiċi, tat-trasport, tal-komunikazzjonijiet u ta' l-enerġija – fost l-objettivi tal-mandat li ġej għall-operat tal-Bank Ewropew ta' Investiment fl-Amerika Latina, sabiex l-attività ta'din l-istituzzjoni tkun kumpliment effettiv għall-ftehima l-ġdid;

j) li jikkollabora mal-pajjiżi ta' l-Amerika Ċentrali billi jappoġġa l-isforzi tagħhom kontra l-produzzjoni u l-kummerċ illegali tad-drogi; parti minn din l-attività għandha tinvolvi l-estensjoni ta' programmi ta' għajnuna lill-bdiewa sabiex jibdew ikabbru wċuħ alternattivi, li l-UE tkun ti sta' tgħin b'mod effettiv sabiex tiżgura l-kummerċjalizzazzjoni tagħhom;

k) li tiġi żgurata l-inklużjoni u l-implimentazzjoni tal-klawżola ta' demokrazija fil-linji gwida tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni, u li jiġu stabbiliti mekkaniżmi li jissalvgwardjaw il-kontinwità tas-sistema ta' inċentivi relatati ma' l-impjiegi u ma' l-ambjent skond is-sistema ta' preferenzi ġeneralizzati (GSP) ([1]), inkluża l-iskema GSP Plus, permezz ta' klawżoli ta' natura soċjali jew ambjentali; li ssir referenza diretta għall-mekkaniżmi konkreti li jagħmilha possibbli li jiġu implimentati, u li b'mod partikulari, jipprovdi għal rapport annwali lill-Parlament dwar is-segwitu mwettaq mill-Kummissjoni f'dan ir-rigward;

l) li jiġi kkonsidrat il-fatt li l-SPG, inkluża l-iskema SPG Plus, hija sistema komunitarja awtonoma li tgħin lill-pajjiżi ta' l-Amerika Ċentrali fuq il-bażi tal-livell ta' żvilupp tagħhom;

([1]) Regolament (KE) Nru 980/2005 tal-Kunsill, tas-27 ta' Ġunju 2005, dwar l-applikazzjoni ta'sistema ta'preferenzi ta'tariffi ġeneralizzati (ĠU L 169, 30.6.2005, p. 1).

Il-Ħamis, 15 ta' Marzu 2007

m) li fir-rigward tad-dispożizzjonijiet tal-ftehima l-ġdid dwar koperazzjoni għall-iżvilupp, jitqiesu l-karatteristiċi partikulari tar-reġjun ta' l-Amerika Ċentrali u l-ilħuq ta' l-Għanijiet tal-Millennju għall-Iżvilupp (MDGs) fir-reġjun, u li jibdew mill-premessa li t-taħriġ tar-riżorsi umani u l-iskambji kulturali u edukattivi huma prijorità sabiex jingħeleb il-faqar fir-reġjun, sabiex tingħata attenzjoni speċjali lill-edukazzjoni, lir-riċerka, lix-xjenza u t-teknoloġija, kif ukoll il-kultura, filwaqt li jiġu promossi aktar skambji f'dawn l-oqsma;

n) jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-ftehim ta' assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Amerika Ċentrali għandha tkun imsejsa min-naħa waħda fuq it-twettiq tal-MDGs, u min-naħa l-oħra fuq il-ġlieda sabiex jinqered il-faqar u jonqsu l-inugwaljanzi, bħala prijoritajiet stipulati mill-UE fil-qasam tal-koperazzjoni;

o) li jiżgura li l-koperazzjoni u l-istrumenti ekonomiċi li huma disponibbli għall-Unjoni jintużaw ukoll għall-promozzjoni u l-konservazzjoni ta'l-ambjent fir-reġjun ta' l-Amerika Ċentrali;

p) li tingħata attenzjoni speċjali lill-proġetti turistiċi fl-Amerika Ċentrali, bil-għan li jiġi żgurat li dawn jiżviluppaw b'mod sostenibbli, minħabba li din l-attività hija inċentiva għat-tkabbir ekonomiku;

q) li tiġi mħeġġa wkoll il-koperazzjoni trijangulari u bireġjonali — fuq kollox mal-pajjiżi tal-Karibew — u l-politika ta' koperazzjoni fost il-pajjiżi tan-Nofsinhar infushom, la darba l-ftehim ta' assoċjazzjoni jkun daħal fis-seħħ;

r) li jiġi promoss qafas ta' appoġġ xieraq għall-intrapriżi ta' daqs żgħir jew daqs medju (SMEs) u l-ħolqien tagħhom bħala element essenzjali ta' l-iżvilupp ekonomiku, il-ħolqien ta'l-impjiegi u l-benesseri soċjali; li jitqies x'miżuri jistgħu jittieħdu għall-ġlieda kontra l-qgħad fl-SMEs (inklużi miżuri fiskali); u li jiġu żviluppati programmi ta' appoġġ għal dawn il-kumpaniji fil-qasam tar-riċerka;

s) li jiġu appoġġati l-produtturi ż-żgħar u l-SMEs b'mod ġenerali, u jħeġġeġ li jsiru investimenti f'intrapriżi żgħar, minħabba li l-ftuħ tas-swieq Ewropej prinċipalment ser jibbenefika lill-produtturi l-kbar li huma kapaċi jikkonformaw ma' l-istandards sanitarji u fitosanitarji Ewropej;

t) li jiġi konkluż Ftehima ta' Assoċjazzjoni komprensiv u bilanċjata imsejjes fuq tliet pilastri: kapitolu politiku u istituzzjonali li jsaħħaħ id-djalogu demokratiku u l-koperazzjoni politika; kapitolu dwar il-koperazzjoni għal promozzjoni ta' l-iżvilupp ekonomiku u soċjali sostenibbli, u kapitolu kummerċjali li eventwalmwent jistabbilixxi Zona ta' Kummerċ Ħieles (FTA) avvanzata b'aġenda wiesgħa li, apparti l-liberalizzazzjoni gradwali u reċiproka tal-kummerċ tal-merkanzija u s-servizzi, tkun tinkludi l-investiment, l-appalt pubbliku, il-ħarsien tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, koperazzjoni relatata mal-kompetizzjoni u ma' l-istrumenti ta' difiża kummerċjali, il-faċilitazzjoni tal-kummerċ u mekkaniżmu effikaċi għall soluzzjoni ta' tilwimiet;

u) li l-linji gwida għan-negozjati jipprovdu għal-liberalizzazzjoni gradwali u reċiproka tal-kummerċ taħt kundizzjonijiet ġusti u reċiprokament vantaġġużi bbażati fuq il-kumplimentarjetà u s-solidarjetà, l-aċċess gradwali għas-swieq Ewropej għall-prodotti ta' l-Amerika Ċentrali, taħt kundizzjonijiet kompetittivi, filwaqt li jiġi evitat li l-ftehim futur ikompli jiggrava l-assimetriji eżistenti; li għaldaqstant, jiġi previst trattament speċjali, divrenzjat u flessibbli fl-iskeda li tiġi stabbilita, skond l-impenji u t-titjib fil-kompetittività milħuq mill-pajjiżi ta'l-Amerika Ċentrali, inklużi miżuri ta' appoġġ min-naħa ta'l-Unjoni għall-promozzjoni tat-trasformazzjoni produttiva u l-kompetittività ta'l-ekonomiji ta'l-Amerika Ċentrali, bħat-trasferiment tat-teknoloġija, l-inklużjoni ta' rekwiżiti ta' kontenut nazzjonali fir-regoli dwar l-oriġini u l-ħolqien ta' programmi ta' koperazzjoni u assistenza teknika, filwaqt li fl-istess ħin jiġi promoss ambjent legali stabbli u regoli bażiċi ċari li jiżguraw is-sigurtà ta'l-investimenti u r-relazzjonijiet ekonomiċi-kummerċjali tal-partijiet;

v) jikkonsidra li l-ħolqien taż-Żona Ewro-Latina Amerikana ta' Assoċjazzjoni Globali Interreġjunali huwa objettiv strateġiku prijoritarju għar-relazzjonijiet barranin ta'l-UE f'kuntest internazzjonali kkaratterizzat minn interdipendenza akbar, tkabbir ekonomiku u poteri ekonomiċi ġodda li qed jitfaċċaw;

w) li jingħaqad mal-Parlament u jitlob lill-Kummissjoni sabiex tniedi b'mod urġenti evalwazzjoni ta' l-impatt ta' ftehim kummerċjali fuq is-sostenibilità, bħala pass preliminarju fin-negozjar ta' trattat kummerċjali, u li jitlob li l-Kummissjoni tinforma lill-Parlament dwar l-inizjattivi meħuda f'dan ir-rigward;

x) li, b'mod partikulari, ma jinkludi ebda subordinazzjoni espressa jew taċita li trendi l-konklużjoni tal-ftehim futur bejn UE u l-Amerika Ċentrali kundizzjonali fuq il- finalizzazzjoni tan-negozjati tar-round ta' l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO) qabel, bla ħsara għall-inkorporazzjoni eventwali fil-ftehim tar-riżultati tal-programm ta' ħidma ta' Doha li jkunu kompatibbli ma' l-objettiv aħħari ta' l-assoċjazzjoni UE-Amerika Ċentrali; dan kollu bħala turija ta' appoġġ tanġibbli u deċiżiv għall-proċess ta' integrazzjoni reġjonali fl-Amerika Ċentrali;

y) li jimpenja ruħu għall-istabbiliment Żona Ewro-Latina Amerikana ta' Assoċjazzjoni Globali Interreġjunali b'konformita sħiħa mal-Mekkaniżmu ta' Trasparenza l-ġdid tad-WTO, kif ukoll tad-drittijiet u l-obbligi derivati mid-WTO, b'mod partikulari l-Artikolu XXIV tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) u l-Artikolu V tal-Ftehim Ġenerali dwar il-Kummerċ fis-Servizzi (GATS), u b'hekk jingħata kontribut għat-tisħiħ tas-sistema multilaterali ta' kummerċ;

z) li jiġi negozjat ftehim kummerċjali wieħed u indiviżibbli li jmur lil hinn mill-obbligi preżenti u futuri tal-partijiet lejn id-WTO, u li wara perjodu ta'tranżizzjoni kompatibbli mar-rekwiżiti tad-WTO, jistabbilixxi Żona Ewro-Latina Amerikana ta' Assoċjazzjoni Globali Interreġjunali, u li mingħajr ma jeskludi lill-ebda settur, jikkonsidra, bl-inqas mod restrittiv possibbli, id-dimensjoni ta' l-iżvilupp u s-sensittività speċifika ta' ċerti prodotti;

aa) li jiġi kkunsidrat bħala pass importanti għas-suċċess tan-negozjati, li l-Amerika Ċentrali għamlet sforz sabiex twettaq l-impenn tagħha, ikkonfermat fil-Laqgħa Għolja ta' Vjenna hawn fuq imsemmija, li timplimenta kif kien previst, d-deċiżjonijiet meħuda mill-Kapijiet ta' l-Istati tal-Gvern tal-Panama, Beliże, Kosta Rika, El Salvador, Gwatemala, Honduras, Nikaragwa fid-9 ta' Marzu 2006 fil-Panama bil-għan li jwettqu għaqda doganali effettiva, u li jfittxu r-ratifika tal-pajjiżi ta' l-Amerika Ċentrali tat-Trattat dwar l-Investiment u l-Kummerċ fis-Servizz, u li jiżviluppaw mekkaniżmu ta' ġurisdizzjoni li ji sta' jiżgura l-infurzar tal-leġiżlazzjoni ekonomika reġjonali fir-reġjun kollu;

ab) li jiġi kkunsidrat b'attenzjoni li l-evalwazzjoni konġunta UE-Amerika Ċentrali dwar l-integrazzjoni ekonomika ta' l-Amerika Ċentrali turi sensiela ta' konklużjonijiet operattivi, speċifiċi u importanti (rigward tal-qafas istituzzjonali, l-integrazzjoni ekonomika, l-għaqda doganali, l-ostakoli tekniċi għall-kummerċ, ir-regoli relatati mal-miżuri sanitarji u fitosanitarji, il-liberalizzazzjoni reġjonali tas-servizzi u ta' l-investimenti, l-appalt pubbliku, id-drittijiet ta' proprjetà intellettwali u s-sistema ta' informazzjoni ġeografika, il-kompetizzjoni u s-sistema ta' difiża kummerċjali), bil-għan li tissaħħaħ, tiżviluppa u tikkompleta l-għaqda doganali fl-Amerika Ċentrali u s-suq intern komuni li huma essenzjali għan-negozjati u għal ħolqien ta' zona ta' kummerċ ħieles ġenwina bejn iż-żewġ reġjuni;

ac) li jittieħed kont tal-konsolidazzjoni u t-tisħiħ tas-suq komuni ta' l-Amerika Ċentrali, prinċipalment permezz tat-twettiq ta' l-unjoni tad-dwana u ta' l-iżvilupp tas-suq komuni, tinkludi l-ħolqien ta' politika kummerċjali barranija u l-moviment ħieles effettiv ta' merkanzija impurtata, li jippermettu li jonqsu l-ostakoli għall-operaturi ekonomiċi u li tingħata spinta lill-iskambji kummerċjali u l-investiment bejn iż-żewġ reġjuni;

ad) li jiġu offruti opportunitajiet siewja ġodda ta' aċċess għas-suq fis-settur agrikolu, li huwa settur kruċjali għall-iżvilupp ta' l-Amerika Ċentrali, indipendentement mill-progress li sar f'oqsma oħra, bħall-aċċess għas-swieq ta' prodotti mhux agrikoli (NAMA) u ta' servizzi, u l-progress li sar fi kwistjonijiet oħra agrikoli;

ae) li jiġi żgurat riżultat estensiv u bilanċjat għan-negozjati dwar l-NAMA, sabiex jippermetti opportunitajiet ġodda u ġenwini ta' aċċess għas-suq fl-ispettru kummerċjali kollu, suġġett għall-flessibilità xierqa fir-rigward ta'l-iskeda għat-tneħħija ta' tariffi mill-Amerika Ċentrali, u sabiex jitkomplew u jitkabbru l-attivitajiet relatati mas-sajd;

af) li b'attenzjoni jiġi meħud kont tal-fatt li s-sajd huwa kwistjoni importanti u sensittiva għall-UE kif ukoll għall-Amerika Ċentrali, minħabba l-kontribut ta' dan is-settur għall-iżvilupp ekonomiku u l-ħolqien ta' l-impjiegi fir-reġjun, u li huwa neċessarju li fl-istess ħin, tiġi preservata s-sostenibilità tar-riżorsi tas-sajd permezz ta' sajd responsabbli;

ag) li jittieħed kont ta' l-importantza li jiġi żgurat aċċess universali għas-servizzi essenzjali u għad-drittijiet nazzjonali għar-regolamentazzjoni u, għaldaqstant, li wieħed jimxi b'kawtela fin-negozjati dwar il-liberalizzazzjoni tal-kummerċ tas-servizzi, b'konformità ma' l-Artikolu V tal-GATS, sabiex jiġi żgurat titjib ġenwin fl-impenji ta' liberalizzazzjoni miftehma u applikati s'issa u l-ħtieġa ta' qafas regolatorju ċar upreviżibbli; li ma jagħmilx offerti u ma jaċċettax talbiet fl-oqsma tas-saħħa pubblika u ta'l-edukazzjoni;

ah) li jikkonsidra il-potenzjal dejjem akbar tas-settur tat-turiżmu għall-investiment u għall-iżvilupp ta' l-ekonomija tal-pajjiżi ta' l-Amerika Ċentrali, kif ukoll l-importanza tal-promozzjoni tat-turiżmu bejn iż-żewġ reġjuni;

ai) li jinkludi bħala dispożizzjoni ġenerali, l-ħtieġa li kemm l-UE kif ukoll l-Amerika Ċentrali, bħala kwistjoni ta' prinċipju, għandhom ifittxu l-konverġenza eventwali tal-ftehim differenti bejn iż-żewġ reġjuni, kemm dawk li diga' qegħdin fis-seħħ kif ukoll dawk f'fażi ta' negozjati;

aj) li jikkonsidra li l-mekkaniżmi ta' soluzzjoni ta' tilwimiet previsti fi ftehim kummerċjali simili li l-Komunità għamlet ma' pajjiżi terzi ma jintużawx b'mod effettiv; għaldaqstant, jitlob lill-Kummissjoni sabiex tippreżenta proposti ġodda għat-tfassil ta' strument aktar effiċjenti ta' soluzzjoni ta' tilwimiet, sabiex jittieħdu deċiżjonijiet dwar tilwimiet li jistgħu jinqalgħu fi kwalunkwe settur kopert miz-zona ta' kummerċ ħieles;

ak) li jiżgura li l-Kummissjoni tipprovdi lill-Parlament b'informazzjoni eżawrjenti (b'mod kunfidenzjali jekk huwa meħtieġ) dwar l-abbozzi ta' linji gwida għan-negozjati kif ukoll dwar il-linji gwida tan-negozjati li jiġu adottati finalment;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-Rakkomandazzjoni lill-Kunsill, u għall-informazzjoni, lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-Gvernijiet u Parlamenti ta' l-Istati Membri u tal-pajjiżi ta' l-Amerika Ċentrali.

P6_TA(2007)0080

Negozjar ta' Ftehima ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Komunità Andina

Rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew lill-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2007 dwar il-mandat għal negozjati ta' Ftehima ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha minn naħa l-waħda, u l-Komunità Andina u l-pajjiżi membri tagħha, minn naħa l-oħra (2006/2221(INI))

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-proposta għal rakkomandazzjoni lill-Kunsill magħmula minn Luis Yáñez-Barnuevo f'isem il-Grupp PSE dwar il-mandat għal negozjati ta' Ftehima ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha minn naħa l-waħda, u l-Komunità Andina u l-pajjiżi membri tagħha, minn naħa l-oħra (B6-0374/2006),

— wara li kkunsidra l-Paragrafu 31 tad-Dikjarazzjoni ta' Vjenna dwar id-deċiżjoni meħuda mill-UE u mill-Komunità Andina(KA) fir-IV Laqgħa Għolja UE-Amerika Latina u Karibew (ALK) li saret fi Vjenna fit-12 ta' Mejju 2006, jiġifieri d-deċiżjoni li fis-sena 2006 jinbeda l-proċess għan-negozjar ta' Ftehima ta' Assoċjazzjoni li tkun tinkludi djalogu politiku, programmi ta' koperazzjoni u ftehima kummerċjali,

— wara li kkunsidra t-Titolu V tat-Trattat ta' l-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Novembru 2001 dwar Assoċjazzjoni Globali u Strateġija Komuni għar-relazzjonijiet bejn l-Unjoni Ewropea u l-Amerika Latina [1],

---

[1] ĠU C 140 E, 13.6.2002, p. 569.

Il-Ħamis, 15 ta' Marzu 2007

— wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu tal-31 ta' Marzu 2004 dwar l-iffirmar ta' Ftehima ta' Djalogu Politiku u ta' Koperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa l-waħda, u l-Komunità Andina u l-Istati Membri tagħha – ir-Repubbliki tal-Bolivja, tal-Kolombja, ta' l-Ekwador, tal-Perù u r-Repubblika Bolivarjana tal-Venezwela, minn in-naħa l-oħra ([1]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-27 ta' April 2006 dwar Assoċjazzjoni msaħħa bejn l-Unjoni Ewropea u l-Amerika Latina ([2]),

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar il-ftuħ tan-negozjati għal konklużjoni ta' Ftehima ta' Assoċjazzjoni mal-Komunità Andina u l-Istati Membri tagħha (SEC(2006)1625),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 114(3) u 83(5) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Iżvilupp u l-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali (A6-0025/2007),

A. billi r-rispett tad-demokrazija, ta' l-istat tad-dritt u t-tgawdija sħiħa tad-drittijiet tal-bniedem għan-nies kollha, kif ukoll ir-rispett sħiħ tad-drittijiet ċivili u politiċi taċ-ċittadini taż-żewġ reġjuni huma kundizzjonijiet bażiċi għall-iżvilupp ta' l-Assoċjazzjoni bejn il-partijiet,

B. billi l-garanzija tat-tgawdija sħiħa tad-drittijiet fundamentali għaċ-ċittadini kollha, b'mod partikulari dawk li huma żvantaġġati, bħad-drittijiet tal-popli indiġeni, u t-tħeġġiġ tal-parteċipazzjoni soċjali u politika tagħhom, huma elementi ewlenin tal-Ftehima;

C. billi l-KA qed tagħmel sforzi u hija disponibbli li tikkonkludi Ftehima ta' Assoċjazzjoni ma' l-UE, minkejja d-diffikultajet interni li kellha tiffaċċja,

D. billi l-linji gwida għan-negozjati ta' Ftehima ta' Assoċjazzjoni futura għandhom jagħmluha ċara li bejn il-partijiet għandha tiġi konkluża Ftehima ta' Assoċjazzjoni globali, jiġifieri ftehima li tinkludi d-djalogu politiku ta' Assoċjazjoni ġenwina, programmi ta' koperazzjoni u l-ħolqien ta' Żona ta' Kummerċ Ħieles (ŻKĦ) għall-benefiċċju komuni taċ-ċittadini taż-żewġ reġjuni,

E. billi fit-13 ta' Ġunju 2006 il-Presidenti tal-Bolivja, Kolombja, Ekwador u l-Peru iltaqgħu f'Quito u kellhom reazzjoni pożittiva għar-rekwiżiti fid-Dikjarazzjoni ta' Vjenna, u qablu li jikkonsolidaw ir-rieda tagħhom għall-integrazzjoni u li jagħtu spinta lill-proċess għall-ftuħ tan-negozjati tal-Ftehima ta' Assoċjazzjoni bejn il-KA u l-UE;

F. billi l-ħolqien ta' Assemblea Parlamentari Ewro-Latinamerikana (EuroLat) kien pass deċiżiv fit-tisħiħ tal-leġittimità demokratika u d-dimensjoni politika tar-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Amerika Latina, u b'mod partikulari r-relazzjoni bejn l-UE u l-KA, u billi din l-Assemblea ser tkun il-forum permanenti tad-djalogu politiku bejn iż-żewġ reġjuni,

G. billi l-linji gwida għan-negozjati tal-Ftehima futura m'għandhomx jinsew iċ-ċirkustanzi ekonomiċi, politiċi u soċjali tal-maġġoranza tal-pajjiżi Andini, u lanqas m'għandhom jinjoraw id-differenzi fl-iżvilupp bejn iż-żewġ reġjuni, u l-karatteristiċi tar-relazzjonijiet ekonomiċi fi ħdan il-KA innifisha,

H. billi jkun xieraq li jiġi żgurat li l-istrumenti plurijennali ta' programmar finanzjarju ta' l-UE jkunu kompatibbli mal-kisba ta' l-Għanijiet tal-Millennju għall-Iżvilupp (MDGs) fir-reġjun Andin,

([1]) ĠU C 103 E, 29.4.2004, p. 543.
([2]) ĠU C 296 E, 6.12.2006, p. 123.

Il-Ħamis, 15 ta' Marzu 2007

1. Jindirizza dawn ir-rakkomandazzjonijiet li ġejjin lill-Kunsill:

a) li fil-mandat għan-negozjati tiġi inkluża b'mod ċar il-bażi legali li fuqha ser tiġi negozjata l-Ftehima ta' Assoċjazzjoni futura, jiġifieri l-Artikolu 310 tat-Trattat KE flimkien ma' l-Artikolu 300(2), l-ewwel sottoparagrafu, u l-Artikolu 300(3), it-tieni sottoparagrafu ta' l-istess trattat;

b) li l-mandat għan-negozjati jispeċifika li wieħed mill-objettivi tal-Ftehima ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-KA għandu jkun l-istabbiliment fil-ħin ta' zona ta' kummerċ ħieles avvanzata (ŻKĦ), id-djalogu politiku u l-koperazzjoni, il-promozzjoni ta' l-iżvilupp uman sostenibbli, il-koeżjoni soċjali, il-konsolidazzjoni tad-demokrazija u ta' l-istat tad-dritt, u r-rispett sħiħ tad-drittijiet tal-bniedem, ċivili, politiċi, ekonomiċi u soċjali, mingħajr ma jintesew id-dimensjonijiet kulturali u ambjentali ta' dawn id-drittijiet;

c) li l-linji gwida għan-negozjati għandhom jipprovdu sinjali ċari ta' appoġġ lill-imsieħba Andini fl-isforzi tagħhom li jkabbru l-integrazzjoni reġjonali fl-oqsma kollha tagħha, filwaqt li jiffavorixxu Ftehima bejn il-blokok reġjonali mingħajr ma jiġi eskluż it-trattament divrenzjat meħtieġ għall-proċess ta' integrazzjoni fi ħdan il-KA;

d) li l-linji gwida għan-negozjati jidentifikaw it-temi ċentrali li fuqhom ser jiffokaw l-aġenda u d-djalogu politiku, inkluż l-aġġornament tal-miri u ta' l-objettivi f'temi bħall-governanza demokratika, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni, l-impunità u t-terroriżmu, b'mod speċjali in-narkoterrorizmu u l-konnessjonijiet tiegħu mal-kriminalità organizzata, iż-żamma tal-paċi u tas-sigurtà, u l-immaniġġjar tal-kunflitti; li jiġu inklużi temi oħra bħat-tnaqqis tal-faqar, l-appoġġ għall-koeżjoni soċjali, il-migrazzjoni u l-iskambji umani; u li ssir azzjoni konkreta f'temi bħall-adozzjoni ta' pożizzjonijiet komuni fil-fora internazzjonali u fin-Nazzjonijiet Uniti;

e) li jipprovdu għall-ħatra ta' membri għall-Kumitat Parlamentari Konġunt UE-KA li ser jiġi stabbilit fil-Ftehima ta' Assoċjazzjoni l-ġdida, minn fost il-membri tal-Parlament Ewropew u tal-Parlament Andin li jagħmlu wkoll parti mill-EuroLat, bħala espressjoni konkreta ta' appoġġ għall-proċess ta' integrazzjoni tar-reġjun Andin u għall-Assoċjazzjoni Strateġika Bireġjonali UE-Amerika Latina u l-Karibew;

f) li l-azzjonijiet ta' l-UE jingħataw prijorità, b'mod partikulari fil-qasam ta' l-edukazzjoni u s-saħħa,

g) li tiġi promossa l-parteċipazzjoni strutturata ta' l-organizzazzjonijiet soċjali u tas-soċjetà ċivili fl-oqsma differenti tal-Ftehima ta' Assoċjazzjoni u fil-proċess tan-negozjar ta' l-istess Ftehima, jiġu definiti mekkanizmi ta' djalogar li jiżguraw it-trasparenza u l-aċċess xieraq għall-informazzjoni, u tiġi proposta l-organizzazzjoni ta' konferenzi perjodiċi mar-rappreżentanti ta' l-organizzazzjonijiet soċjali u tas-soċjetà ċivili, kemm fl-UE kif ukoll fil-KA, filwaqt li dawn ir-rappreżentanti jingħataw status ta' osservaturi fil-laqgħat interministerjali, u tiġi faċilitata l-parteċipazzjoni attiva tagħhom fil-fora, kumitati u sottokumitati settorjali relevanti;

h) li l-mandat għan-negozjati jkun jinkludi b'mod partikulari il-kunsens UE-KA dwar ir-responsabilità komuni fil-qasam tal-ġlieda kontra t-traffikar ta' drogi, it-tisħiħ tad-djalogu politiku speċjalizzat fil-qasam tal-ġlieda kontra d-drogi, kif ukoll l-implikazzjonijiet soċjali, ekonomiċi u ambjentali ta' l-implimentazzjoni tal-miżuri proposti, b'mod partikulari dawk relatati mal-promozzjoni u ma' l-aċċess għas-suq ta' impjiegi alternattivi u tat-tkabbir ta' wċuh ta' ra ba' alternattivi, u mal-mekkaniżmi speċifiċi ta' kontroll imfassla sabiex irażżnu u gradwalment inaqqsu r-reati konnessi mal-ħasil tal-flus u mat-traffikar ta' l-armi;

i) li jiġi żgurat li fil-ftehima ta' Assoċjazzjoni futura tiġi inkluża l-hekk imsejħa "klawżola ta' demokrazija" u klawżoli oħra ta' natura soċjali (relatati mad-drittijiet tax-xogħol inkorporati fil-konvenzjonijiet ta' l-Organizzazzjoni Dinjija tax-Xogħol (ILO); b'referenza speċjali għall-Konvenzjoni 169 dwar il-popli Indiġeni u Tribali f'pajjiżi indipendenti, il-protezzjoni ta' kundizzjonijiet ta' xogħol dinjitużi, in-nondiskriminazzjoni u l-ugwaljanza fix-xogħol bejn in-nisa u l-irġiel, u l-eredikazzjoni tax-xogħol magħmul mit-tfal) u ta' l-ambjent; li ssir referenza diretta għall-mekkaniżmi konkreti li jiżguraw l-implimentazzjoni tagħhom, u b'mod partikulari, li tiġi żgurata l-kontinwità u t-titjib tar-reġim ta' inċentivi relatati ma' l-impjiegi u ma' l-ambjent tas-sistema ta' preferenzi ġeneralizzati [1] (SPG), inkluza l-SPG plus, u b'mod partikulari, li jipprovdi għal rapport annwali lill-Parlament dwar is-segwitu mwettaq mill-Kummissjoni f'dan ir-rigward;

[1] Regolament (KE) Nru 980/2005 tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2005 dwar l-applikazzjoni ta' sistema ta' preferenzi ta' tariffi ġeneralizzati (ĠU L 169, 30.6.2005, p. 1).

Il-Ħamis, 15 ta' Marzu 2007

j) li d-dispożizzjonijiet dwar koperazzjoni għall-iżvilupp fil-linji gwida għan-negozjati tal-Ftehima l-ġdida jieħdu kont sħiħ tal-partikularitajiet tar-reġjun tal-KA u l-ilħuq ta' l-Għanijiet tal-Millennju għall-Iżvilupp (MDGs) fir-reġjun, u li l-punt tat-tluq ikun l-irwol prijoritarju tat-taħriġ tar-riżorsi umani u l-iskambji kulturali u edukattivi sabiex jingħeleb il-faqar fir-reġjun, sabiex tingħata attenzjoni speċjali lill-edukazzjoni, lir-riċerka, lix-xjenza u lit-teknoloġija, kif ukoll il-kultura, bil-għan li jiżdiedu l-skambji f'dawn l-oqsma, fil-protezzjoni tas-saħħa pubblika u fil-protezzjoni ta' l-ekosistemi u tal-bijodiversità;

k) li tiġi enfasizzata l-ħtieġa li tiġi żgurata l-koerenza tal-politiki favur l-iżvilupp, bi qbil mal-prinċipju mħaddan fl-Artikolu 178 tat-Trattat KE, fid-Dikjarazzjoni Konġunta tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet ta' l-Istati Membri mlaqqgħa fi ħdan il-Kunsill, tal-Parlament Ewropew u tal-Kummissjoni dwar il-politika ta' żvilupp ta' l-Unjoni Ewropea "Il-Kunsens Ewropew" [1] u fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Integrazzjoni ta' Kunsiderazzjonijiet dwar l-Iżvilupp fit-Teħid ta' Deċiżjonijiet tal-Kunsill [2];

l) li tiġi enfasizzata l-ħtieġa li l-linji gwida għan-negozjati iqisu bis-sħiħ l-objettiv prijoritarju li jinqerdu l-faqar, l-inugwaljanza, l-esklużjoni soċjali u l-forom kollha ta' diskiminazzjoni, b'mod partikulari d-diskriminazzjoni għal raġunijiet ta' ġeneru (sess) jew oriġini etnika, u li tiġi enfasizzata l-ħtieġa ta' strateġija ġenerali ta' żvilupp integrata u politiki li jiżguraw ugwaljanza ta' opportunitajiet u kundizzjonijiet aħjar ta' għixien u ta' xogħol għall-kulħadd, inklużi d-drittijiet ekonomiċi u kulturali tal-popli indiġeni, kif ukoll li tingħata prijorità għal aċċess akbar għall-edukazzjoni u għas-saħħa;

m) li jissaħħu l-mekkaniżmi interni u l-miżuri konġunti fil-qafas ta' l-assoċjazzjoni sabiex l-istrateġiji għall-iżvilupp jilħqu l-potenzjal massimu tagħhom filwaqt li tingħata spinta lil proġetti ta' ko-żvilupp, b'mod speċjali proġetti mal-popolazzjonijiet immigranti li jgħixu fl-UE;

n) li jissemma li l-investiment barrani huwa element essenzjali għall-iżvilupp ekonomiku taż-żewġ reġjuni u li jiġi enfasizzat li huwa mistenni li kumpaniji Ewropej b'investimenti fil-KA japplikaw l-istess standards dwar kundizzjonijiet ta' xogħol u investiment li huma osservati fl-UE, u li s-sigurtà legali ta' l-investituri trid tiġi żgurata fuq il-bażi tad-Dritt Privat Internazzjonali u b'rispett sħiħ tal-prinċipju tas-sovranità nazzjonali fuq ir-riżorsi naturali;

o) li fir-rigward tal-migrazzjoni, il-Ftehima l-ġdida tkun tinkludi dispożizzjonijiet għat-tisħiħ tad-drittijiet fundamentali, id-drittijiet tax-xogħol u d-drittijiet ċivili tal-migranti legali, b'mod speċjali rigward is-sigurtà soċjali tagħhom, ikunu fejn ikunu, u li jiġu definiti mekkaniżmi għall-faċilitazzjoni tat-trasferimenti ta' flus li l-migranti jibgħatu lejn pajjiżhom, u li dawn it-trasferimenti jitraħħsu u jsiru aktar trasparenti, filwaqt li fl-istess ħin, jiġu affrontati r-raġunijiet li jimmotivaw il-migrazzjoni;

p) li jiġu inklużi l-objettivi ta' appoġġ għall-integrazzjoni reġjonali, b'mod partikulari l-integrazzjoni ta' l-infrastrutturi fiżiċi, tat-trasport, tal-komunikazzjonijiet u ta' l-enerġija, fost l-objettivi tal-mandat li jmiss għall-operat tal-Bank Ewropew ta' Investiment fl-Amerika Latina, sabiex l-attività ta' din l-istituzzjoni tikkumplimenta l-Ftehima l-ġdida b'mod effettiv;

q) li l-linji gwida għan-negozjati jqisu t-tisħiħ ta' l-appoġġ mogħti mill-UE għall-integrazzjoni Andina u għar-riforma u t-tisħiħ tal-qafas leġiżlattiv tagħha u ta' l-istituzzjonijiet tagħha, bil-għan li dawn l-istituzzjonijiet ikunu aktar effettivi, rappreżentattivi u leġittimi, b'mod partikulari fir-rigward tat-tneħħija ta' l-ostakoli għall-kummerċ, il-moviment ħieles tal-persuni, il-politiki komuni u l-armonizzazzjoni tal-liġijiet, filwaqt li ssir ukoll referenza għall-esperjenza Ewropea fir-rigward tal-fondi strutturali, reġjonali u ta' koeżjoni;

r) li fil-mandat għan-negozjati jiġi stabbilit li l-Istudju dwar l-Impatt Soċjo-Ambjentali jrid jiġi ppreżentat fil-bidu tan-negozjati u inkluż bħala dokument ta' referenza ta' l-aġenda għan-negozjati;

s) li tiġi konkluża Ftehima ta' Assoċjazzjoni komprensiva u bilanċjata imsejsa fuq tliet pilastri: kapitolu politiku u istituzzjonali li jsaħħaħ id-djalogu demokratiku u l-koperazzjoni politika; kapitolu dwar koperazzjoni għall-promozzjoni ta' l-iżvilupp ekonomiku u soċjali sostenibbli; u kapitolu kummerċjali li jqis l-objettivi speċifiċi ta' żvilupp tal-pajjiżi tal-KA;

(1) ĠU C 46, 24.2.2006, p. 1.
(2) Konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Kwistjonijiet Ġenerali u Relazzjonijiet Barranin tas-16 u s-17 ta' Ottubru 2006. Dokument Nru 13735/06.

Il-Ħamis, 15 ta' Marzu 2007

t) li l-linji gwida għan-negozjati jipprovdu għal-liberalizzazzjoni gradwali u reċiproka tal-kummerċ taħt kundizzjonijiet ta' ġustizzja u benefiċċju reċiproku ibbażat fuq il-komplementarjetà u s-solidarjetà, bil-għan li l-ftehima futura tnaqqas l-assimetriji eżistenti bejn l-UE u l-KA, u bejn il-pajjiżi membri tal-KA; li jipprovdu, għaldaqstant, għal trattament speċjali, divrenzjat u flessibbli fl-iskedi miftehma, skond l-impenji ta' integrazzjoni reġjonali u t-titjib fil-kompetittività li jagħmlu l-pajjiżi Andini; jeħtieg li jkun hemm appoġġ qawwi għat-trasformazzjoni fil-produzzjoni u l-kompetittività ta' l-ekonomiji Andini permezz ta' strumenti ta' koperazzjoni għall-iżvilupp kif ukoll permezz tat-trasferiment tat-teknoloġija, l-inklużjoni ta' rekwiżiti ta' kontenut nazzjonali fir-regoli dwar l-oriġini, u l-ħolqien ta' programmi ta' koperazzjoni u assistenza teknika; dan kollu għandu jsir id f'id mal-promozzjoni ta' ambjent legali stabbli li jiggarantixxi s-sigurtà ta' l-investimenti u r-relazzjonijiet ekonomiċi-kummerċjali tal-partijiet;

u) li n-negozjar ta' ŻKĦ bejn l-UE u l-KA għandu jiġi kkunsidrat bħala kruċjali għat-tisħiħ ta' l-irwol ta' l-UE bħala msieħba kummerċjali u msieħba ta' investiment fl-Amerika Latina, u għat-tisħiħ ta' l-integrazzjoni interkontinentali, negozjati li għandhom isiru f'kuntest karatterizzat mill-espansjoni tal-ftehimiet kummerċjali bilaterali ma' l-Istati Uniti u l-proposta ta' Żona ta' Kummerċ Ħieles ta' l-Ameriki mmexxija mill-istess Stati Uniti;

v) li jitqies li l-fatt li l-konklużjoni ta' Ftehima ta' Assoċjazzjoni mal-KA sabiex tiġi stabbilità Żona Ewro-Latina Amerikana ta' Assoċjazzjoni Globali Interreġjonalihija objettiv strateġiku prijoritarju tar-relazzjonijiet barranin ta' l-UE f'kuntest internazzjonali kkaratterizzat minn interdipendenza dejjem akbar, tkabbir ekonomiku, l-ittfaċċar ta' poteri ekonomiċi ġodda u sensiela ta' sfidi globali mingħajr fruntieri nazzjonali, bħalma huma dawk relatati mas-sigurtà, mal-governanza ekonomika dinjija, l-ambjent u t-tnaqqis tal-faqar;

w) li jimpenja ruħu għall-istabbiliment ta' Żona Ewro-Latina Amerikana ta' Assoċjazzjoni Globali Interreġjonali b'rispett sħiħ tal-mekkaniżmu ta' trasparenza l-ġdid ta' l-Organizzazzjoni Dinjija għall-Kummerċ (WTO), kif ukoll tad-drittijiet u l-obbligi derivati mid-WTO, b'mod partikulari l-Artikolu XXIV tal-Ftehima Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ u l-Artikolu V tal-Ftehima Ġenerali dwar il-Kummerċ tas-Servizzi (GATS), u b'hekk jingħata kontribut għat-tisħiħ tas-sistema multilaterali ta' kummerċ;

x) li ma tiġi inkluża l-ebda subordinazzjoni, diretta jew indiretta, li l-konklużjoni tal-Ftehima futura UE-KA għandha ssir b'kundizzjoni li qabilha jiġu finalizzati n-negozjati tar-rawnd tad-WTO, bla ħsara għall-inkorporazzjoni eventwali fil-Ftehima tar-riżultati tal-programm ta' ħidma ta' Doha li jkunu kompatibbli ma' l-objettiv aħħari ta' l-assoċjazzjoni UE-KA, bħala wirja ta' appoġġ tanġibbli u deċisiv għall-proċess Andin ta' integrazzjonali reġjonali;

y) li tiġi negozjata ftehima kummerċjali waħda u indiviżibbli li tmur lil hinn mill-obbligi preżenti u futuri tal-partijiet lejn id-WTO, u li wara perjodu ta' tranżizzjoni kompatibbli mal-kriterji tad-WTO, tiġi stabbilita Żona Ewro-Latina Amerikana ta' Assoċjazzjoni Globali Interreġjonali li mingħajr ma teskludi lill-ebda settur, tqis id-dimensjoni ta' l-iżvilupp u s-sensittività speċifika ta' ċerti prodotti bl-inqas mod restrittiv possibbli;

z) li tingħata attenzjoni speċifika lill-evalwazzjoni konġunta UE-KA dwar l-integrazzjoni ekonomika reġjonali tal-KA, liema evalwazzjoni għamlet sensiela ta' konklużjonijiet operattivi konkreti u importanti sabiex tissaħħaħ, tiżviluppa u tikkompleta l-għaqda doganali fl-Amerika Ċentrali u s-suq intern komuni li huma essenzjali għan-negozjar u għall-ħolqien ta' ŻKĦ ġenwina bejn iż-żewġ reġjuni;

aa) li bħala pass importanti għall-iżvilupp pożittiv tan-negozjati, tingħata attenzjoni speċjali lill-inizjattivi maħsuba mill-KA għat-tisħiħ ta' l-integrazzjoni ekonomika reġjonali, u b'mod speċjali, lill-inizjattivi relatati mat-tariffi applikati għall-prodotti ta' l-UE, is-simplifikazzjoni u l-armonizzazzjoni tas-sistemi doganali u l-oqsma tas-servizzi u tat-trasport transkonfinali permezz tat-toroq;

ab) li jiġu offruti opportunitajiet sinjifikanti u ġodda fl-aċċess għas-suq tas-settur agrikolu, li huwa kruċjali għall-iżvilupp tal-KA, iżda li jiġi kkunsidrat jekk il-livell ta' flessibilità ta' l-UE fis-settur agrikolu għandux jiddependi wkoll mill-progress li jkun sar f'setturi oħra, bħalma huwa dak ta' l-aċċess għas-suq għal prodotti mhux agrikoli u s-servizzi, kif ukoll progress fi kwistjonijiet agrikoli oħra apparti dik ta' l-aċċess għas-suq;

ac) li titqies l-importanza li jkun żgurat aċċess universali għas-servizzi essenzjali u għad-dritt ta' regolamentazzjoni nazzjonali, u għaldaqstant, li wieħed jimxi b'kawtela fin-negozjati dwar il-liberalizzazzjoni tal-kummerċ tas-servizzi, b'konformità ma' l-Artikolu V tal-GATS, sabiex jintlaħaq titjib ġenwin fir-rigward ta' impenji ta' liberalizzazzjoni miftehma u implimentati s'issa, u l-ħtieġa ta' qafas regolatorju ċar u prevedibbli; li ma jsirux offerti u li ma jintlaqgħux talbiet fl-oqsma tas-saħħa pubblika u ta' l-edukazzjoni;

ad) li l-Kummissjoni tintalab li tipproponi ideat ġodda għall-iżvilupp ta' strument aktar effettiv ta' soluzzjoni tat-tilwim li jiffaċilita d-deċiżjonijiet dwar kunflitti li jinqalgħu fi kwalunkwe qasam kopert miż-ŻKĦ, minħabba li l-mekkaniżmi ta' soluzzjoni ta' tilwim inklużi fi ftehimiet kummerċjali simili konklużi mill-Komunità ma' pajjiżi terzi, ma jintużawx b'mod effettiv;

ae) li b'reqqa tiġi studjata l-ħtieġa li kemm l-Amerika Latina kif ukoll l-UE bħala prinċipju jimxu lejn konverġenza eventwali tad-diversi ftehimiet li huma fis-seħħ jew li qed jiġu negozjati bejn iż-żewġ reġjuni, sabiex b'hekk jiġi evitat li t-trikkib dejjem akbar ta' diversi impenji u regoli bilaterali, reġjonali u multilaterali ta' liberalizzazzjoni fl-Amerika Latina, jirriżultaw f'ostakoli involuntarji għall-flussi kummerċjali u ta' investiment;

af) li l-linji gwida għan-negozjati jipprovdu għall-promozzjoni ta' sistema li tħeġġeġ il-ħolqien ta' SMEs bħala element essenzjali ta' l-iżvilupp ekonomiku, il-ħolqien ta' l-impjiegi u tal-benesseri soċjali; li bħala miżura sabiex jiġi miġġieled il-qgħad, jiġi kkunsidrat l-iżvilupp ta' l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju permezz ta' faċilitajiet ta' kreditu u l-iżvilupp ta' programmi ta' appoġġ għall-kumpaniji għall-innovazzjoni;

ag) li jiġi żgurat li l-Kummissjoni tipprovdi lill-Parlament b'informazzjoni eżawrjenti (b'mod kunfidenzjali jekk ikun meħtieġ) dwar l-abbozzi ta' linji gwida għan-negozjati kif ukoll dwar il-linji gwida tan-negozjati li jiġu adottati finalment;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-Rakkomandazzjoni lill-Kunsill, u għall-informazzjoni, lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u l-parlamenti ta' l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea u tal-Komunità Andina.

P6_TA(2007)0081

Persuni neqsin f'Ċipru

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Marzu 2007 dwar persuni neqsin f'Ċipru

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-6 ta' April 1995 (1) dwar il-problema tal-persuni neqsin f'Ċipru,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet rilevanti tal-Kunsill ta' Sigurtà u ta' l-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti dwar Ċipru, kif ukoll l-inizjattivi internazzjonali li ttieħdu fl-istħarriġ dwar x'seta' sar mill-persuni neqsin f'Ċipru,

— wara li kkunsidra s-sentenza tal-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem (ECHR) ta' l-10 ta' Mejju 2001 (2) dwar persuni neqsin f'Ċipru,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 103(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

(1) ĠU C 109, 1.5.1995, p 166.
(2) Ċipru vs. Turkija [GC] Nru 25781/94, ECHR 2001-IV.

A. billi l-problema tal-persuni neqsin (Ċiprijotti Griegi, Ċiprijotti Torok, Griegi, Torok u oħrajn) hija problema esklussivament umanitarja li toħroġ mid-dritt tal-qraba tal-persuni neqsin li jsiru jafu x'sar minnhom,

B. billi l-agunija u tbatija tal-familji tal-persuni neqsin, li baqgħu fl-għama dwar id-destin tagħhom għal deċennji, ma tistax tkompli u finalment trid tieqaf,

C. billi l-Kumitat għall-Persuni Neqsin (CMP) f'Ċipru beda jaħdem mill-ġdid taħt is-superviżjoni tas-Segretarju Ġenerali tan-NU, u billi sar xi progress, għalkemm bil-mod, fl-eżumazzjoni u l-identifikar tal-fdalijiet,

D. billi l-Parlament Ewropew jilqa' bil-ferħ il-koperazzjoni kostruttiva bejn il-membri Ċiprijotti-Griegi u Ċiprijotti-Torok tas-CMP,

1. Jitlob lill-partijiet konċernati biex jikkoperaw b'mod sinċier u onest sabiex l-investigazzjonijiet adegwati dwar id-destin tal-persuni neqsin kollha f'Ċipru jitlestew bla dewmien, u biex jimplimentaw b'mod sħiħ is-sentenza ta' l-ECHR ta' l-10 ta' Mejju 2001;

2. Jitlob lill-partijiet u lil dawk kollha li għandhom jew li huma f'qagħda li jkollhom xi informazzjoni jew evidenza li toħroġ minn tagħrif personali, arkivji, rapporti mill-kamp tal-battaljas (battlefield reports) jew rekords ta' postijiet ta' detenzjoni, sabiex jgħadduha lis-CMP mingħajr aktar dewmien;

3. Jitlob lill-Kunsill u lill-Kummissjoni sabiex jieħdu interess b'mod attiv dwar din il-problema, billi jipprovdu inter alia għajnuna finanzjarja lis-CMP u billi jieħdu l-passi kollha meħtieġa b'koperazzjoni mas-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti sabiex tiġi implimentata s-sentenza msemmija hawn fuq ta' l-ECHR u tar-riżoluzzjonijiet rilevanti tan-NU u tal-Parlament Ewropew;

4. Isejjaħ sabiex il-problema tkun riferuta lill-kumitat adatt tiegħu bil-ħsieb li, b'koperazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni, isegwi l-iżviluppi dwar il-problema; jitlob sabiex il-kumitat jissottometti rapporti perjodiċi, bl-ewwel rapport jitressaq fi żmien sitt xhur;

5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jibgħat din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lis-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti u lill-Gvernijiet ta' Ċipru, tat-Turkija, tal-Greċja u tar-Renju Unit.

P6_TA(2007)0082

Il-politika reġjonali (gżejjer u r-restrizzjonijiet naturali u ekonomiċi)

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Marzu 2007 dwar il-gżejjer u r-restrizzjonijiet naturali u ekonomiċi fil-kuntest tal-politika reġjonali (2006/2106(INI))

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra r-regolamenti li jirregolaw il-Fondi Strutturali għall-Perjodu 2007-2013,

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/702/KE tas-6 ta' Ottubru 2006 dwar il-linji gwida Strateġiċi tal-Komunita' dwar il-koeżjoni [1],

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew li ltaqa' f'Sevilja fil-21 sat-22 ta' Ġunju 2002,

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew li ltaqa' fi Brussell fl-14 sal-15 ta' Diċembru 2006,

(1) ĠU L 291, 21.10.2006, p. 11.

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-2 ta' Settembru 2003 dwar ir-reġjuni strutturalment żvantaġġjati (gżejjer, reġjuni tal-muntanji, reġjuni b'densità baxxa ta' popolazzjoni) fil-kuntest tal-politika dwar il-koeżjoni, u l-prospetti istituzzjonali tagħhom ([1]),

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni tat-13 ta' Marzu 2002 dwar il-problemi tar-reġjuni gżejjer fl-Unjoni Ewropea fil-kuntest tat-tkabbir ([2]),

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni tas-7 ta' Lulju 2005 dwar ir-reviżjoni tal-linji gwida għall-assistenza Statali reġjonali ([3]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 45 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali (A6-0044/2007),

A. Billi l-Parlament Ewropew spiss ġibed l-attenzjoni għall-qagħda serja ta' gżejjer li qed ibatu minn akkumulazzjoni ta' żvantaġġi u saħaq fuq il-ħtieġa li jiġu mgħejuna biex jegħlbu dawn id-diffikultajiet u li jitnaqqsu d-differenzi reġjonali,

B. Billi l-kunċetti ta' l-ibgħad periferiji u ta' l-insularità m'għandhomx jithalltu wieħed ma' l-ieħor, anke jekk ħafna reġjuni fl-ibgħad periferiji huma wkoll gżejjer; billi d-dispożizzjonijiet speċifiċi ta' l-Artikolu 299 tat-Trattat KE, li pprovdew bażi legali soda għall-miżuri li għandhom jittieħdu għall-għoti ta' kumpens effettiv biex jgħin lir-reġjuni fl-ibgħad periferiji, għandhom ikunu distinti mid-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 158 tat-Trattat KE u mid-Dikjarazzjoni fit-Trattat ta' Amsterdam dwar ir-reġjuni gżejjer, li qatt ma kienu s-suġġett ta' dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni li b'riżultat tagħhom kien hemm żbilanċi fl-iżvilupp ekonomiku bejn il-qalba ta' l-UE, fuq naħa, u l-gżejjer fil-periferija tagħha fuq in-naħa l-oħra,

C. Billi l-koeżjoni, bħala waħda mill-objettivi ewlenin ta' l-UE, għandha l-għan li tiżgura l-iżvilupp multiċentrali u armonjuż billi tnaqqas id-differenzi reġjonali u tneħħi x-xkiel għall-iżvilupp, inklużi ostakli li huma marbuta ma' diżabbiltajiet naturali u ġeografiċi,

D. Billi l-prinċipju tal-koeżjoni territorjali kompla jiġi kkonsolidat fir-regolamenti dwar il-Fondi Strutturali 2007-2013, u billi dak il-prinċipju jikkostitwixxi parti integrali mill-politika ta' koeżjoni li jkun xieraq li tinżamm u tissaħħaħ fil-ġejjieni u li għandu bħala l-objettiv tiegħu l-integrazzjoni multi-ċentrali tat-territorju ta' l-UE sabiex ikunu żgurati opportunitajiet ugwali għar-reġjuni kollha u l-popolazzjonijiet tagħhom,

E. Billi l-immigrazzjoni illegali mill-baħar hija waħda mill-problemi prinċipali li qed tiffaċċja l-UE u billi, f'din l-aħħar sena, il-pressjoni tal-migrazzjoni kienet partikolarment intensa fuq il-fruntieri esterni tal-baħar ta' l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikulari fuq il-gżejjer tal-Mediterran, li fuqhom jaqa' piż sproporzjonat, sempliċiment minħabba l-pożizzjoni ġeografika tagħhom,

F. Billi l-Kunsill Ewropew li ltaqa' fi Brussell fl-14 sal-15 ta' Diċembru 2006 enfasizza l-ħtieġa li l-immigrazzjoni tkun indirizzata globalment, u li l-isforzi li saru s'issa jeħtieġ li jkunu rduppjati, b'mod partikulari f'uħud mir-reġjuni gżejjer ta' l-UE, peress li dawn jikkostitwixxu l-fruntieri tal-baħar u r-rotot ta' migrazzjoni ta' l-UE,

1. Jemmen li l-insularità hija kemm karatteristika ġeokulturali li potenzjalment tista' tkun sfruttata minn strateġija għall-iżvilupp, u diżabbiltajiet permanenti li minħabba fih is-sitwazzjoni rigward il-kompetittività ta' dawn ir-reġjuni ssir aktar diffiċli;

2. Jirrikonoxxi li numru ta' dispożizzjonijiet konkreti favur reġjuni li huma żvantaġġati strutturalment ġew inkorporati fir-regolamenti dwar il-Fondi Strutturali 2007-2013; jiddispjaċih, madankollu, li l-Kunsill ma aċċettax proposti importanti oħrajn mill-Parlament, bħall-possibilità li tiżdied ir-rata ta' finanzjament konġunt għal zoni affettwati minn aktar minn diżabbilta' ġeografika jew naturali waħda;

(1) ĠU C 76 E, 25.3.2004, p. 111.
(2) ĠU C 192, 12.8.2002, p. 42.
(3) ĠU C 31, 7.2.2006, p. 25.

3. Jistieden lill-Kummissjoni, fir-rigward tal-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013 dwar il-programmi operattivi tar-reġjuni gżejjer, inklużi dawk ta' l-objettiv 2, biex jisfruttaw għalkollox il-mezzi li permezz tagħhom ikollhom il-possibilità li jwettqu miżuri relatati ma' xogħlijiet ta' infrastruttura li huma meħtieġa ħafna;

4. Jilqa' b'sodisfazzjon l-enfasi li ngħatat lid-dimensjoni territorjali tal-politika ta' koeżjoni fil-linji gwida strateġiċi tal-Kummissjoni dwar il-koeżjoni għall-perjodu 2007-2013; jinnota, b'mod partikulari, li l-appoġġ għad-diversifikazzjoni ekonomika taz-zoni b'diżabbiltajiet naturali huwa inkluż fost il-prijoritajiet għall-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss; iħeġġeġ, għalhekk, lill-awtoritajiet maniġerjali ta' l-Istati Membri kkonċernati biex iqisu bis-sħiħ din il-prijorità fit-tlestija ta' l-oqfsa strateġiċi ta' referenza nazzjonali u tal-programmi operattivi tagħhom;

5. Jistieden lill-Kummissjoni biex tagħti attenzjoni speċjali u tindirizza s-sitwazzjoni ta' gżejjer u reġjuni oħrajn żvantaġġati strutturalment fir-Raba' Rapport ta' Koeżjoni;

6. Jistieden lill-Kummissjoni biex, fil-kuntest tal-programm ta' ħidma tan-Netwerk Ewropew għall-Osservazzjoni ta' l-Ippjanar Spazjali (l-ESPON), tagħti attenzjoni speċjali lill-qagħda tar-reġjuni, u b'mod partikulari l-gżejjer, li għandhom diżabbiltajiet naturali; iqis li għarfien sod u sħiħ tal-qagħda fil-gżejjer huwa essenzjali jekk wieħed irid li l-karatteristiċi speċjali tagħhom jitqiesu b'mod sodisfaċenti; iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jistabbilixxu mekkaniżmi speċifiċi li jippermettu l-ġbir ta' dejta rilevanti li tikkonċerna l-gżejjer fil-livell lokali, li wara tingħadda lill-EPSON;

7. Jistieden lill-Kummissjoni biex taġġorna l-informazzjoni statistika li kisbet matul l-istudji kollha ta' l-2003 li kkonċernaw il-gżejjer; jemmen li xogħol ulterjuri għandu jkun orjentat lejn definizzjoni ta' indikaturi statistiċi aktar adattati biex jipprovdu stampa statistika ċara tal-livell ta' żvilupp, u fehim sodisfaċenti tar-reġjuni b'diżabbiltajiet ġeografiċi u naturali, u b'mod partikulari fejn hemm diffikultajiet akkumulati, bħal ktajjen ta' muntanji, gruppi ta' gżejjer, u każijiet ta' insularità doppja; jisħaq li dawn l-indikaturi għandhom ukoll jippermettu evalwazzjoni mtejba tad-differenzi bejn dawn ir-reġjuni u l-bqija ta' l-UE kif ukoll evalwazzjoni tad-differenzi li jeżistu f'dawn ir-reġjuni nfushom; jistieden lill-Kummissjoni biex tirreġistra u tirrapporta dwar dawn l-indikaturi fuq bażi regolari, flimkien ma' eżempji ta' l-aħjar prattika;

8. Jirrikonoxxi l-fatt li l-Kummissjoni tisħaq fuq is-sitwazzjoni speċjali tal-gżejjer u tar-reġjuni periferiċi fil-linji gwida għall-għajnuna nazzjonali għar-reġjuni għall-2007-2013 u fil-linji gwida dwar l-assistenza statali u kapital tar-riskju għal intrapriżi żgħar u ta' daqs medju; iqis, madankollu, li sabiex jiġi trattat b'mod aktar sodisfaċenti l-iżvantaġġ permanenti ta' territorji bħal dawn, għandu jkun hemm aktar flessibilità fl-implimentazzjoni tal-linji politiċi eżistenti u futuri ta' assistenza statali, iżda tali flessibilità m'għandiex toħloq distorzjonijiet mhux aċċettabbli fis-suq fl-UE; jitlob lill-Kummissjoni biex tirrevedi l-approċċ tagħha sabiex tqis aktar il-ħtieġa tal-gżejjer li jgawdu minn aċċess għas-suq intern b'kundizzjonijiet indaqs mar-reġjuni fil-kontinent; iqis, f'dan ir-rigward, li kollegamenti tat-trasport imtejba għandhom ikunu azzjoni ta' prijorità f'dan il-qasam, b'mod speċjali fil-każ ta' portijiet u ajruporti;

9. Jitlob lill-Kummissjoni biex tistudja l-possibbiltà li tippermetti li tingħata assistenza statali lil reġjuni gżejjer fejn b'mod ċar l-ispejjeż tal-fjuwil u ta' l-enerġija jaffettwaw ħażin il-kompetittività tal-komunitajiet li jgħixu fihom; jinnota, b'mod partikulari, li tlugħ u nżul sinifikanti fil-prezz tal-fjuwil jista' jwassal biex it-trasportazzjoni bejn ir-reġjuni gżejjer u l-Ewropa kontinentali tkun piż aktar minn qabel; jemmen li, fil-linji gwida li jmiss għall-għajnuna nazzjonali għar-reġjuni, sistema li tippermetti għajnuna għall-operat għandha tkun estiża għar-reġjuni gżejjer kollha li mhumiex stati gżejjer jew gżejjer ġewwiena;

10. Jistieden lill-Kummissjoni biex tħejji u tippreżenta lill-Parlament, fuq bażi regolari, "evalwazzjoni tal-ħtiġijiet speċjali" tar-reġjuni gżejjer fejn tqis kwistjonijiet ta' interess speċifiku għall-gżejjer u tipproponi miżuri kif jistgħu jkunu indirizzati; jaħseb li analiżi bħal din għandha tiffoka b'mod partikulari fuq l-impatt fuq il-gżejjer ta' l-implimentazzjoni tal-politika reġjonali, inklużi l-livelli ta' investiment, it-tixrid ta' attività ekonomika, in-nuqqas ta' xogħol, l-infrastruttura tat-trasport (l-aktar il-portijiet u l-ajruporti), pressjonijiet ambjentali u l-livell globali ta' integrazzjoni ekonomika u soċjali tal-gżejjer fis-suq intern;

11. Jistieden lill-Istati Membri biex jiżguraw ħarsien effettiv tal-karatteristiċi ambjentali, kulturali u soċjali speċjali tar-reġjuni gżejjer permezz ta' miżuri, bħat-tfassil ta' pjanijiet għall-iżvilupp reġjonali xierqa u l-ikkontrollar ta' l-attività tal-bini u l-kostruzzjoni, u barra minn hekk, biex jadottaw, f'koperazzjoni mal-Kummissjoni, programmi integrati li jissalvagwardjaw il-wirt kulturali u r-riżorsi ambjentali;

Il-Ħamis, 15 ta' Marzu 2007

12. Japprova l-approċċ transettorjali li qed jintuża għall-implimentazzjoni tal-linji politiċi Komunitarji, kif rifless fil-green paper tal-Kummissjoni bit-titolu "Lejn Politika Marittima ta' l-Unjoni għall-ġejjieni: Viżjoni Ewropea għall-Oċeani u l-Ibħra", u jinsisti li dan l-approċċ għandu jkun applikat l-iktar għal gżejjer li jikkostitwixxu parti fundamentali tad-dimensjoni marittima ta' l-Ewropa; jistieden lill-Kummissjoni biex testendi l-metodu transsettorjali għal linji politiċi oħrajn sabiex dawn iqisu ċ-ċirkustanzi speċifiċi tar-reġjuni gżejjer, b'hekk tagħti spinta lill-kapaċità tagħhom li jintegraw bis-sħiħ u jgawdu l-benefiċċji tas-suq intern u l-Istrateġija ta' Liżbona;

13. Jiġbed attenzjoni speċjali għal gżejjer 'il bogħod minn ċentri kbar ta' popolazzjoni li, għalhekk, jesperjenzaw diffikultajiet ta' aċċess u fil-forniment ta' servizzi u jkollhom aktar spejjeż, b'mod partikulari fir-rigward tat-trasport, li jqegħdhom fi żvantaġġ kompetittiv;

14. Jinkoraġġixxi l-isforzi li saru lejn politika marittima Komunitarja olistika, li se titwessa' lil hinn mill-fruntieri legali ta' l-UE, u għaldaqstant se tistabbilixxi, bis-saħħa tal-pożizzjoni ġeopolitika vantaġġjuża tal-gżejjer tal-Komunità, relazzjonijiet kummerċjali, ekonomiċi u politiċi u koperazzjoni teknika (skambju ta' għarfien u kompetenzi) b'saħħithom mal-pajjiżi ġirien fuq il-bażi tal-liġi marittima internazzjonali, ir-rispett u l-benefiċċju reċiproku;

15. Iqis li l-gżejjer jiffaċċjaw spejjeż għal kull ras ogħla mill-medja fir-rigward ta' l-infrastruttura tat-trasport u ta' l-ambjent kif ukoll rigward il-ħtiġijiet ta' enerġija tagħhom u ta' spiss isibuha aktar bi tqila biex jimplimentaw ċerti partijiet ta' l-acquis li forsi ma jqisux bis-sħiħ il-karatteristiċi speċifiċi tagħhom; jistieden, għalhekk, lill-Kummissjoni biex tadotta metodu aktar flessibbli lejn il-gżejjer fit-tfassil tal-politika u fil-leġiżlazzjoni, li l-implimentazzjoni tagħhom taf tkun piż partikularment kbir għall-gżejjer;

16. Jitlob lill-Kummissjoni biex tistabbilixxi**,** fi ħdan id-Direttorat-Ġenerali tal-Politika Reġjonali, unità amministrattiva għall-gżejjer, fuq il-mudell ta' l-unità amministrattiva attwali għall-ibgħad reġjuni, sabiex ikun żgurat li l-karattateristiċi speċjali u l-ħtiġijiet tal-gżejjer, u tal-popolazzjonijiet permanenti u staġjonali tagħhom, jingħata każ tagħhom b'mod sistematiku fl-iżvilupp tal-politika li għandha l-għan li tilħaq koeżjoni soċjali, ekonomika u territorjali, u fl-implimentazzjoni ta' miżuri, b'mod partikulari fl-oqsma tat-trasport, l-enerġija, l-iżgurar ta' provvisti ta' l-ilma adegwati, is-sorveljanza ta' zoni tal-fruntiera reġjonali u l-ħarsien ta' l-ambjent fraġli tal-gżejjer;

17. Jixtieq jara lill-Kummissjoni tisfrutta aktar il-possibilità li joffri t-Trattat KE għall-addattament tal-politiki Komunitarji li jafu jħallu effetti negattivi fuq l-iżvilupp ekonomiku, soċjali u territorjali ta' dawn ir-reġjuni, bil-għan li, kemm jista' jkun, ikun hemm rimedju għall-problemi ewlenin li jaffettwaw speċifikament kull reġjun jew grupp ta' reġjuni gżejjer;

18. Iqis li għandha tingħata attenzjoni speċjali lil dawk l-oqsma ta' attività ekonomika li huma aktar prevalenti fil-gżejjer, b'mod partikolari l-agrikoltura, is-sajd, it-turiżmu u s-snajja'; jistieden, għalhekk, lill-Kummissjoni biex tiżgura li l-inizjattivi ta' politika tagħha jqisu dejjem aktar il-ħtiġijiet speċifiċi tal-gżejjer f'dawn l-oqsma;

19. Jistieden lill-Kummissjoni biex tikkunsidra liema huma l-aġġustamenti meħtieġa għat-test "investitur fis-suq" għall-assistenza statali sabiex ikunu riflessi r-realtajiet tal-ħajja fil-gżejjer u reġjuni remoti oħrajn fejn jista' jkun impossibbli li jinstab jew ikun evalwat investitur fis-suq għaliex m'hemm l-ebda wieħed fiz-zona; huwa wkoll improbabbli li jintlaħaq il-livell medju ta' dħul għal settur partikulari minħabba d-daqs żgħir u n-natura remota tas-swieq, u għalhekk għall-gżejjer remoti huwa impossibbli li jgħaddu minn dan it-test;

20. Jistieden lill-Kummissjoni biex teżamina b'mod partikulari l-impatt tal-bidla fil-klima fuq reġjuni gżejjer u, b'mod speċjali, it-taħrix tal-problemi attwali, bħan-nixfa, u biex tippromwovi, f'koperazzjoni ma' l-Istati Membri, l-iżvilupp u l-applikazzjoni ta' teknoloġiji xierqa jew miżuri oħrajn li jindirizzaw dawn il-problemi;

21. Jistieden lill-Kummissjoni biex teżamina mill-ġdid il-kundizzjonijiet relatati ma' kuntratti pubbliċi li jikkonċernaw it-trasport sabiex jitneħħa kwalunkwe ostakolu fir-rigward ta' l-obbligi li jiġi provdut servizz pubbliku sabiex ikunu ffaċilitati kollegamenti tat-trasport mar-reġjuni gżejjer;

22. Jistieden lill-Kummissjoni biex tagħti prijorità lis-sigurtà ta' l-enerġija tal-gżejjer u lill-finanzjament għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' proġetti sabiex għall-produzzjoni ta' l-enerġija bl-użu ta' teknoloġiji ġodda u sorsi ta' enerġija li jiġġeddu u biex ikun promoss l-użu effiċjenti ta' l-enerġija, waqt li jitħares l-ambjent u l-isbuħija naturali tiegħu;

23. Jinkoraġġixxi lill-komunitajiet tal-gżejjer biex jużaw l-Ewroreġjuni jew netwerks Ewropej simili għall-immaniġġjar tal-koperazzjoni interreġjonali, l-iskambju ta' prattika tajba kif ukoll l-iżvilupp ta' proġetti transkonfinali u integrazzjoni aħjar tal-komunitajiet tal-gżejjer fiz-zoni ekonomiċi ta' madwarhom;

24. Jinkoraġġixxi lill-komunitajiet tal-gżejjer biex jużaw il-faċilitajiet finanzjarji u ta' mmaniġġjar pprovduti minn JASPERS (Għajnuna Konġunta fl-Appoġġ għall-Proġetti fir-Reġjuni Ewropej) u JEREMIE (Riżorsi Konġunti Ewropej għall-Intrapriżi Mikro sa Medji), sabiex jisfruttaw ir-riżorsi disponibbli għall-iżvilupp reġjonali u jkattru t-tkabbir fost intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju li jinkoraġġixxu d-diversifikazzjoni ta' l-ekonomiji tal-gżejjer u jippromwovu t-tkabbir organiku permezz ta' żvilupp sostenibbli; jinkoraġġixxi wkoll l-implimentazzjoni fuq livell lokali, reġjonali, nazzjonali u Ewropew, ta' l-inizjattiva għal "leġiżlazzjoni aħjar" bl-idea li, fost affarijiet oħra, jiġu ssimplifikati r-rekwiżiti amministrattivi, notevolment f'dak li għandu x'jaqsam mat-tressiq u l-evalwazzjoni ta' applikazzjonijiet għal għajnuna finanzjarja;

25. Jirrikonoxxi r-riżultat pożittiv milħuq rigward l-implimentazzjoni, għall-ewwel darba, ta' riżorsi Ewropej għall-kontrolli tal-fruntieri, u jilqa' b'sodisfazzjon il-proposta reċenti tal-Kummissjoni għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi mekkaniżmu għall-ħolqien ta' Timijiet ta' Intervent Rapidu fil-Fruntieri (COM(2006)0401), bl-għan li tingħata għajnuna operattiva u teknika b'mod rapidu lil kwalunkwe Stat Membru li jitlob din l-għajnuna; jemmen, madankollu, li l-attivitajiet ta' timijiet bħal dawn ikunu effettivi biss jekk ikollhom kompetenzi definiti b'referenza, kif dovut, għall-kompetenzi ta' l-Aġenzija Ewropea għat-Tmexxija tal-Koperazzjoni Operattiva fil-Fruntieri Esterni ta' l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea (FRONTEX); iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex teżamina l-ħtieġa li jinħoloq korp Ewropew għall-għassa tal-kosta sabiex jgħin, b'mod parallel, lil dawn ir-reġjuni u lill-Istati Membri fil-monitoraġġ tal-fruntieri esterni ta' l-UE;

26. Jerġa' jesprimi l-appoġġ tiegħu għall-inizjattivi u l-attivitajiet li jsiru mill-FRONTEX u jitlob li din tissorvelja, fuq bażi kontinwa, l-impatt ta' l-immigrazzjoni illegali fuq il-komunitajiet tal-gżejjer; jitlob lill-Kummissjoni u lill-FRONTEX biex jieħdu fil-pront azzjoni ta' appoġġ għall-gżejjer sabiex itaffu l-pressjoni immedjata li għandhom biex jittrattaw il-problema waqt li jiżguraw ir-rispett dovut għad-drittijiet tal-bniedem; jitlob lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex jiżguraw li jitqiegħdu għad-dispożizzjoni r-riżorsi meħtieġa għall-azzjoni rapida u effettiva; jenfasizza, barra minn hekk, l-importanza ta' koordinazzjoni u koperazzjoni iktar b'saħħithom u mill-qrib bejn il-gżejjer, u l-bżonn ta' aktar involviment min-naħa ta' dawn ir-reġjuni fil-ġlieda kontra l-immigrazzjoni illegali;

27. Jistieden lill-Kummissjoni biex titfa' enfasi partikulari fuq l-iżvilupp tal-broadband u biex tippromwovi miżuri għas-soluzzjoni tad-diffikultajiet speċifiċi fil-provvediment ta' servizzi f'reġjuni gżejjer, bħas-servizzi għall-kura tas-saħħa u s-servizzi mediċi online, il-governanza elettronika u servizzi liċ-ċittadini;

28. Iqis li t-turiżmu jirrappreżenta riżors ewlieni għall-ħolqien tal-ġid għall-parti l-kbira tal-gżejjer, billi għandu influwenza diretta fuq it-tkabbir ta' setturi oħrajn (l-agrikoltura, il-kummerċ, is-servizzi, is-sajd), u li hu imperattiv li tkun stabbilita politika integrata li tkun kapaċi tiżgura s-sostenibilità tat-turiżmu fil-gżejjer; jemmen li din il-politika trid tkun akkumpanjata minn kampanja Ewropea ta' informazzjoni organizzata tajjeb u immirata lejn ċittadini Ewropej permezz tal-ħolqien ta' tikketta ta' kwalità u ta' oriġini mill-gżejjer, u t-twelid jew l-iżvilupp ulterjuri ta' setturi ta' attività oħrajn fil-gżejjer; jistieden lill-Kummissjoni, b'dan l-iskop, biex twettaq analiżi transsettorjali li tagħti attenzjoni partikulari lill-opportunitajiet ta' appoġġ għat-turiżmu sostenibbli fi ħdan l-istrateġiji reġjonali tal-gżejjer li huma 'l bogħod miċ-ċentri ta' popolazzjoni;

29. Jipproponi li l-Kummissjoni u l-Istituzzjonijiet l-oħrajn jiddedikaw is-sena 2010 bħala s-Sena Ewropea tal-Gżejjer;

30. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

P6_TA(2007)0083

L-awtoritajiet lokali u l-koperazzjoni għall-iżvilupp

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Marzu 2007 dwar l-awtoritajiet lokali u l-koperazzjoni għall-iżvilupp (2006/2235(INI))

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 179 tat-Trattat KE,

— wara li kkunsidra l-istqarrija konġunta tal-Kunsill u tar-rappreżentanti tal-gvernijiet ta' l-Istati Membri li ltaqgħu fi ħdan il-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni dwar il-Politika ta' Żvilupp ta' l-Unjoni Ewropea: "Il-Konsensus Ewropew" [1], ta' l-20 ta' Diċembru 2005, liema dikjarazzjoni tpoġġi l-approprijazzjoni u s-sħubija bħala l-prinċipji komuni prinċipali tal-koperazzjoni għall-iżvilupp, li biha l-firmatarji jimpenjaw irwieħhom li jappoġġjaw id-deċentralizzazzjoni u t-tmexxija tajba, u li tinkoraġġixxi "żieda fil-parteċipazzjoni ta' l-awtoritajiet lokali",

— wara li kkunsidra r-Regolament (KE) nru 1905/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 li jwaqqaf strument ta' finanzjament għal koperazzjoni għall-iżvilupp [2],

— wara li kkunsidra l-Ftehima ta' Sħubija bejn il-Membri tal-grupp ta' l-Istati ta' l-Afrika, tal-Karibew u tal-Paċifiku (ACP) minn naħa u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha min-naħa l-oħra, iffirmata f'Cotonou fit-23 ta' Ġunju 2000 [3] li ġiet emendata mill-ftehima li temenda l-ftehima ta' sħubija, li ġiet iffirmata fil-Lussemburgu fil-25 ta' Ġunju 2005 [4] (il-ftehima ta' Cotonou) u speċjalment l-Artikoli 4, 28, 30(2), 43(4), u 58(2), tagħha,

— wara li kkunsidra l-Karta tal-Kungress ta' l-Awtoritajiet Lokali u Reġjonali ta' l-Ewropa (CLRAE) approvata mill-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill ta' l-Ewropa fl-14 ta' Jannar 1994, fl-okkazjoni tal-506 laqgħa tad-Delegati tal-Ministri,

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni tal-25 ta' Jannar 2006, bl-isem "Programm Tematiku ' Il-partijiet kkonċernati mhux statali u l-awtoritajiet lokali fl-iżvilupp'" li jerġa jafferma li l-awtoritajiet lokali huma l-partijiet kkonċernati ewlenin ta' l-iżvilupp u jipproponi li jinvolvihom "fil-proċess ta' żvilupp, speċjalment permezz ta' djalogu u appoġġ finanzjarju" (COM(2006)0019),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tat-12 ta' Ottubru 2005 bl-isem "L-Istrateġija ta' l-UE għall-Afrika: lejn patt Euro-Afrikan sabiex jitħaffef l-iżvilupp fl-Afrika", (strateġija adottata mill-Kunsill Ewropew tal-15-16 ta' Diċembru 2005), f'liema Komunikazzjoni il-Kummissjoni impenjat ruħha li tappoġġja d-deċentralizzazzjoni u t-tisħiħ tal-kapaċitajiet ta' l-awtoritajiet lokali, filwaqt li tenfasizza l-importanza strateġika tas-sħubiji u tal-ġemellaġġi bejn il-bliet u l-muniċipalitajiet fl-Ewropa u fl-Afrika sabiex tkun appoġġjata l-kisba ta' l-objettivi tal-millenju għall-iżvilupp (MDGs) u sabiex jiġu promossi l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-implimentazzjoni tagħhom (COM(2005)0489),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, ta' l-20 ta' Ottubru 2003, dwar it-tmexxija u l-iżvilupp, li tistabbilixxi t-tmexxija tajba bħala qasam ta' prijorità tal-koperazzjoni Ewropea (COM(2003)0615),

(1) ĠU C 46, 24.2.2006, p 1.
(2) ĠU L 378, 27.12.2006, p.41.
(3) ĠU L 317, 15.12.2000, p 3. Ftehima emendata l-aħħar mid-Deċiżjoni Nru 1/2006 tal-Kunsill tal-Ministri ACP/KE (ĠU L 247, 9.9.2006, p.22).
(4) ĠU L 209, 11.8.2005, p.27.

Il-Ħamis, 15 ta' Marzu 2007

— wara li kkunsidra n-nota introduttorja tal-Kummissjoni lid-dipartimenti ta' DG DEV (Direttorat Ġenerali Żvilupp) u lid-delegazjonijiet fil-pajjiżi ACP-ALA-MED u CEEC (Afrika, Karibew u Paċifiku — Amerika Latina u Asja — Mediterran — Ewropa Ċentrali u tal-Lvant) tat-23 ta' Diċembru 1999 (DEV/1424/2000), li tirrakkomanda "li l-partijiet ewlenin (deċentralizzati) għandhom ikunu involuti minn kmieni fil-formulazzjoni tal-politiki u l-programmazzjoni" u tipproponi Gwida Operattiva għall-attenzjoni tad-delegazzjonijiet tal-pajjiżi kollha li qed jiżviluppaw,

— wara li kkunsidra r-Regolament (KE) nru 1659/98 tal-Kunsill tas-17 ta' Lulju 1998 dwar il-koperazzjoni deċentralizzata ([1]),

— wara li kkunsidra l-punt baġitarju B7-6002 bl-isem "koperazzjoni deċentralizzata", maħsuba biex tip-promwovi dan l-approċċ fil-pajjiżi kollha li qed jiżviluppaw,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għar-Reġjuni tas-16 ta' Novembru 2005 dwar il-"Koperazzjoni Deċentralizzata fir-riforma tal-politika għall-iżvilupp ta' l-UE" (Cdr 224/2005),

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni finali tal-Kapijiet ta' l-Istati u tal-Gvernijiet dwar l-MDGs fl-okkazzjoni tas-sittin anniversarju ta' l-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti li ltaqgħet f'Settembru 2005, li tenfasizza "l-irwol importanti li jagħtu l-awtoritajiet lokali għall-kisba ta' l-MDGs",

— wara li kkunsidra r-rapport A/59/354 tas-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, ppreżentat fid-59 sessjoni ta' l-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti tat-13 ta' Settembru 2004, li tirrikonoxxi l-irwol ta' l-awtoritajiet lokali u r-riżorsi dinjija ta' l-awtoritajiet lokali, b'mod partikolari l-Oraganizzazzjoni Dinjija ta' l-Bliet u l-Gvernijiet Lokali Uniti (UCLG), liema awtoritajiet u networks huma kkunsidrati bħala l-imsieħba ewlenin tan-Nazzjonijiet Uniti fil-kwistjoni ta' l-iżvilupp u għal kwistjonijiet umanitarji f'livell lokali,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni finali tal-Ministri u tar-rappreżentanti tal-gvernijiet fl-okkazzjoni tar-4 Forum dinji dwar l-ilma (li sar fil-Messiku mis-16 sat-22 ta' Marzu 2006) li jqis li l-kollaborazzjoni effikaċi ma' l-awtoritajiet lokali tirrapreżenta fattur ewlieni jekk wieħed jixtieq jaffronta l-isfidi u jilħaq l-MDGs fil-qasam ta' l-ilma,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-laqgħa għolja dinjija dwar l-iżvilupp sostenibbli (li saret f'Johannes-burg mis-26 ta' Awwissu sa' l-4 ta' Settembru 2002), li jqis li l-irwol u l-kapaċitajiet ta' l-awtoritajiet lokali għandhom jissaħħu sabiex jiżguraw żvilupp sostenibbli,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Finali tat-tieni Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti dwar kolonji umani (Habitat II) (li saret f'Istanbul mit-3 sal-15 ta' Ġunju 1996), li tirrikonoxxi l-fatt li l-awtoritajiet lokali huma l-iktar imsieħba viċin ta' l-Istati għall-implimentazzjoni ta' l-Aġenda tan-Nazzjoniet Uniti dwar kolonji umani,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni ta' Rio dwar l-Ambjent u l-iżvilupp, adottata waqt it-Tieni Laqgħa Għolja dinjija dwar id-Dinja (li saret f'Rio de Janeiro mit-3 sa l-14 ta' Ġunju 1992) li tenfasizza l-irwol determinanti ta' l-awtoritajiet lokali fl-implimentazzjoni ta' Aġenda 21, adottata mill-pajjiżi firma-tarji tad-dikjarazzjoni msemmija,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-Kungress Fundatur ta' l-UCLG (li saret f'Pariġi mit-2 sal-5 ta' Mejju 2004) li fiha tlett elef sindku u persuni eletti lokalment fil-kapaċità tagħhom ta' rappreżentanti ta' l-awtoritajiet lokali dinjija, impenjaw ruħhom fl-implimentazzjoni tal-MDGs f'livell lokali u sabiex isaħħu l-awtonomija u d-demokrazija lokali u l-koperazzjoni bejn il-bliet favur l-iżvilupp,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Finali ta' l-Assemblea Ġenerali tal-Kunsill tal-Muniċipalitajiet u tar-Reġjuni ta' l-Ewropa (CEMR) li ltaqgħet f'Innsbruck mill-10 sat-12 ta' Mejju 2006) u l-kapitolu "Mil-lokali għad-Dinji" tad-dikjarazzjoni imsemmija li jenfasizza l-irwol ta' l-Ewropa u ta' l-awtoritajiet lokali fid-dinja,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 45 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Iżvilupp (A6-0039/2007),

([1]) ĠU L 213, 30.7.1998, p. 6. Regolament emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 625/2004 tal-Parlament Ewro-pew u tal-Kunsill (ĠU L 99, 3.4.2004, p.1).

L-opinjoni esperta u l-valur miżjud ta' l-awtoritajiet lokali għall-koperazzjoni għall-iżvilupp

A. Billi l-kisba tal-MDGs hija waħda mill-prijoritajiet ta' l-UE u billi l-irwol essenzjali ta' l-awtoritajiet lokali fl-implimentazzjoni ta' dawn l-objettivi kien rikonoxxut minn Nazzjonijiet Uniti u speċjalment mis-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti li ddikjara waqt is Samit tal-Millennju ta' l-2005: 'Kif nistgħu aħna nittamaw li nilħqu l-MDGs mingħajr ma nwettqu progress f'oqsma bħall-edukazzjoni, il-ġlieda kontra l-ġuħ, is-saħħa, l-aċċess għall-ilma, il-kundizzjonijiet sanitarji u l-ugwaljanza tas-sessi? Il-bliet u l-gvernijiet lokali għandhom irwol kruċjali x'jilagħbu f'dawn l-oqsma kollha […]. Filwaqt li l-objettivi tagħna huma dinjija, dawn jistgħu jintlaħqu bl-aktar mod effikaċi f'livell lokali',

B. Billi bħalissa, kieku hemm bżonn ta' 110 snin sabiex jintlaħqu l-MDGs iffissati sa l-2015 u li l-esperjenza ta' l-awtoritajiet lokali f'diversi oqsma ta' l-iżvilupp bħall-amministrazzjoni ta' l-ilma, il-ġlieda kontra l-AIDS, il-politika ta' l-ugwaljanza tas-sessi, l-amministrazzjoni ta' l-iskart, il-koeżjoni soċjali, l-iżvilupp ekonomiku lokali għandhom ikunu rikonoxxuti mill-UE bħala soluzzjonijiet bżonjużi għat-twettiq tal-MDGs,

C. Billi kull tifel jew tifla għandom dritt li jiġu rreġistrati f'uffiċċju ta' reġistrazzjoni minn meta jitwieldu, u wara li kien ikkunsidrat l-irwol ewlieni li għandhom l-awtoritajiet lokali f'din il-kwistjoni, u r-relazzjoni diretta bejn il-prattika u l-applikazzjoni ta' l-istandards rilevanti tad-drittijiet tal-bniedem li jħarsu lit-tfal mill-isfruttament permezz tax-xogħol,

D. Billi l-amministrazzjoni tajba hija waħda mill-objettivi prijoritarji ta' l-UE u billi d-demokrazija lokali u d-deċentralizzazzjoni huma fil-qalba tat-tmexxija demokratika skond il-Konsensus Ewropew dwar l-Iżvilupp imsemmi aktar 'il fuq,

E. Billi, f'20 sena, 60 % tal-popolazzjoni dinjija se tkun tgħix fil-bliet u li għalhekk dawn għandhom rwol importanti x'jilagħbu fit-titjib tal-kundizzjonijiet ta' l-għajxien tal- popolazzjonijiet li huma l-inqas mogħnija,

F. Billi l-awtoritajiet lokali dinjija jeħtieġu l-esperjenza permezz ta':

— proġetti bejn awtorità u awtorità (authority-to-authority projects) ffinanzjati jew promossi mill-awtoritajiet lokali Ewropej infushom permezz ta' forma ta' sħubija ma' l-awtoritajiet ta' Nofsinhar għal aktar minn tletin sena,

— proġetti bejn awtorità u awtorità ffinanzjati mill-UE fil-qafas tal-programmi URB-AL (Amerika Latina), l-Ażja URBS (Ażja) u f'miżura iżgħar il-programm MEDA (Il-Mediterran ta' Nofsinhar), ACCESS (Ewropa Ċentrali u tal-Lvant), TACIS (Ewropa tal-Lvant u l-Ażja Ċentrali) u l-programmi CARDS (Balkani) u l-Programmi ta' Mikro proġetti plurjennali (MMP) fil-pajjiżi ACP,

— programmi nazzjonali jew reġjonali ta' koperazzjoni b'appoġġ għad-deċentralizzazzjoni jew għall-iżvilupp lokali fejn l-awtoritajiet lokali u l-assoċjazzjonijiet tagħhom jintervjenu bħala operaturi, bl-appoġġ ta' l-UE u ta' donaturi oħra (In-Nazzjonijiet Uniti, l-Aġenziji bilaterali, il-Bank Dinji jew banek reġjonali għall-iżvilupp, eċċ),

G. Billi l-awtoritajiet lokali għandhom il-leġittimità politika meħtieġa, l-għarfien u l-esperjenza fit-tmexxija ta' l-affarijiet lokali u l-possibiltà li jimmobilizzaw madwarhom lill-partijiet konċernati lokali l-oħra,

H. Billi minkejja l-importanza tal-parteċipazzjoni ta' awtoritajiet lokali oħra fil-proċess ta' koperazzjoni kien rikonoxxut fil-Ftehima ta' Cotonou u fil-Kunsens Ewropew, l-ebda mekkaniżmu permanenti għadu ma ġie implimentat sabiex jiżgura li l-partijiet kkonċernati tiegħu jistgħu jipparteċipaw fi djalogu mal-Kummissjoni Ewropea u fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw; billi madanakollu, dan il-mekkaniżmu jeżisti għall-partijiet konċernati mhux Statali,

Fl-Ewropa

I. Billi l-awtoritajiet lokali bħalissa jirrappreżentaw partijiet konċernati kompetenti u li għandhom esperjenza kbira fl-għajnuna għall-iżvilupp: ilhom esperti fis-setturi kollha għall-iżvilupp urban u fil-qasam ta' l-affarijiet rurali għal aktar minn tletin sena u huma ma jiqfux iżidu l-attivitajiet tagħhom li dejjem huma iktar iddiversifikati filwaqt li jikkostitwixxu netwerk ta' solidarjetà li jestendi fuq il-ħames kontinenti; billi ħafna minn dawn il-miżuri bħalissa huma appoġġjati u ffinanzjati minn diversi Stati,

J. Billi l-assoċjazzjonijiet nazzjonali u reġjonali ta' l-awtoritajiet lokali Ewropej għandhom irwol li dejjem qed isir aktar importanti, rigward informazzjoni, t-tisħiħ tal-kapaċitajiet (capacity building) u tad-djalogu u għalhekk jistgħu jsiru wkoll "mezzi privileġjati" ta' l-UE u ta' sħab oħra għall-iżvilupp sabiex tkun żgurata l-parteċipazzjoni ta' l-awtoritajiet lokali li huma jirrappreżentaw fid-djalogu mal-Kummissjoni fl-Ewropa,

K. Billi l-gvernijiet lokali Ewropej u l-assoċjazzjonijiet tagħhom għandhom irwol determinanti li jinfurmaw, jimmobilizzaw u jissensibilizzaw l-opinjoni pubblika fi ħdan l-Unjoni Ewropea fuq bażi lokali b'kuntatt dirett maċ-ċittadini; billi dan jikkontribwixxi għall-promozzjoni tal-valuri ta' solidarjetà u ta' għajnuna għall-iżvilupp kif turi l-"Kampanja tal-Bliet għall-Millenju" imnidija f'Lulju 2005 mill-UCLG bl-appoġġ tan-Nazzjonijiet Uniti; billi f'dan il-kuntest, it-taqsima Ewropea ta' l-UCGL, is-CEMR ilu jimmobilizza, l-bliet Ewropej minn April 2006, għall-promozzjoni u l-implimentazzjoni tal-MDGs,

L. Billi f'numru li qed jiżdied ta' muniċipalitajiet u reġjuni, pjanijiet u programmi li joħolqu kuxjenza dwar l-iżvilupp lokali mhumiex limitati għal azzjonijiet ta' darba iżda minflok twaqqfu programm integrali ta' taħriġ u ta' informazzjoni għall-popolazzjonijiet fl-livell lokali,

M. Billi l-awtoritajiet lokali huma l-partijiet konċernati ewlenin fil-qasam ta' l-iżvilupp li jilagħbu rwol dinamiku u ta' kordinazzjoni ta' l-aġenti ekonomiċi u soċjali preżenti f'livell lokali,

N. Billi r-rabtiet ta' ġemellaġġi eżistenti bejn il-bliet Ewropej u l-bliet tan-Nofsinhar, preżentament ma jirċivux appoġġ finanzjarju mill-UE, minkejja n-numru dejjem jikber ta' l-inizjattivi ta' koperazzjoni mwaqqfa mill-bliet Ewropej fil-konfront tal-kontrapartijiet tagħhom tal-pajjiżi tan-Nofsinhar,

O. Billi l-popolazzjonijiet ta' l-emigranti fl-Ewropa għandhom irwol importanti fil-koperazzjoni għall-iżvilupp, il-valur miżjud tagħhom marbut mal-potenzjal li huma għandhom, mal-kompetenzi tagħhom u mal-qrubija mal-pajjiżi ta' l-oriġini tagħhom; billi f'dan il-kuntest, il-koperazzjoni deċentralizzata hija qasam ewlieni u xieraq ta' intervenzjoni ta' l-organizzazzjonijiet ta' solidarjetà internazzjonali għal komunitajiet immigranti kemm rigward l-attivitajiet tagħhom imwettqa fil-pajjiż ta' l-oriġini ta' dawn il-persuni li jkunu jikkonċernaw proġetti ta' edukazzjoni għall-iżvilupp u proġetti ta' ħolqien ta' kuxjenza fil-pajjiż ospitu,

Fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw

P. Billi l-"koperazzjoni deċentralizzata", kif stabbilita mill-UE wara r-raba' Konvenzjoni ta' Lomé (Lomé IV), iffirmata fil-15 ta' Diċembru 1989, tirrifletti xewqa mhux biss li jittieħdu deċiżjonijiet dwar għajnuna għal pajjiżi li għadhom qed jiżviluppaw mal-pajjiżi terzi biss, iżda li tinvolvi l-awtoritajiet lokali fl-għażliet politiċi kif ukoll fl-implimentazzjoni ta' għajnuna sabiex trendiha aktar effettiva u vijabbli; billi l-għan huwa li ssir trasformazzjoni sostenibbli tal-proċeduri ta' koperazzjoni Ewropej ibbażata fuq l-aspettattivi tal-popolazzjonijiet sabiex il-proġetti jirrispondu aħjar għal bżonnijiet reali,

Q. Billi l-parteċipazzjoni fi u l-approprjazzjoni tal-politiki ta' l-iżvilupp, — prinċipji prijoritarji għall-UE — għandhom jinkludu l-parteċipazzjoni ta' l-awtoritajiet lokali, minħabba l-fatt li t-tixrid tagħhom madwar il-pajjiż jagħmilha possibbli li jkun hemm politika ta' prossimità u li jiġu kkomunikati l-aspettattivi tal-popolazzjonijiet tagħhom fuq bażi ta' kuljum, speċjalment fl-iktar reġjuni mbiegħda,

R. Billi l-awtoritajiet lokali għandhom l-esperjenza tal-bżonnijiet lokali fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw f'oqsma diversi bħas-sanità, l-edukazzjoni, s-saħħa, l-akkomodazzjoni soċjali, il-promozzjoni tad-drittijiet tan-nisa f'organi lokali tat-teħid ta' deċiżjonijiet, sistemi informattivi dwar id-drogi, l-immaniġġjar tat-turiżmu, il-ħarsien tal-wirt storiku urban, l-iżvilupp tas-servizzi tas-saħħa lokali, l-immaniġġjar ta' l-ilma u t-trasport pubbliku,

S. Billi d-deċentralizzazzjoni u r-riformi ta' l-Istat li għaddejjin bħalissa fil-biċċa l-kbira tar-reġjuni tad-dinja rriżultaw li l-awtoritajiet lokali asserixxew lilhom infushom bħala sferi governattivi li huma kemm distinti u kemm rappreżentattivi, b'responsabbiltajiet ġodda f'setturi ta' attività politika estremament diversi li huma essenzjali fil-ġlieda kontra l-faqar u l-kisba ta' l-MDGs, bħas-servizzi għall-kura tas-saħħa primarji, l-ilma, s-sanità, l-aċċess għall-edukazzjoni, il-ħarsien ta' l-ambjent, l-iżvilupp ekonomiku lokali, il-prevenzjoni ta' l-HIV/AIDS u l-ugwaljanza bejn is-sessi,

T. Billi l-involviment ta' l-awtoritajiet lokali jistgħu jikkontribwixxu għat-tisħiħ tad-demokrazija u d-demokratizzazzjoni ta' l-immaniġġjar ta' l-għajnuna f'livell lokali, b'kunsiderazzjoni għall-irwol li l-assoċjazzjonijiet nazzjonali ta' l-awtoritajiet lokali jistgħu jilagħbu fil-pajjiżi tan-Nofsinhar,

U. Billi kull fejn għandhom leġittimità elettorali, l-irwol strateġiku ta' l-awtoritajiet lokali, fin-nofs bejn il-gvern nazzjonali u s-soċjetà ċivili, jagħmilhom intermedjarji ideali għal promozjoni tal-konsultazzjoni bejn is-sħab diversi fil-proċess ta' żvilupp li huwa meħtieġ għal għajnuna effettiva u kkordinata,

V. Billi l-awtoritajiet lokali li, minħabba li huma eqreb tal-kundizzjonijiet lokali mill-gvern ċentrali jew mill-mexxejja internazzjonali, jikkontribwixxu valur miżjud speċifiku, huma ppreparati aħjar sabiex jevalwaw l-impatt lokali ta' l-istrateġiji għall-iżvilupp nazzjonali u internazzjonali, u għalhekk hija possibbli li jipprovdu għajnuna li hija adattata aħjar għall-bżonnijiet speċifiċi tat-territorji li huma jamministraw,

W. Billi permezz ta' riżorsi adegwati, l-awtoritajiet lokali jistgħu jkunu qafas stabbli li jippermetti lill-partijiet kkonċernati ġodda jesprimu lilhom infushom, jorganizzaw lilhom infushom u jadattaw ruħhom għall-bżonnijiet tas-sħubija Ewropea,

X. Billi l-għarfien speċifiku tat-territorju amministrat minnhom jagħmel lill-awtoritajiet lokali strument meħtieġ għall-ġlieda kontra l-faqar u d-diżugwaljanza,

Y. Billi per eżempju fil-każ tar-reġjun Latin-Amerikan fejn l-iżvilupp mgħaġġel ta' l-urbanizzazzjoni qed ipoġġi l-politiki urbani fuq quddiem fil-kwistjonijiet ta' l-iżvilupp u jagħmel il-bliet u ċ-ċentri urbani l-isħab ewlenin tal-gvernijiet fl-immaniġġjar tal-problemi soċjali ewlenin (bħal migrazzjoni, iż-żgħażagħ, il-faqar u x-xogħol),

Z. Billi ġiet ikkunsidrata l-ħtieġa għal promozzjoni ta' djalogu bejn l-awtoritajiet lokali u l-partijiet kkonċernati mhux statali għall-elaborazzjoni u t-twettiq ta' miżuri għall-iżvilupp lokali ffinanzjati mill-KE,

AA. Billi l-parteċipazzjoni ta' l-awtoritajiet lokali fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw teħtieġ proċess ta' approprjazzjoni ta' strateġiji ta' koperazzjoni għall-iżvilupp, li titlob fost affarijiet oħra, it-titjib għall-aċċess tagħhom għall-informazzjoni, il-mekkaniżmi tagħhom ta' l-organizzazzjoni tar-riżorsi u tar-rappreżentazzjoni, tal-kapaċitajiet tagħhom għad-djalogu u l-inizjattivi dwar politiki ta' koperazzjoni, involviment fi djalogu nazzjonali, reġjonali u internazzjonali u organi konsultattivi,

AB. Billi, l-UCGL għandha rwol x'tilgħab fir-ristrutturazzjoni u l-preżentazzjoni tal-bżonnijiet ta' l-awtoritajiet lokali fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw,

AC. Billi, minkejja din l-opinjoni esperta fl-iżvilupp, l-irwol ta' l-awtoritajiet lokali fl-iżvilupp mhuwiex stmat u esplojtat biżżejjed,

Il-Provvediment ta' mezzi xierqa lill-awtoritajiet lokali sabiex jagħmlu l-parti tagħhom fit-twettiq ta' l-Objettivi tal-Millenju għall-Iżvilupp

1. Ifakkar li l-Kummissjoni għal żmien twil kienet impenjata sabiex tagħti lill-awtoritajiet lokali rwol ta' sħubija sħiħa fl-għajnuna għall-iżvilupp li l-aħħar impenji tagħha kienu: għal pajjiżi ACP, il-Ftehima ta' Cotonou; għal pajjiżi kollha li qed jiżviluppaw, il-bażi morali tal-Konsensus Ewropew għall-Iżvilupp, fuq imsemmi;

2. Jirrikonoxxi li l-involviment ta' l-awtoritajiet lokali fil-politiki għall-iżvilupp hija meħtieġa għal kisba tal-MDGs u l-assigurazzjoni ta' tmexxija tajba; jemmen li l-approprjazzjoni tal-politiki għall-iżvilupp hija pass sinifikanti lejn trasparenza u demokrazija fl-għajnuna għall-iżvilupp u tagħmel possibbli proġetti aktar effettivi u vijabbli u programmi mfassla fuq il-bżonnijiet reali tal-benefiċjarji;

3. Jinsisti fuq l-importanza tas-sħubijiet Tramuntana-Nofsinhar u Nofsinhar-Nofsinhar bejn l-awtoritajiet lokali u l-assoċjazzjonijiet rappreżentanti tagħhom sabiex jikkontribwixxu għat-tisħiħ ta' tmexxija tajba u l-kisba ta' l-MDGs;

Il-Ħamis, 15 ta' Marzu 2007

4. Jitlob lill-Kummissjoni tappoġġja u ssaħħaħ il-koperazzjoni diretta mill-awtoritajiet lokali Ewropej ma' l-imsieħba internazzjonali tagħhom; jitlob b'mod partikolari sabiex jittieħdu passi li jiżguraw il-kontinwità, inkluż f'termini finanzjarji, netwerks ta' solidarjetà mwaqqfa minn programmi bħal URB-AL, Asia URBS u oħrajn li mistennija jintemmu l-iktar tard fl-2007, u li kollha jirrappreżentaw impenji magħmula lill-popolazzjonijiet;

5. Jenfasizza li l-prinċipji ta' approprjazzjoni, tal-parteċipazzjoni u ta' tmexxija tajba jitolbu għal approċċ ta' ħafna partijiet kkonċernati li fih, id-diversi imsieħba għall-iżvilupp, kemm jekk pajjiżi terzi, awtoritajiet lokali, jew il-partijiet kkonċernati mhux statali, jaġixxu b'manjiera kumplimentari u koerenti;

6. Jenfasizza li l-gvernijiet lokali għandhom jimmobilizzaw madwarhom il-bqija tal-partijiet ikkonċernati lokali kollha (universitajiet, aġenti soċjali, NGOs għall-iżvilupp, intrapriżi eċċ) u jistimulaw il-parteċipazzjoni taċ-ċittadini fil-ħajja pubblika;

7. Jistieden lill-awtoritajiet lokali kollha sabiex jaħdmu flimkien ma' l-organizzazzjonijiet internazzjonali sabiex jimmoniterjaw lill-industrija u l-agrikoltura bil-għan li jkun evitat it-tħaddim tat-tfal u li jkun hemm koperazzjoni fil-kostruzzjoni u l-manutenzjoni ta' faċilitajiet xierqa għall-iskejjel b'għalliema mħarrġa u trasport u ikel b'xejn sabiex it-tfal kollha jkunu jistgħu jattendu l-iskola;

8. Jikkunsidra madanakollu, li huwa importanti li ssir distinzjoni ċara bejn l-irwol speċifiku ta' l-awtoritajiet lokali u dak tal-"partijiet ikkonċernati mhux statali", f'termini ta' sfera ta' kompetenza, leġittimità u kontroll demokratiku, esperjenza fl-immaniġġjar ta' l-affarijiet lokali, involviment fl-implimentazzjoni tal-politiki pubbliċi;

9. Jilqa' b'sudissfazzjon ir-rikonoxximent politiku u l-fondi speċifiċi mogħtija lill-awtoritajiet lokali permezz ta' l-istrument ta' koperazzjoni għall-iżvilupp (DCI) imsemmi hawn fuq: (a)l-awtoritajiet lokali huma involuti fid-definizzjoni ta' l-istrateġiji ta' koperazzjoni tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw, l-elaborazzjoni tal-programmi ġeografiċi u tematiċi, it-twettiq u l-evalwazzjoni tagħhom; (b) sa 15 % tal-programm tematiku "partijiet ikkonċernati mhux statali u awtoritajiet lokali" jistgħu jiġu allokati direttament lill-awtoritajiet lokali; (c) l-awtoritajiet lokali Ewropej se jkunu integrati fi djalogu politiku strutturat ma' l-Istituzzjonijiet Komunitarji u l-partijiet konċernati l-oħra fl-iżvilupp fit-Tramuntana;

10. Jitlob lill-Kummissjoni tirreferi fl-istrumenti futuri tal-finanzjament tal-koperazzjoni għall-iżvilupp u fit-testi leġiżlattivi futuri, għall-irwol ta' l-awtoritajiet lokali u ta' l-assoċjazzjonijiet rappreżentanti tagħhom bħala "imsieħba politiċi" u jiggarantixxulhom parteċipazzjoni fil-fażijiet kollha tal-proċess ta' koperazzjoni kif ukoll aċċess dirett għall-finanzjamenti Komunitarji;

11. Jitlob lill-Kummissjoni tispeċifika fid-dokumenti ta' strateġija tal-pajjiż, il-proċeduri u l-mekkaniżmi sabiex l-awtoritajiet lokali u l-organizzazzjonijiet rappreżentanti tagħhom u l-imsieħba tas-soċjetà ċivili, ikunu involuti aktar mill-qrib fil-fażijiet kollha tal-proċess ta' koperazzjoni (djalogi u l-formulazzjoni tad-dokumenti strateġiċi, il-programmazzjoni, l-implimentazzjoni, ir-reviżjoni, l-evalwazzjonijiet) u għad-delegazzjonijiet ta' l-Unjoni għall-informazzjoni tagħhom sabiex tkun żgurata l-implimentazzjoni tagħhom;

12. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex jirrikonoxxu l-assoċjazzjonijiet ta' l-awtoritajiet lokali tan-Nofsinhar bħala intermedjarji effikaċji bejn l-awtoritajiet lokali fuq naħa u l-gvernijiet ta' l-Istati Membri fuq l-oħra, sabiex jiġu definiti l-istrateġiji u biex jiġu implimentati l-politiki għall-iżvilupp;

13. Jiddispjaċih li sa llum, fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw l-awtoritajiet lokali pparteċipaw biss fl-implimentazzjoni ta' proġetti u mhux fit-tfassil tal-politiki għall-iżvulupp, u dan jinkludi l-pajjiżi ta' l-ACP, minkejja r-reviżjoni tal-ftehima ta' Cotinou li tqiegħed id-djalogu politiku ma' l-awtoritajiet lokali fil-qalba tas-sħubija; jimpenja ruħu għalhekk li jwettaq politika preċiża ta' monitereġġ ma' l-assoċjazzjonijiet ta' rappreżentanti eletti, l-implimentazzjoni tad-DCI, kemm fl-UE kif ukoll fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, b'mod partikulari permezz ta' eżami tad-dokumenti strateġiċi ta' kull pajjiż u li jinforma l-awtoritajiet lokali bl-opportunitajiet ġodda li jiġu offruti lilhom, u f'każ ta' diffikultajiet li jistgħu jitqajmu mill-awtoritajiet lokali, jgħaddi din l-informazzjoni lill-Kummissjoni.

14. Jenfasizza f'dan ir-rigward li n-nota gwida tal-Kummissjoni tat-23 ta' Diċembru 1999, imsemmija hawn fuq, kienet tipproponi gwida operattiva għall-attenzjoni tad-delegazzjonijiet kollha tal-pajjiżi li qed jiżvilupaw, u kienet tispjega b'mod ċar ħafna kif jiġu involuti f'kull fażi tal-proċess ta' koperazzjoni l-awtoritajiet lokali u l-parteċipanti li mhumiex statali, u kienet tirrakkomanda "il-parteċipazzjoni akbar ta' protagonisti deċentralizzati fil-formulazzjoni ta' politiki u fl-ippjanar", u din għadha gwida utli għall-implimentazzjoni ta' strumenti ġodda ta' żvilupp;

15. Jilqa' b'sudisfazzjon il-fatt li fil-komunikazzjoni tal-25 ta' Jannar 2006 hawn fuq imsemmija, il-Kummissjoni reġgħet stqarret li l-awtoritajiet lokali huma parteċipanti sħaħ fl-iżvilupp u tipproponi li "parteċipanti li mhumiex statali u l-awtoritajiet lokali jiġu msieħba mal-proċess ta' l-iżvilupp, b'mod partikulari permezz tad-djalogu u b'appoġġ finanzjarju"; jenfasizza li, kif stipulat fid-dispożizzjonijiet ġodda tad-DCI, dan se jimplika li l-parteċipazzjoni tagħhom fit-tfassil ta' strateġiji nazzjonali u ta' programmi ġeografiċi meta tqis li hawn jiġu definiti l-orjentazzjonijiet politiċi tal-koperazzjoni komunitarja; jiddispjaċih għalhekk li f'din l-istess Komunikazzjoni, il-Kummissjoni tillimita l-possibilità tal-parteċipazzjoni ta' l-awtoritajiet lokali u tqisha sekondarja skond il-prinċipju tas-sussidjarjetà b'relazzjoni ma' programmi ġeografiċi; iqis għalhekk, li koperazzjoni bejn l-awtoritajiet lokali u l-gvern ċentrali se tagħmel l-għajnuna għall-iżvilupp aktar effettiva u se tippermetti li jsir użu aktar effettiv mill-fondi allokati kif ukoll tippermetti li l-għajnuna tilħaq lil dawk l-aktar fil-bżonn;

16. Jenfasizza l-ħtieġa li jinbdew djalogu u konsultazzjoni permanenti bejn l-UE u l-awtoritajiet lokali u l-assoċjazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom fil-livelli kollha — nazzjonali, reġjonali, dinjija — b'mod partikulari billi jiġu involuti bħala osservaturi fi djalogi bejn l-UE u l-pajjiżi msieħba, bħal fl-Assemblea Parlamentari Konġunta u fil-Kunsill tal-Ministri ACP-UE, l-istess kif inhuma assoċjati r-rappreżentanti ta' parteċipanti li mhumiex statali;

17. Jitlob li l-awtoritajiet lokali u l-assoċjazzjonijiet rappreżentativi tagħhom ikunu jistgħu jibbenefikaw minn finanzjamenti diretti u xierqa: a) fil-qafas ta' programmi ġeografiċi tad-DCI, minħabba l-irwol li għandhom fil-governanza lokali u l-importanza tal-parteċipazzjoni tagħhom għal kisba ta' l-MDG; b) fil-programm tematiku "Parteċipanti li m'humiex statali u awtoritajiet lokali", it-tisħiħ tal-kompetenzi għad-djalogu u l-parteċipazzjoni fil-proċess ta' koperazzjoni (organizzazzjoni u rappreżentazzjoni, it-twaqqif ta' mekkaniżmi għall-konsultazzjoni, id-djalogu u l-lobbying) fl-Ewropa kif ukoll fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw li jeħtieġu appoġġ finanzjarju aktar xieraq għar-responsabbiltajiet ġodda tagħhom.

18. Jitlob, għalhekk, lill-Kummissjoni għar-reviżjoni ta' l-istrumenti ta' żvilupp li ġejjin fl-2008/2009:

— biex tiżgura li fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw id-diċentralizzazzjoni u l-attività ta' l-awtoritajiet lokali jsiru punt fokali ta' l-għajnuna Komunitarja;

— biex tara li persentaġġ sinifikattiv ta' l-għajnuna mill-baġit ta' l-UE għall-programmi ġeografiċi lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw jingħata direttament lill-awtoritajiet lokali, b'konsultazzjoni mal-gvernijiet ċentrali sabiex ikun hemm titjib fl-amministrazzjoni ta' l-għajnuna fil-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw, sabiex tissaħħaħ id-demokrazija lokali u sabiex jitjieb l-aċċess mill-popolazzjonijiet għall-fondi Komunitarji, skond kif jistipula l-Kunsens Ewropew dwar l-Iżvilupp;

— biex tiżdied il-linja baġitarja tal-programm tematiku dwar "Parteċipanti li m'humiex stati u awtoritajiet lokali", minħabba l-irwol komprensiv tagħhom fit-twettiq ta' l-MDGs, b'mod partikolari l-irwol ta' l-awtoritajiet lokali fil-provvista ta' servizzi pubbliċi lokali;

— biex taċċellera l-appoġġ għall-bini ta' kapaċità ta' gvern lokali ta' l-ACP u għall-iskambju ta' informazzjoni skond il-Ftehima ta' Cotonou, b'mod partikolari permezz tal-Pjattaforma ta' Gvern Lokali ta' l-ACP u s-sħubija tagħha, inkluż id-dħul fis-seħħ immedjatament ta' l-offerta ta' iffinanzjar approvata mill-Kumitat ta' l-Ambaxxaturi ta' l-ACP f'Ottubru 2003;

— fejn id-diċentralizzazzjoni mhix punt fokali, biex jingħata appoġġ lill-attività ta' l-awtoritajiet lokali permezz ta' għajnuna għall-politika ta' diċentralizzazzjoni tal-pajjiż, f'termini ta' kompetenzi, ta' disponibilità ta' fondi, ta' appoġġ baġitarju, ta' appoġġ leġiżlattiv jew xi forom oħra ta' appoġġ;

— biex jiġu implimentati mekkaniżmi biex l-għajnuna settorjali tiġi allokata fuq bażi territorjali bil-għan li jkun assigurat li l-awtoritajiet lokali jaqdu l-irwol mogħti lilhom bil-liġijiet tad-diċentralizzazzjoni peress li l-awtoritajiet lokali iżidu valur miżjud fl-implimentazzjoni ta' programmi settorjali, b'mod partikulari fl-oqsma tas-saħħa, l-edukazzjoni u s-servizzi pubbliċi essenzjali, oqsma li, fil-preżent, ta' spiss ikunu esklużi minn dan il-proċess;

Il-Ħamis, 15 ta' Marzu 2007

19. Jenfasizza l-importanza ta' djalogu strutturat bejn l-awtoritajiet lokali Ewropej u l-istituzzjonijiet Komunitarji, kif definiti fid-DCI, sabiex l-awtoritajiet lokali Ewropej ikollhom qafas li permezz tiegħu jkunu jistgħu jikkoperaw effettivament u jiddjalogaw ma' l-istituzzjoniijiet u ma' parteċipanti oħra involuti fl-iżvilupp;

20. Jitlob lill-Kummissjoni tistabilixxi sħubija bi pjattaforma ta' assoċjazzjonijiet li jirrappreżentaw l-awtoritajiet lokali attivi fil-qasam ta' koperazzjoni, ibbażata fuq il-Concord (Konfederazzjoni ta' NGOs Ewropej għall-Għajnuna u Iżvilupp) għall-NGOs, sabiex tiffaċilità d-djalogu u l-koperazzjoni ma' l-istituzzjonijiet Komunitarji, tikkoordina l-koperazzjoni bejn l-awtoritajiet lokali u tassisti lill-awtoritajiet lokali fl-implimentazzjoni tal-politiki ta' l-iżvilupp, u b'mod partikolari ssaħħaħ il-kapaċitajiet tal-membri tagħha;

21. Jitlob lill-Kummissjoni biex twaqqaf osservatorju dinji tad-demokrazija lokali u tad-diċentralizzazzjoni, bi sħubija ma' organizzazzjonijiet ta' awtoritajiet lokali sabiex:

— jissorvelja l-parteċipazzjoni ta' l-awtoritajiet lokali fil-proċess ta' koperazzjoni ma' l-UE (djalogu politiku, formulazzjonu ta' strateġiji għall-iżvilupp, ippjanar, implimentazzjoni u evalwazzjoni) u javża lill-istituzzjonijiet dwar diffikultajiet li jinstabu fit-twettiq fil-prattika,

— ifassal kartografija dinjija tal-governanza lokali, li tiġbor il-proġetti, il-parteċipanti, il-baġits disponibbli lill-awtoritajiet lokali mad-dinja, sabiex tiffaċilità l-koordinazzjoni, il-koerenza u s-sinerġija bejn l-imsieħba differenti tal-governanza lokali,

— joħloq għodda sabiex jiġu pprovduti informazzjoni u appoġġ għall-parteċipazzjoni ta' l-awtoritajiet lokali fil-proċess ta' koperazzjoni Ewropea, bħalma hi l-informazzjoni aġġornata dwar l-opportunitajiet ġodda pprovduti lill-awtoritajiet lokali wara r-riforma ta' l-għajnuna, għajnuna teknika biex jitwieġbu talbiet għal offerti u talbiet għal proposti, eċċ.;

— jissorvelja u janalizza l-konformità ma' l-istandards relatati mad-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem, b'mod partikolari dawk relatati speċifikament mad-demokrazija lokali u t-tmexxija tajba kif stipulati fl-istandards relevanti tal-Komunità Ewropea u standards oħra miftehma internazzjonalment bħal dawk tan-NU, ta' l-Unjoni Afrikana, jew tal-*Commonwealth*;

22. Jitlob lill-Kummissjoni biex tippromwovi miżuri strutturali li jħeġġu u jappoġġjaw id-diċentralizzazzjoni u t-tisħiħ tal-kompetenzi lokali fil-pajjiżi msieħba, flimkien ma' demokrazija u parteċipazzjoni akbar miċ-ċittadini;

23. Jipproponi li jintużaw il-mekkaniżmi ta' reviżjoni ta' strateġiji ta' koperazzjoni, inkluża dik tal-Ftehima ta' Cotonou, biex jiġi evalwat il-progress fil-parteċipazzjoni ta' l-awtoritajiet lokali fil-proċess ta' koperazzjoni u sabiex jieħdu ħsieb l-eliminazzjoni ta' ostakli legali, politiċi u organizzazzjonali li jxekklu l-parteċipazzjoni ta' l-awtoritajiet lokali fil-proċess ta' koperazzjoni;

*

* *

24. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, u lill-Parlamenti u lill-gvernijiet ta' l-Istati Membri.

P6_TA(2007)0084

Gwatemala

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Marzu 2007 dwar il-Gwatemala

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tiegħu preċedenti dwar il-Gwatemala, u b'mod partikulari dawk tat-18 ta' Mejju 2000 ([1]), ta' l-14 ta' Ġunju 2001 ([2]), tal-11 t'April 2002 ([3]), ta' l-10 t'April 2003 ([4]), tas-7 ta' Lulju 2005 ([5]), u tas-26 t'Ottubru 2006 dwar il-proċedimenti kontra Rios Montt ([6]),

— wara li kkunsidra l-ftehim bejn il-Gvern tal-Gwatemala u n-Nazzjonijiet Uniti li jistabbilixxi Kummissjoni Internazzjonali kontra l-Impunità fil-Gwatemala (CICIG), adottat fit-12 ta' Diċembru 2006,

— wara li kkunsidra l-impenn deċiż u permanenti tiegħu biex jiġi żgurat ir-rispett għall-ftehimiet ta' paċi u għad-drittijiet tal-bniedem fil-Gwatemala,

— wara li kkunsidra id-Djalogu Politiku u l-Ftehim ta' Koperazzjoni bejn l-Komunita' Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa, u R-Repubbliki ta' Kosta Rika, El Salvador, Gwatemala, Ħonduras, Nikaragwa u Panama, min-naħa l-oħra, iffirmata fil-15 ta' Diċembru 2003,

— wara li kkunsidra l-pożizzjoni espressa mill-Parlament ta' l-Amerika Ċentrali (PARLACEN) dwar il-qtil ta' tliet parlamentari ta' l-Amerika Ċentrali,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 115(5) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi, fid-19 ta' Frar 2007, tliet Membri tal-Parlament ta' l-Amerika Ċentrali, is-Salvadoreni Eduardo Jose' D'AubuissonMunguía, William Rizziery Pichinte Chávez u Jose' Ramón González Rivas, kif ukoll is-sewwieq tagħhom, Gerardo Napoleón Ramírez, ġew maqtula brutalment waqt li kienu fi triqthom lejn il-laqgħa plenarja tal-PARLACEN, u l-katavri maħruqa u abbandunati tagħhom instabu qrib Gwatemala City,

B. billi dawk li allegatament wettqu dawn ir-reati (Luis Arturo Herrera López, José Estuardo López, José Adolfo Gutiérrez u Marvin Escobar Méndez), li kellhom pożizzjonijiet ta' responsabilità fit-Taqsima ta' l-Investigazzjoni Kriminali (DINC) fid-Dipartiment tal-Pulizija tal-Gwatemala, ġew sussegwentement maqtula f'ħabs ta' sigurtà għolja fejn kienu qed jinżammu, f'ċirkustanzi bizzarri li għadhom ma ġewx iċċarati,

C. billi hemm suspetti li dan il-qtil kien tentattiv ta' xkiel ta' l-investigazzjonijiet rigward min instiga l-qtil tal-membri tal-PARLACEN;

D. billi l-ġurnalisti tat-televiżjoni li rrappurtaw dwar il-qtil ta' l-erba' uffiċjali tal-pulizija irċevuw theddid ta' mewt wara li xandru r-rapport tagħhom;

E. billi, skond l-esperti tad-drittjiet tal-bniedem, diversi eluf ta' omiċidji jitwettqu kull sena fil-Gwatemala iżda jkun hemm arresti biss fi 2 % tal-każi; billi trejdjunjonisti (bħal Pedro Zamora fi Puerto Quetzal), mexxejja tan-nies tal-kampanja u l-familji tagħhom ukoll inqatlu aktar kmienifl-2007, u x-xhieda f'każi ta' ġenoċidju li qed jiġu nvestigati, kif ukoll ir-rappreżentanti legali tal-vittmi ta' ġenoċidju u organizzazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem differenti qed isofru theddid, sgass u dħul u serq,

([1]) ĠU C 59, 23.2.2001, p.286.
([2]) ĠU C 53 E, 28.2.2002, p.403.
([3]) ĠU C 127 E, , 29.5.2003, p.688.
([4]) ĠU C 64 E, 12.3.2004, p.609.
([5]) ĠU C 157 E, 6.7.2006, p.494.
([6]) *Testi Adottati,* P6_TA(2006)0466.

F. billi l-Viċi-President Eduardo Stein ammetta kemm hu diffiċli li wieħed jiġġieled kontra l-kriminalità organizzata meta din rabbiet l-għeruq fl-istituzzjonijiet pubbliċi infushom; billi dan il-każ juri b'mod ċar sa fejn ippenetrat il-kriminalità organizzata fil-pulizija Gwatemaljana, kemm kibret l-atmosfera ta' impunità, u kemm marret lura s-sikurezza pubblika, u dan jiġbed l-attenzjoni għall-bżonn li tittieħed responsabilità politika,

1. Jesprimi il-kundanna totali tiegħu ta' l-assassinji kollha kkonċernati, u jibgħat il-kondoljanzi tiegħu lill-qraba tal-vittmi;

2. Jistenna li l-gvern tal-Gwatemala jiggarantixxi indipendenza, libertà u sigurtà sħaħ lill-awtoritajiet ġudizzjarji Gwatemaljani fl-investigazzjoni tagħhom ta' dawn ir-reati; jistieden il-koperazzjoni sħiħa ta' l-awtoritajiet politiċi, ġudizzjarji u tal-pulizija fil-Gwatemala u f'El Salvador fl-investigazzjoni ta' dak li ġara;

3. Iħeġġeġ lill-Parlament tal-Gwatemala biex jirratifika l-istabbiliment tal-ftehim dwar is- CICIG;

4. Jistieden lill-Unjoni Ewropea u lill-Gvern tal-Gwatemala biex ilaqqgħu l-Grupp Konsultattiv fuq il-Gwatemala u jinvolvu l-pajjiżi donaturi sabiex japoġġjaw l-implimentazzjoni tas-CICIG u jippromwovu djalogu nazzjonali kontra l-impunità;

5. Iħeġġeġ lill-Parlament tal-Gwatemala biex jirratifika l-Istatut ta' Ruma dwar il- Qorti Kriminali Internazzjonali, adottata fis-17 ta' Lulu 1998, u biex timmodifika l-leġiżlazzjoni domestika tagħha biex jiġu konformi ma' l-obbligi li joħorġu mill-Istatut ta' Ruma u leġiżlazzjoni internazzjonali rilevanti oħra;

6. Jistieden lill-Gvern tal-Gwatemala biex jadotta miżuri biex jipproteġi r-rappreżentanti ġudizzjarji, il-vittmi tar-reati kontra l-umanità li qed jitolbu li ssir ġustizzja magħhom, l-attivisti tad-drittijiet tal-bniedem, u x-xhieda li jistgħu jgħinu biex il-proċessi quddiem il-qrati jimxu l-quddiem;

7. Jilqa' r-ristrutturazzjoni u t-tindif fil-qawwiet tas-sigurtà introdott mill-gvern;

8. Jesprimi l-appoġġ tiegħu lejn il-poplu u lejn l-awtoritajiet tal-Gwatemala, sabiex ikomplu jirrispettaw l-istat tad-dritt u jrawmu żvilupp ekonomiku, soċjali u politiku, li għandu jikkontribwixxi għall-paċi u għar-rikonċiljazzjoni nazzjonali;

9. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex issaħħaħ, fl-istrateġija tagħha ta' koperazzjoni mal-Gwatemala għall-perjodu mill-2007sa l-2013, il-promozzjoni ta' l-istat tad-dritt, il-ġlieda kontra l-impunità, ir-rispett sħiħ għad-drittijiet tal-bniedem, u l-appoġġ għall-Gvern tal-Gwatemala fil-bini ta' kapaċità tal-qawwiet tas-sigurtà tiegħu fuq il-bażi ta' kriterji li jirrispettaw id-drittijiet tal-bniedem;

10. Jenfasizza li hu assolutament neċessarju li l-awtoritajiet fil-pajjiż fejn il-PARLACEN għandu s-sede tiegħu, għandhom jieħdu azzjoni biex jiżguraw is-sikurezza u jiggarantixxu l-integrità fiżika tal-Membri tal-Parlament tal-PARLACEN u l-laqgħat tiegħu;

11. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Gvernijiet tal-Gwatemala, El Salvador u pajjiżi oħra fl-Amerika Ċentrali, u lill-Parlament ta' l-Amerika Ċentrali.

P6_TA(2007)0085

Kambodja

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Marzu 2007 dwar il-Kambodja

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tiegħu tat-13 ta' Jannar 2005 [1], ta' l-10 ta' Marzu 2005 [2], u tad-19 ta' Jannar 2006 [3] dwar il-Kambodja u r-riżoluzzjoni tiegħu ta' l-1 ta' Diċembru 2005 dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-Kambodja, fil-Laos u fil-Vjetnam [4],

(1) ĠU C 247 E, 6.10.2005, p.161.
(2) ĠU C 320 E, 15.12.2005, p.280.
(3) ĠU C 287 E, 24.11.2006, p.334.
(4) ĠU C 285 E, 22.11.2006, p.129.

— wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Koperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tal-Kambodja ([1]), approvat fl-4 ta'Ottubru 1999,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti (NU) dwar id-Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem adottata fid-9 ta' Diċembru ta' l-1998,

— wara li kkunsidra l-Linji Gwida ta' l-Unjoni Ewropea (UE) dwar id-Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem adottata mill-Kunsill fl-14 ta' Ġunju 2004,

— wara li kkunsidra l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali u l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Politiċi u Ċivili, it-tnejn adottati fis-16 ta' Diċembru 1966, u li l-Kambodja hi parti fihom,

— wara li kkunsidra li l-Ftehim bejn in-Nazzjonijiet Uniti u l-Gvern Irjali tal-Kambodja dwar il-Prosekuzzjoni taħt il-Liġi tal-Kambodja ta' Reati Magħmulin fil-Perjodu tal-Kampuchea Demokratika tas-6 ta' Ġunju 2003,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 115(5) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi fl-24 ta' Frar 2007, il-President tat-Trejdunjin Ħielsa tal-Ħaddiema fir-Renju tal-Kambodja (FTUWKC), fil-fabbrika tal-ħwejjeġ Suntex, Hy Vuthy, inqatel b'tir wara li kien spiċċa x-xift ta' bil-lejl fl-istess fabbrika fid-distrett Dangkao ta' Phnom Penh;

B. billi l-President ta' l-FTUWKC, Chea Vichea, inqatel b'tir fit-22 taJannar 2004, u billi l-President ta' l-FTUWKC, Ros Sovannareth, inqatel fil-fabbrika Trinunggal Komara fis-7 ta'Mejju 2004, fil-waqt li trejdunjonisti oħrajn fil-Kambodja kienu vittmi ta' fastidju gravi, intimidazzjoni u attakki fiżiċi matul is-sena li għaddiet,

C. billi l-qtil ta' Chea Vichea għadu ma ssolviex; billi fit-28 ta' Jannar 2004 Born Sammang u Sok Sam Oeun ġew arrestati minħabba l-allegat qtil ta' Chea Vichea u iżjed tard ikkundannati u mibgħutin 20 sena ħabs, minkejja li ma kienx hemm evidenza kredibbli kontra tagħhom,

D. billi l-Kambodja hija waħda mill-partijiet fil- -Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali u l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Politiċi u Ċivili, li jipprovdu d-dritt għal kulħadd li jifforma trejdunjin u li jissieħeb fit-trejdunjin ta' l-għażla tiegħu jew tagħha kif ukoll għad-dritt tat-trejdunjins li joperaw bla xkiel,

E. billi d-Dikjarazzjoni tan-NU dwar id-Difensuri tad-Drittijiet Umani tħaddan ukoll "id-dritt, individwalment u f'assoċjazzjoni ma' oħrajn, li (wieħed) jippromwovi u jissielet għall-protezzjoni u r-realizzazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem" (Artiklu 1),

F. billi huwa mħasseb serjament li il-każijiet msemmija hawn fuq juru li għad m'hemmx garanzija ta' indipendenza u ta' imparzjalità tal-ġudikatura jew ta' l-abilità tagħha li tipproċessa lill-mexxejja tal-Khmer Rouge fil-qorti li nħolqot apposta mingħajr interferenza politika,

G. billi l-proċeduri fil-kmamar straordinarja tal-qrati tal-Kambodja (ECCC) għadhom ma bdewx, minħabba n-nuqqas ta' qbil varju bejn l-uffiċjali ġudizzjarji tal-Kambodja u dawk internazzjonali dwar l-abbozz tar-regoli interni għall-ECCC,

H. allarmat dwar l-istatus legali inċert tar-rifuġjati Montagnard mill-Vjetnam l-Kambodja,

1. Jikkundanna l-qtil ta' Hy Vuthy u l-atti vjolenti kollha fuq it-trejdunjonisti; iħeġġeġ lill-awtoritajiet tal-Kambodja biex iniedu investigazzjoni urġenti, imparzjali u effettiva tal-każijiet ta' qtil ta' Hu Vuthy, Chea Vichea, Ros Sovannarith u Yim Ry, biex tippublika s-sejbiet tagħha u biex tressaq lill-persuni responsabbli quddiem il-ġustizzja; jitlob lill-awtoritajiet sabiex jagħtu fil-pront lil Born Sammang u lil Sok Sam Oeum ġuri ieħor li jkun jikkonforma ma' l-istandards internazzjonali;

([1]) ĠU L 269, 19.10.1999, p.18.

2. Jinsisti li l-Gvern tal-Kambodja jrid iwaqqaf il-klima prevalenti ta' impunità u japplika l-liġi b'mod effettiv għal dawk li jiksru d-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet ċivili;

3. Ifakkar lill-Gvern tal-Kambodja li għandu jissodisfa l-obbligi u l-impenji tiegħu fir-rigward tal-prinċipji demokratiċi u tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem, li huma element essenzjali tal-Ftehim ta' Koperazzjoni mal-Komunita' Ewropea, kif definiti fl-Artikolu 1 ta' din il-ftehima;

4. Jistieden lill-awtoritajiet tal-Kambodja biex iwettqu riformi politiċi u istituzzjonali bil-għan li jibnu Stat demokratiku mmexxi mill-istat tad-dritt u msejjes fuq ir-rispett għad-drittijiet fundamentali, u biex jiżgura fiċ-ċirkostanzi kollha r-rispett lejn id-drittijiet tal-bniedem u d-drittijiet fundamentali, skond l-istandards internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem u l-konvenzjonijiet internazzjonali rratifikati mill-Kambodja;

5. Iħeġġeġ lill-Gvern tal-Kambodja biex iħalli lit-Tribunal tal-Khmer Rouge jibda jaħdem bla iżjed dewmien, skond l-istandards internazzjonali ta' l-indipendenza ġuridika, u tal-proċess ġuridiku u legali ġust, kif miftiehem man-NU f'Ġunju 2003;

6. Jappoġġja l-isforzi tal-Kumitat ta' Reviżjoni ta' l-ECCC dwar ir-Regoli Interni biex inaqqsu d-differenzi dwar numru ta' kwistjonijiet sabiex imexxu 'l quddiem il-prosekuzzjonijiet u l-proċessi ġuridiċi;

7. Jitlob lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex jindirizzaw it-tħassib dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-istat ta' dritt fil-Kambodja fil-kuntatti tagħhom mal-Gvern tal-Kambodja;

8. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Gvern u lill-Assemblea Nazzjonali tar-Renju tal-Kambodja, lis-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, lir-Rappreżentant Speċjali tas-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti għad-Drittijiet tal-Bniedem fil-Kambodja, u lill-gvernijiet ta' l-Istati Membri ta' l-ASEAN.

P6_TA(2007)0086

Niġerja

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Marzu 2007 dwar in-Niġerja

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar is-sitwazzjoni fin-Niġerja,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjonijiet internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem li rratifikat in-Niġerja,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 115 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi minkejja l-isforzi li saru f'dawn l-aħħar snin mill-gvern Niġerjan biex jippromwovi d-drittijiet tal-bniedem u biex iwaqqaf il-korruzzjoni, u minkejja xi titjib fejn jidħol ir-rispett għad-drittijiet ċivili u politiċi, għad hemm għadd ta' kwistjonijiet urġenti u bażiċi li għandhom x'jaqsmu mad-drittijiet tal-bniedem u li għad iridu jiġu indirizzati; u billi l-pajjiż għadu rvinat bil-korruzzjoni, bl-arresti arbitrarji u bit-tortura, bil-qtil extra-ġudizzjarju u bil-vjolenza politika,

B. billi l-qasmiet etniċi u reliġjużi, kif ukoll il-faqar mifrux, huma kawżi ewlenin tal-vjolenza kronika bejn id-diversi komunitajiet,

C. billi l-qrati tax-Xarija Musulmana għandhom il-ġuriżdizzjoni fuq il-każi kriminali fi 12 mis-36 Stat tan-Niġerja; billi dawn il-qrati jibqgħu jagħtu sentenzi tal-mewt kif ukoll sentenzi ta' swat bil-frosta u ta' amputazzjoni; billi, għalkemm il-ġustizzjar u l-amputazzjoni m'għadhomx isiru, il-proċessi quddiem il-qrati ma jikkonformawx ma' l-istandards internazzjonali, ngħidu aħna fir-rigward tad-dritt li wieħed ikollu avukat u li l-akkużat ikun mgħarraf dwar drittijietu, u għandhom it-tendenza li jiddiskriminaw kontra n-nisa,

D. billi l-impunità tibqa' r-regola aktar milli l-eċċezzjoni, minħabba li ftit li xejn minn dawk li jwettqu l-vjolenza u l-ksur tad-drittijiet tal-bniedem jiġu investigati u mressqa quddiem il-qrati, u billi tali impunità hija fiha nnifisha wieħed mill-aktar ostakli importanti għall-indirizzar u l-qirda ta' l-abbużi kontra d-drittijiet tal-bniedem u tal-vjolenza,

E. billi l-kapaċità insuffiċenti u n-nuqqas ta' riżorsi tal-forza tal-pulizija Niġerjana jillimitaw il-possibilita' ta' investigazzjoni ta' reati u jwasslu wkoll biex għadd kbir ta' persuni jiġu detenuti għal żmien twil qabel ma jinbeda l-proċess kontrihom fil-qrati, bi ksur ta' drittijiet tagħhom,

F. billi l-qawwiet tal-pulizija u tas-sigurtà spiss ġew implikati fi ksur tad-drittijiet tal-bniedem, inklużi qtil ekstraġudizzjarju, arresti arbitrarji u tortura,

G. billi t-tħaddim tat-tfal u t-traffikar tat-tfal għadhom mifruxa,

H. billi l-libertà ta' l-espressjoni għadha limitata permezz tal-fastidju kontinwu ta' ġurnalisti u attivisti politiċi,

I. billi l-Parlament Niġerjan bħalissa qed jeżamina Abbozz ta' Liġi intitolat "Att dwar (il-Projbizzjoni ta') iż-Żwieġ bejn Persuni ta' l-Istess Sess", li jimponi sentenza ta' ħames snin ħabs mhux biss għal kulmin "jiċċelebra ċerimonja ta' żwieġ bejn persuni ta' l-istess sess, ikun xhud fiha, jew jgħin jew iħajjar biex issir tali ċerimonja", iżda wkoll għal kulmin ikun involut f'rappreżentazzjoni pożittiva jew promozzjoni tar-relazzjonijiet bejn persuni ta' l-istess sess, pubblikament jew privatament,

J. billi l-elezzjonijiet statali u nazzjonali ta' l-1999 u l-2003 ma setgħux jitqiesu bħala ħielsa u ġusti minħabba frodi u vjolenza mifruxa,

1. Jistieden lill-Gvern Niġerjan biex jieħu miżuri immedjati u effettivi sabiex iħares liċ-ċittadini tiegħu, iġġib fi tmiemha l-vjolenza, l-korruzzjoni mifruxa u l-impunità għal dawk li jwettqu ksur tad-drittijiet tal-bniedem, u biex jippromwovi b'mod attiv ir-rispett lejn id-drittijiet tal-bniedem;

2. Jistieden lill-Gvern Niġerjan biex ineħħi l-piena tal-mewt u biex jintervjeni f'każi individwali ta' persuni proċessati skond il-liġi tax-Xarija u li ġew issentenzjati għall-mewt, għall-imputazzjoni, għas-swat bil-frosta jew għal trattament inuman u degradanti ieħor li jikser il-Kostituzzjoni Niġerjana kif ukoll il-liġi internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem;

3. Jilqa' bi pjaċir il-ftehima multilaterali bejn 26 pajjiż ta' l-Afrika tal-punent u ċentrali kontra t-traffikar tan-nisa u t-tfal, kif ukoll sforzi oħra li saru f'dan il-qasam mill-awtoritajiet Niġerjani; madankollu, jistieden lill-Gvern Niġerjan biex jieħu azzjoni ulterjuri f'dan il-qasam kif ukoll fl-indirizzar ta' l-isfruttament tat-tfal permezz tat-tħaddim tat-tfal;

4. Jistieden lil dawk kollha li għandhom interessi fl-elezzjonijiet nazzjonali li se jsiru f'April biex jiddikjaraw pubblikament l-impenn tagħhom biex itemmu l-vjolenza politika, il-qtil, l-intimidazzjonijiet u abbużi oħra kontra d-drittijiet tal-bniedem kif ukoll l-impunità għal tali reati;

5. Jistieden lill-Gvern Niġerjan biex jieħu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jindirizza t-tħassib ta' qabel l-elezzjonijiet rigward ir-restrizzjonijiet fuq l-indipendenza tal-Kummissjoni Elettorali Nazzjonali Indipendenti (l-INEC), l-imġieba abbużiva u l-fastidju min-naħa tal-qawwiet tas-sigurtà, u kwalunkwe xkiel ieħor għall-libertà ta' l-espressjoni u ta' l-opinjoni u għal rekwiżiti bażiċi oħra għal elezzjonijiet ħielsa u ġusti;

6. Jistieden lill-Parlament Niġerjan biex ma jadottax l-"Att dwar (il-Projbizzjoni ta') iż-Żwieġ bejn Persuni ta' l-Istess Sess", kiffil-forma preżenti tiegħu, minħabba li jikser id-drittijiet umani fundamentali tal-libertà ta' l-espressjoni u ta' l-opinjoni, b'mod partikulari peress li tipprevedi sentenza ta' ħames snin ħabs għal kulmin ikun involut f'rappreżentazzjoni pożittiva jew promozzjoni tar-relazzjonijiet bejn persuni ta' l-istess sess, pubblikament jew privatament;

7. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, u lill-Gvern u l-Parlament tan-Niġerja.

Il-Ħamis, 15 ta' Marzu 2007

P6_TA(2007)0087

Attakk kontra Galina Kozlova

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Marzu 2007 dwar Galina Kozlova

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni preċedenti tiegħu tat-12 ta' Mejju 2005 dwar il-ksur tad-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija fir-Repubblika ta' Mari El fil-Federazzjoni Russa, ([1]) ir-riżoluzzjonijiet l-oħra tiegħu dwar ir-Russja, b'mod partikulari r-riżoluzzjoni tat-13 ta' Diċembru 2006 dwar il-laqgħa għolja bejn l-UE u r-Russja f'Helsinki ta' 24 ta' Novembru, 2006 ([2]) u dik tal-25 t'Ottubru 2006 dwar ir-relazzjonijiet UE-Russja wara l-qtil tal-ġurnalista Russa Anna Politkovskaya ([3]), u r-rapport dwar ir-relazzjonijiet bejn l-UE u r-Russja adottat fis-26 ta' Mejju 2005, ([4])

— wara li kkunsidra l-Ftehima ta' Sħubija u Koperazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom min-naħa waħda, u l-Federazzjoni Russa min-naħa l-oħra, li daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Diċembru 1997 ([5]),

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni Ewropea għall-Ħarsien tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali, partikularment l-Artikolu 10 tagħha,

— wara li kkunsidra l-Karta Ewropea għal-Lingwi Reġjonali jew tal-Minoranzi ffirmata mill-Federazzjoni Russa fl-10 ta' Mejju 2001,

— wara li kkunsidra l-Kostituzzjoni tar-Repubblika Mari (Mari El), li tirrikonoxxi l-Mari bħala waħda mil-lingwi ta' l-Istat, u l-Att dwar Kwistjonijiet Lingwistiċi ta' l-1995 li jiddikjara l-Mari El bħala repubblika multi-etnika u jipprovdi għad-dritt taċ-ċittadini kollha li jżommu u jiżviluppaw il-lingwa u l-kultura nativa tagħhom tkun xi tkun l-etniċità tagħhom,

— wara li kkunsidra r-rapporti kredibbli min-NGOs Russi u internazzjonali dwar ksur kontinwu tad-drittijiet tal-bniedem u irregolaritajiet fil-Mari El,

— wara li kkunsidra l-konsultazzjonijiet li għaddejjin bħalissa bejn l-UE u r-Russja dwar id-drittijiet tal-bniedem, il-minoranzi u l-libertajiet fundamentali,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 103(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi Galina Kozlova, membru tal-bord ta' l-organizzazzjoni nazzjonali Mari msejħa Mari Ušem, editur tar-rivista litterarja Ontšõko u l-mara ta' Vladimir Kozlov, president tal-Kunsill Mari, kienet attakkata brutalment fil-25 ta' Jannar 2007 u sofriet feriti f'rasha li kkaġunaw konkussjoni u uġigħ ta' ras kbir, sturdamenti u problemi tal-vista,

B. billi, skond Mari Ušem, l-attakk ma setax ikun attakk normali bil-għan ta' serq;

C. billi l-attakk fuq is-Sinjura Kozlova seħħ wara serje ta' attakki fuq attivisti u ġurnalisti f' Mari El, inkluż il-qtil ta' tliet ġurnalisti fl-2001, attakk fuq Vladimir Kozlov fl-4 ta' Frar 2005 u attakk fuq il-mexxejja preċedenti tal-moviment Mari, Nina Maksimova;

D. billi f'Ottubru 2006 Vladimir Kozlov kien ottimist dwar il-ġejjieni ta' l-organizzazzjoni tiegħu, filwaqt li għamel osservazzjoni li għal aktar minn sena l-ebda attivist ta' Mari El ma kien il-mira ta' attakk, iżda din l-attitudni allegatament inqas ostili lejn il-Mari Ušem issa spiċċat b'mod vjolenti,

([1]) ĠU C 92 E, 20.4.2006, p. 409.
([2]) *Testi Adottati*, P6_TA(2006)0566.
([3]) *Testi Adottati*, P6_TA(2006)0448.
([4]) ĠU C 117 E, 18.5.2006, p.235.
([5]) ĠU L 327, 28.11.1997, p.1.

E. billi l-gvernijiet lokali u federali naqsu li jieħdu passi xierqa biex jixlu lil dawk ħatja u jiżguraw is-sikurezza tal-ġurnalisti u l-indipendenza tal-midja,

F. billi l-midja ta' l-oppożizzjoni u ċ-ċirkolari ta' l-aħbarijiet jiffaċċjaw diffikultajiet kunsiderevoli biex jaħdmu liberament, hekk li, pereżempju, diversi gazzetti ta' l-oppożizzjoni jistgħu jiġu stampati biss barra Mari El,

G. billi l-individwi li huma parti mill-minoranza Mari jiffaċċjaw diffikultajiet kunsiderevoli fil-ksib ta' edukazzjoni fil-lingwa nativa tagħhom, minħabba li m'hemmx edukazzjoni sekondarja jew ogħla bil-lingwa Mari,

1. Jikkundanna bil-qawwa l-attakk fuq Galina Kozlova, li s'issa ma wasslu għal ebda kundanna jew almenu arrest, u l-fastidju kontinwu u l-attakki fuq attivisti, figuri ewlenin tal-kultura u ġurnalisti indipendenti f'Mari El, u jitlob lill-awtoritajiet federali u lokali biex iressqu lil dawk ħatja ta' dawn l-atti quddiem il-ġustizzja u jiżguraw ir-rispett għal-libertà ta' l-espressjoni;

2. Huwa konvint li n-natura multi-etnika tal-Federazzjoni Russa tikkontribwixxi ħafna għad-diversità kulturali u lingwistika ta' l-Ewropa u din hija fenomenu li ċ-ċittadini kollha tal-Federazzjoni Russa huma kburin biha u bir-raġun u li għandha tkun ippriservata għall-benefiċċju ta' l-Ewropej kollha;

3. Jitlob inkjesta rapida, komprensiva u indipendenti minn awtoritajiet ġudizzjarji federali u lokali dwar l-attakki fuq is-Sinjura Kozlova u inċidenti simili oħra;

4. Jitlob lill-Gvern ta' Mari El biex iwaqqaf immedjatament it-tpattija u l-intimidazzjoni politika kontra l-impjegati tas-servizz ċivili li jesprimu nuqqas ta' qbil u biex iżomm lura minn indħil politiku mhux f'loku fl-affarijiet ta' l-istituzzjonijiet edukattivi u kulturali;

5. Jitlob lill-awtoritajiet lokali u federali biex jirrispettaw l-obbligi tagħhom skond il-liġi internazzjonali u biex jieħdu passi xierqa biex jiffaċilitaw l-implimentazzjoni prattika tad-dispożizzjonijiet tal-Kostituzzjoni ta' l-Istat u ta' leġiżlazzjoni oħra relatata maż-żamma u l-iżvilupp ta' lingwi u kulturi tal-minoranzi, b'enfasi partikulari fuq il-forniment ta' edukazzjoni ta' kwalità fil-lingwa nativa ta' persuna f'kull livell, u b'hekk jiżguraw li l-lingwa Mari u l-lingwa Russa jgawdu mill-istess status f'Mari El;

6. Jistieden lill-Kummissjoni biex tqajjem il-kwistjoni tal-minoranzi Finno-Ugric fir-Russja, u t-tħassib dwar is-sitwazzjoni f'Mari El, waqt id-djalogu regolari bejn l-UE u r-Russja dwar id-drittijiet tal-bniedem u waqt il-laqgħa għolja li jmiss bejn l-UE u r-Russja;

7. Jitlob lill-Kummissjoni biex tinkludi programmi mmirati lejn il-minoranzi Finno-Ugric u oħrajn fil-qafas tal-koperazzjoni kulturali u edukattiva bejn l-UE u r-Russja;

8. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet tal-Federazzjoni Russa u r-Repubblika ta' Mari El.